

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 100



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 66

16 ta' Marzu 2023

Werrej

I Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet

RIŻOLUZZJONIJIET

Il-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Il-574 sessjoni plenarja tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, 14.12.2022–15.12.2022

2023/C 100/01	Riżoluzzjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-legat fit-tul tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ: l-integrazzjoni u l-awtonomizzazzjoni taż-żgħażaġh”	1
---------------	--	---

OPINJONIJIET

Il-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Il-574 sessjoni plenarja tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, 14.12.2022–15.12.2022

2023/C 100/02	Opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Investimenti abbażi tal-ġeneru fil-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	8
2023/C 100/03	Opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Investiment b'perspettiva tal-ġeneru bħala mod kif intejbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-Unjoni Ewropea” (opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . .	16
2023/C 100/04	Opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Nikkomunikaw dwar id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	24
2023/C 100/05	Opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Strateġija industrijali għas-settur tat-teknoloġija marittima” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	31
2023/C 100/06	Opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-awtonomizzazzjoni taż-żgħażaġh biex jinkiseb żvilupp sostenibbli permezz tal-edukazzjoni” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	38

MT

2023/C 100/07	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej — Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	45
2023/C 100/08	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-kriżi tal-prezzijiet tal-ikel: ir-rwol tal-ispekulazzjoni u proposti konkreti għal azzjoni minħabba l-konsegwenzi tal-gwerra fl-Ukrajna” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	51
2023/C 100/09	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Is-sitwazzjoni soċjoekonomika fl-Amerka Latina wara l-kriżi tal-COVID-19 — ir-rwol tas-soċjetà ċivili fil-proċess ta’ rkupru” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	61
2023/C 100/10	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “It-tranżizzjoni diġitali fir-Reġjun Ewro-Mediterranju” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	68
2023/C 100/11	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Kontroll tal-kompetittività biex nibnu ekonomija tal-UE aktar b’saħħitha u aktar reżiljenti” (opinjoni esploratorja)	76

III Atti preparatorji

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Il-574 sessjoni plenarja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, 14.12.2022–15.12.2022

2023/C 100/12	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Ir-Rapport tal-2021 dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni” (COM(2022) 337 final)	83
2023/C 100/13	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni ġdida” (COM(2022) 332 final)	89
2023/C 100/14	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar (a) “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi strument għas-Suq Uniku f’emerġenza u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98” (COM(2022) 459 final — 2022/0278 (COD)) (b) “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/424, (UE) 2016/425, (UE) 2016/426, (UE) 2019/1009 u (UE) Nru 305/2011 fir-rigward tal-proċeduri ta’ emerġenza għall-valutazzjoni tal-konformità, tal-adozzjoni ta’ speċifikazzjonijiet komuni u tas-sorveljanza tas-suq minħabba emerġenza fis-Suq Uniku” (COM(2022) 461 final — 2022/0279 (COD)) (c) “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2000/14/KE, 2006/42/KE, 2010/35/UE, 2013/29/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/35/UE, 2014/53/UE u 2014/68/UE fir-rigward tal-proċeduri ta’ emerġenza għall-valutazzjoni tal-konformità, tal-adozzjoni ta’ speċifikazzjonijiet komuni u tas-sorveljanza tas-suq minħabba emerġenza fis-Suq Uniku” (COM(2022) 462 final — 2022/0280 (COD))	95
2023/C 100/15	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għal prodotti b’elementi diġitali u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020” (COM(2022) 454 final — 2022/0272 (COD))	101
2023/C 100/16	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi” (COM(2022) 245 — final)	105
2023/C 100/17	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew U tal-Kunsill li jstabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-midja fis-suq intern (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Midja) u li jemenda d-Direttiva 2010/13/UE” (COM(2022) 457 final — 2022/0277 (COD))	111

2023/C 100/18	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-ħidma favur futur ħieles mill-asbestos: approċċ Ewropew biex jiġu indirizzati r-riskji għas-saħħa mill-asbestos” (COM(2022) 488 final) u dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/148/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol” (COM(2022) 489 final — 2022/0298 (COD))	118
2023/C 100/19	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023” (COM(2022) 526 final — (2022)0326 (COD))	123
2023/C 100/20	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Analiżi tad-Diskrepanzi fl-Investimenti fid-Difiża u u l-Approċċ Futur” (JOIN(2022) 24 final)	132
2023/C 100/21	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115” (COM(2022) 305 final — 2022/0196 (COD))	137
2023/C 100/22	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 389/2012 fir-rigward tal-iskambju ta’ informazzjoni miżmuma fir-reġistri elettroniċi dwar l-operaturi ekonomiċi li jmexxu l-oġġetti soġġetti għas-sisa bejn l-Istati Membri għal finijiet kummerċjali” (COM(2022) 539 final — 2022/0331 (CNS))	145
2023/C 100/23	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-miżuri ta’ ġestjoni, ta’ konservazzjoni u ta’ kontroll li japplikaw fiż-Żona koperta mill-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA)” (COM(2022) 563 final — 2022/0348 (COD))	146

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-574 SESSJONI PLENARJA TAL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, 14.12.2022–
15.12.2022**Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-legat fit-tul tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ: l-integrazzjoni u l-awtonomizzazzjoni taż-żgħażaġh”**

(2023/C 100/01)

proposta mill-President tas-Sezzjoni SOC **Laurențiu PLOSCEANU** fuq talba tal-grupp ta' koordinazzjoni għas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (Katrīna LEITĀNE (President), Neža REPANŠEK, Michael McLOUGHLIN, Nicoletta MERLO, Mateusz Maciej SZYMANSKI, Florian MARIN, Pierre BOLLON, Dolores SAMMUT BONNICI u Davor MAJETIĆ)

Bażi legali	Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura
	Riżoluzzjoni
Adozzjoni fil-plenarja	15.12.2022
Sessjoni plenarja Nru	574
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	150/0/1

Minkejja l-inċertezzi tal-gwerra fl-Ukrajna, il-pandemija tal-COVID-19 u l-kriżi klimatika, iż-żgħażaġh għadhom l-ixprun tal-proġett Ewropew u l-kreattività, l-enerġija u l-entużjażmu tagħhom huma l-mutur għas-sostenibbiltà tiegħu. Id-deċiżjonijiet li jittieħdu llum jiddeterminaw il-futur tad-dinja tagħna, għalhekk huwa kruċjali li jiġi żgurat li ż-żgħażaġh ikollhom leħen fid-deċiżjonijiet li jaffettwaw il-futur tagħhom, peress li anke politiki indiretti jista' jkollhom impatt u rilevanza kbira għaż-żgħażaġh u l-ġenerazzjonijiet futuri.

F'Diċembru 2021, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen, iddeżinjat l-2022 bħala s-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ għax **“l-Ewropa għandha bżonn iż-żgħażaġh kollha tagħha”** u “l-Unjoni tagħna jrid ikollha ruħ u viżjoni li jkellmuhom” ⁽¹⁾. Barra min hekk, kif intqal mill-Kummissarju Mariya Gabriel, **“is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ għandha ġġib bidla radikali fil-mod kif ninkludu liż-żgħażaġh fil-politika u fit-teħid tad-deċiżjonijiet”** ⁽²⁾.

⁽¹⁾ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/speech_21_4701

⁽²⁾ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_21_5226

L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) ⁽³⁾ dwar l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ għall-perjodu 2019–2027 tappella għal enfasi fuq l-approċċ transsettorjali, u li tittieħed perspettiva olistika fir-rigward taż-żgħażaġh u l-ħtiġijiet u d-drittijiet tagħhom, u tenfasizza li l-KESE “huwa konvint li **l-involvement taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet għandu jiġi promoss** ħafna iktar ta’ spiss. Barra minn hekk, sabiex id-Djalogu maż-Żgħażaġħ jiġi żvilupp iktar, ir-rwoli tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u tal-Kunsilli Nazzjonali taż-Żgħażaġħ iridu jitjiebu u jridu jiġu uttilizzati toroq addizzjonali. L-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jieħdu rwol ta’ tmexxija f’dan ir-rigward, bil-KESE li jkun minn ta’ quddiem mill-istituzzjonijiet li jsaħħaħ l-involvement taż-żgħażaġh fil-livell tal-UE”.

Għal xi snin issa **l-KESE ilu jaħdem fuq kif jista’ jintegra aħjar il-leħen taż-żgħażaġh fil-ħidma tiegħu u fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE b’mod strutturat u sinifikanti** billi jkopri dimensjonijiet differenti bħall-klima u s-sostenibbiltà ⁽⁴⁾ billi jstabbilixxi r-Round Tables taż-Żgħażaġħ dwar il-Klima u s-Sostenibbiltà u jinkludi delegat għaż-żgħażaġh fid-delegazzjoni uffiċjali tal-UE għal-laqqgħat tal-UNFCCC COP, kif ukoll fid-delegazzjoni tal-KESE; jenfasizza r-rwol tal-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli ⁽⁵⁾; jelabora dwar is-sitwazzjoni u d-dispożizzjonijiet tal-impjeg u tas-suq tax-xogħol ⁽⁶⁾; l-inklużjoni taż-żgħażaġh fl-iżvilupp tal-Pjani Nazzjonali ta’ Rkupru ⁽⁷⁾ li talbu għal involvement aħjar tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh fil-fażijiet ta’ implimentazzjoni u monitoraġġ tal-pjani u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet; politika taż-żgħażaġh fil-Balkani tal-Punent ⁽⁸⁾, f’liema qasam il-KESE jistieden lill-UE tkun ta’ appoġġ akbar għall-Balkani tal-Punent sabiex dawn itejbu l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh; l-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażaġh fl-oqsma kollha tal-politika fil-livell tal-UE bl-introduzzjoni tat-Test taż-Żgħażaġħ tal-UE ⁽⁹⁾, li jinkludi wkoll rakkomandazzjonijiet u proposti konkreti, u billi jipproponi li jtejjeb l-involvement intern taż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh fil-ħidma tal-KESE.

Barra minn hekk, **il-KESE laqa’ ⁽¹⁰⁾ l-proposta biex l-2022 tiġi ddikjarata s-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ** billi ddikjara li l-KESE lest li jkollu rwol ewlieni fis-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ, billi jibni fuq inizjattivi ta’ suċċess tal-KESE bħal L-Ewropa Tiegħek, Lehnekl, Round Tables taż-Żgħażaġħ dwar il-Klima u s-Sostenibbiltà u d-Delegat tal-KESE għaż-Żgħażaġħ għall-programm tal-COP. Il-KESE jinsab f’pożizzjoni unika biex jiffaċilita l-involvement man-networks taż-żgħażaġh. Għal din ir-raġuni, il-KESE stabilixxa **Grupp ta’ Koordinazzjoni għas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ** sabiex jiġu żgurati r-rappreżentanza u l-viżibbiltà ta’ din l-inizjattiva fi ħdan il-KESE u biex jiġu kkoordinati l-inizjattivi li huma relatati maż-żgħażaġh li għaddejjin bħalissa. Il-Grupp ta’ Koordinazzjoni għas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ ingħata mandat biex isaħħaħ il-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u maż-żgħażaġh matul is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ u lil hinn minnha, u biex jikkoopera mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jiżgura integrazzjoni trasversali aħjar taż-żgħażaġh fl-attivitajiet tagħhom ta’ kuljum.

L-abbozz ta’ riżoluzzjoni mħejji mill-Grupp ta’ Koordinazzjoni għas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-gvernijiet nazzjonali biex jiżguraw il-legat fit-tul tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ billi jippromovu l-involvement strutturat u sinifikanti taż-żgħażaġh fit-tfassil tal-politika u t-teħid ta’ deċiżjonijiet fil-livelli kollha u billi jippromovu mekkaniżmi parteċipattivi għaż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh. Barra minn hekk, il-KESE jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jsaħħaħ l-involvement taż-żgħażaġh fil-ħidma tiegħu u li jippromovi l-integrazzjoni taż-żgħażaġh fil-livelli kollha għal Ewropa aktar magħquda u b’saħħitha.

Mhux dejjem inkunu nistgħu nibnu l-futur għaż-żgħażaġh tagħna, iżda nistgħu nibnu ż-żgħażaġh tagħna għall-futur. — Franklin D. Roosevelt

⁽³⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: L-impenn, il-Konnessjoni u l-Għoti tas-Setgħa liż-żgħażaġh: Strateġija tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ” (COM(2018) 269 final) (ĠU C 62, 15.2.2019, p. 142).

⁽⁴⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Lejn involvement strutturat min-naħa taż-żgħażaġh dwar il-klima u s-sostenibbiltà fil-proċess tat-teħid ta’ deċiżjonijiet tal-UE” (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 429, 11.12.2020, p. 44).

⁽⁵⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-awtonomizzazzjoni taż-żgħażaġh biex jinkiseb żvilupp sostenibbli permezz tal-edukazzjoni” (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 100, 16.3.2023, p. 38).

⁽⁶⁾ Rapport ta’ informazzjoni tal-KESE dwar *It-trattament ugwali taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol* (għaddeja bħalissa).

⁽⁷⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Kif jiġi ggarantit xogħol deċenti għaż-żgħażaġh u tiġi żgurata l-inklużjoni taż-żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEETs) permezz tal-iżvilupp adatt ta’ Pjani Nazzjonali ta’ Rkupru” (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 152, 6.4.2022, p. 27).

⁽⁸⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-politika dwar iż-żgħażaġh fil-Balkani tal-Punent” (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 443, 22.11.2022, p. 44).

⁽⁹⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “It-Test taż-Żgħażaġħ tal-UE” (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 486, 21.12.2022, p. 46).

⁽¹⁰⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022” (COM(2021) 634 final — 2021/0328(COD)) (ĠU C 152, 6.4.2022, p. 122).

1. Il-legat fit-tul tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ fil-KESE

1.1. Il-KESE jemmen li d-deliberazzjonijiet tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ għandhom jiġu segwiti u avvċinati b'mentalità miftuħa mill-partijiet interessati kollha. Huwa kruċjali li jkun hemm legat konkret għas-sena u li l-ħidma fuq is-segwitu titkompla fis-Sena tal-Ħiliet u lil hinn minnha. Barra minn hekk, l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ u l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa jipprevedu wkoll passi importanti lejn involviment aktar strutturat u sinifikanti taż-żgħażaġh fil-bini tal-futur tal-Ewropa.

1.2. Il-KESE jemmen li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, huma kruċjali biex jiġu identifikati strumenti parteċipattivi innovattivi biex jiġu integrati l-perspettivi taż-żgħażaġh fit-tfassil tal-politika fil-livelli kollha u fl-oqsma kollha tal-politika u jenfasizza r-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fit-tisħiħ taċ-ċittadinanza attiva, il-protezzjoni tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem u l-valuri demokratiċi għaż-żgħażaġh.

1.3. Il-KESE jiddispaċi li l-ispażju ċivili għall-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh qed jiċkien ⁽¹⁾ u jenfasizza r-rilevanza demokratika tiegħu. Il-KESE jappella għal miżuri li jawtonomizzaw lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u li jipprovduhom riżorsi sostenibbli li jżidu l-kapaċità tagħhom li jirrappreżentaw u jsostnu d-drittijiet u l-interessi tagħhom.

1.4. Il-KESE jenfasizza l-inizjattivi li kienu ta' suċċess lejn parteċipazzjoni strutturata u sinifikanti taż-żgħażaġh f'dawn l-aħħar ftit snin fl-Opinjoni ⁽²⁾ tiegħu u jesprimi l-impenn tiegħu li jiżviluppa inizjattivi ġodda sabiex jippromovi l-impenn taż-żgħażaġh u l-perspettivi taż-żgħażaġh fit-tfassil tal-politika.

1.5. Il-KESE jemmen li l-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażaġh fit-tfassil tal-politika u fit-teħid tad-deċiżjonijiet hija vitali fil-bini tal-futur tal-Ewropa u fil-bini ta' viżjoni li tista' tkellem liż-żgħażaġh. Għalhekk, jinkoraġġixxi lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jimplimentaw it-Test taż-Żgħażaġħ tal-UE biex jiżguraw li t-tfassil kollu tal-politika fil-livell tal-UE jitqies mil-lenti taż-żgħażaġh.

1.6. Bħala segwitu għall-proposti li ġew ippreżentati fl-Opinjoni dwar it-Test taż-Żgħażaġħ tal-UE, il-KESE jappella għall-integrazzjoni taż-żgħażaġh fit-tfassil tal-politika fil-livelli kollha u għall-iżvilupp ta' approċċ komuni lejn impenn strutturat u sinifikanti taż-żgħażaġh għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE. Dan l-approċċ għandu jibni fuq il-pilastri li ġejjin:

- il-ħolqien konġunt ta' inizjattivi/proġetti/avvenimenti relatati maż-żgħażaġh ma' organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh involuti mill-bidu nett u l-iżgurar li jkollhom vuċi matul kull pass tal-proċess;
- il-kondiviżjoni tas-sjeda tal-inizjattivi/proġetti/avvenimenti mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, li tagħtihom rwol ewlieni u li ssegwi l-prijoritajiet u l-ħtiġijiet tagħhom;
- it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, billi jingħatalhom appoġġ bis-saħħa tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa u l-għodod adegwati għall-parteċipazzjoni;
- il-bini ta' proċessi ta' segwitu strutturati u sinifikanti, li jmorru lil hinn minn laqgħat ad hoc u minn sempliċi sejħiet għal konsultazzjonijiet.

⁽¹⁾ SAFEGUARDING20CIVIC20SPACE20FOR20YOUNG20PEOPLE20IN20EUROPE202020_v4.02028129.pdf (youthforum.org)

⁽²⁾ Pereżempju, l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: L-impenn, il-Konnessjoni u l-Għoti tas-Setgħa liż-żgħażaġh: Strateġija tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ" (COM(2018) 269 final) (ĠU C 62, 15.2.2019, p. 142); l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022" (COM(2021) 634 final — 2021/0328 (COD)) (ĠU C 152, 6.4.2022, p. 122); l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "It-Test taż-Żgħażaġħ tal-UE" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 486, 21.12.2022, p. 46).

1.7. Il-KESE jimpenja ruħu li jistabbilixxi grupp permanenti fil-KESE biex ikollu mekkaniżmi ta' koordinazzjoni trasparenti u trasversali biex jintegra l-perspettivi taż-żgħażaġh fil-ħidma tal-KESE u biex jespjora u jqis aktar modi possibbli biex jiġi applikat il-kunċett tat-Test taż-Żgħażaġħ tal-UE fil-ħidma tiegħu biex jiżviluppa approċċ ta' qafas konsistenti dwar l-involviment taż-żgħażaġh fil-KESE.

1.7.1. Barra min hekk, il-KESE jitlob għall-ħolqien ta' struttura li tirrappreżenta u/jew tinvolvi l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh fl-istituzzjonijiet kollha tal-UE u/jew possibbilment ta' pjattaforma tal-partijiet interessati bħall-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari li kieku tkun fil-kompetenza tal-KESE. Barra minn hekk, minħabba li d-Djalogu taż-Żgħażaġħ tal-UE huwa l-proċess parteċipattiv l-aktar sostanzjali tal-Ewropa li jinvolvi diskussjoni dwar kwistjonijiet bejn daww li jieħdu d-deċiżjonijiet u ż-żgħażaġh u li jhorgħu b'soluzzjonijiet flimkien, jistgħu jittieħdu aktar passi biex jissaħħaħ dan il-mekkaniżmu parteċipattiv, pereżempju, l-introduzzjoni ta' struttura b'ġestjoni konġunta ⁽¹³⁾ li tkun immxixxa wkoll mill-KESE.

1.8. Il-KESE jħeġġeġ involviment akbar taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, mill-abbozzar ta' proposti u inizjattivi leġiżlattivi sal-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u s-segwitu. Dan l-approċċ ilu jintuża mill-2021 fid-delegazzjoni tal-UE għal-laqgħat tal-UNFCCC COP, fejn id-delegazzjoni għandha mill-inqas delegat żaġħżuġh wieħed. Il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa li delegazzjonijiet oħra tal-UE jadottaw approċċ simili, u li jqisu l-perspettiva interġenerazzjonali.

1.9. Biex jissaħħaħ ir-rwol tal-KESE stess fit-tnaqqis tad-distakk bejn daww li jfasslu l-politika u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u ż-żgħażaġh fil-livell kemm nazzjonali kif ukoll Ewropew, huwa rakkomandat, l-ewwel nett, li jiġi stabbilit mekkaniżmu parteċipattiv taż-żgħażaġh trasparenti, strutturat u sinifikanti biex jikkoordina b'mod effettiv il-ħidma leġiżlattiva, pereżempju, panel taż-żgħażaġh. It-tieni, li jkun hemm komunikazzjoni maż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh fil-ħidma tiegħu. Barra minn hekk, għandhom jiġu implimentati koordinazzjoni u skambju ta' Prattiki tajba dwar l-involviment taż-żgħażaġh fil-livelli kollha u fl-Istati Membri kollha u attivitajiet ta' komunikazzjoni aktar immirati. B'mod partikolari, it-tisħiħ tar-relazzjonijiet mal-organizzazzjonijiet nazzjonali taż-żgħażaġh u proġetti lokali taż-żgħażaġh jingħataw prijorità fil-KESE u fost il-membri.

1.10. Barra min hekk, meta jitqies il-kuntest ġeopolitiku mqalleb attwali, huwa kruċjali li jiġi żgurat l-involviment taż-żgħażaġh fis-sostenibbiltà, is-sigurtà u l-konsolidazzjoni tal-paċi. Il-KESE jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni taż-Żgħażaġħ fl-Azzjoni Esterna tal-UE li ġie adottat reċentement u se jadotta Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwaru fl-2023. Barra minn hekk, il-KESE jistieden lill-UE biex tkompli tappoġġja lill-Balkani tal-Punent fit-titjib tal-parteeipazzjoni taż-żgħażaġh, filwaqt li tqis il-korrelazzjoni pożittiva tal-mobilità edukattiva jew ta' taħriġ mal-impenn ċiviku u politiku taż-żgħażaġh. L-istess prinċipju għandu jiġi meqjus fir-relazzjoni mal-Ukrajna u l-Georgia. Il-KESE jinsisti li tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar il-politiki taż-żgħażaġh mal-pajjiżi bi status ta' kandidati.

1.11. Il-KESE se jagħmel ħiltu biex iqis leħen iż-żgħażaġh b'mod sistematiku fl-Opinjonijiet tiegħu, inklużi *Opinjonijiet fuq inizjattiva proprja* u *Opinjonijiet esploratorji* adottati fuq talba tal-presidenzi b'rotazzjoni jew ta' istituzzjonijiet Ewropej oħra. Il-KESE, bis-saħħa tar-relazzjoni eċċellenti tiegħu magħhom, se jagħmel minn kollox biex jikkonvinċihom li dawn it-talbiet għandhom ikopru aspetti li għandhom x'jaqsmu maż-żgħażaġh.

2. Il-prijorità għas-snin li ġejjin: li nibnu futur aħjar — aktar ekoloġiku, aktar inklużiv u diġitali — flimkien

2.1. Il-KESE jenfasizza l-importanza li jiżiedu l-għarfien u l-livelli ta' informazzjoni taż-żgħażaġh dwar l-istituzzjonijiet Ewropej, mekkaniżmi li jiffunzjonaw, oqsma ta' azzjoni, eżempji konkreti minn attivitajiet ta' kuljum u opportunitajiet għall-iżvilupp personali u professjonali fost iż-żgħażaġh. In-numru ta' programmi Ewropej ta' skambju ta' esperjenzi u ta' taħriġ (Erasmus+, Discover EU eċċ.) għandhom jiżiedu kemm lokalment kif ukoll esternament, kif għandhom jiżiedu wkoll programmi taħt superviżjoni konġunta ma' istituzzjonijiet edukattivi oħra fil-pajjiż u daww barra mill-pajjiż. Il-KESE se jippromovi u jinkoraġġixxi lill-membri tal-KESE biex jorganizzaw inizjattivi lokali kontinwi li jiffokaw fuq iż-żgħażaġh.

⁽¹³⁾ Sistema ta' ġestjoni konġunta tal-Kunsill tal-Ewropa.

2.2. Il-KESE jindika l-bżonn li jinholq u li jiġi ggarantit qafas għaż-żgħażaġh kollha biex jipparteċipaw fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali billi jinbnew istituzzjonijiet aktar miftuħa u lesti li jaħdmu maż-żgħażaġh. Huwa partikolarment importanti li ż-żgħażaġh żvantaġġati, vulnerabbli u emarġinati jkunu jistgħu jipparteċipaw fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Il-promozzjoni tal-parteeċipazzjoni taż-żgħażaġh fl-elezzjonijiet politiċi għandha tkun prijorità. Barra minn hekk, il-parteeċipazzjoni taż-żgħażaġh tikkontribwixxi għall-kreattività u l-innovazzjoni, u ż-żgħażaġh iridu jinstemgħu u l-parteeċipazzjoni ċivili u komunitarja tagħhom għandha titħeġġeġ minn età żgħira.

2.3. Il-KESE jirrakkomanda li jiġu implimentati programmi biex daww il-persuni li jitolqu kmieni mill-iskola jingħataw ċans ieħor kif ukoll programmi ta' litteriżmu u miżuri biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola billi jiġu żgurati programmi ta' gwida, ta' appoġġ u ta' protezzjoni soċjali indirizzati għaż-żgħażaġh minn żoni rurali u daww minn familji foqra, sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-servizzi edukattivi.

2.4. Jeħtieġ li jinkisbu edukazzjoni u taħriġ u tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità għolja u inklużivi sabiex jiġi żgurat li kulħadd ikollu l-għarfien, il-ħiliet, il-kompetenzi u l-attitudni meħtieġa biex l-Ewropa tistabbilixxi soċjetà aktar ġusta, aktar koeżiva, aktar sostenibbli, aktar diġitali u aktar reżiljenti. Iż-żgħażaġh jeħtieġ li jkollhom ħiliet li jippermettulhom jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà u jimmaniġġjaw b'suċċess it-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol⁽¹⁴⁾, b'enfasi fuq l-aktar persuni vulnerabbli. Il-ħaddiema tas-sengħa huma komponent importanti fl-iżgurar tal-kompetittività Ewropea, kif rikonossut ukoll fil-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għas-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023⁽¹⁵⁾, flimkien mal-iżgurar ta' kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin, prevedibbiltà tal-karriera u aċċess għall-opportunitajiet. IGħandha titħeġġeġ il-parteeċipazzjoni fl-istituzzjonijiet edukattivi. L-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fir-rigward taż-żgħażaġh għandha tkun prijorità. Hemm ukoll il-ħtieġa li jsir progress fir-riforma tal-edukazzjoni, l-indirizzar tal-ispariġġ fil-ħiliet u l-iffukar fuq it-tagħlim tul il-ħajja, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet⁽¹⁶⁾.

2.5. Il-KESE jitlob biex l-aċċess għas-sistema edukattiva għaż-żgħażaġh minn żoni rurali jsir aktar faċli billi tiġi żgurata l-infrastruttura materjali u diġitali meħtieġa għal proċess edukattiv ta' kwalità għolja, speċjalment fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli u l-ħarsien tal-ambjent.

2.6. B'kollaborazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri biex joħlqu aċċess immirat għall-iskejjel għal persuni b'kundizzjonijiet rari jew persuni li ma jistgħux jattendu l-iskola minħabba raġunijiet mediċi u li jggarantixxu li jagħtu prijorità lill-infrastruttura meħtieġa biex jiżguraw aċċess ugwali għal servizzi edukattivi għal persuni b'diżabilità sabiex kulħadd ikun fl-istess livell.

2.7. L-edukazzjoni hija faċilitatur ewlieni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) l-oħra kollha. Għalhekk, il-KESE jappoġġja l-ħidma tal-Kummissjoni Ewropea lejn it-tagħlim għal tranżizzjoni ekoloġika u żvilupp sostenibbli u jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw u jittrasformaw l-edukazzjoni fil-pajjiżi tagħhom b'mod li jirrifletti dan⁽¹⁷⁾.

2.8. Il-KESE jipproponi li jiġu żviluppati sessjonijiet ta' informazzjoni u konsulenza jew kurrikuli edukattivi bil-għan li jiġu spjegati l-elementi bażiċi li jikkostitwixxu parti integrali tas-suq tax-xogħol, b'referenza hawnhekk għal kunċetti bħal min iħaddem, il-kuntratt tax-xogħol, eċċ., flimkien mal-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili. Għandhom jiġu allokat biżżejjed riżorsi f'dan ir-rigward, speċjalment għaż-żgħażaġh vulnerabbli u daww impjegati f'forom atipiċi ta' impjeg. Din l-istess informazzjoni għandha tkun immirata wkoll lejn il-migranti żgħażaġh meta jidħlu f'pajjiż mhux magħruf, sabiex jiġu integrati aktar malajr fis-soċjetà l-ġdida, fis-sistemi edukattivi u tax-xogħol tagħha u fil-kultura. B'mod aktar globali, iż-żgħażaġh għandhom jiġu offruti aktar mezz biex jitgħallmu dwar suġġetti bħall-edukazzjoni finanzjarja u, b'mod importanti għafna, biex ikollhom għarfien b'saħħtu tad-drittijiet tagħhom bħala ċittadini u ħaddiema. Dan kollu huwa importanti biex iż-żgħażaġh jiġu megħjuna jħejju għall-ħajja adulta futura tagħhom.

2.9. Il-KESE diġà ddikjara li l-intraprenditorija tista' taqdi rwol kruċjali fit-titjib tal-kompetittività, l-innovazzjoni u l-benesseri u l-iżvilupp ta' ekonomija soċjali u ekoloġika, aktar u aktar fil-kuntest tal-irkupru ta' wara l-pandemija. It-tħeġġiġ tal-edukazzjoni intraprenditorjali għall-iżvilupp ta' ħiliet intraprenditorjali, jista' jkun mod li bih jitnaqqas il-qgħad, speċjalment fost iż-żgħażaġh⁽¹⁸⁾.

⁽¹⁴⁾ Ara, pereżempju, l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Kif, abbażi tal-edukazzjoni u t-taħriġ minn perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja, jistgħu jiġu promossi l-ħiliet meħtieġa biex l-Ewropa tistabbilixxi soċjetà aktar ġusta, aktar koeżiva, aktar sostenibbli, aktar diġitali u aktar reżiljenti" (Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Portugiża) (ĠU C 286, 16.7.2021, p. 27), il-punti 1.2 u 2.3.

⁽¹⁵⁾ Il-Kummissjoni tagħti bidu għall-ħidma fuq is-Sena Ewropea tal-Ħiliet (europa.eu)

⁽¹⁶⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-it-trattament ugwali taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol (għaddejja bħalissa).

⁽¹⁷⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-awtonomizzazzjoni taż-żgħażaġh biex jinkiseb żvilupp sostenibbli permezz tal-edukazzjoni" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 100, 16.3.2023, p. 38).

⁽¹⁸⁾ Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Kontribut għall-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2023" (ĠU C 443, 22.11.2022, p. 1), il-punt 4.14.

2.10. Il-KESE jinkoraġġixxi s-sejbien ta' soluzzjonijiet adatti fil-livell nazzjonali sabiex jiġi żgurat kontroll fuq il-prezz tal-kera sabiex tiġi ffaċilitata l-mobilità għal skopijiet edukattivi jew professjonali u li barra minn hekk jiġi implimentat programm ta' kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni soċjali għaż-żgħażaġh, speċjalment fi bliet kbar u ċentri ta' żvilupp ekonomiku.

2.11. Il-KESE jitlob li ż-żgħażaġh ikollhom aċċess aħjar għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità tajba, speċjalment għaż-żgħażaġh minn żoni rurali, billi jżidu n-numru ta' spartarji jew siti mobbli li jipprovdu servizzi mediċi primarji u billi jwettqu kampanja ta' sensibilizzazzjoni f'istituzzjonijiet edukattivi li jiffukaw fuq temi bħall-prevenzjoni tal-korrimenti, disturbi tal-ikel, saħħa mentali u edukazzjoni dwar is-saħħa ġenerali u s-saħħa riproduttiva, li huma suġġetti importanti. Għandhom jiġu żviluppati programmi speċifiċi ta' riċerka biex jgħinu liż-żgħażaġh jiġġieldu l-mard (bħall-kanċer), minħabba li l-kura disponibbli għall-adulti ħafna drabi ma tkunx adattata għalihom.

2.12. Bis-saħħa ta' kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-KESE jitlob biex isiru sforzi akbar u kontinwi lejn azzjonijiet immirati lejn l-edukazzjoni dwar it-traffiku, il-prevenzjoni ta' mard trażmess sesswalment, il-bullying u d-diskors ta' mibegħda, il-konsum tat-tabakk, tal-alkoħol u tad-drogi fl-iskejjel u bl-involvement taż-żgħażaġh u tas-soċjetà ċivili.

2.13. Il-KESE jipproponi li jiġi żgurat li ż-żgħażaġh ikollhom aċċess għal sistemi ta' rappreżentanza formali fir-relazzjoni mal-atturi kkonċernati fis-suq tax-xogħol u dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u d-dritt tal-ħaddiema u ta' min iħaddem li jiffurmaw u jingħaqdu ma' organizzazzjonijiet li jagħżlu huma għaż-żgħażaġh kollha, speċjalment dawk li m'għandhomx impjieg jew li għandhom wieħed prekarju.

2.14. Il-KESE qed jitlob li tissaħħa il-kapaċità tal-imsieħba soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex jirrappreżentaw liż-żgħażaġh u jiffaċilitaw il-proċess ta' tranżizzjoni mill-iskola għall-ħajja tax-xogħol attiva u biex l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh jiġu involuti fl-istituzzjonijiet tad-dialogu soċjali, tan-negozjar kollettiv u l-organizzazzjonijiet tripartitiċi li għandhom responsabbiltajiet fis-suq tax-xogħol.

2.15. Il-KESE qed jitlob għal modernizzazzjoni u rinfurzar tal-istituzzjonijiet attivi fis-suq tax-xogħol fis-sens li jadattaw is-servizzi li jipprovdu għall-ispeċifitajiet taż-żgħażaġh sabiex isiru faċilment aċċessibbli, dinamiċi, faċli biex jintużaw u inqas burokratiċi.

2.16. Il-KESE qed jitlob li jiġi ggarantit trattament ġust f'termini ta' opportunitajiet ugwali bejn in-nisa u l-irġiel iżda wkoll bejn ż-żgħażaġh meta mqabbla ma' kategoriji ta' età oħra, b'referenza għas-salarji, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, it-taħriġ u l-opportunitajiet ta' progress fuq il-post tax-xogħol. Ix-xogħol tat-trainees, speċjalment taż-żgħażaġh, m'għandux ikun suġġett ta' sfruttament u m'għandux ikun mezz biex tiġi evitata r-relazzjoni ta' impjieg. L-internships bla ħlas jew mhux ikkompensati jista' jkollhom impatt negattiv ħafna fuq l-esperjenza taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol⁽¹⁹⁾ u jridu jiġu pprojbati⁽²⁰⁾. Ir-rappreżentanza taż-żgħażaġh għandha tissaħħa aktar.

2.17. Il-KESE jemmen li l-appoġġ għall-ekonomija soċjali huwa meħtieġ, peress li dan is-settur jassisti b'mod attiv liż-żgħażaġh soċjalment emarġinati u individwi vulnerabbli oħra, notevolment permezz ta' miżuri mmirati biex iżidu l-istima personali, il-komunikazzjoni, eċċ.

2.18. Il-KESE jemmen li l-kuntest maħluq mill-pandemija minħabba d-diffikultà fl-aċċessibbiltà tas-servizzi tas-saħħa jesiġi aktar sforz biex iż-żgħażaġh jiġu meħjuna biex jidentifikaw kwistjonijiet ta' saħħa mentali u benesseri u jippromovu informazzjoni korretta fuq kemm jista' jkun hemm mezzi biex tiġi identifikata informazzjoni siewja b'kuntrast ma' wegħdiet foloz ta' għajjnuna/appoġġ inkluż bl-użu ta' għodod tas-saħħa f'dan ir-rigward.

2.19. Il-KESE jitlob biex jiġu riformati s-sistemi ta' ħarsien soċjali u l-leġiżlazzjoni tax-xogħol sabiex jiġu adattati għal realtajiet u forum ta' xogħol ġodda u biex jiġi żgurat li l-bidliet sussegwenti fil-qasam tax-xogħol ikunu jistgħu jiġu aġġustati u regolati aktar malajr fil-futur, fir-rispett sħiħ tal-mudelli nazzjonali tar-relazzjonijiet industrijali u l-awtonomija tal-imsieħba soċjali.

2.20. Il-KESE jissuġġerixxi li s-sistemi tal-pensjonijiet u s-sistemi ta' ħarsien soċjali jingħaqdu mar-realtajiet ekonomiċi u soċjali taż-żgħażaġh u li dawn għandhom ikunu ġusti, inklużivi u adattati għar-realtà tas-suq tax-xogħol, u jiżguraw protezzjoni għaż-żgħażaġh li jipprattikaw forum ġodda ta' xogħol kif ukoll dawk li jinsabu bla xogħol. Impjiegi ta' kwalità għolja għaż-żgħażaġh kollha għandhom ikunu ta' prijorità.

⁽¹⁹⁾ Rapport ta' informazzjoni tal-KESE dwar *It-trattament ugwali taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol* (għaddejja bħalissa).

⁽²⁰⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Kif jiġi ggarantit xogħol deċenti għaż-żgħażaġh u tiġi żgurata l-inklużjoni taż-żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs) permezz tal-iżvilupp adatt ta' Pjani Nazzjonali ta' Rkupru" (opinjoni fuq inizjattiva propra) (ĠU C 152, 6.4.2022, p. 27), il-punt 1.9.

2.21. Il-KESE jindika li l-perjodu tal-pandemija tal-coronavirus wera li l-kwistjonijiet tas-saħħa u s-sikurezza, inklużi r-riskji psikosoċjali, huma importanti, kif ukoll l-istabbiltà u l-prevedibbiltà fl-impjiegi. Hemm bżonn li jkun hemm dialogu maż-żgħażaġh dwar kif jiġu evitati problemi f'dan il-qasam fil-futur. Id-disponibbiltà ta' forom differenti ta' impjiegi ibbażati fuq standards ta' stabbiltà u kwalità hija importanti biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, huma meħtieġa miżuri biex tissaħħaħ is-sorveljanza tal-kundizzjonijiet tal-impjiegi taż-żgħażaġh inkluż it-tisħiħ tal-ispezzjonijiet tax-xogħol.

2.22. Il-KESE qed jitlob għall-protezzjoni tad-drittijiet taż-żgħażaġh u l-garanzija tal-protezzjoni soċjali permezz tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-protezzjoni tad-dritt għall-ħajja privata u l-preservazzjoni tal-ispazju għan-negozjar kollettiv. Għandhom jiġu mħeġġa s-sejbien ta' modi biex tiġi ffaċilitata l-flessibbiltà adatta tal-iskeda tax-xogħol biex jitlestew l-istudji.

2.23. Il-KESE jitlob li jkun hemm aktar sinerġija bejn l-istrumenti differenti ddedikati għaż-żgħażaġh bħall-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-Garanzija għat-Tfal li għandhom jiġu meqjusa. Iż-żgħażaġh għandhom jingħataw garanzija reali li tipprovdilhom prospetti ta' karriera prevedibbli. Il-finanzjament pubbliku għall-appoġġ taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol m'għandux jikkontribwixxi għall-prekarjetà u l-involvement tal-imsieħba soċjali u tas-soċjetà ċivili fl-assistenza liż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol għandu jibqa' prijorità.

2.23.1. Il-KESE qed jimmira li jiżgura li tiġi pprovduta kura alternattiva adatta u ta' kwalità għolja għat-tfal u għaż-żgħażaġh kollha li m'għandhomx kura xierqa mingħand il-ġenituri u, peress li r-relazzjonijiet huma saħansitra aktar kruċjali f'dawn iċ-ċirkostanzi, li l-aħwa jkunu permessi li jibqgħu flimkien sakemm ma jkunx fl-aħjar interess tagħhom li jsir mod ieħor. B'mod aktar ġenerali, huwa importanti li l-mekkaniżmi ta' appoġġ ma jispiċċawx f'daqqa meta ż-żgħażaġh jagħlqu t-18-il sena.

2.24. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati kif imiss l-isfidi ekonomiċi, soċjali u ambjentali ġġenerati mill-mudell ekonomiku attwali speċjalment għaż-żgħażaġh. Dan għandu jsir filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li jekk is-soċjetajiet tagħna jsiru aktar ekoloġiċi, ġusti, inklużivi, sostenibbli u aktar iffukati fuq il-benesseri, dan għandu jibda bl-interess taż-żgħażaġh bħala l-pilastru bażiku għall-futur. Iż-żgħożija għanda tkun tema/għan trasversali fl-investimenti tal-FSIE.

2.25. Il-KESE jqis li huwa meħtieġ li jiġi żgurat li ż-żgħażaġh ikollhom l-opportunitajiet li jkollhom familja. Żieda fl-isforzi biex iż-żgħażaġh jiġu motivati jibnu familja u jkollhom it-tfal huma kruċjali għall-istabbiltà u l-futur tal-Ewropa. Għalhekk, huwa essenzjali li jiġi żgurat l-aċċess għall-akkomodazzjoni, is-servizzi tal-kura tat-tfal u appoġġ soċjali flessibbli billi jinħoloq programm apposta tal-UE f'dan ir-rigward.

2.26. Il-KESE jistieden bil-qawwa biex il-ġenerazzjoni żaġhżuġha tiġi pprovduta bi spazju pubbliku verament demokratiku u pluralistiku biex iż-żgħażaġh jesprimu l-opinjonijiet tagħhom mingħajr biża' li jiġu esklużi jew li jesperjenzaw mibegħda. Fl-istess ħin, huwa estremament importanti li jiżdiedu l-ġharfien u s-sensibilizzazzjoni dwar il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u d-diżinformazzjoni.

Brussell, il-15 ta' Diċembru 2022.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

OPINJONIJET

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-574 SESSJONI PLENARJA TAL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, 14.12.2022–
15.12.2022

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Investimenti abbażi tal-ġeneru fil-pjani
nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza”**

(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)

(2023/C 100/02)

Relatur: **Cinzia DEL RIO**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	20.1.2022
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adozzjoni fis-sezzjoni	8.11.2022
Adozzjoni fil-plenarja	14.12.2022
Sessjoni plenarja Nru	574
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	163/5/14

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jtenni li hija biss konverġenza ekonomika u soċjali akbar u aħjar fl-Unjoni Ewropea li tista' tgħin biex tiġi żgurata ugwaljanza sħiħa bejn il-ġeneri u l-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs billi tiffoka fuq azzjonijiet u strateġiji f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

1.2. Il-KESE jenfasizza li l-biċċa l-kbira tal-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza – RRP – tfasslu mill-Istati Membri mingħajr valutazzjoni ex ante tal-impatt tal-investimenti individwali biex jitneħħew l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiġi ffaċilitat l-aċċess tan-nisa għas-suq tax-xogħol u ż-żamma tagħhom fiha. Għadd żgħir biss ta' Stati hađu approċċ strateġiku permezz ta' miżuri u riformi speċifiċi u trażversali fis-sitt assi ta' investiment fl-ambitu tal-RRPs. Il-metodoloġija adottata mill-Kummissjoni Ewropea hija fil-fatt ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt tal-prestazzjoni tal-miżuri implimentati. Għal dan l-għan, il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tadotta indikaturi speċifiċi komparabbli fl-istadju tal-valutazzjoni biex tkejjel it-titjib fil-pagi ugwali, l-aċċess għas-suq tax-xogħol, ir-rikonċiljazzjoni tal-ħin tax-xogħol u tal-kura, u l-promozzjoni tal-intraprenditorija awtonoma tan-nisa.

1.3. Fost il-miżuri inklużi fl-RRPs hemm azzjonijiet diretti u indiretti, b'impatti differenti fuq terminu qasir jew medju sa twil, biex jinkoraġġixxu l-aċċess tan-nisa fid-dinja tax-xogħol u għaż-żamma tagħhom fiha, iżda f'kontest frammentat u mhux omoġenu bejn il-pajjiżi. Il-KESE jqis li hija prijorità li, meta l-RRPs jiġu implimentati, jiżdiedu kemm il-miżuri diretti kif ukoll dawk indiretti. Dan se jirrikjedi mezzi ta' investiment ċari u dejjiema b'ippjanar tar-riżorsi anke fuq terminu medju sa twil.

1.4. Fost l-azzjonijiet diretti għall-promozzjoni tax-xogħol tan-nisa, il-KESE jemmen li l-inċentivi għall-ħolqien ta' xogħlijiet stabbli u ta' kwalità għan-nisa għandhom jingħataw preferenza minn inċentivi okkażjonali oħra u għandhom jiġu esklużi mill-mappa tal-għajnuna mill-Istat.

1.5. Il-KESE jappella sabiex il-klawżola tal-ippremjar għal kumpaniji li jippromovu x-xogħol tan-nisa tissaħħaħ billi tiġi estiża għall-proġetti kollha tal-akkwist pubbliku u li s-sejħiet pubbliċi għall-offerti jiġu rregolati għall-korpi ta' implimentazzjoni b'indikazzjoni espliċita tal-oġġettivi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

1.6. Il-KESE jilqa' l-miżuri ta' sostenn u appoġġ għall-intraprenditorija awtonoma previsti fxi pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza u jittama li l-appoġġ ikopri wkoll it-taħriġ finanzjarju u maniġerjali u l-aċċess għall-istrumenti finanzjarji.

1.7. Kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-KESE jqis li huwa importanti li, fl-implimentazzjoni tal-RRPs, tittieħed azzjoni fil-qasam tat-taxxa billi t-tieni sors ta' dħul għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, u l-introjtu ta' unitajiet domestiċi ifqar b'ġenitur wieħed, jinħelsu mit-taxxa.

1.8. L-azzjonijiet indiretti fl-RRPs jinkludu investiment fis-servizzi tal-indukrar tat-tfal u tal-kura. Il-KESE jqis li hija prijorità li jiġu investiti riżorsi f'servizzi ta' konċiljazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol u tal-kura fit-tul biex jiġu implimentati servizzi addizzjonali u biex dawn is-servizzi jsiru aċċessibbli għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx.

1.9. Il-KESE jemmen li ma jistgħux jibqgħu jiġu posposti l-investimenti speċifiċi biex tithegġegħ il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-perjodu medju u twil fl-istituti tekniċi u xjentifiċi u fil-korsijiet universitarji tekniċi u xjentifiċi (STEM), li jistgħu jippromovu l-impjieg tan-nisa anke f'setturi li bħalissa huma prinċipalment iddominati mill-irġiel.

1.10. Il-KESE jirrakkomanda li l-RRPs jiġu pprogrammati b'mod koordinat u komplementari mar-riżorsi u l-programmi l-oħra kollha tal-Komunità, jiġifieri mir-riżorsi u l-programmi ta' koeżjoni u ż-żoni rurali. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tas-Semestru Ewropew b'rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għandha tqis dawn l-oġġettivi minn perspettiva tal-ġeneru b'indikaturi ġodda trasparenti u aċċessibbli, li huma komparabbli bejn il-pajjiżi u mqassma skont il-ġeneru.

1.11. Il-KESE jirrakkomanda li l-ibbaġitjar skont il-ġeneru fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni pubblika jsir obbligatorju fil-fażi tas-Semestru Ewropew.

1.12. Id-data disponibbli turi li l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kienu involuti b'mod modest u okkażjonali fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi. Il-KESE jirrakkomanda l-involviment sħiħ tagħhom fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-RRPs kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali u lokali.

2. Introduzzjoni

2.1. Din l-Opinjoni għandha l-għan li tenfasizza r-riformi u l-investimenti li għandhom impatt fuq il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri previsti mill-Istati Membri fl-RRPs, abbażi tal-informazzjoni disponibbli li tiġi aġġornata wkoll mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Parlament Ewropew (PE) u mill-Presidenza tal-Unjoni Ewropea. Ta' min jinnota li l-EIGE (Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi) qed iwettaq studju dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-irkupru mill-COVID-19 għall-Presidenza Żvediża tal-Kunsill tal-UE fl-2023 ⁽¹⁾ dwar il-miżuri previsti fl-RRPs b'approċċ li jqis il-ġeneru fl-istadji kollha tiegħu, mill-programmazzjoni sal-implimentazzjoni u l-valutazzjoni, u sakemm l-Istati Membri qiesu l-ugwaljanza bħala lieva għall-irkupru.

2.2. Fil-21 ta' Lulju 2020, il-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu, adotta l-pjan Next Generation EU flimkien mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 (QFP 2021-2027). Il-QFP u n-Next Generation EU jinkludu fost l-oġġettivi tagħhom il-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs billi jiżguraw li l-attivitajiet u l-azzjonijiet tal-programmi u l-istrumenti rilevanti jintegraw il-perspettiva tal-ġeneru u li jkunu jistgħu jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-kisba tal-ugwaljanza, f'konformità mal-istrategġija Ewropea.

⁽¹⁾ Studju tal-EIGE dwar L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-irkupru mill-COVID-19, li għandu jiġi ppubblikat fl-2023.

2.3. Permezz tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾, tiġi stabbilita l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li għandha l-għan li tappoġġja l-irkupru ta' wara l-pandemija, tippromovi l-koeżjoni u tinvesti fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Ir-Regolament jiddikjara b'mod espliċitu li l-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom jippromovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Il-KESE jaqbel mar-Regolament dwar l-importanza ta' miżuri mmirati lejn il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri, peress li huwa konformi mal-oġġettivi tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

2.4. Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2021 (SAT 2021) tas-17 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni ddeskriviet il-linji gwida tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza li jistiednu lill-Istati Membri biex jagħtu attenzjoni partikolari lill-gruppi żvantaġġati, lin-nisa u liż-żgħażaġh li jidħlu fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jgħallqu opportunitajiet ta' xogħol ta' kwalità.

2.5. Ir-Regolament Delegat (UE) tat-28 ta' Settembru 2021 jistabbilixxi l-indikaturi komuni u l-elementi dettaljati tal-qafas ta' valutazzjoni tal-irkupru u r-reżiljenza bl-identifikazzjoni ta' 14-il indikatur. Mill-indikaturi identifikati, erbgħa biss għandhom klassifikazzjoni speċifika għall-ġeneru⁽³⁾. Pereżempju, ma hemm l-ebda tqassim skont il-ġeneru fl-indikaturi 6 u 9 għal negozji mmexxja min-nisa li jibbenefikaw minn appoġġ.

2.6. Il-gwerra fl-Ukrajna, bħala riżultat tal-aggressjoni Russa, evidenzjat tnaqqis sinifikanti bi prospetti ta' tkabbir ikkaratterizzati minn inċertezza, b'mod partikolari, b'rabta mal-provvista tar-riżorsi tal-enerġija u l-kostijiet li qed jiżdiedu, fatturi li jinfluwenzaw l-allokazzjoni tan-nefqa u l-investiment fil-baġits nazzjonali. Din l-inċertezza se jkollha wkoll impatt fuq l-implimentazzjoni tal-RRPs.

2.7. Id-dinja tax-xogħol u s-soċjetà kollha kemm hi qed joħorġu mill-kriżi billi jħarsu lejn irkupru ekonomiku u soċjali fit-tul, li fuqu huma bbażati l-RRPs, li ma jistgħux jinjoraw l-adozzjoni ta' qafas orjentat lejn il-ġeneri biex jiġu indirizzati u megħluba l-inugwaljanzi u d-disparitajiet bejn il-ġeneri li l-kriżi tal-COVID-19 sfortunatament amplifikat f'xi setturi produttivi, gruppi tal-popolazzjoni u f'xi reatijiet territorjali⁽⁴⁾.

3. L-isfond, it-tnejja tal-finanzjament u r-riżorsi allokat li-RRPs

3.1. FLulju li għadda, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' rieżami dwar l-implimentazzjoni tal-iskema, li jindirizza wkoll l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri⁽⁵⁾. Ir-rapport jispjega s-sitwazzjoni attwali tal-kontributi riċevuti mill-Istati Membri abbażi tal-RRPs li ppreżentaw, li jistabbilixxi l-prijoritajiet fil-mira tal-25 RRP analizzati abbażi tas-sitt pilastri ta' azzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza⁽⁶⁾.

3.2. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri proposti mill-Istati Membri għandhom oġġettivi trażversali u mhux neċessarjament immirati speċifikament lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Mill-129 miżura proposti, bħalissa bdew investimenti biss fi 13 minnhom. Mhux l-Istati Membri kollha pprowdew riformi u riżorsi li jimmiraw b'mod espliċitu għall-isfidi relatati mal-ġeneru jew li jindikaw lin-nisa bħala benefiċjarji. Il-miżuri innovattivi f'setturi b'livell baxx ta' impjeggi fost in-nisa huma dgħajfa wkoll⁽⁷⁾. Ħafna minnhom huma kkonċentri fis-servizzi għall-indukrar tat-tfal, fil-kura u fl-edukazzjoni. Ir-rapport tal-Kummissjoni juri li l-RRPs, li jipprevedu approċċ strateġiku permezz ta' miżuri u riformi mmirati lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jinsabu fi ftit pajjiżi biss.

3.3. Stati Membri oħra ppreferew ċerti assi, bħal miżuri għall-koeżjoni soċjali u territorjali, b'enfasi fuq l-oportunitajiet indaqs, li ta' spiss jassorbu wkoll l-oġġettiv ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri; jew miżuri mmirati lejn gruppi vulnerabbli, li ta' spiss jinkludu n-nisa u ż-żgħażaġh. Fl-aħħar nett, il-miżuri li jakkumpanjaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali b'enfasi fuq

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

⁽³⁾ Dawn l-indikaturi speċifiċi huma: a) riċerkaturi li jaħdmu f'ċentri ta' riċerka appoġġjati; b) għadd ta' parteċipanti f'kursijiet ta' edukazzjoni u taħriġ; c) għadd ta' persuni li għandhom xogħol jew li qed ifittxu xogħol; d) għadd ta' żgħażaġh li għandhom bejn il-15 u 29 sena li jirċievu appoġġ.

⁽⁴⁾ Nota ta' Riċerka 2021 dwar *Gender equality and the socio-economic impact of the COVID-19 pandemic* (L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-impatt soċjoekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19 — mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁵⁾ COM(2022) 383 final.

⁽⁶⁾ In-Netherlands issottomettew l-RRP tard meta mqabbla ma' pajjiżi oħra; l-RRP tal-Ungerija bħalissa tinsab sospiża għal raġunijiet ta' konformità mal-istat tad-dritt.

⁽⁷⁾ Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna u l-artiklu PNRR Italia, *Gender Gap e politiche per l'innovazione e la digitalizzazione nel PNRR: quali misure?* (L-RRPs tal-Italja, id-disparità bejn il-ġeneri u l-politiki għall-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fl-RRPs — mhux disponibbli bil-Malti) minn Marusca de Castries, Università degli Studi di Roma Tre, u Barbara Martini, Università di Roma Tor Vergata, Settembru 2022.

it-taħriġ, li jara lin-nisa, f'xi pajjiżi, għadhom lura meta mqabbla mal-aċċess ugwali għall-programmi ta' taħriġ u taħriġ mill-ġdid. Ta' min jinnota li l-parti l-kbira tal-Istati Membri ma identifikawx il-vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala waħda mill-isfidi fil-qafas ta' miżuri li jappoġġjaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-RRPs.

3.4. L-RRPs inbnew b'valutazzjoni ex ante fil-livell nazzjonali tas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, b'mod ġenerali bi prijoritajiet ta' nefqa diġà stabbiliti li ma qisux id-dimensjoni tal-ġeneru kemm f'termini ta' riżorsi allokat kif ukoll billi eżaminaw il-kontenut tal-proġetti ta' investiment ippreżentati. Il-proposta oriġinali għal Regolament dwar l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-Kummissjoni ma inkludiet l-ebda referenza għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala objettiv u ma semmietx lin-nisa bħala mira speċifika tal-benefiċjarji. Sussegwentement biss, abbażi tal-pressjonijiet tas-sħubija ekonomika u soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ġiet introdotta dimensjoni tal-ġeneru fl-RRPs fir-regolament ippubblikat fi Frar 2021. Din hija wkoll ir-raġuni għaliex id-dimensjoni tal-ġeneru u l-ibbaġitjar skont il-ġeneru mhumieq preżenti fl-RRPs kollha, iżda biss f'dawk li oriġinarjament kienu stabbilew kwalità ta' nfiq u investiment orjentata lejn il-ġeneru.

3.5. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tirrikjedi li l-Istati Membri jindikaw kif l-RRPs jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri, iżda l-valutazzjoni tal-impatt se ssir biss meta titqies il-prestazzjoni tal-azzjonijiet meħuda. Għalhekk huwa importanti li l-Kummissjoni tkejjel l-effettività tal-azzjonijiet u l-investimenti ppjanati fl-istadju tal-valutazzjoni billi tinvolvi l-imsieħba ekonomiċi u soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bl-użu ta' indikaturi speċifiċi komparabbli. Id-data miġbura sa issa ma tirriflettix is-sitwazzjoni reali fil-livell nazzjonali. Għalhekk, illum huwa diffiċli li wieħed jgħid x'inhu l-impatt ta' xi miżuri biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni bejn il-ġeneri, speċjalment id-diskriminazzjoni trażversali, fuq is-sitt pilastri.

3.6. Mir-riżorsi allokat għall-RRPs, illum mhuwix possibbli li jkun hemm stampa ċara tal-investimenti appoġġjati mhux biss mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, iżda wkoll minn riżorsi pubbliċi u privati nazzjonali komplementari mmirati esklużivament lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fid-diversi oqsma tax-xogħol u tas-soċjetà. Il-kwantifikazzjoni tar-riżorsi allokat se tkun possibbli biss fl-istadju tal-implimentazzjoni.

3.7. Madankollu, skont ir-rapport tal-Kummissjoni dwar miżuri speċifiċi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-RRPs, il-perċentwal ta' azzjonijiet ivarja ħafna, minn 11 % allokat mill-Iżvezja sa inqas minn 1 % mill-Kroazja, b'diversi pajjiżi taħt it-2 %. Madankollu, jenħtieġ li jitqies ukoll l-impatt tal-miżuri indiretti stabbiliti fil-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u l-miżuri diretti u indiretti ppjanati bir-riżorsi tal-Komunità tan-NextGenerationEU, li jissupplimentaw l-RRPs, bħal REACT-EU u l-FAEŻR (Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali).

3.8. Skont ir-rapport tal-Kummissjoni u skont l-ewwel informazzjoni miġbura mill-EIGE, l-istampa li toħroġ hija frammentata u irregolari bejn il-pajjiżi. Mhux il-pajjiżi kollha għandhom data diżaggregata skont il-ġeneru, minkejja li din intalbet mill-Kummissjoni sabiex tkun tista' tirrapporta regolarment u puntwalment dwar in-nefqa relatata mal-ġeneru fl-RRPs abbażi ta' xi elementi komuni.

3.9. Peress li mhijiex disponibbli analiżi fil-fond tal-ġeneru ex ante mill-Istati Membri kollha tal-RRPs, ma hemm l-ebda valutazzjoni tal-impatt tal-miżuri fuq ix-xogħol addizzjonali u ta' kwalità u fuq ix-xogħol bi kwalifiki għoljin. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri tqieset bħala prinċipju ġenerali trażversali minn 14-il pajjiż⁽⁸⁾; Spanja biss indikat il-kriterju tal-integrazzjoni tal-ġeneri fl-RRP kollu. L-Italja introduċiet miżuri speċifiċi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u elaborat l-impatt tal-miżuri anke f'termini ta' żieda fl-impjiegi, iżda għad hemm tħassib dwar l-effettività reali tagħhom u l-kwalità tal-interventi⁽⁹⁾. F'pajjiżi oħra, ġew previsti miżuri indiretti biex jippromovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħall-investiment fil-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, l-investiment fis-servizzi tal-kura, l-inċentiv għat-taħriġ STEM, it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u t-taħriġ. Dawn se jkollhom impatt fuq terminu medju sa twil iżda li illum ma jistgħux jiġu kkwantifikati. Minbarra dawn l-investimenti, xi Stati Membri pprevedew miżuri diretti bħal inċentivi għar-reklutaġġ u inċentivi għall-intraprenditorija femminili.

⁽⁸⁾ Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

⁽⁹⁾ Ara n-nota 6 f'qiegħ il-paġna.

3.10. Ingħatat attenzjoni partikolari minn xi pajjiżi għall-akkwist skont il-ġeneru ⁽¹⁰⁾ b'miżuri ta' kundizzjonalità għar-reklutaġġ ta' nisa u żgħażaġh f'kuntratti pubbliċi konklużi b'riżorsi tal-RRP. Ikun mixtieq li jiġu rregolati s-sejħiet pubbliċi għall-offerti għall-entitajiet ta' implimentazzjoni b'indikazzjoni espliċita tal-oġġettivi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

3.11. L-RRPs innovattivi f'dan il-qasam jinkludu, pereżempju, l-RRPs ta' Spanja, l-Italja u Franza. L-RRP Spanjol wettaq impenn sinifikanti billi stabbilixxa li l-proċeduri amministrattivi pubbliċi kollha għandu jkollhom perspettiva tal-ġeneru. L-RRP Taljan introduċa linji gwida dwar l-oportunitajiet indaqs fil-kuntratti ffinanzjati mill-RRP, li jipprevedu l-applikazzjoni ta' miżuri ta' premjazzjoni u mudelli ta' klawżoli fi ħdan is-sejħiet għall-offerti, differenzjati skont is-settur, it-tip u n-natura tal-proġett, bl-obbligu li jiġu riżervati 30 % tar-reklutaġġ għall-implimentazzjoni tal-kuntratti għaż-żgħażaġh taħt is-36 sena u għan-nisa, kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri mill-kumpaniji. L-RRP Franċiż, min-naħa l-oħra, stabbilixxa l-introduzzjoni ta' indikaturi ġodda għall-kumpaniji biex jikkalkulaw l-ugwaljanza professjonali u l-progressjoni permezz ta' pjan ta' azzjoni, filwaqt li l-RRPs Irlandiżi u Kroati jagħtu premijijiet ta' finanzjament lill-kumpaniji li jużaw il-kriterji dwar il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri ⁽¹¹⁾.

3.12. Ir-rapport tal-Kummissjoni ta' Lulju 2022 jenfasizza li d-diskussjonijiet mal-imsieħba ekonomiċi u soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili matul it-tħejija tal-RRP kienu deċiżament modesti u okkażjonali. L-atturi soċjali u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili esprimew tħassib serju dwar il-parteċipazzjoni fil-fażi ta' implimentazzjoni u monitoraġġ tal-azzjonijiet. B'mod partikolari, l-esperti dwar il-ġeneru jinnotaw ⁽¹²⁾ li, mingħajr data affidabbli, komparabbli u mmirata, diżaggregata skont il-ġeneru, iżda fuq kollox ta' kwalità u li tkopri oqsma u setturi differenti, se jkun diffiċli li jiġi vvalutat l-impatt tal-miżuri. Il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa li l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili involuti fil-promozzjoni tal-oportunitajiet indaqs jiġu involuti aktar mill-qrib kemm mill-istituzzjonijiet Ewropej kif ukoll mill-istituzzjonijiet nazzjonali u reġjonali fl-implimentazzjoni, il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-RRPs.

4. Valutazzjonijiet tal-kuntest tal-RRPs

4.1. Il-KESE jenfasizza l-importanza li tiġi implimentata l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU, li tpoġġi l-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fost is-17-il oġġettiv, flimkien mal-oġġettivi stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-2020-2025* ⁽¹³⁾ fil-kuntest tal-parteċipazzjoni uguali fis-setturi ekonomiċi varji u d-differenza fil-paġi bejn in-nisa u l-irġiel.

4.2. L-istrateġija dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tinkludi politiki u azzjonijiet biex jiġu indirizzati l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u inugwaljanza, inkluż fir-rigward tal-komunità LGBTIQ ⁽¹⁴⁾, u trid tkun punt ta' referenza għall-implimentazzjoni tal-RRPs. Il-KESE jenfasizza l-importanza li jiġu implimentati azzjonijiet ewlenin, kondvinzi mal-partijiet kollha, li għandhom l-għan jiżguraw parteċipazzjoni u oportunitajiet indaqs fis-suq tax-xogħol, inaqqsu d-differenza fil-paġi għal rwoli uguali u n-nuqqas ta' aċċess għal pożizzjonijiet manġerjali superjuri, u jiksibu bilanċ bejn

⁽¹⁰⁾ L-akkwist skont il-ġeneru huwa strateġija innovattiva introdotta mill-Kummissjoni biex trawwem l-investiment fl-ugwaljanza permezz tal-introduzzjoni ta' kriterji tal-għoti speċifiċi sensitivi għall-ġeneru jew rekwiżiti għall-parteċipazzjoni fl-akkwist jew kriterji tal-għoti li jinkludu parametri soċjali. L-akkwist skont il-ġeneru għandu l-għan li jżid l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol, itejjeb il-preżenza tan-nisa fl-ogħla pożizzjonijiet u jnaqqas id-differenza fil-paġi.

Ir-rapport tal-ELGE dwar Gender-responsive public procurement: the key to fair and efficient public spending in the EU (Akkwist pubbliku sensitiv għal kwistjonijiet tal-ġeneru: iċ-ċavetta għal infiq pubbliku ġust u effiċjenti fl-UE — mhux disponibbli bil-Malti), ippubblikat fl-2022, jindika kif l-akkwist pubbliku jista' jiggwida u jappoġġja l-ugwaljanza bejn il-ġeneri billi jittejb u l-effettività u l-kwalità tal-infiq pubbliku bi studji ta' każijiet u rakkomandazzjonijiet.

⁽¹¹⁾ Data miġbura mill-analiżi tal-ELGE, ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

⁽¹²⁾ Briefing tal-Parlament Ewropew dwar Gender equality in the Recovery and Resilience Facility (L-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza — mhux disponibbli bil-Malti), ippubblikat f'April 2022, li jesprimi tħassib minn studji differenti mwettqa fil-livell nazzjonali (minn ċentri ta' riċerka u universitajiet).

⁽¹³⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-5 ta' Marzu 2020 (COM/2020/152 final).

⁽¹⁴⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ għall-2020-2025" (COM(2020) 698 — final) (ĠU C 286, 16.7.2021, p. 128).

il-ġeneri fil-proċess tat-tehdid ta' deċiżjonijiet u fil-politika. Il-KESE jappella għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni rapidi tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi ⁽¹⁵⁾ – li tistabbilixxi strumenti u azzjonijiet fil-livell nazzjonali biex jiġi indirizzat u eliminat id-distakk – u jappella għal monitoraġġ mill-qrib tal-kawżi u r-responsabbiltajiet.

4.3. L-oġġettiv ta' parteċipazzjoni aħjar tan-nisa fis-suq tax-xogħol għandu jiġi indirizzat b'mod strutturali u komprensiv, billi jitqiesu l-varjabbli ekonomiċi, edukattivi, ġeografiċi, soċjali u kulturali, inkluż fiż-żoni remoti u rurali. F'dan ir-rigward, għandu jittieħed approċċ integrat, billi jiġi sistemizzat il-kontribut tal-istituzzjonijiet Ewropej, nazzjonali u reġjonali kollha b'mekkaniżmi effettivi ta' djalogo soċjali mal-atturi kollha u f'diversi livelli.

4.4. Sabiex tiżdied il-parteeipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, il-KESE jinnota l-ħtieġa urġenti li l-Istati Membri kollha jimplimentaw malajr kemm jista' jkun id-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata (id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁶⁾), li tintroduċi regoli dwar il-liv relatat mal-familja u arranġamenti tax-xogħol flessibbli għall-ħaddiema u tippromovi kondivizzjoni ġusta tar-responsabbiltajiet ta' indukrar bejn il-ġenituri, u tgħin biex jitneħħew l-ostakli li jfixklu l-għażla libera għall-maternità u l-paternità tal-unitajiet domestiċi.

4.5. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) tal-2019 u l-2020 fil-qafas tas-Semestru, dwar azzjonijiet li għandhom jittieħdu biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri, wasslu lil xi Stati Membri biex jinkorporaw dimensjoni tal-ġeneru fl-RRPs ⁽¹⁷⁾, iżda sfortunatament fi ħdan qafas ta' azzjonijiet frammentati bejn id-diversi pajjiżi.

4.6. B'riżultat tal-pandemija u l-impatt fuq l-istatus tan-nisa, is-CSRs kienu sporadiċi u okkażjonali. Fl-2022, tliet pajjiżi biss, l-Awstrija, il-Ġermanja u l-Polonja, kellhom CSRs relatati mal-parteeipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-funzjonament tas-servizzi tal-indukrar tat-tfal, filwaqt li 22 pajjiż ieħor irċevew CSRs għal gruppi żvantaġġati ⁽¹⁸⁾, li wasslu għal miżuri indiretti dwar ix-xogħol jew l-istatus tan-nisa, li kienu diffiċli li jiġu kkwantifikati. Il-KESE jinnota li, fid-dawl tad-data dwar l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tan-nisa, is-CSRs speċifiċi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri kienu jkunu mixtieqa sabiex jinkoraġġixxu programmazzjoni ex ante koerenti fl-RRPs, inkluż b'investimenti mmirati.

4.7. L-EIGE jenfasizza f'diversi rapporti d-distribuzzjoni inugwali tar-responsabbiltajiet tal-familja, speċjalment fil-kura tat-tfal u fis-servizzi ta' kura fit-tul għall-anzjani u l-persuni b'diżabilità ⁽¹⁹⁾. Dawn ir-responsabbiltajiet huma waħda mir-raġunijiet ewlenin għal-livell baxx ta' parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol ⁽²⁰⁾. Bil-lockdown u l-għeluq tal-iskejjel, is-sitwazzjoni marret għall-agħar. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li ħafna RRPj jirrikonoxxu r-relazzjoni bejn is-servizzi ta' kura mhux imħallsa u l-miżuri ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u introduċew miżuri li jagħtu preferenza għat-tisħiħ tas-servizzi għall-indukrar tat-tfal ⁽²¹⁾.

4.8. Dawn is-servizzi għandhom ikunu aċċessibbli wkoll għal unitajiet domestiċi ifqar billi jiġu riveduti l-kriterji tat-tariffi biex jiġi ffaċilitat l-użu tagħhom minn kulħadd. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-promozzjoni tal-attendenza full-time fl-iskejjel kollha ta' kull tip u livell, b'attivitajiet kurrikulari u ekstrakurrikulari, u għall-implimentazzjoni ta' servizzi addizzjonali fl-iskejjel preprimarji, bħal qabel u wara l-iskola, u għat-tisħiħ tal-offerta pubblika taċ-ċentri tas-sajf għall-bniet u s-subien. Dawn huma miżuri indiretti li għandhom isibu kanali ta' investiment definiti u dejjiema, li sfortunatament ma jidhrux fl-RRPs b'ippjanar tar-riżorsi fuq terminu medju sa twil.

⁽¹⁵⁾ Il-Proposta għal Direttiva dwar it-trasparenza fil-pagi qed tiġi nnegozjata fit-trilogu.

⁽¹⁶⁾ Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79).

⁽¹⁷⁾ Rapport tal-Parlament Ewropew dwar CSRs and RRPj — Thematic overview on gender-related issues (CSRs u RRPj — Ħarsa ġenerali tematika dwar il-ġeneru — mhux disponibbli bil-Malti), ippubblikat f'Ottubru 2021.

⁽¹⁸⁾ Ara n-nota 14 f'qiegħ il-paġna.

⁽¹⁹⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Ir-rwol tal-membri tal-familja li jipprovdu l-kura lill-persuni b'diżabilità u lill-anzjani: l-isplużjoni tal-fenomenu matul il-pandemija (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 75, 28.2.2023, p. 75), li tipprovdi rakkomandazzjonijiet importanti dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu.

⁽²⁰⁾ Rapport tal-EIGE, Gender Mainstreaming — Gender stakeholder consultation (L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri — Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati dwar il-ġeneri — mhux disponibbli bil-Malti), ippubblikat fl-2019.

⁽²¹⁾ Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

4.9. Il-KESE jappella għal azzjonijiet ta' taħriġ għall-operaturi taċ-ċentri tax-xogħol immirati lejn l-orjentazzjoni tal-ġeneru sabiex tiġi ffurmata u mxerrda kultura ħielsa mill-isterjotipi tal-ġeneru. Fl-istess ħin, huwa importanti li jiġu promossi sħubijiet bejn in-negozji u l-ħaddiema fix-xogħol u t-taħriġ sabiex tiġi promossa l-integrazzjoni tan-nisa f'setturi li b'mod predominanti jimpjegaw lill-irġiel.

4.10. Il-KESE jappoġġja l-idea li tingħata prijorità lill-inċentivi għall-kumpaniji li jimpjegaw lin-nisa li huma fil-mira ta' politiki attivi, b'kuntratti ta' impjieg stabbli u kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin. Barra minn hekk, l-inċentivi għall-appoġġ u s-sostenn għall-intraprenditorija awtonoma huma importanti, inkluż permezz ta' appoġġ immirat għal taħriġ finanzjarju u maniġerjali u aċċess għal strumenti finanzjarji ⁽²²⁾.

5. Valutazzjonijiet speċifiċi

5.1. Il-kriżi laqtet ħażin lin-nisa, li spiss isibu ruħhom f'pożizzjoni li jaċċettaw jaħdmu xogħlijiet mingħajr bżonn ta' kwalifiki. Barra minn hekk, il-xogħol part-time involontarju huwa kundizzjoni dejjem aktar komuni fost il-ħaddiema nisa. Sabiex titreġġa' lura din it-tendenza u tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u jiġu promossi xogħlijiet ta' kwalità u b'ħiliet speċjalizzati, hija prijorità li jissaħħu l-miżuri diretti u indiretti fl-RRPs.

5.2. Sabiex jitnaqqsu d-disparitajiet bejn il-ġeneri, il-KESE jirrakkomanda li l-RRPs jiġu pprogrammati b'mod ikkoordinat u komplementari mar-riżorsi u l-programmi komunitarji l-oħra kollha, l-ewwel nett permezz tar-riżorsi u tal-programmi ta' koeżjoni.

5.3. Id-differenzi u l-inugwaljanzi eżistenti bejn il-ġeneri jagħmlu l-politiki pubbliċi mhux newtrali għall-ġeneru, u għalhekk huwa importanti li l-istituzzjonijiet kollha, kemm Ewropej, nazzjonali kif ukoll lokali, jadottaw l-ibbaġitjar skont il-ġeneru bħala dokument komplementari għall-politiki tat-taxxa. Għal dan l-għan, il-KESE jirrakkomanda li l-ibbaġitjar skont il-ġeneru jkun obligatorju fil-fażi tas-Semestru Ewropew ⁽²³⁾.

5.4. Il-KESE jwissi dwar ir-riskju li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, kif inhi mfassla, tista' żżid id-disparitajiet f'xi setturi tal-produzzjoni bħal daww ekoloġiċi u diġitali. Filwaqt li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija prijorità trażversali, mingħajr azzjoni speċifika u li tista' titkejjel għall-promozzjoni tax-xogħol tan-nisa, inkluż f'termini ta' kwalifiki għoljin f'setturi b'livell għoli ta' xogħol fost in-nisa, ir-riskju huwa li d-disparità fix-xogħlijiet bejn il-ġeneri tkompli tiżdied, bir-riskju ta' aktar segregazzjoni tan-nisa f'xogħlijiet li jrendu inqas qligħ.

5.5. L-RRPs għandhom jinkludu indikaturi komparabbli biex ikejlu t-titjib fil-paga ugwali, l-aċċess għas-suq tax-xogħol skont is-setturi, ir-rikonċiljazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol u tal-kura, il-kreditu konċessjonali, l-inċentivi għall-promozzjoni tal-intraprenditorija awtonoma u x-xogħol indipendenti tan-nisa.

5.6. L-inċentivi għar-reklutaġġ permanenti ta' nisa għandhom jingħataw preferenza fuq inċentivi oħra u għandhom jiġu esklużi mill-mappa tal-ġajjnuna mill-Istat.

5.7. It-titjib tar-rikonċiljazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol u tal-kura huwa wieħed mill-oġġettivi ewlenin biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tan-nisa fid-dinja tax-xogħol u tittejjeb il-produttività tan-negozji. Għal dan l-għan, il-KESE jqis li hija prijorità li jiġu investiti riżorsi fis-servizzi ta' konċiljazzjoni tax-xogħol u s-servizzi tal-kura mhux biss ma' servizzi addizzjonali fl-iskejjel preprimarji u l-promozzjoni ta' servizzi edukattivi progressivi mingħajr ħlas għal tfa' l-fl-età ta' bejn 0 u 3 snin għal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, iżda wkoll billi jiżdied l-investment biex jiġu implimentati servizzi ta' sostenn u kura fit-tul.

5.8. Il-kisba tal-oġġettivi fis-servizzi ta' konċiljazzjoni tal-ħin tax-xogħol u tal-kura għandha tkun appoġġjata mir-reklutaġġ ta' professjonisti speċifiċi u mill-ħtieġa ta' taħriġ kontinwu għal daww kollha involuti f'dawn is-servizzi, li issa huma fil-biċċa l-kbira nisa.

⁽²²⁾ L-RRP Spanjol jalloka EUR 36 miljun biex jgħin lin-nisa intraprendituri b'negozji ġodda; l-RRP Taljan jimmobilizza EUR 400 miljun biex jappoġġja l-parteċipazzjoni tan-nisa f'attivitajiet intraprenditorjali.

L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Investment b'perspettiva tal-ġeneru bħala mod kif intejbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-Unjoni Ewropea (ĠU C 100, 16.3.2023, p. 16), li tressaq proposti biex tħeġġeġ l-investment fl-intraprenditorija tan-nisa.

⁽²³⁾ Id-dokument ta' diskussjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Gender Budgeting Practices: Concepts and Evidence (Prattiki ta' Bbaġitjar skont il-Ġeneru: Kunċetti u Evidenza — mhux disponibbli bil-Malti), ippubblikat f'Ġunju 2022.

5.9. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li l-klawżola tal-bonus tal-impjieg tan-nisa tiġi estiża għall-akkwist pubbliku kollu, sabiex jiġu appoġġjati l-kumpaniji li jimpenjaw ruħhom li joħolqu xogħlijiet stabbli, isaħħu l-inklużjoni soċjali u jnaqqsu d-differenzi bejn il-ġeneri fix-xogħlijiet.

5.10. Id-disparità bejn il-ġeneri fix-xjenza hija preżenti ħafna u l-għeruq tagħha jibdwu mill-edukazzjoni bikrija. Sfortunatament, huma biss ftit l-RRPs li inkludew miżuri biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-istituti tekniċi u xjentifiċi u fil-korsijiet universitarji tekniċi-xjentifiċi (STEM). Għalhekk huwa meħtieġ investiment speċifiku fi pjani ta' taħriġ biex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xjenza, kif ukoll fir-riċerka u l-iżvilupp, kif ukoll investiment u forom ġodda ta' appoġġ għal proġetti mmirati, sabiex jiġi żgurat li tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa f'attivitajiet innovattivi. Dawn l-interventi se jkollhom impatt pożittiv fuq terminu medju sa twil u għalhekk għandhom jiġu pprogrammati b'approċċ strateġiku.

5.11. Il-KESE jqis li huwa importanti li tittieħed azzjoni wkoll fil-qasam tat-taxxa, inkluż fuq l-istruzzjonijiet tal-Kummissjoni⁽²⁴⁾, u abbażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali permezz ta' ħelsien mit-taxxa fuq it-tieni sors ta' dħul, li ħafna drabi jikkorrispondu għal dak tan-nisa għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx. Huwa importanti wkoll li jkun hemm ħelsien mit-taxxa fuq l-introjtu ta' unitajiet domestiċi foqra b'ġenitur wieħed.

5.12. Minbarra l-miżuri stabbiliti fl-RRPs, il-KESE jipproponi, bħala miżuri ta' politika ta' akkumpanjament, iċ-ċertifikazzjoni obbligatorja tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri sabiex titnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri u jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tan-nisa, tiġi indirizzata l-vjolenza abbażi tal-ġeneru⁽²⁵⁾, jinxtardu l-metodi aġevolati ta' ħidma permezz ta' negozjar mal-imsieħba soċjali u jiġi attivat xogħol part-time volontarju mħallas skont ir-regolamenti nazzjonali għan-nisa li jirritornaw mil-liv tal-maternità.

5.13. Il-KESE japprezza l-approċċ meħud mill-Kummissjoni fir-rapport, li jipprevedi l-monitoraġġ tal-azzjonijiet tal-RRPs tal-pajjiżi individwali minn perspettiva tal-ġeneru. Se jkun importanti li l-missjonijiet tal-Kummissjoni fl-Istati Membri differenti jinkludu enfasi speċifika fuq il-miżuri fis-seħħ dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jiżguraw il-ġestjoni ta' data trasparenti u aċċessibbli.

5.14. Il-KESE jirrakkomanda li l-imsieħba ekonomiċi u soċjali u s-soċjetà ċivili jkun involuti bis-sħiħ fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-RRPs, inkluż permezz ta' "kumitati ta' tmexxija" maħluqa apposta fil-livell Ewropew u nazzjonali biex jiġi promoss l-ippjanar ikkoordinat tal-inizjattivi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2022.

Christa SCHWENG

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽²⁴⁾ Ara n-nota 10 fqiegħ il-paġna.

⁽²⁵⁾ L-Istati Membri ġew imħeġġa jirratifikaw il-Konvenzjoni Nru 190 tal-ILO dwar il-Vjolenza u l-Fastidju fuq il-Post tax-Xogħol, li bħalissa hija ratifikata minn żewġ pajjiżi Ewropej biss.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Investiment b’perspettiva tal-ġeneru bħala mod kif intejbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-Unjoni Ewropea”

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2023/C 100/03)

Relatur: **Ody NEISINGH**

Korelatur: **Maria NIKOLOPOULOU**

Konsultazzjoni	20.1.2022
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta’ Proċedura Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adozzjoni fis-sezzjoni	23.11.2022
Adozzjoni fil-plenarja	14.12.2022
Sessjoni plenarja Nru	574
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	172/6/7

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li bil-kollaborazzjoni tal-irġiel u n-nisa, u bil-ħolqien ta’ art fertili għall-intraprenditorija tan-nisa u l-istrumenti finanzjarji u leġiżlattivi adegwati, bħall-ibbaġitjar skont il-ġeneru, nistgħu noħolqu ekosistema finanzjarja inklużiva fl-UE u fl-Istati Membri u nimxu ’l quddiem aktar malajr lejn l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri.

1.2. Id-data, il-valutazzjonijiet tal-impatt u l-indikaturi komuni huma essenzjali għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri. Id-data u l-indikaturi mill-Istati Membri u fost l-istituzzjonijiet fil-livell tal-UE jeħtieġu l-armonizzazzjoni sabiex ikunu strumentali fl-indirizzar tad-distakk bejn il-ġeneri. Il-KESE jisħaq li l-UE għandha tiġbor data diżaggregata skont il-ġeneru fil-kuntest Ewropew tal-investimenti u tintegraha fl-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri annwali.

1.3. Sabiex jitħaffef it-tkabbir futur tal-intraprenditorija tan-nisa, ta’ min jinvestiga r-rwol tal-investituri informali, l-investimenti tal-bidu u ċ-ċirku tar-retroċessjoni (circle of giving back).

1.4. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li permezz tat-titjib tal-pożizzjoni tan-nisa biex jirċievu l-fondi, se jkun hemm effett minn fuq għal isfel (trickledown effect) pożittiv li jwassal għal riżultati finanzjarji u soċjali aħjar.

1.5. Sabiex tinholq art fertili għall-intraprenditorija tan-nisa, il-KESE jqis li huwa importanti li n-nisa jiġu pprovduti b’aktar opportunitajiet ta’ networking u taħriġ u programmi ta’ mentoraġġ. Barra minn hekk, il-KESE jisħaq fuq l-importanza tal-edukazzjoni biex jiġu kkontestati l-isterjotipi tal-ġeneru, inklużi l-ideat sterjotipiċi tal-intraprendituri bħala rġiel u fil-bini ta’ kultura intraprenditorjali li tipprepara lin-nisa biex jaħsbu f’termini ta’ skali akbar.

1.6. Il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri jipprovdu aċċess għall-benefiċċji tal-maternità u għażliet tal-liv tal-ġenituri għall-intraprendituri nisa b’konformità mal-prinċipji stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom.

1.7. Il-KESE jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jibdwu iħajru lill-bniet jinteressaw ruħhom fl-oqsma STEM minn età bikrija, jappoġġjaw lill-intraprendituri nisa u l-mudelli eżemplari nisa f’dawn is-setturi u jinvestu fi programmi biex il-bniet fl-iskejjel sekondarji jiġu mħajra jinteressaw ruħhom fis-STEM.

1.8. Il-KESE jirrakkomanda l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Soċjali billi jiġu pprovduti azzjonijiet immirati għan-nisa u tinżamm perspettiva tal-ġeneru bħala kriterju fir-rigward tal-allokazzjoni tal-fondi tal-UE u dawk nazzjonali u fl-akkwist pubbliku sabiex jiġi promoss u jinżamm it-talent tan-nisa fis-suq tax-xogħol.

1.9. Il-KESE jissuġġerixxi li d-diversità tat-timijiet b'enfasi speċifika fuq in-nisa għandha tkun kriterju biex jingħata finanzjament pubbliku. Huwa importanti li jiġu stabbiliti standards speċifiċi sabiex jiġi evitat li l-affarijiet jinbidlu biss b'mod li jiffavorixxi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri meta dan ikun konvenjenti għal skopijiet ulterjuri (pinkwashing) ⁽¹⁾.

1.10. Il-KESE jirrakkomanda li fuq terminu medju l-awtoritajiet Ewropej u l-Istati Membri kollha għandhom jużaw l-għodod tal-ibbaġitjar skont il-ġeneru fil-livelli kollha tal-proċess baġitarju. Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili u d-dialogu soċjali huma kruċjali wkoll sabiex jiġu identifikati l-oqsma li jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tal-baġit.

1.11. Il-preġudizzji inkonsapevoli fis-settur finanzjarju jippersistu, għalhekk il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni u t-taħriġ dwar il-preġudizzji inkonsapevoli għall-investituri u l-ġuriji huma importanti. Barra minn hekk, il-KESE jqis li l-ġuriji kollha tal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej għandhom jilhq u bilanċ bejn il-ġeneri mill-aktar fis possibbli biex jiġi evitat preġudizzju favur min hu simili jew preġudizzju bbażat fuq "fwejjeġ simili li jattiraw lil xulxin", u għandhom ukoll jirċievu taħriġ dwar il-preġudizzji inkonsapevoli.

1.12. Il-KESE jissuġġerixxi li l-KE tippubblika valutazzjoni tal-impatt fuq il-ġeneri tal-baġit annwali tal-UE u tippreżentaha bħala dokument anness, u toħloq task force biex tipparteċipa fin-negozjati u tallinja u tinkludi l-oġettivi tal-UE għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-QFP (2028-2034) u fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP attwali (2021- 2027) ⁽²⁾.

1.13. Il-KESE jitlob li l-fondi tal-UE jsiru aktar aċċessibbli għall-organizzazzjonijiet tan-nisa billi jiġu ssemplifikati l-proċeduri u jiġu pprovduti għotjiet għall-attività ewlenija tagħhom.

1.14. Fl-aħħar nett, il-KESE jappella għal viżjoni ambizzjuża mill-Kummissjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet Ewropej dwar l-ibbaġitjar skont il-ġeneru u l-investiment b'perspettiva tal-ġeneru, inklużi miri konkreti dwar in-nisa li jirċievu fondi, indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni konkreti, leġislazzjoni, kriterji aġġornati u programmi (intensifikati) dwar it-titjib tal-intraprenditorija tan-nisa u l-aċċess għall-finanzi (eż. għotjiet iddedikati għan-nisa, finanzjament limitat iddedikat għall-imsieħba għal fondi li jappartjenu għan-nisa u bi sjieda konġunta, garanziji ta' self jew mikrofinanzjament, pjattaformi ta' koinvestment, bonds tal-ġeneru jew mikrokređiti).

2. Kummenti ġenerali

2.1. L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri hija oġettiv ewleni tal-Unjoni Ewropea (UE), b'konformità kemm mal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea kif ukoll mal-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Minkejja dawn l-obbligi legali biex tiġi żgurata l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, il-progress fl-integrazzjoni effettiva tal-perspettiva tal-ġeneri, b'mod partikolari fir-rigward tal-finanzi u l-baġits, miexi b'ritmu bil-mod.

2.2. Din l-Opinjoni trid tenfasizza l-isfidi u l-oportunitajiet tal-intraprenditorija, l-investimenti pubbliċi u privati u l-ibbaġitjar fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tappella għal viżjoni ambizzjuża mill-Istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri dwar l-investiment b'perspettiva tal-ġeneru u l-ibbaġitjar skont il-ġeneru. Din l-enfasi se jkollha impatt pożittiv fuq il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli dwar il-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri (SDG5) u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi (SDG10). Huwa importanti wkoll li jiġi rikonoxxut li sabiex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri neħtieġu l-kollaborazzjoni kemm min-nisa kif ukoll mill-irġiel fil-promozzjoni tal-ugwaljanza.

⁽¹⁾ Bit-terminu "pinkwashing" nfissru li nkunu taparsi attivi ħafna fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri iżda fir-realtà inkunu għadna lura, (komparabbli mat-terminu "greenwashing" fis-sostenibbiltà).

⁽²⁾ D'Alfonso, A. (2021). Qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (europa.eu) (Briefing tal-EPRS; PE 637.979). Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni Ewropea pproponiet rieżami obbligatorju ta' nofs it-terminu tal-funzjonament tal-QFP, li għandu jitwettag sa Diċembru 2023, p. 8.

2.3. Skont il-Kummissjoni Ewropea, in-nisa jirrappreżentaw madwar 52 % tal-popolazzjoni globali fl-Ewropa, iżda jikkostitwixxu 34,4 % ta' daww li jaħdmu għal rashom u 30 % tal-intraprendituri li għadhom jibdwu⁽³⁾.

2.4. It-timijiet imwaqqfa mill-irġiel biss jirċievu kważi 92 % tal-kapital ta' riskju kollu investit fl-Ewropa. Fir-rigward tal-finanzjament, fi stadji bikrija 1 % biss tal-finanzjament imur għal kumpaniji mmexxija min-nisa, u qatt ma jiżdied għal aktar minn 30 % fi stadji aktar tard, minkejja li t-timijiet b'fundaturi nisa u t-timijiet b'taħlita ta' ġeneri nstabu li jaqbz u l-kontropartijiet maskili tagħhom f'termini ta' prestazzjoni⁽⁴⁾ ⁽⁵⁾ ⁽⁶⁾ ⁽⁷⁾.

2.5. F'Marzu 2017, l-OECD irrappurtat li n-nisa huma inqas probabbli mill-irġiel li jirrapportaw li jistgħu jaċċessaw tal-finanzjament meħtieġ biex jibdwu negozju fil-pajjiżi kollha ħliet għall-Istati Uniti, il-Messiku, il-Greċja u l-Indoneżja. Dan id-distakk bejn il-ġeneri jista' jiġi assoċjat ma' nisa li għandhom livelli aktar baxxi ta' esperjenza, li joperaw f'setturi kompetittivi ħafna u bi tkabbir baxx, kif ukoll l-għoti ta' punteġġ tal-kreditu preġudikat skont il-ġeneru u l-isterjotipizzazzjoni tal-ġeneru fl-evalwazzjonijiet tal-investimenti. In-nisa huma wkoll ta' spiss imxejja minn inqas aċċess għal servizzi finanzjarji bażiċi (eż., kontijiet kurrenti u tat-tfaddil)⁽⁸⁾. Barra minn hekk, in-nisa li jaħdmu għal rashom huma aktar probabbli li jiġu skoraggħuti milli jissellfu meta mqabbla mal-irġiel li jaħdmu għal rashom.

2.6. Skont l-Istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025, waħda biss minn kull għaxar persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet f'kumpaniji tal-kapital ta' riskju u tal-ekwità privata hija mara, minkejja li xi fondi privati identifikati bħala li joperaw b'enfasi fuq il-ġeneru għandhom 72 % tal-imsieħba tagħhom nisa. Is-sejbiet indikaw li, bħala medja, 85 % tal-imsieħba ġenerali tal-kumpaniji tal-kapital ta' riskju huma rġiel u 15 % biss huma nisa. Fil-każi fejn in-nisa jkunu msieħba, dawn għandhom it-tendenza li jkunu msieħba ta' fondi iżgħar.

2.7. Il-pandemija tal-COVID-19 kabbret l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u daww ekonomiċi. Fl-aspetti soċjali u ekonomiċi, hemm distinzjoni ċara fir-rigward ta' kif il-coronavirus kellu impatt fuq il-ġeneri differenti. Il-pandemija tal-COVID-19 kellha wkoll impatt fuq l-aċċess tan-nisa għall-finanzjament. Filwaqt li ċ-ċifri Ewropej ma humiex disponibbli, fl-Istati Uniti saħansitra kien hemm tkabbir fid-distakk bejn il-ġeneri li diġà kienet teżisti fil-finanzjament tal-kapital ta' riskju għal negozji ġodda mmexxija min-nisa⁽⁹⁾.

2.8. Globalment, is-sensibilizzazzjoni dwar l-investiment b'perspettiva tal-ġeneru qed tkompli żżid fir-ritmu. Madankollu, l-ekosistema Ewropea tal-investiment għall-intraprendituri u l-fundaturi nisa għadha frammentata u m'għandhiex fokus sistemiku u strateġiku fuq il-ġeneru⁽¹⁰⁾. Il-fondi speċifiċi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri huma skarsi, u dawn l-inizjattivi ma jattirawx aktar intraprendituri nisa. Madwar 50 % tal-finanzjament fl-Unjoni Ewropea jikkonsisti fi flus il-kontribwenti. Sforz kollettiv fil-livell tal-UE li joħloq ekosistema ta' finanzjament ibbażata aktar fuq il-ġeneru u uguali, flimkien ma' akkumpanjament matul il-proċess kollu tal-ħolqien ta' negozju, jistgħu jwasslu għal kunsens u jgħinu biex jingħelbu l-ostakli għall-bidla.

2.9. Meta nitkellmu dwar l-investiment b'perspettiva tal-ġeneru, jeħtieġ li nkunu konxji tal-intersezzjonijiet kollha ma' inugwaljanzi oħra li jinfluwenzaw saħansitra aktar l-aċċess għall-finanzi, bħan-nisa b'diżabilità, in-nisa bi status soċjoekonomiku baxx, in-nisa żgħażaġh, in-nisa bi sfond ta' migrazzjoni, jew l-intersezzjoni mal-orjentazzjoni sesswali, ir-razza, eċċ.

⁽³⁾ https://www.eib.org/attachments/thematic/why_are_women_entrepreneurs_missing_out_on_funding_en.pdf

⁽⁴⁾ Il-Eurostat u l-Kummissjoni Ewropea. The State of European Tech 2020 (L-Istat tat-Teknoloġija Ewropea 2020 [mhux disponibbli bil-Malti]); Atomico (2020).

⁽⁵⁾ Why are women entrepreneurs missing out on funding? (Għaliex l-intraprendituri nisa qed jitilfu l-finanzjament? [mhux disponibbli bil-Malti]). Reflections and considerations – Executive summary (Riflessjonijiet u kunsiderazzjonijiet – Sommarju eżekuttiv [mhux disponibbli bil-Malti]), (eib.org).

⁽⁶⁾ Funding women entrepreneurs: How to empower growth (Il-finanzjament għall-intraprendituri nisa: Kif għandu jiġi awtonomizzat it-tkabbir [mhux disponibbli bil-Malti]), 2020.

⁽⁷⁾ <https://europeanwomeninvc.idcinteractive.net/8/>

⁽⁸⁾ COSME Programme Call for Proposals Encouraging community building around the issue of women entrepreneurship – Management and running of the WEgate platform (Sejħa għal Proposti tal-Programm COSME dwar L-inkoraġġiment tal-bini ta' komunità dwar il-kwistjoni tal-intraprenditorija tan-nisa – Il-ġestjoni u t-tmexxija tal-pjattaforma WEgate [mhux disponibbli bil-Malti]).

⁽⁹⁾ Women-Led Startups Received Just 2,3% of VC Funding in 2020 (hbr.org) (In-Negozji Ġodda Mmexxija min-Nisa Rċevew Biss 2,3 % tal-Finanzjament tal-Kapital ta' Riskju fl-2020 [mhux disponibbli bil-Malti]).

⁽¹⁰⁾ UN Women (2021) Investment with a gender lens in Europe (Investment b'perspettiva tal-ġeneru fl-Ewropa [mhux disponibbli bil-Malti]).

3. Kummenti speċifiċi

3.1. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li permezz tat-titjib tal-pożizzjoni tan-nisa biex jirċievu l-fondi, se jkun hemm effett minn fuq għal isfel (trickledown effect) pożittiv li jwassal għal riżultati finanzjarji u soċjali aħjar. Meta n-nisa investituri ta' kapital ta' riskju jieħdu d-deċiżjonijiet, huma għandhom probabbiltà doppja li jinvestu f'timijiet imwaqqfa min-nisa, u b'hekk iżidu l-impjeg tan-nisa. In-negozji ġodda b'fondatriċi mara jimlew il-persunal tagħhom bi 2,5 darbiet aktar nisa. Il-kumpaniji b'fondatriċi mara u b'eżekuttiv femminili jimpjegaw sitt darbiet aktar nisa ⁽¹¹⁾.

3.2. Il-ġbir tad-data huwa ta' importanza kbira sabiex tiġi evalwata s-sitwazzjoni attwali u jitfasslu strateġiji għall-futur. Minkejja l-isforzi f'dan ir-rigward, il-KE, il-Kunsill, l-OECD, il-EuroStat u l-EIGE jiġbru data dwar diversi aspetti tal-ġeneri, iżda din tirrikjedi armonizzazzjoni sabiex tkun strumentali fl-indirizzar tad-distakk bejn il-ġeneri. Jeħtieġ li l-ġbir ta' data rilevanti jkun obligatorju għall-Istati Membri. Il-metodoloġiji u l-metrika użati għandhom jitlaqqgħu flimkien biex tinħoloq perspettiva olistika u biex tkun tista' tintuża data addizzjonali (il-preġudizzju soċjali, il-preġudizzju tal-etniċità, il-preġudizzju fl-intersezzjonalità, eċċ.) biex ikunu jistgħu jsiru l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-progress u tal-politiki. Barra minn hekk, jeħtieġ li jsiru studji analitiċi aktar regolari u mtejbja. Il-KESE jisħaq li l-UE għandha tiġbor data diżaggregata skont il-ġeneru fil-kuntest Ewropew tal-investimenti u tintegraha fl-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri annwali.

3.3. Huwa daqstant importanti li tingħata ħarsa lejn id-daqs tat-tranżazzjonijiet (l-ammont ta' flus investiti), u r-rwol tal-investituri informali u l-investimenti tal-bidu. Ta' min issir riċerka wkoll dwar iċ-ċirku tar-retroċessjoni: in-nisa li jirċievu investiment, ikabbru u jibdeu ikabbru l-kapital ta' investiment tagħhom stess u jsiru investituri informali huma stess. Dan jista' jkun aċċeleratur pożittiv għat-tkabbir futur tal-intraprenditorija tan-nisa u jista' jżidded permezz ta' kampanji ta' promozzjoni mmirati, li għandhom l-għan li jżidu l-fehim ġenerali tal-opportunitajiet u l-kontribuzzjonijiet li jistgħu jagħmlu l-investituri informali, flimkien ma' informazzjoni dwar kif jibdeu. L-Istati Membri jistgħu wkoll jinvestigaw il-ħelsien mit-taxxa biex jappoġġjaw dan.

3.4. Il-KESE jqis li l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-UE se tinkiseb billi tiġi promossa b'mod attiv l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-proċessi kollha tat-tfassil tal-politika u tat-teħid ta'deċiżjonijiet, inklużi l-politiki soċjali u ta' koeżjoni u l-politika tal-kompetizzjoni tal-UE – u fl-infiq tal-baġit tal-UE. Il-prerekwiżiti meħtieġa u l-monitoraġġ effettiv matul l-implimentazzjoni, sabiex jiġu kkoreġuti l-azzjonijiet ta' politika jekk ikun meħtieġ, għandhom neqsin. Peress li nafu li l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 mhumix newtrali għall-ġeneru, il-KESE jtenni l-appell tiegħu lil dawki li jfasslu l-politika fil-livelli kollha biex isegwu l-prinċipju tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u jinkludu l-aspett tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fid-deċiżjonijiet kollha, inklużi dawki dwar l-ibbaġitar, l-investiment u l-finanzjament u l-akkwist pubbliku. Dan jinkludi wkoll iċ-ċiklu baġitarju tal-QFP 2021-27 u l-Pjani għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u għandu jinkludi valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-ġeneri, indikaturi vinkolanti xierqa, kif ukoll sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ⁽¹²⁾.

3.5. Rapport reċenti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri jiddikjara li l-Kummissjoni f'it li xejn tat-attenzjoni lill-analiżi tal-ġeneru tal-politiki u l-programmi li eżaminat. Hija għamlet użu limitat minn data u indikaturi diżaggregati skont il-ġeneru, u f'it ippubblikat informazzjoni dwar l-impatt ġenerali tal-baġit tal-UE fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Madankollu, l-oqsma fejn ir-rekwiżiti legali ġew stabbiliti fid-dettall, dan iffaċilita l-inkorporazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-programmi.

4. Azzjonijiet konkreti

4.1. Il-ħolqien ta' art fertili għall-intraprendituri nisa

4.1.1. Sabiex tinħoloq art fertili għall-intraprenditorija tan-nisa, il-KESE jqis li huwa importanti li n-nisa jiġu pprovduti b'aktar opportunitajiet ta' networking u taħriġ u programmi ta' mentoraġġ. Huwa kruċjali li n-nisa jiżviluppaw network ta' nisa li diġà huma midħla b'mod parallel għan-network eżistenti ta' rġiel midħla fis-settur, minħabba li n-nisa għandhom it-tendenza li jkollhom networks iżgħar u inqas diversi. Il-mudelli eżemplari u l-mentors ukoll għandhom rwol importanti: fi studju fl-Italja, 70 % tal-bniet qalu li ħassewhom differenti dwar il-futur tagħhom wara li ltaqgħu ma' mudell eżemplari.

⁽¹¹⁾ https://www.kauffmanfellows.org/journal_posts/women-vcs-invest-in-up-to-2x-more-female-founders

⁽¹²⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Gender-based investments in national recovery and resilience plans" (Investimenti abbażi tal-ġeneru fil-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza) (ĠU C 100, 16.3.2023, p. 8).

4.1.2. L-ideat sterjotipiċi dwar l-intraprenditorija jibdew sa mill-edukazzjoni primarja. Il-KESE jisħaq fuq l-importanza tal-edukazzjoni biex jiġu kkontestati l-isterjotipi tal-ġeneru, inklużi l-ideat sterjotipiċi tal-intraprendituri bħala rġiel, u biex tinbena kultura intraprenditorjali li tipprepara lin-nisa biex jaħsbu f'termini ta' skali akbar. Il-konnotazzjonijiet soċjali negattivi dwar l-intraprendituri u l-eżekuttivi nisa għandhom jeżistu fl-Ewropa. Barra minn hekk, l-iskejjel għandhom rwol vitali fil-bini tal-kapaċità finanzjarja u intraprenditorjali, u dawn il-ħiliet għandhom jiġu inklużi fil-kurrikuli tal-iskejjel mill-edukazzjoni primarja u jiġu msaħħa u żviluppati fis-sistema skolastika kollha. Il-fieri intraprenditorjali u programmi oħra fejn in-nisa jistgħu jiksibu aċċess għal flus inizjali u, pereżempju, b'approċċ ta' bniet fix-xjenza, ikunu mod tajjeb kif tiġi mħeġġa l-intraprenditorija tan-nisa minn stadju bikri.

4.1.3. Is-"sindromu tal-impustur" jiddeskrivi l-fenomeni fejn in-nies jiddubitaw il-kapaċitajiet tagħhom u jħossu li mhumiex tajbin biżżejjed f'dak li jagħmlu. Dan is-sindromu jeżisti fuq skala mifruxa fost l-intraprendituri nisa. Il-ħidma li tindirizza l-kapaċitajiet u l-awtostima tan-nisa tul l-edukazzjoni kollha se tnaqqas il-fenomeni u se tiftaħ aktar perspettivi għall-iżvilupp tan-nisa ⁽¹³⁾.

4.1.4. Fil-biċċa l-kbira, il-faqar tal-ħin li n-nisa attwalment jesperjenzaw minħabba responsabbiltajiet ta' indukrar mhux imħallsa huwa ostaklu għall-intraprenditorija. Il-bidliet kulturali, bħall-koresponsabbiltà fost l-imsieħba fir-rigward tat-tmexxija tad-dar u l-indukrar tat-tfal u affarijiet oħrajn, flimkien ma' miżuri sistemiċi bħal kura tat-tfal u tal-anzjani affordabbli jew b'xejn, huma kruċjali. Il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri jipprovdu aċċess għall-benefiċċji tal-maternità u għal miżuri ta' liv tal-ġenituri għall-intraprendituri nisa b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom ⁽¹⁴⁾ ⁽¹⁵⁾.

4.1.5. Il-programmi ta' taħriġ intraprenditorjali mmirati lejn in-nisa għandhom it-tendenza li jiffokaw fuq swieq u setturi li fihom in-nisa huma diġà rappreżentati tajjeb. Hemm setturi fejn l-għadd ta' intraprendituri nisa huwa żgħir ħafna, bħal fl-oqsma tat-teknoloġija avvanzata u tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM). Il-KESE jisħaq li l-Istati Membri għandhom jibdew iħajru lill-bniet biex jinteressaw ruħhom f'dawn l-oqsma minn età bikrija, jappoġġjaw lill-intraprendituri nisa u l-mudelli eżemplari nisa f'dawn is-setturi u jinvestu fi programmi biex il-bniet fl-iskejjel sekondarji jiġu mħajra jinteressaw ruħhom fis-STEM.

4.1.6. L-iżbilanċ attwali bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol huwa wkoll ostaklu għall-isforzi futuri tan-nisa. In-nisa jiffaċċjaw inqas opportunitajiet biex jiksibu t-taħriġ manijerjali u intraprenditorjali u t-tfaddil adatti biex jibdew in-negozju tagħhom. Għalhekk, għan-nisa żgħażaġh hemm aktar ostakli biex wieħed jibda negozju. Barra minn hekk, id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa jew in-nuqqas ta' paga ġusta jistgħu jillimitaw ir-riżorsi finanzjarji tagħhom. Peress li ħafna opportunitajiet ta' finanzjament jeħtieġu investiment inizjali privat mill-intraprenditur, il-KESE jemmen li l-eliminazzjoni tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa u l-korrezzjoni tal-iżbilanċ bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol se jkollhom effett pożittiv fuq l-intraprenditorija tan-nisa.

4.1.7. In-nisa għandhom aktar tendenza li jibdew negozju f'oqsma sostenibbli u soċjali sabiex iħallu impatt pożittiv li jista' jitkejjel fuq is-soċjetà u jmxexx negozju ġdid soċjali ⁽¹⁶⁾ ⁽¹⁷⁾. Il-kumpaniji li joperaw fil-qafas tal-ekonomija soċjali poġġew fiċ-ċentru tal-attività tagħhom il-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali tal-komunitajiet u tal-ħaddiema tagħhom, kif ukoll is-sostenibbiltà ambjentali. Huma jinvestu fil-benesseri u jpoġġu l-valuri fil-qalba tan-negozju tagħhom. Għalhekk, iż-żieda fil-finanzjament ta' proġetti tal-ekonomija soċjali u l-promozzjoni biex jinħolqu ekosistemi tal-intrapriżi soċjali se jkollhom impatt pożittiv fuq l-emanċipazzjoni ekonomika u l-iżvilupp tan-nisa. Bl-istess mod, il-promozzjoni tal-intraprenditorija tan-nisa se tagħti spinta lit-tkabbir tal-intrapriżi soċjali. Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Soċjali tal-Kummissjoni Ewropea jinnota li *l-prevalenza ta' intraprendituri nisa hija akbar fl-intraprenditorija soċjali milli fl-intraprenditorija konvenzjonali*. Madankollu, ma hemm l-ebda azzjoni mmirata biex tingħata spinta lill-intraprenditorija tan-nisa, inkluża l-intraprenditorija soċjali. Il-KESE jirrakkomanda l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Soċjali ⁽¹⁸⁾ billi jiġu pprovduti azzjonijiet immirati għan-nisa.

⁽¹³⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-ugwaljanza bejn il-ġeneri" (Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Ċeka) (ĠU C 443, 22.11.2022, p. 63).

⁽¹⁴⁾ Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79).

⁽¹⁵⁾ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom, adottata fit-8 ta' Novembru 2019.

⁽¹⁶⁾ The Value of Investing in Female Founders (Il-valur tal-investiment fil-fundaturi nisa [mhux disponibbli bil-Malti]), (Forbes, 2019).

⁽¹⁷⁾ Skont S&P Global, li stħarrġet lil investituri fi 11-il pajjiż.

⁽¹⁸⁾ Komunikkazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Bini ta' ekonomija għas-servizz tan-nies: pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali (COM(2021) 778 final).

4.2. Il-ħolqien ta' bidla fi ħdan is-settur finanzjarju u ta' investment

4.2.1. L-UE għandu jkollha rwol ta' tmexxija fil-ħolqien ta' art fertili għal ekosistema konxja mill-ġeneru. Erba' pajjiżi tal-UE kienu jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-finanzjament tas-Serje C għal kumpaniji mmexxija minn nisa bejn l-2006 u l-2018 fl-Ewropa: l-Iżvezja, il-Ġermanja, Spanja u Franza. Is-suċċess fil-pajjiżi ewlenin kien appoġġat minn ekosistema b'saħħha u attivitajiet immirati għall-promozzjoni tal-inklużjoni tal-ġeneri⁽¹⁹⁾. Il-KESE jirrakkomanda l-iżvilupp ta' network Ewropew ta' investituri konxji mill-ġeneru li jistgħu jaqsmu l-aħjar Prattiki u jippromovu l-opportunitajiet diġà fis-seħħ fir-rigward tal-finanzjament għall-intraprenditorija tan-nisa. Il-kodiċi dwar tal-investment fin-nisa (Investing in Women Code) tal-British Business Bank, impenn mill-intrapriżi tas-servizzi finanzjarji biex itejbu l-aċċess tal-intraprendituri nisa għall-għodod, ir-riżorsi u l-finanzi, jista' jkun ta' ispirazzjoni għall-involvement mas-settur privat⁽²⁰⁾.

4.2.2. Madwar waħda minn kull għaxar persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-Kapital ta' Riskju u fl-Ekwità Privata hija mara. L-attirar tat-talent tan-nisa u t-titjib tal-iżvilupp tal-karriera tan-nisa fis-settur finanzjarju u tal-investment huma meħtieġa biex tinbidel il-kultura maskili tal-preżent, li ma tagħmilhiex attraenti għan-nisa li jibqgħu jew jibdeu f'dan is-settur f'kultura inklużiva. Din il-kultura għandha tkejjel ukoll ir-redditu tal-investment mhux biss permezz ta' rapporti ekonomiċi, iżda wkoll permezz tas-sostenibbiltà u r-redditi soċjali tal-investment tagħhom. Għalhekk, il-KESE jixtieq jara d-diversità tat-timijiet tal-maniġment u tal-fundaturi ssir waħda mill-kriterji ewlenin għall-għoti ta' finanzjament pubbliku, inklużi l-fondi ta' pensjoni pubbliċi, u permezz ta' dan jiġu ispirati r-reklutaġġ u ż-żamma tat-talent tan-nisa fis-settur finanzjarju u tal-investment. Il-KESE jissuġġerixxi wkoll li l-Istati Membri jiskambjaw l-aħjar Prattiki dwar il-metodi għall-promozzjoni tad-diversità tat-timijiet u t-timijiet immexxija min-nisa fis-settur finanzjarju. Jenħtieġ li jiġi żviluppat siġill ta' eċċellenza jew standard għall-investituri fis-settur tal-investment. Standard partikolari jista' jservi bħala wieħed mill-kriterji meta ssir applikazzjoni għal finanzjament pubbliku⁽²¹⁾. Meta mqabbel ma' wegħda ta' darba, tali standard jista' jiġi awditjat u rieżaminat kull sena sabiex jiġi evitat li l-affarijiet jinbidlu biss b'mod li jiffavorixxi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri meta dan ikun konvenjenti għal skopijiet ulterjuri (pinkwashing).

4.2.3. Il-KESE jirrakkomanda li l-istituzzjonijiet fis-settur finanzjarju privat jingħataw aċċess għal assistenza teknika u taħriġ dwar l-investment b'perspettiva tal-ġeneru, ipprovduti mill-Unjoni Ewropea jew mill-Istati Membri.

4.2.4. Hemm suppożizzjoni ġenerali li n-nisa għandhom it-tendenza li jkunu aktar avversi għar-riskju mill-irġiel, aktar kawti u juru mġiba kompetittiva inqas aggressiva. Il-KESE jissuġġerixxi li din l-imġiba b'riskju aktar baxx tiġi riflessa fl-istrumenti finanzjarji, u jiġu żviluppati prodotti speċifiċi għal ċerti proġetti b'riskju baxx li jeħtieġu inqas garanziji u rati tal-imgħax aktar baxxi biex jingħata self jew biex jiġi kopert perċentwal ogħla tal-kapital inizjali meta jingħata sussidju.

Il-preġudizzji jippersistu fis-settur finanzjarju, ħafna drabi preġudizzji inkonsapevoli, pereżempju fejn hemm preferenza favur ideat ippreżentati mill-irġiel, jew fejn il-kontenut miktub min-nisa jiffoka fuq l-impatt soċjali mentri l-irġiel jiffokaw aktar fuq il-finanzi u n-numri. Il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni u t-taħriġ dwar il-preġudizzji inkonsapevoli għall-investituri u l-ġuriji jistgħu jkunu ta' importanza estrema għas-sensibilizzazzjoni dwar dawn il-preġudizzji. Huwa kruċjali wkoll li jkun hemm sensibilizzazzjoni fi ħdan is-settur dwar l-importanza ta' mudelli ta' negozju solidi u reżiljenti li jikbru bil-mod iżda b'mod sod, aktar milli enfasi fuq tkabbir rapidu tad-dħul u fuq il-valwazzjoni fuq terminu qasir.

4.3. L-Ibbaġitjar skont il-Ġeneru u l-Investment b'Perspettiva tal-Ġeneru permezz ta' finanzjament pubbliku

4.3.1. Il-baġits jirriflettu l-prijoritajiet politiċi u huma l-aktar strument ta' politika ekonomika importanti għat-trasformazzjoni tas-soċjetajiet. Il-politiki pubbliċi għandhom rwol importanti fit-tmexxija u l-ħolqien ta' ambjent abilitanti għall-investituri, u billi jagħmlu dan joħolqu impjiegi deċenti. Ilu li ġie rikonoxxut li l-ibbaġitjar skont il-ġeneru, il-finanzjament immirat għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, l-allokazzjoni tal-baġits u r-regolamentazzjoni ta' proċeduri u proċessi tal-akkwist pubbliku reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru bħala mezz ta' implimentazzjoni tal-ibbaġitjar skont il-ġeneru, huma l-koll għodod meħtieġa biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

⁽¹⁹⁾ Il-Finanzjament tal-Intraprendituri Nisa permezz tal-QFP 2021-2027 Seduta tal-Parlament Ewropew dwar in-Nisa u l-Investment — 19 ta' April 2021.

⁽²⁰⁾ <https://www.british-business-bank.co.uk/investing-in-women-code/>

⁽²¹⁾ Eżempju tajjeb huwa l-istandard "Diversity VC" li attwalment jintuża madwar l-UE u l-Istati Uniti: www.diversity.vc

4.3.2. L-ibbaġitjar skont il-ġeneru huwa proċess li permezz tiegħu jiġu eżaminati l-baġits pubbliċi sabiex jiġi vvalutat jekk jikkontribwixxux għal aktar ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u jittfasslu mill-ġdid kif xieraq biex jiġi żgurat li jagħmlu dan. L-ibbaġitjar skont il-ġeneru jeħtieġ approċċ fuq żewġ binarji jew doppju: l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-baġits u l-programmi kollha u finanzjament immirat speċifiku biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-inugwaljanza bejn il-ġeneri. Id-dimensjoni tal-ġeneri għandha tiġi integrata fil-fażijiet kollha ta' ċiklu baġitarju, mill-proposti baġitarji (ex ante) u matul l-infiq innifsu (ex nunc) sal-evalwazzjoni u l-verifika tal-flus attwalment minfuqa (ex post). Id-data, il-valutazzjonijiet tal-impatt u l-indikaturi komuni huma essenzjali għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri matul iċ-ċiklu baġitarju kollu: l-ippjanar, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. Għalkemm jista' jkun diffiċli għall-Istati Membri biex jiġbru data diżaggregata skont il-ġeneru, dan huwa l-uniku mod biex nimxu 'l quddiem u nistabbilixxu politiki xierqa għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri.

4.3.3. Il-KESE jirrakkomanda li fuq terminu medju l-awtoritajiet Ewropej u l-Istati Membri kollha għandhom jużaw l-għodod tal-ibbaġitjar skont il-ġeneru fil-livelli kollha tal-proċess baġitarju. Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili u d-dialogu soċjali huma kruċjali wkoll sabiex jiġu identifikati l-oqsma li jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tal-baġit. L-analiżi tal-ġeneru hija prekondizzjoni għall-ibbaġitjar skont il-ġeneru u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politiki (finanzjarji), speċjalment il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP), il-pakkett Next Generation EU u l-fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-Politika ta' Koeżjoni, li hija waħda mill-għodod essenzjali għall-korrezzjoni tal-iżbilanċi bejn il-pajjiżi u r-reġjuni. Il-KESE jirrakkomanda l-għbir ta' data speċifika għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-Politika ta' Koeżjoni skont indikaturi żviluppatti b'mod espliċitu għal dan l-għan.

4.3.4. Il-KESE jinnota bi pjaċir li l-Kummissjoni bdiet programm ta' taħriġ intern dwar l-ibbaġitjar skont il-ġeneru, iżda dan għadu fuq skala żgħira. Il-KESE jixtieq jara li l-persuni kollha li jaħdmu fuq il-baġits tal-Kummissjoni Ewropea u fl-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej jiġu mħarrġa kif xieraq dwar l-investiment b'perspettiva tal-ġeneru, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-ibbaġitjar skont il-ġeneru. Dan it-taħriġ fil-livell nazzjonali huwa kruċjali wkoll għall-implimentazzjoni tal-oġettivi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

4.3.5. Il-KESE jemmen li huwa importanti li jinħolqu fondi u strumenti finanzjarji ddedikati biex jappoġġjaw l-intraprenditorija tan-nisa, inklużi fondi ta' kapital ta' riskju u ta' ekwità privata mmexxija min-nisa (u mmexxija b'mod konġunt) u li jappartjenu għan-nisa, kif ukoll li jiġu esplorati soluzzjonijiet ta' finanzjament innovattivi li jindirizzaw il-fallimenti tas-suq (eż. l-għotjiet iddedikati għan-nisa, il-finanzzament limitat iddedikat għall-imsieħba għal fondi li jappartjenu għan-nisa u bi sjieda konġunta, il-garanziji ta' self jew mikrofinanzjament, il-pjattaformi ta' koinvestment, il-bonds tal-ġeneru jew il-mikrokrediti).

4.3.6. Barra minn hekk, il-KESE jemmen li l-aġġornament tal-kriterji tal-fondi ta' investiment huwa meħtieġ biex jitnaqqas id-distakk bejn il-ġeneri. Pereżempju, jekk fondi Ewropej bħal InvestEU u l-Fond Ewropew tal-Investiment jużaw l-"esperjenza" bħala kriterju importanti fil-finanzzament ta' negozji ġodda iżda mhux id-"diversità", ma nagħtux lin-nisa aċċess ugwali għas-suq kapitali. Il-KESE jissuġġerixxi li meta jkun hemm pjan għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, li jinkludi l-istrateġija tal-fond dwar l-investiment b'perspettiva tal-ġeneru u l-impenn tal-fondi biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, dan għandu jkun kondizzjonali fil-valutazzjoni tal-fond ta' fondi (funds of funds), il-kapital ta' riskju u l-fondi ta' ekwità privata meta ssir applikazzjoni għal finanzjament pubbliku.

4.3.7. Il-prinċipji tal-ibbaġitjar skont il-ġeneru u tal-investiment b'perspettiva tal-ġeneru jenħtieġ li jintużaw ukoll barra mill-fruntieri Ewropej fil-mekkaniżmi ta' finanzjament estern, inklużi l-politiki ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp.

4.3.8. Il-KE għandha twettaq valutazzjoni tal-baġit annwali tal-UE fir-rigward tal-impatt fuq il-ġeneri, u tippreżentaha bħala appendiċi. Dan l-appendiċi għall-baġit se jservi bħala dokument ta' monitoraġġ tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri li għandu l-għan li jibdel is-sura tal-baġits fil-futur, u b'rabta ma' dan, il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (FEMM) tal-PE jista' jadotta opinjoni. Il-KESE jirrakkomanda wkoll li l-informazzjoni u r-riċerka jiġu ppubblikati f'konsultazzjoni mal-esperti tal-ibbaġitjar skont il-ġeneru u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi tan-nisa ferm qabel id-deċiżjoni parlamentari dwar il-baġit annwali, sabiex jiġu promossi dibattiti wesgħin dwar il-politiki baġitarji u makroekonomiċi.

4.3.9. Il-KESE jiddikjara li l-ġuriji kollha tal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej għandhom jilhqg bilanċ bejn il-ġeneri mill-aktar fis possibbli biex jiġi evitat preġudizzju favur min hu simili jew il-preġudizzju bbażat fuq “ħwejjeġ simili li jattiraw lil xulxin” u għandhom ukoll jirċievu taħriġ dwar il-preġudizzju inkonsapevoli. Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, pereżempju, stabbilixxa mira li jtejjeb l-għadd ta' negozji ġodda mmexxija min-nisa taħt il-programm aċċelleratur tiegħu billi jżid l-għadd ta' membri nisa tal-ġurija għal 50 %, u billi jistieden lil aktar nisa biex joħlqu n-negozji tagħhom. Il-Kunsill żied il-perċentwal ta' negozji ġodda mmexxija min-nisa minn 8 % għal 29 %.

4.3.10. Nissuġġerixxu wkoll li jinħatar Direttur għall-Intrapriżi tan-Nisa jew Rappreżentant ta' Livell Għoli fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea u fi ħdan il-ministeri għall-intraprenditorija tal-Istati Membri bi rwol transdipartimentali għas-sensibilizzazzjoni u l-promozzjoni tal-benefiċċji ekonomiċi tal-inkoraġġiment ta' aktar nisa biex jibdew u jkabbru n-negozji, inklużi n-negozji soċjali.

4.3.11. L-UE u l-Istati Membri għandhom jappoġġjaw ir-rwol tal-aġenziji tal-iżvilupp pubbliċi, lokali jew reġjonali fis-suq tal-investiment u r-rwol tagħhom fl-impatt soċjali. Pereżempju, fin-Netherlands, dawn l-aġenziji tal-iżvilupp reġjonali jinvestu f-negozji ġodda u jagħtu importanza lill-impatt soċjali.

4.3.12. Is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jaħdmu fuq l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri ġeneralment mhumx ifffinanzjati biżżejjed fl-Ewropa. Il-KESE jitlob li l-fondi tal-UE jsiru aktar aċċessibbli għall-organizzazzjonijiet tan-nisa billi jiġu ssemplifikati l-proċeduri u jiġu pprovduti għotjiet għall-attività ewlenija tagħhom. Il-proċeduri tal-għoti tal-fondi strutturali għandhom ikunu aktar allinjati mal-fondi diretti sabiex tiġi evitata l-burokrazija.

4.3.13. Fl-aħħar nett, il-KESE jappella għal viżjoni ambizzjuża mill-Kummissjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet Ewropej dwar l-ibbaġitjar skont il-ġeneru u l-investiment b'perspettiva tal-ġeneru, li tinkludi miri konkreti dwar l-għoti ta' finanzjament lin-nisa, indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni konkreti, leġiżlazzjoni, kriterji aġġornati u programmi (intensifikati) dwar it-titjib tal-intraprenditorija tan-nisa u l-aċċess għall-finanzi. Il-KESE jirrakkomanda li jiġi stabbilit Grupp ta' Ħidma dwar l-ibbaġitjar skont il-Ġeneru fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea, li jintegra l-perspettiva tal-ġeneri fil-QFP attwali u strumenti finanzjarji oħra. Bi tħejjija għal integrazzjoni aktar robusta tal-perspettiva tal-ġeneri fil-futur, il-KESE jissuġġerixxi li tinholq task force mill-aktar fis possibbli fost l-istituzzjonijiet tal-UE biex tipparteċipa fin-negozjati u tallinja u tinkludi l-oġġettivi tal-UE tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-QFP li jmiss.

Brussell, 1-14 ta' Diċembru 2022.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Nikkomunikaw dwar id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt”**(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)**

(2023/C 100/04)

Relatur: **Cristian PÎRVULESCU**Korelatur: **José Antonio MORENO DÍAZ**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	20.1.2022
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adozzjoni fis-sezzjoni	23.11.2022
Adozzjoni fil-plenarja	14.12.2022
Sessjoni plenarja Nru	574
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	199/3/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. L-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq valuri komuni, kif iddikjarat fl-Artikolu 2 tat-TUE: il-valuri tad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, il-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa. L-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem huma parti mill-identità Ewropea.

1.2. Barra minn hekk, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, dokument essenzjali u vinkolanti, tiddikjara li l-Unjoni hi mibnija fuq il-valuri indiviżibbli u universali tad-dinjità tal-bniedem, tal-libertà, tal-ugwaljanza u tas-solidarjetà, u hi bbażata fuq il-prinċipji ta' demokrazija u l-istat tad-dritt ⁽¹⁾. It-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-Karta huwa kemm obbligu kif ukoll mod sinifikanti biex jiġu protetti n-nies u jsiru konxji tal-importanza tal-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Filwaqt li l-Kumitat japprova l-isforzi kollha f'dawn id-dimensjonijiet, huwa jenfasizza l-ħtieġa li l-istituzzjonijiet kollha tal-UE jikkomunikaw b'mod attiv direttament lill-pubbliku ġenerali. L-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali huma kruċjali u jridu jsiru parti mill-kultura ċivika u demokratika kondiviża fil-kontinent.

1.3. Il-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa toffri deskrizzjoni ċara tal-prinċipji ewlenin koperti mill-istat tad-dritt: il-legalità, iċ-ċertezza legali, il-prevenzjoni tal-abbuż tal-poter, l-ugwaljanza quddiem il-liġi u n-nondiskriminazzjoni, u l-aċċess għall-ġustizzja ⁽²⁾. Dawn huma kriterji ċari għall-valutazzjoni tal-konformità ta' kwalunkwe azzjoni mill-Istat mal-prinċipji tal-istat tad-dritt, u ġew approvati mill-Qorti tal-Ġustizzja ⁽³⁾.

1.4. Il-KESE jħeġġeġ lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE biex ma juru l-ebda tolleranza għall-ksur tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri. L-UE għandha dmir legali li tħares l-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, irrispettivament mill-intenzjonijiet ta' diversi atturi politiċi li jistgħu jmorru kontra dak l-għan.

⁽¹⁾ Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391), Preambolu.

⁽²⁾ Venice Commission of the Council of Europe, The Rule of Law Checklist [Il-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa, Il-Lista ta' Kontroll tal-Istat tad-Dritt], adottata fil-106 Sessjoni Plenarja tagħha, 2016.

⁽³⁾ Is-Sentenza tal-QĠUE tas-16 ta' Frar 2022, Il-Polonja vs Il-Parlament u l-Kunsill, C-157/21, EU:C:2022:98, punt 325.

1.5. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għad-deċiżjoni tal-Qorti fejn il-baġit huwa wieħed mill-istrumenti li jagħtu effett prattiku lill-obbligu tal-Istati Membri kollha li jirrispettaw il-valuri ewlenin tal-UE, inkluż l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem ⁽⁴⁾.

1.6. Ir-Rapport Annwali dwar l-Istat tad-Dritt, tal-Kummissjoni Ewropea, huwa strument siewi li jista' jipprevjeni rigress fid-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Madankollu, dan għandu jiġi riformat sabiex jilħaq l-għanijiet tagħha. Jenħtieġ li jiġi aġġustat biex jinkludi l-valuri, l-azzjonijiet legali u/jew finanzjarji kollha tal-Artikolu 2 tat-TUE, meta r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ma jiġux indirizzati bis-sħiħ, u l-ħames pilastru ddedikat għall-monitoraġġ tal-iżviluppi nazzjonali relatati mal-ispazju ċiviku ⁽⁵⁾.

1.7. Il-KESE diġà enfażizza li s-soċjetà ċivili għandha rwol ewleni fil-preservazzjoni tad-demokrazija fl-Ewropa, u li soċjetà ċivili b'saħħitha u diversa biss tista' tiddefendi d-demokrazija u l-libertà u tippreserva l-Ewropa mill-awtoritarja-niżmu ⁽⁶⁾. Madankollu, ma hemm l-ebda stat tad-dritt mingħajr id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali, u viċi versa; it-tliet kunċetti huma intrinsikament marbuta ⁽⁷⁾. Għalhekk, il-KESE jħeġġeġ lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jieqfu jikkellmu dwar l-hekk imsejħa demokrazija illiberali, anke biex jikkritikaw il-kunċett. M'hemm l-ebda demokrazija mingħajr prinċipji liberali.

1.8. Aktar partijiet interessati għandhom ikunu involuti fl-isforzi biex l-istat tad-dritt isir realtà aktar tanġibbli: l-imsieħba soċjali, l-organizzazzjonijiet professjonali bħall-Għaqdiet tal-Avukati, u l-organizzazzjonijiet lokali li jaħdmu ma' persuni u komunitajiet vulnerabbli friskju akbar ta' ħsara, żvantaġġ u diskriminazzjoni.

1.9. L-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem jistgħu jitqiesu minn xi wħud bħala kunċetti eċċessivament astratti, distanti, speċjalizzati u legalistiċi. Il-komunikazzjoni tal-istat tad-dritt b'mod effettiv teħtieġ enfasi fuq valuri kondiviżi u kunċetti li wieħed jista' jirrelata magħhom ta' ekwità u ġustizzja. Jista' jkun utli wkoll li l-istorja tiġi umanizzata billi jintwerew l-uċuh tal-individwi u l-persuni kkonċernati mill-evidenza u l-istatistika.

1.10. Il-KESE jitlob lill-Istati Membri jintegraw l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fl-iskejjel u fl-edukazzjoni għolja. L-edukazzjoni ċivika għandha tkun obligatorja, tibda kmieni kemm jista' jkun u tiġi mgħallma għal għadd sinifikanti ta' snin. Barra minn hekk, għandhom jiġu pprovduti riżorsi tal-UE u nazzjonali għat-taħriġ xieraq tal-għalliema tal-edukazzjoni ċivika.

1.11. Il-qafas tad-drittijiet tal-bniedem huwa mibni fuq il-prinċipju tar-responsabbiltà, u għalhekk jeħtieġ miżuri biex jiġi identifikat min huwa responsabbli għal liema eżitu u jiġu identifikati bidliet mixtieqa fil-politika. Huwa importanti wkoll li jiġu identifikati kwistjonijiet ta' interess wiesa' għall-pubbliku ġenerali, bħall-aċċess għall-enerġija, it-trasport, l-ugwaljanza reġjonali, ix-xogħol, l-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa u diversi servizzi pubbliċi oħra, fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali.

1.12. Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt jissaħħu bi stat soċjali b'saħħtu, irrispettivament mid-diversi forum li dan jista' jieħu madwar l-Ewropa. Din l-interkonnnettività hija rikonnoxxuta mill-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, għodda ta' politika essenzjali għall-bini ta' Unjoni aktar inklużiva.

1.13. Il-movimenti fil-livell lokali u l-persuni b'esperjenza ta' faqar għandhom ikunu fiċ-ċentru ta' kawża demokratika għad-drittijiet tal-bniedem. Ma hemm l-ebda mod aħjar biex jiġu difiżi d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet soċjali, milli b'li jkollok il-vuċijiet tal-persuni l-aktar affettwati mill-inugwaljanza, il-faqar u l-esklużjoni soċjali jinstemgħu fl-ispazji pubbliċi u d-dibattiti ta' politika.

⁽⁴⁾ Il-Polonja vs Il-Parlament u l-Kunsill, C-157/21, punti 130-131; Is-Sentenza tas-16 ta' Frar 2022, Is-Sentenza tal-QĠUE, L-Ungerija vs Il-Parlament u l-Kunsill, C-156/21, EU:C:2022:97, punti 116-117.

⁽⁵⁾ Laurent Pech u Petra Bard, Rule of Law Report and the EU Monitoring and Enforcement of Article 2 TEU Values, [Rapport dwar l-Istat tad-Dritt u l-Monitoraġġ u l-Infurzar mill-UE tal-Valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE], Rapport għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew u l-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, Frar 2022, p. 12-13.

⁽⁶⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Demokrazija reżiljenti permezz ta' soċjetà ċivili b'saħħitha u diversa" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 228, 5.7.2019, p. 24).

⁽⁷⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-mekkaniżmu ta' kontroll Ewropew dwar l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 34, 2.2.2017, p. 8).

2. Kummenti ġenerali

2.1. Il-KESE jfakkar fil-pożizzjoni espressa fl-Opinjoni SOC/598 tiegħu (2018): “l-istat tad-dritt huwa interdipendenti u inseparabbli minn garanziji li jipproteġu d-demokrazija pluralista u r-rispett għad-drittijiet fundamentali. L-istat tad-dritt jiżgura li l-gvernijiet jirrispettaw l-istandards tad-drittijiet fundamentali, u d-demokrazija pluralista tiżgura li l-gvernijiet isegwu politiki li jgħallaw il-benessri tal-popli tagħhom. Il-ħarsien tal-istat tad-dritt minnu nnifsu ma jiggarantix li l-liġi tirrispetta d-drittijiet fundamentali, lanqas li l-liġi ssir skont proċess inklużiv u leġittimu bbażat fuq dibattitu pubbliku u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini li jkunu infurmati tajjeb, pluralisti u bbalanċjati. Sabiex sempliċement tiġi evitata ‘saltna bil-liġi’, jeħtieġ li d-drittijiet fundamentali u l-istandards demokratiċi pluralisti jkunu mħarsa flimkien mal-istat tad-dritt”⁽⁸⁾.

2.2. Kif osservat fir-Rapporti dwar l-Istat tad-Dritt tal-2021 u l-2022 tal-Kummissjoni, il-preservazzjoni tal-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet pubbliċi u l-istat tad-dritt tirrikjedi, fost affarijiet oħra, l-eżistenza ta’ sistema ġudizzjarja indipendenti, b’rieżami ġudizzjarju effettiv biex tiġi żgurata l-konformità mad-Dritt tal-UE; impenn pubbliku qawwi għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-iżgurar tar-responsabbiltà demokratika; pluraliżmu tal-media u l-libertà tal-media, inkluż t-trasparenza tas-sjeda tal-media; mekkaniżmi kostituzzjonali u istituzzjonali trasparenti biex jiġu żgurati kontrolli u bilanċi, b’parteċipazzjoni attiva mis-soċjetà ċivili; u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali għall-iżvilupp sostenibbli, id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt⁽⁹⁾. Fir-Rapport tal-2022, il-Kummissjoni tenfasizza wkoll it-theddid sinifikanti għall-valuri tal-UE u l-ordni bbażat fuq ir-regoli tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, aggressjoni li tikser b’mod serju d-dritt internazzjonali u l-prinċipji tal-Karta tan-NU u ddgħajef id-demokrazija kif ukoll l-istat tad-dritt, flimkien mas-sigurtà u l-istabbiltà Ewropea u globali⁽¹⁰⁾.

2.3. L-ebda norma demokratika u rappreżentattiva ma tista’ tiġi invokata biex tilleġittimizza l-ksur tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali. L-istituzzjonijiet tal-UE, u l-Kummissjoni Ewropea b’mod partikolari, iridu jużaw l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħhom biex jirrestawraw l-integrità tal-prinċipji tal-UE.

2.4. Billi jimmonitorjaw is-sitwazzjoni fuq il-post, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għandhom rwol essenzjali x’jaqdu, b’mod partikolari meta l-istat tad-dritt jiddeterjora u d-drittijiet tal-bniedem ikunu qed jiġu attakkati⁽¹¹⁾. Il-gvernijiet awtoritarji jheddu lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mhux biss billi jnaqqsu u jċaqilqu l-ispażji disponibbli għall-attivitàjiet tagħhom, iżda wkoll permezz ta’ theddid u persekuzzjoni personali, restrizzjonijiet finanzjarji, jew protezzjoni inadegwata kontra attakki fiżiċi jew verbali⁽¹²⁾.

2.5. Kif intqal qabel, il-kapaċità ġenerali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jaħdmu fil-qafas tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali għandha tissaħħaħ b’mod sinifikanti permezz ta’ pakkett li jinkludi t-taħriġ u t-trasferiment tal-ġarhien, l-appoġġ organizzazzjonali u finanzjarju, u l-protezzjoni minn attakki u kampanji negattivi⁽¹³⁾. Għal dan l-għan, il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni tippromovi strateġija komprensiva Ewropea għas-soċjetà ċivili biex tiggrwida l-kollaborazzjoni, l-isforzi tal-bini tal-kapaċità u l-komunikazzjoni effettiva tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali.

2.6. Il-KESE jqis li l-ħidma tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem hija essenzjali biex il-gruppi vulnerabbli jiġu meġġuna jlaħħqu ma’ sfidi serji għas-sikurezza, il-benesseri u d-dinjità tagħhom. In-nies kollha jistgħu xi darba jsibu ruħhom f’pożizzjoni ta’ vulnerabbiltà. F’ħaġġa każijiet, is-sorsi ta’ vulnerabbiltà jikkoinċidu u jirriżultaw f’marġinalizzazzjoni strutturali u diskriminazzjoni.

⁽⁸⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f’każ ta’ nuqqasijiet iġġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri” (COM(2018) 324 final — 2018/0136 (COD)) (ĠU C 62, 15.2.2019, p. 173).

⁽⁹⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Ir-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt — Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea (COM/2021/700 final).

⁽¹⁰⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt — Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea (COM/2022/500 final).

⁽¹¹⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill — It-tisħiħ ulterjuri tal-Istat tad-Dritt fi ħdan l-Unjoni Is-sitwazzjoni bħalissa u l-passi li jmiss li jistgħu jittieħdu” (COM(2019) 163 final) (ĠU C 282, 20.8.2019, p. 39).

⁽¹²⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-populiżmu u d-drittijiet fundamentali — iż-żoni suburbani u rurali” (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 97, 24.03.2020, p. 53), il-punt 1.6.

⁽¹³⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE” (COM(2020) 711 final) (ĠU C 341, 24.8.2021, p. 50).

2.7. L-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali għandhom jiġu żgurati fir-rigward tad-demokrazija, speċjalment il-promozzjoni ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti u parteċipazzjoni demokratika b'saħħitha ⁽¹⁴⁾. Dawk li huma f'pożizzjoni li jikkontestaw l-istat tad-dritt jaġixxu wkoll kontra l-oppożizzjoni politika u l-media tal-massa indipendenti. Il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea huwa pass meħtieġ f'din id-direzzjoni.

2.8. L-imsieħba soċjali għandhom rwol sinifikanti x'jaqdu fil-komunikazzjoni tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali. Il-postijiet tax-xogħol kollha huma affettwati mid-deterjorament tal-klima politika u legali f'pajjiż. In-negozji, l-SMEs u l-intrapriżi soċjali ma jistgħux jiffunzjonaw b'mod effettiv jekk ma jkunx hemm fis-seħħ sistemi ta' protezzjoni tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali. L-imsieħba soċjali għandhom jimpenjaw ruħhom li jieħdu azzjoni biex itejbu l-integrità u l-effettività tagħhom. Il-ħaddiema għandhom ikunu liberi li jiffurmaw u jingħaqdu mat-trade union tal-għażla tagħhom, u t-trade unions għandhom ikunu jistgħu jiffunzjonaw liberament ⁽¹⁵⁾. Il-ħaddiema u l-impjegaturi għandhom id-dritt li jinneogzjaw u jikkonkludu ftehimiet kollettivi u, f'każijiet ta' kunflitt ta' interess, li jieħdu azzjoni kollettiva biex jiddefendu l-interessi tagħhom, inkluż li jistrajkwaw ⁽¹⁶⁾.

2.9. L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għandha kapacià sinifikanti biex tiġbor informazzjoni rilevanti. Diġà bniet bażi ta' għarfien vasta li l-atturi interessati kollha jistgħu jużaw. L-għarfien espert tagħha huwa solidu u għandu jipprovdi l-bażi għat-tisħiħ tad-dimensjoni ta' komunikazzjoni tiegħu. Għandhom jingħataw aktar riżorsi lill-Aġenzija biex tinvolvi ruħha f'komunikazzjoni pubblika fil-pajjiżi membri kollha tal-UE. Tenħtieġ aktar kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet speċjalizzati bħall-Kunsill tal-Ewropa u l-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR).

2.10. L-UE hija wkoll attur globali, li r-responsabbiltà tiegħu li jirrispetta l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali hija ċentrali għall-identità u r-rwol internazzjonali tiegħu. Il-politiki, il-programmi, l-istrumenti u l-azzjonijiet esterni kollha għandhom jirriflettu ċ-ċentralità tagħhom għall-UE u l-importanza għal dinja demokratika u paċifika.

3. Kummenti speċifiċi

3.1. Narrattiva u nkwaċċar pożittivi

3.1.1. L-edukazzjoni ċivika dwar il-prinċipji tad-demokrazija, id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt għandha tissaħħaħ fil-livelli kollha. Il-Kummissjoni għandha wkoll tkompli tippromovi s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku permezz ta' aġenda ta' komunikazzjoni ambizzjuża ⁽¹⁷⁾.

3.1.2. Il-mit tat-twaqqif tal-UE waħedha m'għadhiex biżżejjed biex tappella lin-nies tal-Ewropa. L-UE għandha tippromovi narrattivi dwar futur mixtieq u terġa' tqajjem il-prinċipji ewlenin li kellhom rwol ewlieni fil-proġett Ewropew, ⁽¹⁸⁾ inkluż l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. Dan huwa partikolarment importanti fil-kuntest tal-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna.

3.1.3. Il-qafas tad-drittijiet tal-bniedem huwa mibni fuq il-prinċipju tar-responsabbiltà, u għalhekk jeħtieġ miżuri biex jiġi identifikat min huwa responsabbli għal liema eżitu u għal liema bidla mixtieqa fil-politika. Huwa importanti wkoll li jiġu identifikati kwistjonijiet ta' interess ġenerali għall-pubbliku ġenerali, kwistjonijiet bħall-aċċess għat-trasport, l-enerġija, ix-xogħol, l-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa u diversi servizzi pubbliċi oħra, fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali. Wieħed irid imur lil hinn mill-kritika tas-sitwazzjoni li ma tissodisfax l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem, u jiddeskrivi l-futur li l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem jistgħu jgħinu biex jibnu billi jispiraw assoċjazzjonijiet pożittivi f'moħħ in-nies ⁽¹⁹⁾.

⁽¹⁴⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea" (COM(2020) 790 final) (ĠU C 341, 24.8.2021, p. 56).

⁽¹⁵⁾ Article 8(1) of the International Covenant on Economic, Social and Cultural Rights [Artikolu 8(1) tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali].

⁽¹⁶⁾ Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

⁽¹⁷⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea" (COM(2020) 790 final) (ĠU C 341, 24.8.2021, p. 56).

⁽¹⁸⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-populiżmu u d-drittijiet fundamentali — iż-żoni suburbani u rurali" (opinjoni fuq inizzjattiva proprja) (ĠU C 97, 24.03.2020, p. 53).

⁽¹⁹⁾ FRA, 10 elementi ewlenin għal komunikazzjoni effettiva dwar id-drittijiet tal-bniedem, 2018; Network Ewropew tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem, Tips for Effective Messaging about Economic & Social Rights [Għajnuna għall-komunikazzjoni effettiva tad-drittijiet tal-bniedem u dawk ekonomiċi], 2019.

3.1.4. Ma hemm l-ebda stat tad-dritt mingħajr id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali, u viċi versa; it-tliet kunċetti huma intrinsikament marbuta ⁽²⁰⁾. Għalhekk, il-KESE jħeġġeġ lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jieqfu jtkellmu dwar l-hekk imsejħa demokrazija illiberali, anke meta jagħmlu dan biex jikkritikaw il-kunċett. M'hemm l-ebda demokrazija mingħajr prinċipji liberali. Id-demokrazija illiberali mhijiex alternattiva jew saħansitra forma dilwita ta' demokrazija. Id-demokrazija illiberali mhijiex demokrazija.

3.2. *Politiki meħtieġa u oqsma ta' politika rilevanti*

3.2.1. Kif osserva l-KESE qabel, hemm korrelazzjoni bejn il-perċezzjoni tan-nies jew in-nuqqas reali ta' benefiċċju mill-prosperità ekonomika, minn naħa, u l-attitudnijiet negattivi lejn l-istituzzjonijiet pubbliċi u l-prinċipji fundamentali, min-naħa l-oħra ⁽²¹⁾.

3.2.2. L-argument favur id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt jeħtieġ passi biex jiġu identifikati politiki li jistgħu jtejbju l-ħajja ta' kuljum tan-nies.

3.2.3. Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt jissaħħu bi stat soċjali b'saħħtu, irrispettivament mid-diversi forum li dan jista' jieħu madwar l-Ewropa. Din l-interkonnnettività hija rikonoxxuta mill-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, għodda ta' politika essenzjali għall-bini ta' Unjoni aktar inklużiva ⁽²²⁾. Il-ħaddiema jrid ikollhom id-dritt għal pagi ġusti li jipprovdu standard ta' għajxien deċenti (is-6 prinċipju tal-Pilastru), u kull min ma jkollux riżorsi suffiċjenti jrid ikollu d-dritt għal introjtu minimu adegwat, biex jiġi żgurat li jkun jista' jgħix b'dinjità fl-istadji kollha tal-ħajja, u aċċess effettiv għal oġġetti u servizzi abilitanti (l-14-il prinċipju) ⁽²³⁾.

3.2.4. Il-pandemija tal-COVID-19 hija tfakkira tal-importanza ta' sistema tal-kura tas-saħħa pubblika universali, aċċessibbli u ġusta. Il-KESE jtenni l-pożizzjoni espressa fl-Opinjoni SOC/691 (2022): "L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jipparteċipaw friflessjoni profonda tas-soċjetà dwar l-oriġini tal-kriżi u r-raġunijiet għaliex il-biċċa l-kbira tas-sistemi tas-saħħa Ewropej ġew imbuttati kważi lejn kollass totali minħabba l-pandemija. Snin ta' politiki ta' awsterità wasslu għal xejra ġenerali ta' diżinvestiment fis-settur tas-saħħa u servizzi soċjali ewlenin oħra (għajnnuna għall-persuni dipendenti u vulnerabbli, id-djar tal-kura, eċċ.), u ħolqu bużżeġa li kienet biss kwistjoni ta' meta se tinfaqa, li ġrat quddiem din l-isfida kbira għas-saħħa ⁽²⁴⁾."

3.2.5. Il-pandemija mhijiex l-unika kriżi li taffettwa d-drittijiet fundamentali. Il-gwerra fl-Ukrajna qed tipperikola miljuni ta' nies fl-Ukrajna u madwar id-dinja. It-tibdil fil-klima u l-isfidi u d-diżastri assoċjati miegħu, bħan-nirien fil-foresti, jaffettwaw direttament lin-nies madwar il-kontinent. Ħafna Ewropej qed jitħabtu ma' żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. L-għodod ta' azzjoni tal-Ewropa għandhom jiġu aġġornati u aġġustati kif xieraq.

3.2.6. Il-politiki, b'mod partikolari l-politiki ta' riforma ekonomika, għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjonijiet sistematiċi ex ante u ex post tad-drittijiet tal-bniedem ⁽²⁵⁾, sabiex jiffaċilitaw dibattiti infurmati u inklużivi Ewropej u nazzjonali dwar l-arbitraġġ u l-aġġustament tal-għażliet politiki ⁽²⁶⁾.

⁽²⁰⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-mekkaniżmu ta' kontroll Ewropew dwar l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 34, 2.2.2017, p. 8).

⁽²¹⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-populiżmu u d-drittijiet fundamentali — iż-żoni suburbani u rurali" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 97, 24.3.2020, p. 53).

⁽²²⁾ Kummissjoni Ewropea, Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali f'20 prinċipju.

⁽²³⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Lejn Direttiva Qafas Ewropea dwar l-introjtu minimu" (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 190, 5.6.2019, p. 1).

⁽²⁴⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar 'L-impatt tal-COVID-19 fuq id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt fl-UE, u l-futur tad-demokrazija' (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 275, 18.07.2022, p. 11).

⁽²⁵⁾ L-Espert Indipendenti tan-NU dwar l-effetti tad-dejn barrani u obbligi finanzjarji internazzjonali relatati oħra tal-Istati fuq it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet kollha tal-bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, Guiding Principles for human rights impact assessments for economic reform policies [Il-Prinċipji Gwida għall-valutazzjonijiet tal-impatt tad-drittijiet tal-bniedem għall-politiki ta' riforma ekonomika], dokument tan-NU A/HRC/40/57, id-19 ta' Diċembru 2018.

⁽²⁶⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-populiżmu u d-drittijiet fundamentali — iż-żoni suburbani u rurali" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 97, 24.03.2020, p. 53).

3.2.7. Għandha ssir enfasi akbar fuq il-Kapitolu III (Ugwaljanza) u l-Kapitolu IV (Solidarjetà) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali bħala elementi ewlenin tal-kredenzjali demokratiċi u bbażati fuq il-valuri tal-UE ⁽²⁷⁾. Id-drittijiet tal-bniedem kollha rikonnoxxuti fil-Karta huma indiviżibbli, interdipendenti u ugwalment importanti. Kif indikat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'kawża storika, ma hemm l-ebda diviżjoni stretta bejn id-drittijiet soċjoekonomiċi u d-drittijiet ċivili u politiċi ⁽²⁸⁾.

3.2.8. Hija mixtieqa aktar kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini u r-residenti kollha jgawdu d-drittijiet kollha rikonnoxxuti fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Karta Soċjali Ewropea (fil-forom diversi tagħha) u l-konvenzjonijiet rilevanti tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu kif xieraq il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Karta Soċjali Ewropea meta jfasslu, jinterpretaw u jimplimentaw id-Dritt tal-UE.

3.2.9. Il-KESE jistieden lill-Istati Membri kollha jiffirmaw u jirratifikaw il-Karta Soċjali Ewropea tal-1996 (Riveduta) u jaċċettaw il-proċedura tal-ilmenti kollettivi tal-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

3.2.10. Il-KESE jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tipprevedi miżuri korrettivi ekonomiċi fir-rigward tal-Istati Membri li jwettqu ksur serju u persistenti tal-valuri elenkati fl-Artikolu 2 tat-TUE ⁽²⁹⁾. “[J]eħtieġ li l-Kummissjoni talloka riżorsi umani u finanzjarji adegwati u ssegwi b'mod konsistenti indikazzjonijiet ta' ksur possibbli. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tapplika kriterji strettament oġġettivi u teżamina l-ksur bl-istess mod fl-Istati Membri kollha ⁽³⁰⁾.”

3.3. Kawża demokratika għad-drittijiet tal-bniedem u l-importanza tal-esperjenza mġarrba

3.3.1. Skont s'tħarriġ wiesa' mwettaq mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, kważi disgħa minn kull għaxar persuni fl-UE jaħsbu li d-drittijiet tal-bniedem huma importanti għall-ħolqien ta' soċjetà aktar ġusta ⁽³¹⁾. L-Ewropej jemmnu li d-drittijiet tal-bniedem jista' jkollhom rwol sinifikanti f'ħajjithom.

3.3.2. Biex id-drittijiet tal-bniedem isiru reali fl-Ewropa tenħtieġ azzjoni biex jiġi enfasizzat il-mod li bih id-drittijiet tal-bniedem — pereżempju d-drittijiet soċjali bħax-xogħol, is-sigurtà soċjali, l-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa — jistgħu jagħmlu differenza għal kulħadd fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, fil-postijiet li huma l-aktar importanti għalihom, u fil-komunitajiet lokali tagħhom ⁽³²⁾.

3.3.3. Il-movimenti fil-livell lokali u l-persuni b'esperjenza ta' faqar għandhom ikunu fiċ-ċentru ta' kawża demokratika għad-drittijiet tal-bniedem. Ma hemm l-ebda mod aħjar biex jiġu difiżi d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet soċjali, milli b'li jkollu il-vuċijiet tal-persuni l-aktar affettwati mill-inugwaljanza, il-faqar u l-esklużjoni soċjali jinstemgħu fl-ispażji pubbliċi u d-dibattiti ta' politika. Jista' jkun utli wkoll li l-istorja tiġi umanizzata u jintwerew l-uċuħ tal-individwi u l-persuni kkonċernati mill-evidenza u l-istatistika. It-teħid serju tad-drittijiet soċjali jeħtieġ mhux biss politiki differenti, iżda wkoll proċessi aktar inklużivi għat-tfassil tagħhom ⁽³³⁾.

3.3.4. Is-soċjetà Ewropea ma tiflaħx għal għażla binarja frodulent ta' drittijiet kontra demokrazija. Ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem jirrikjedi li dawn isiru popolari billi jinbena u jiġi ppreservat moviment għad-difiża tad-drittijiet fil-livelli lokali, nazzjonali u globali.

⁽²⁷⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija biex tissaħħa l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE” (COM(2020) 711 final) (ĠU C 341, 24.8.2021, p. 50).

⁽²⁸⁾ Airey vs Irlanda, Sentenza, Merti, Applikazzjoni Nru 6289/73 (1979) Sentenza tal-KEDB tad-9 ta' Ottubru 1979, punt 26.

⁽²⁹⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-istat tad-dritt u l-fond ta' rkupru” (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 194, 12.5.2022, p. 27).

⁽³⁰⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar ‘L-impatt tal-COVID-19 fuq id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt fl-UE, u l-futur tad-demokrazija’ (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 275, 18.07.2022, p. 11).

⁽³¹⁾ FRA, Many Europeans believe human rights can build a fairer society but challenges remain [Bosta Ewropej jemmnu li d-drittijiet tal-bniedem jistgħu jibnu soċjetà aktar ġusta iżda għad fadal l-isfidi], Sqarrija għall-istampa, 24 ta' Ġunju 2020.

⁽³²⁾ Casla, Koldo u Barker, Lyle, Human Rights Local, *Human Rights Centre blog* — *L-Università ta' Essex*, 17 ta' Jannar 2022.

⁽³³⁾ Casla, Koldo, Nothing about us, without us, is really for us, *Global Policy*, 14 ta' Ottubru 2019.

3.3.5. Il-gruppi tas-soċjetà ċivili għandhom imexxu dan il-proċess, u l-awtoritajiet pubbliċi fl-UE u fl-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw il-kawża demokratika għad-drittijiet tal-bniedem billi jaġixxu b'mod trasparenti u billi jirrispettaw ir-rwol tas-soċjetà ċivili li żżommhom responsabbli. L-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem għandhom jissaħħu, u għandhom jissensibilizzaw dwar ir-rimedji possibbli disponibbli għaċ-ċittadini.

Brussell, 1-14 ta' Diċembru 2022.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Strateġija industrijali għas-settur tat-teknoloġija marittima”**(opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2023/C 100/05)

Relatur: **Anastasis YIAPANIS**Korelatur: **Christophe TYTGAT**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	20.1.2022
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali
Adozzjoni fis-sezzjoni	11.11.2022
Adozzjoni fil-plenarja	14.12.2022
Sessjoni plenarja Nru	574
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	207/2/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE qed jikteb din l-Opinjoni fuq inizjattiva proprja biex jirrikonoxxi n-nuqqas ta' azzjonijiet ta' politika settorjali biex jiġu appoġġjati l-isfidi u l-ħtiġijiet tas-settur tat-teknoloġija marittima, u biex iressaq proposti konkreti għal azzjoni immedjata biex jissaħħu r-reżiljenza marittima u l-awtonomija marittima strateġika tal-Ewropa u biex terġa' tinkiseb il-kompetittività globali.

1.2. Il-Kumitat jinsab imħasseb dwar il-futur tas-settur tat-teknoloġija marittima fl-Ewropa, li qed jiffaċċja kompetizzjoni inġusta, speċjalment mill-Asja.

1.3. Il-KESE jitlob li t-teknoloġija marittima titqies bħala settur strateġiku tal-UE u li l-attivitajiet tagħha jitqiesu bħala “infrastruttura kritika” mill-aktar fis possibbli, u jappella għal strateġija għall-industrija marittima u biżżejjed riżorsi ddedikati fis-servizzi tal-KE. Strateġija marittima Ewropea sostenibbli trid tqis u tivvaluta mill-ġdid is-sjeda tal-portijiet Ewropej u ta' infrastruttura kritika relatata oħra.

1.4. Il-Kumitat jappella għal miżuri urġenti li jstimulaw id-domanda domestika għal bastimenti ekoloġiċi u ta' teknoloġija avvanzata, inklużi programm tal-UE għat-tiġdid tal-flotta u l-modifika retroattiva ta' bastimenti eżistenti f'konformità mal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, u għal investimenti immedjati fl-infrastruttura u fi fjuwils alternattivi.

1.5. Il-KESE jitlob li jiġu inklużi klawżoli speċifiċi fil-ftehimiet bilaterali u ta' kummerċ ħieles li jiżguraw aċċess liberu għas-suq għall-kumpaniji marittimi tal-UE, jipprojbixxu l-ostakli għall-kummerċ, jitolbu reċiproċità u jiżguraw id-diliġenza dovuta. Jekk in-negozjati internazzjonali ma jirnexxux, l-UE jeħtieġ li tqis azzjonijiet unilaterali biex jinholq vantaġġ fuq il-kompetituri internazzjonali tagħha.

1.6. Sabiex jiġi żgurat żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli, tiġi salvagwardjata l-awtonomija marittima strateġika u tad-difiża tal-UE u jiġu żgurati l-impjiegi u l-kapaċitajiet kritiċi, il-Kumitat jemmen li għandhom jiġu pprovduti inċentivi, kemm għar-rilokazzjoni tal-faċilitajiet tal-produzzjoni lejn l-UE, b'teknoloġiji manifatturati fl-UE, kif ukoll għaż-żamma tal-ktajjen tal-provvista u l-produzzjoni tas-sottokomponenti fl-UE.

1.7. Il-KESE jħeġġeġ lill-KE u lill-Istati Membri jimplimentaw programmi fuq skala kbira ta' taħriġ mill-ġdid, titjib tal-ħiliet u edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (VET), permezz ta' valutazzjoni tal-programmi u ċertifikazzjoni tal-ħiliet, bl-involvement sħiħ tal-imsieħba soċjali u l-akkademja, u jitlob appoġġ finanzjarju għall-Patt tal-UE għall-Ħiliet ⁽¹⁾ u għal kampanji speċifiċi biex is-settur isir attraenti, inkluż għan-nisa u ż-żgħażaġh.

1.8. Il-KESE jappella għal aktar sforzi biex tiġi żgurata **tranżizzjoni ġusta** għall-ħaddiema u l-SMEs kollha, biex jinħolqu u jiġu kkonsolidati l-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej u biex jiġu ssodisfati l-ogħla standards soċjali internazzjonali b'konformità sħiħa mal-leġislazzjoni tal-UE u r-regoli tal-ILO. Il-KESE jemmen li l-Kumitat Ewropew ta' Djalogu Soċjali fis-settur tal-bini tal-vapuri għandu rwol essenzjali x'jaqdi f'din il-kwistjoni u fit-tisħiħ tas-settur tat-teknoloġija marittima.

1.9. L-aċċess għas-self bankarju u l-finanzjament pubbliku huwa diffiċli ħafna għall-kumpaniji tat-teknoloġija marittima, speċjalment għall-SMEs. Il-KESE jappella għal regoli tat-tassonomija tal-UE li jappoġġjaw investimenti sostenibbli fis-settur marittimu, jippromovu l-inklużività tiegħu u jiżguraw iċ-ċertezza legali għall-investimenti teknoloġiċi.

1.10. Il-Kumitat jitlob li l-fondi miġbura mill-ksur ta' FuelEU Maritime ⁽²⁾ u d-dħul mill-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet ⁽³⁾ jintużaw biex jgħinu wkoll fil-finanzjament tas-settur tat-trasport fuq l-ilma ⁽⁴⁾ u l-katina tal-provvista tiegħu, b'mod partikolari s-settur tat-teknoloġija marittima. Il-KESE jitlob li jiġi stabbilit Fond ta' Garanzija tal-UE li jiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament għal investimenti marittimi ta' riskju intensiv.

1.11. Il-KESE jemmen li l-għodod ta' finanzjament tal-UE u l-aċċess għas-suq intern m'għandhomx jintużaw minn jew jingħataw lil kumpaniji barranin li jipperpetwaw id-dumping soċjali u jfixxlu l-kundizzjonijiet ekwi globali. Ir-redditu fuq l-investment ta' dawn l-għodod għandu jkun ta' benefiċċju għall-kumpaniji Ewropej.

1.12. Biex tinkiseb dekarbonizzazzjoni sħiħa tas-settur tat-teknoloġija marittima, hija meħtieġa bidla sħiħa għal fuwils u teknoloġiji alternattivi. Il-KESE jilqa' l-adozzjoni tas-Sħubija Koprogrammata dwar it-Trasport fuq l-Ilma b'Emissjonijiet Zero.

1.13. Il-Kumitat jemmen li "Grupp ta' Esperti Marittimi" u "alleanza industrijali Ewropea għas-settur tat-teknoloġija marittima" jistgħu jgħinu tittejjeb u terġa' tinkiseb il-kompetittività globali għas-settur tat-teknoloġija marittima.

1.14. Fl-aħħar nett, il-KESE huwa lest li jkun involut aktar biex jgħin lis-settur tat-teknoloġija marittima jindirizza l-isfidi tiegħu, u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod urġenti strateġija industrijali marittima. Il-KESE jinsab imħasseb li, mingħajr sett ta' għodod apposta, l-UE ser titlef il-kapaċitajiet, l-għarfien u l-impjiegi marittimi tagħha u ser ssir kompletament dipendenti mill-Asja għall-bastimenti u l-pjattaformi ċivili u navali tagħha u għat-tagħmir marittimu u offshore. In-nuqqas li strateġija industrijali marittima dedikata titwettagħ u tiġi implimentata b'mod rapidu jkun żball politiku sinifikanti.

2. Introduzzjoni

2.1. Il-KESE qed jikteb din l-Opinjoni fuq inizjattiva proprja b'segwitu għall-Opinjoni adottata fl-2018 CCMI/152 – *L-Istrateġija LeaderSHIP 2020 bħala viżjoni għall-industrija tat-teknoloġija marittima* ⁽⁵⁾. L-għan huwa **sensibilizzazzjoni dwar il-problemi serji li qed jiffaċċja s-settur tat-teknoloġija marittima** ⁽⁶⁾ tal-UE u **dwar in-nuqqas ta' azzjonijiet ta' politika settorjali mill-UE u mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali biex jappoġġjaw lis-settur fl-isfidi u l-ħtiġijiet tiegħu**. Il-KESE jagħmel proposti konkreti għal azzjonijiet biex tiġi żgurata l-kompetittività u jinħolqu t-tkabbir u n-negozju

⁽¹⁾ Patt għall-Ħiliet.

⁽²⁾ Proposta FuelEU Maritime.

⁽³⁾ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

⁽⁴⁾ It-terminu "settur tat-trasport fuq l-ilma" għandu jiġi interpretat b'mod wiesa' li jinkludi t-teknoloġija marittima, it-trasport marittimu, in-navigazzjoni interna, id-dgħajjes rikreattivi u l-jottijiet, u l-ktajjen tal-provvista tagħhom.

⁽⁵⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-Istrateġija LeaderSHIP 2020 bħala viżjoni għall-industrija tat-teknoloġija marittima: lejn industrija marittima innovattiva, sostenibbli u kompetittiva fl-2020" (opinijoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 262, 25.7.2018, p. 8).

⁽⁶⁾ Is-settur tat-teknoloġija marittima jinkludi t-tarzni u l-katina sħiħa tal-provvista ta' produtturi u fornituri ta' sistemi, tagħmir u teknoloġiji marittimi. Ma tinkludix fornituri ta' servizzi marittimi (eż. kumpaniji tat-tbakhir, awtoritajiet tal-port u fornituri tas-servizzi portwarji).

għas-settur tat-teknoloġija marittima. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE, lill-Istati Membri, lill-imsieħba soċjali u lil partijiet interessati oħra biex flimkien jidentifikaw u jtehdw azzjonijiet ta' politika malajr kemm jista' jkun biex isalvaw u jipproteġu dan is-settur strateġiku biex jiżguraw id-difiża u l-protezzjoni tal-kosta, l-awtonomija marittima, l-aċċess għall-kummerċ, l-ekonomija blu u l-pożizzjoni ewlenija globali fis-settur marittimu tal-UE.

2.2. Il-KESE qed isegwi intenzjonalment l-istruttura tal-Komunikazzjoni LeaderSHIP (7) tal-KE biex jenfasizza l-progress minimu li sar fl-erba' direzzjonijiet proposti u jwissi li huwa meħtieġ intervent immedjat u mmirat għas-settur tat-teknoloġija marittima, speċjalment meta jitqies l-impatt tal-pandemija u l-gwerra fl-Ukrajna.

3. It-Titjib fl-Aċċess għas-Swieq u Kundizzjonijiet Ġusti tas-Suq

3.1. Id-domanda għall-ikel, il-merkanzija u l-enerġija hija mistennija li tiżdied, u dan se jirrikjedi aktar infrastruttura tat-trasport fuq l-ilma (fuq il-baħar u fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni), kapaċitajiet, bastimenti, teknoloġiji u ġestjoni tal-loġistika. Id-domanda għat-turiżmu u d-divertiment fuq l-ilma u kostali qed tikber ukoll.

3.2. Il-COVID-19 u l-gwerra fl-Ukrajna wrew ir-riskji strateġiċi għall-UE jekk tkun dipendenti wisq minn nazzjonijiet barranin, filwaqt li ġġeneraw nuqqasijiet u ostakli għall-ktajjen tal-provvista, kif ukoll żiedu l-prezzijiet għall-materja prima u l-enerġija, li jpoġġu pressjoni żejda fuq il-kumpaniji tat-teknoloġija marittima. Il-gwerra fl-Ukrajna fakkret ukoll lill-UE dwar l-importanza li jkun hemm kapaċitajiet militari marittimi kritiċi, inklużi l-bastimenti kummerċjali u navali kif ukoll it-teknoloġiji għad-difiża, is-sigurtà, u l-protezzjoni tal-fruntieri u tal-kosta.

3.3. Il-kompetizzjoni globali għall-produtturi tal-UE hija waħda ħarxa, b'kumpaniji mill-Asja, speċjalment miċ-Ċina u mill-Korea t'Isfel, jiksibu dejjem aktar swieq bis-saħħa ta' appoġġ governattiv qawwi, inkluż permezz ta' skemi kumplessi ta' għajjuna mill-Istat, filwaqt li japplikaw standards soċjali u ambjentali aktar baxxi. Dan ippermiettelhom jiksibu swieq tradizzjonali tal-UE u jattiraw ordnijiet minn kumpaniji Ewropej bi prezzijiet dannużi. Iż-żieda attwali fl-inflazzjoni u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija jpoġġu pressjoni żejda fuq il-produtturi Ewropej. Il-KESE huwa mħasseb dwar il-futur tas-settur tat-teknoloġija marittima u jemma li hemm bżonn ta' azzjoni immedjata biex tissaħħaħ ir-reżiljenza marittima tal-Ewropa, terġa' tinkiseb il-kompetittività globali, tiġi protetta l-pożizzjoni b'saħħitha tal-Ewropa fil-bini kumpless tal-vapuri u t-tbajh rikreattiv u tiġi salvagwardjata l-awtonomija marittima strateġika tal-Ewropa.

3.4. Strateġija marittima Ewropea sostenibbli trid tqis ukoll is-sjieda tal-portijiet Ewropej u ta' infrastruttura kritika relatata oħra, li ħafna minnhom inxtraw, kompletament jew parzjalment, minn kumpaniji Ċiniżi li huma taħt il-kontroll totali jew parzjali tal-Istat Ċiniż. Sabiex tiġi żgurata l-awtonomija strateġika Ewropea, huwa ta' importanza kbira li jiġu vvalutati mill-ġdid l-istrutturi tas-sjieda u li tiġi stabbilita mill-ġdid kull fejn ikun possibbli s-sjieda Ewropea.

3.5. Il-KESE jappella għal strateġija settorjali għas-settur tat-teknoloġija marittima biex tingħata spinta lill-kompetittività globali tiegħu u jkun jista' jisfrutta l-opportunitajiet ta' negozju mit-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali. Mekkaniżmi kummerċjali speċifiċi tal-UE, aċċess għall-finanzjament, skemi ta' taħriġ tax-xogħol u programmi ta' riċerka u żvilupp jeħtieġ li jiġu żviluppati immedjatament jekk l-UE timmira li tkompli tikkompeti f'dan is-suq globali ssussidjat ħafna u żbilanċjat fejn il-kompetituri ewlenin tagħha ma jikkonformawx mar-regoli tad-WTO. Barra minn hekk, il-KESE jitlob li t-teknoloġija marittima titqies bħala settur strateġiku tal-UE, bħalma huwa l-każ fl-Istati Uniti, fiċ-Ċina, fil-Ġappun jew fil-Korea t'Isfel, u li jiġu ddedikati biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji għas-settur fis-servizzi tal-KE.

3.6. Is-settur Ewropew tat-teknoloġija marittima huwa pedament għad-difiża u s-sorveljanza tal-UE, għat-trasport tal-merkanzija, l-enerġija u l-passiġġieri, u biex jintlaħqu l-għanijiet politiċi tal-UE f'termini tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-ekonomija blu. Il-KESE jappella għal miżuri urġenti li jstimulaw id-domanda domestika għal bastimenti ekoloġiċi u ta' teknoloġija avvanzata, inkluż programm tal-UE għat-tiġdid tal-flotot (eż. tal-flotot tas-sajd nazzjonali, flotot tatrasport marittimu fuq distanzi qosra u tal-kabotaġġ, u dgħajjes rikreattivi) u l-modifika retroattiva ta' bastimenti eżistenti f'konformità mal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

(7) LeaderSHIP 2020 – The Sea: new opportunities for the Future (LeaderSHIP 2020 – Il-Baħar: Opportunitajiet ġodda għall-Futur) (mhux disponibbli bil-Malti).

3.7. Il-KESE jinnota li l-kompetittività tas-settur hija influwenzata direttament mill-Patt Ekoloġiku Ewropew peress li dan jirrappreżenta bidla fundamentali għas-settur kollu tat-trasport fuq l-ilma. L-implimentazzjoni tiegħu se tirriżulta f'adozzjoni aktar mgħaġġla ta' fjuwils u teknoloġiji alternattivi. Madankollu, il-KESE jirrimarka li l-infrastruttura limitata u d-disponibbiltà ta' fjuwils alternattivi jxekklu bidla aktar rapida, u għalhekk jappella għal investimenti immedjati f'dan ir-rigward, pereżempju billi jiġi stabbilit Fond Marittimu tal-UE apposta. Jenħtieġ li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi speċifiċi ta' kull tip ta' bastiment, bi pjani direzzjonali speċifiċi għas-sistemi ta' propulsjoni, il-fjuwils u t-teknoloġiji b'emissjonijiet zero.

3.8. Il-KESE jinsab imħasseb dwar l-ostakli għall-kummerċ fl-Asja għall-kumpaniji Ewropej, u jitlob li l-ftehimiet bilaterali u ta' kummerċ hiesle u s-sħubijiet ekonomiċi attwali u futuri jiġu aġġornati bi klawżoli li jiżguraw aċċess liberu għas-suq għall-kumpaniji marittimi tal-UE, jipprojbixxu l-ostakli għall-kummerċ, jitolbu reċiproċità u jiżguraw id-diliġenza dovuta.

3.9. Il-KESE jemmen li d-diskussjonijiet u l-ftehimiet internazzjonali jirrappreżentaw l-aħjar triq 'il quddiem kontra l-protezzjoniżmu kummerċjali u jitlob lill-KE żżid l-isforzi internazzjonali tagħha biex tikseb regoli globali. Alternattivament, jeħtieġ li l-KE tapplika azzjonijiet unilaterali – sakemm ikunu meħtieġa – biex toħloq vantaġġ fuq il-kompetituri internazzjonali tagħha. Il-KESE jqis li hija prijorità ewlenija li tittieħed azzjoni kontra s-sussidjar barrani u l-ipprezzar dannuż.

3.10. L-industrija tat-teknoloġija marittima hija pedament għall-ekonomija blu tal-Ewropa peress li tibni u timmodifika l-bastimenti, l-istrutturi u t-teknoloġiji, eż. għall-iżvilupp ta' flotta tas-sajd ekoloġiku, l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, l-akkwakultura u l-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-UE se jkollha bżonn iżżid b'mod sinifikanti l-kapaċità industrijali tagħha għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli tal-baħar lil hinn mill-kosta u għal fjuwils alternattivi oħra. Inkella, l-UE se jkollha bżonn tiddependi mill-kapaċità barranija biex tiżviluppa dan is-suq strateġiku u tilħaq il-miri tagħha stess tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Sabiex jiġi evitat dan ir-riskju, il-KESE jistieden lill-KE tikkwalifika immedjatament is-settur strateġiku tat-teknoloġija marittima u l-attivitàjiet tiegħu bħala "infrastruttura kritika".

3.11. Il-Kumitat jemmen bis-sħiħ li l-pożizzjoni ewlenija ekonomika tal-UE tista' tinkiseb biss b'faċilitajiet ta' produzzjoni b'saħħithom fit-territorju tal-UE, peress li din hija l-unika possibbiltà biex jiġi żgurat żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli, tiġi salvagwardjata l-awtonomija marittima strateġika u tad-difiża tal-UE, jinżammu sikuri ċ-ċittadini tal-UE u jiġu żgurati l-impjiegi tagħhom. Il-KESE jappella wkoll għal programm iddedikat u inċentivi għall-produtturi li jixtiequ jirrilokaw il-faċilitajiet tal-produzzjoni tagħhom lejn l-UE (rilokalizzazzjoni).

4. Impjiegi u Ħiliet

4.1. Is-settur tat-teknoloġija marittima jgħallq madwar miljun impjieg fir-reġjuni marittimi madwar l-Ewropa ⁽⁸⁾.

4.2. It-tħaddin tal-ekoloġizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni u l-adozzjoni ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji jeħtieġu speċjalizzazzjoni tal-forza tax-xogħol. Għal dan l-għan, il-KESE jhegġegħ lill-KE u lill-Istati Membri jiżviluppaw u jimplimentaw minnufih programmi ta' taħriġ mill-ġdid, titjib tal-ħiliet u VET fuq skala kbira, permezz ta' valutazzjoni tal-programmi u ċertifikazzjoni tal-ħiliet, bl-involviment sħiħ tal-imsieħba soċjali u l-akkademja. Barra minn hekk, il-KESE jappella għal appoġġ finanzjarju konkret għall-Patt tal-UE għall-Ħiliet u għal kampanji speċifiċi li jagħmlu s-settur aktar attraenti, inkluż għan-nisa u ż-żgħażaġh, u għall-persuni b'diżabilitajiet u b'kompetenzi speċjali. Il-KESE jirrimarka wkoll li s-settur tat-teknoloġija marittima jirrikjedi ħaddiema b'ħiliet avvanzati fir-robotika, l-IA, iċ-ċibersigurtà, l-użu tas-sensuri, l-awtomatizzazzjoni u l-istampar 3D kif ukoll inġiniera b'livell għoli ta' ħiliet, minbarra l-ħtieġa speċjali tas-settur għal ħaddiema manwali (eż. welders, electricians, installaturi tal-pajpijiet).

4.3. Il-kumpaniji Ewropej jissodisfaw l-oġhla standards soċjali internazzjonali b'konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni tal-UE u r-regoli tal-ILO. Il-KESE jirrikonoxxi l-ħidma tal-kumpaniji Ewropej biex ikunu minn ta' quddiem u jgħollu l-istandards internazzjonali tax-xogħol, u l-importanza ta' kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin, salarji deċenti u sigurtà soċjali għall-forza tax-xogħol tas-settur, u jappella għal aktar sforzi biex jinħolqu u jiġu kkonsolidati l-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet. Barra minn hekk, il-Kumitat itenni l-ħtieġa li l-ħaddiema stazzjonati fi Stat Membru ieħor ikunu intitolati għal sett ta' drittijiet ewlenin fis-seħħ fl-Istat Membru ospitanti skont id-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema.

⁽⁸⁾ Politika Industrijali Ewropea Futura tat-Teknoloġija Marittima (mhux disponibbli bil-Malti).

4.4. Kif enfasizzat fl-istrategġija LeaderSHIP 2020 (2013), is-settur tat-teknoloġija marittima qed jiffaċċja diffikultajiet biex jiżgura t-trasferiment interġenerazzjonali tal-għarfien. Il-KESE huwa diżappuntat ħafna li s'issa ma ttehdet l-ebda azzjoni speċifika (tal-UE) u jappella għal pjan direzzjonali ċar biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta, is-settur tat-teknoloġija marittima jsir aktar attraenti u jinħolqu faċilitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ adegwati b'kurrikuli ġodda u ħiliet adattati għal xejriet u mudelli ta' negozju ġodda u għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-qafas ta' tranżizzjoni ġusta jrid ikun ibbażat fuq id-djalogu soċjali u jipprevedi riżorsi adegwati biex jattira forza tax-xogħol ġdida u jappoġġja t-tranżizzjonijiet bejn impjieġ u ieħor u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema, inkluż it-taħriġ dwar is-saħħa u s-sigurtà dwar teknoloġiji u proċessi ġodda. Il-programmi kollha għandhom jiġu evalwati u ċertifikati, bil-għan li t-taħriġ isir uniformi u bbażat fuq l-istess standards.

4.5. Il-KESE jemmen li l-Kumitat Ewropew ta' Djalogu Soċjali Settorjali għandu rwol essenzjali x'jaqdi biex jissaħħaħ is-settur tat-teknoloġija marittima. Djalogu soċjali ta' kwalità (pereżempju permezz ta' azzjonijiet konġunti ambizzjużi), ftehimiet u kollaborazzjoni bejn l-imsieħba soċjali, inkluż permezz tal-Kumitat Ewropew ta' Djalogu Soċjali Settorjali, huma vitali u għandhom jiġu rispettati.

5. Aċċess għal Finanzzjament

5.1. Il-KESE jqis li huwa essenzjali li l-faċilitajiet tal-produzzjoni fl-Ewropa jinżammu u jsiru kompetittivi u jappella lill-UE u lill-Istati Membri biex jagħmlu l-finanzzjament tal-industrija prijorità. Is-settur tat-teknoloġija marittima qed jiffaċċja diffikultajiet akbar fl-aċċess għas-self bankarju u l-finanzzjament pubbliku, u għandu esponiment limitat ħafna għal sorsi oħra ta' finanzzjament, bl-SMEs milquta l-aktar. Il-KESE jappella wkoll għal regoli tal-UE dwar it-tassonomija li jappoġġjaw investimenti sostenibbli fis-settur marittimu, filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura u tiġi evitata kwalunkwe diskriminazzjoni bejn l-atturi fis-settur. Il-kriterji tal-prestazzjoni ambjentali jridu jkunu allinjati wkoll mal-leġiżlazzjoni tal-UE u jiżguraw ċertezza legali għall-investimenti teknoloġiċi.

5.2. Il-KESE jemmen li l-UE għandha tinċentiva finanzzarjament lis-sidien tal-bastimenti tal-UE biex jibnu bastimenti fl-Ewropa, filwaqt li kemm jista' jkun iżżomm il-ktajjen tal-provvista u l-produzzjoni tas-sottokomponenti fl-UE. Il-fondi ddedikati u s-sejthiet għal proposti jenħtieġ li jitqiesu minħabba l-fatt li l-opportunitajiet marittimi bilmkemm jissemmew jew jiġu indirizzati fil-ftehimiet ta' sħubija jew fil-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza.

5.3. Il-Kumitat jappella biex il-fondi miġbura mill-ksur ta' FuelEU Maritime kif ukoll id-dħul mill-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet jintużaw ukoll bħala sors ta' finanzzjament iddedikat addizzjonali għas-settur tat-teknoloġija marittima, speċjalment għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Il-KESE huwa lest li jinvolvi ruħu fil-ħolqien ta' politiki ġodda u skemi ta' finanzzjament tal-UE u jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jiġu inklużi fit-taħditiet futuri kollha dwar il-kwistjoni.

5.4. Peress li l-istrumenti finanzjarji eżistenti mhumie x biżżejjed jew mhumie x adattati għal setturi intensivi fil-kapital, il-KESE għal darba oħra jistieden lill-KE "tniedi strument finanzjarju ddedikat li jtejjeb l-investiment f'settur ta' kapital ta' riskju intensiv, bħall-industrija Ewropea tat-teknoloġija marittima" ⁽⁹⁾, filwaqt li "għandu jiġi kkunsidrat ukoll l-istabbiliment ta' programm ta' finanzzjament biex il-faċilitajiet Ewropej għar-riċiklaġġ tal-bastimenti jkunu jistgħu jirriċiklaw tipi akbar ta' bastimenti." Il-KESE jappella biex jiġi stabbilit Fond ta' Garanzija tal-UE li jiffaċilita l-aċċess għall-finanzzjament għal investimenti marittimi b'riskju intensiv. Iż-żarmar u r-riċiklaġġ ta' bastimenti li m'għadhomx jintużaw, inklużi dgħajjes rikreattivi u tas-sajd, għandhom ukoll ikunu jistgħu jiġu ffinanzjati mill-UE.

5.5. Fl-aħħar nett, huwa inaċċettabbli li kumpaniji mhux tal-UE li ma jirrispettawx l-istandards tal-UE għad għandhom aċċess għall-fondi tal-UE (eż. il-finanzzjament tal-BEI) u s-suq intern. Għalhekk, l-UE għandha tapplika b'mod strett il-prinċipju ta' reċiproċità u diliġenza dovuta għar-rispett tal-istandards tal-UE u tiżgura li l-għodod ta' finanzzjament tal-UE u l-aċċess għas-suq intern ma jintużawx minn jew jingħataw lil kumpaniji li jipperpetwaw id-dumping soċjali u jfixklu

⁽⁹⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-istrategġija LeaderSHIP 2020 bħala viżjoni għall-industrija tat-teknoloġija marittima: lejn industrija marittima innovattiva, sostenibbli u kompetittiva fl-2020" (opinjoni fuq inizzjattiva proprja) (ĠU C 262, 25.7.2018, p. 8).

l-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni globali. Il-KE għandha tapplika r-Regolament dwar is-sussidji barranin għal tarzni barranin issussidjati u manifatturi ta' tagħmir marittimu u tikkunsidra li tirrevedi r-Regolament (UE) 2016/1035 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁰⁾ dwar prezzijiet iġurjużi ta' bastimenti.

6. Ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni

6.1. Sabiex jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tiġi implimentata l-istrategġija industrijali tal-UE, huwa meħtieġ approċċ settorjali, b'azzjonijiet ta' politika settorjali speċifiċi. Il-KESE jenfasizza li hemm triq twila mit-teorija għall-prattika u huwa diżappuntat ħafna bin-nuqqas ta' azzjoni biex jingħata appoġġ għall-progress industrijali tal-UE. Il-Kumitat, l-imsieħba soċjali u l-produtturi lokali stennew għalxejn għal stimolu biex is-settur jaqleb għal bastimenti ekoloġiċi u fjuwils u teknoloġiji alternattivi biex jikkonformaw mal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" ⁽¹¹⁾.

6.2. It-tħaddin ta' teknoloġiji fixkiela ġodda (eż. sensuri intelliġenti kemm għall-bastimenti kif ukoll għall-portijiet, l-analitika tad-data, l-Internet tal-oġġetti, il-cloud computing, l-IA) huwa vitali biex inlaħħqu mal-kompetizzjoni. Dawn se jippermettu servizzi tat-tbajhir u ktajjen tal-provvista aktar integrati, aktar sikurezza u effiċjenza enerġetika, u disinn superjuri. Madankollu, il-KESE jirrimarka li l-produtturi lokali diġà jinvestu medja ta' 9 % tal-fatturat annwali tagħhom fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u jappella għal politiki pubbliċi apposta u appoġġ finanzjarju akbar għal dawn l-atturi ewlenin.

6.3. Il-Kumitat jitlob ukoll sforzi msaħħa fil-livell nazzjonali, tal-UE u internazzjonali biex jiżdiedu l-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà, peress li r-riskju ċibernetiku ser jiżdied, flimkien mal-evoluzzjoni teknoloġika u l-introduzzjoni ta' proċessi u bastimenti awtomatizzati.

6.4. Biex tinkiseb dekarbonizzazzjoni sħiħa tas-settur tat-teknoloġija marittima, hija meħtieġa bidla sħiħa għal fjuwils u teknoloġiji alternattivi. Għalkemm is-settur huwa l-aktar mezz ta' trasport effiċjenti fl-użu tal-enerġija, il-KESE jirrimarka li għad hemm lok għal titjib f'termini ta' riċiklaġġ, investimenti ekoloġiċi, portijiet b'emissjonijiet żero u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, infrastruttura tal-passaġġi fuq l-ilma u ktajjen loġistiċi portwarji effiċjenti. Il-KESE jappella għal appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur tat-teknoloġija marittima, peress li huma kruċjali għall-iżvilupp ta' teknoloġiji fixkiela u kunċetti alternattivi potenzjali għat-trasport marittimu, u għall-kompetittività tas-settur tat-teknoloġija marittima. F'dan ir-rigward, għandha tiġi mfittxja kooperazzjoni wiesgħa mal-industrija tad-difiża.

6.5. Il-futur tas-settur tat-teknoloġija marittima jiddependi mill-għbir u l-ġestjoni tad-data, peress li l-analitika tad-data tirrappreżenta opportunità importanti biex jittejjbu l-loġistika, l-operazzjonijiet tal-bastimenti, il-monitoraġġ spazjali ta' żoni kbar tal-baħar u l-prestazzjoni ambjentali tal-bastimenti.

6.6. Il-protezzjoni tal-għarfien espert u tal-proprjetà intellettuali hija vitali għas-settur tat-teknoloġija marittima. L-għarfien mir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni ffinanzjati mill-UE għandu jagħmel il-kumpaniji tal-UE aktar kompetittivi u jkun ta' benefiċċju għas-soċjetà. Għalhekk, it-teknoloġiji marittimi ekoloġiċi u intelliġenti żviluppati permezz ta' proġetti tal-UE għandhom jitqiesu strateġiċi għall-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-UE u għandu jkun possibbli li jiġi ristrett temporanjament l-aċċess tal-kumpaniji mhux tal-UE għar-riżultati ta' dawn il-proġetti, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali tal-Orizzont Ewropa. Is-setturi tal-industrija tat-trasport fuq l-ilma li għadhom mhumieks inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sħubijiet eżistenti, bħad-dgħajjes rikreattivi u l-jottijiet, jenħteġ li jibbenefikaw ukoll mill-finanzjament tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fil-qafas ta' Orizzont Ewropa.

6.7. Fl-aħħar nett, il-KESE jirrimarka li l-investimenti fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni jistgħu jiżguraw ir-rwol ewleni tal-UE fil-kompetizzjoni globali, u għalhekk jilqa' l-adozzjoni tas-Sħubija Koprogrammata dwar it-Trasport fuq l-ilma b'Emissjonijiet Zero.

7. Kummenti Finali

7.1. Bħal fil-każ ta' modi oħra ta' trasport, il-Kumitat jemmen li "Grupp ta' Esperti Marittimi" u "alleanza industrijali Ewropea għas-settur tat-teknoloġija marittima" jistgħu jgħinu tittejjeb u terġa' tinkiseb il-kompetittività globali għas-settur tat-teknoloġija marittima.

⁽¹⁰⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/1035 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra prezzijiet iġurjużi ta' bastimenti (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 1).

⁽¹¹⁾ "Lesti għall-Mira ta' 55": Nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi Triqitna lejn in-Newtralità Klimatika.

7.2. Jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni fil-livell settorjali, din l-Opinjoni tal-KESE tista' tkun waħda mill-aħħar sejħiet għal appoġġ immedjat lis-settur tat-teknoloġija marittima għas-salvagwardja tas-suq, il-kapaċitajiet industrijali u l-impjiegi fl-Ewropa u għall-ġlieda favur l-irkupru tas-swieq mitlufa. Il-KESE għamel il-parti tiegħu fis-sensibilizzazzjoni dwar l-azzjonijiet ta' politika meħtieġa u huwa lest li jieħu azzjoni ulterjuri biex is-settur isir aktar kompetittiv. Jekk l-UE tonqos milli tieħu azzjoni urġenti, u twettaq u timplimenta b'mod rapidu strateġija industrijali marittima speċifika, l-UE tista' ssir kompletament dipendenti mill-Asja għall-bastimenti u l-istrutturi ċivili u navali tagħha u għat-tagħmir marittimu u offshore tagħha. Din mhux biss tkun ħasra, iżda wkoll żball politiku sinifikanti!

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2022.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-awtonomizzazzjoni taż-żgħażaġh biex jinkiseb żvilupp sostenibbli permezz tal-edukazzjoni”

(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)

(2023/C 100/06)

Relatur: **Tatjana BABRAUSKIENĒ**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	20.1.2022
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura
	Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adozzjoni fis-sezzjoni	24.11.2022
Adozzjoni fil-plenarja	15.12.2022
Sessjoni plenarja Nru	574
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	126/1/1

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jistieden lill-Istati Membri jafferimaw mill-ġdid l-impenn li hađu fil-COP26 ⁽¹⁾ li jagħmlu l-azzjoni klimatika u l-iżvilupp sostenibbli komponent ewlieni fil-kurrikulu edukattiv. Huwa essenzjali li tiġi rikonoxxuta l-hteġa li nergħu nimmaġinaw il-futur flimkien maż-żgħażaġh u li jiffassal kuntratt soċjali ġdid li jittrasforma l-edukazzjoni b'mod pożittiv.

1.2. Sabiex tinkiseb bidla fundamentali, il-KESE jenfasizza l-hteġa ta' approċċ trasversali komprensiv, li jiżgura l-kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati differenti, l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. L-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u l-edukazzjoni mhux formali għandhom rwol kruċjali fis-sensibilizzazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u fl-appoġġ tagħha.

1.3. Il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea tkompli tiffoka fuq il-ħtiġijiet taż-żgħażaġh fis-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023, billi torbotha mal-iżvilupp sostenibbli u l-isfidi li qed jiffaċċjaw iż-żgħażaġh fid-dinja li qed tinbidel.

1.4. Il-KESE jilqa' r-rwol ta' koordinazzjoni tal-Kummissjoni fil-promozzjoni ta' proġetti, taħriġ, skambji ta' Prattiki tajbin u komunikazzjoni fost l-għalliema biex titrawwem l-implimentazzjoni tal-SDGs fl-edukazzjoni. Madankollu, l-edukazzjoni dwar approċċi u strateġiji tal-iżvilupp sostenibbli, kemm fil-livell teoretiku kif ukoll fil-prattika, għandha titfassal fil-livelli lokali, nazzjonali u reġjonali, u tkun ibbażata fuq riċerka konsistenti u pjani ta' azzjoni ċari; hija għandha tinkludi monitoraġġ, tippermetti titjib kontinwu u l-iskambju tal-esperjenzi.

1.5. Il-KESE jenfasizza r-rwol importanti tad-djalogu soċjali u ċiviku għall-integrazzjoni tal-SDGs fil-livelli edukattivi kollha, fl-edukazzjoni formali u mhux formali, u fl-edukazzjoni tal-għalliema, biex jiġi żgurat li dawn jinkludu oqfsa ta' kompetenza espliċiti li jagħmluha possibbli li jiġu stabbiliti oġġettivi ta' taġħlim konkreti u metodi ta' valutazzjoni.

1.6. Il-KESE jirrimarka li kulħadd għandu bżonn l-għarfien meħtieġ biex jiġġieled it-tibdil fil-klima, speċjalment dwar l-aspetti kollha tal-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, l-għażliet tal-ikel responsabbli u t-tnaqqis tal-ħela tal-ikel, kif ukoll l-użu tal-enerġija sostenibbli. L-edukazzjoni tat-tfal għandha tkun appoġġjata mit-tagħlim tul il-ħajja għall-ġenituri u l-edukazzjoni taċ-ċittadini. Barra minn hekk, għandha tiġi promossa s-sensibilizzazzjoni għal kulħadd, inkluż billi jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet immexxija miż-żgħażaġh dwar din il-kwistjoni.

⁽¹⁾ Co-chairs conclusions of Education and Environment Ministers' summit at Cop26 “Learn for our Planet. Act for the climate” (Il-konklużjonijiet tal-Kopresidenti tas-Summit tal-Ministri għall-Edukazzjoni u l-Ambjent tal-COP26 — “Nitgħallmu mill-Pjaneta. Naġixxu għall-klima” (mhux disponibbli bil-Malti).

1.7. Il-KESE jappella biex l-investiment tal-UE jkun marbut aħjar mal-edukazzjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli bl-użu ta' fondi tal-UE, bħall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, Erasmus+, Orizzont, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), u l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+).

1.8. Il-KESE jistieden lill-Istati Membri kollha jipprovdu investiment pubbliku sostenibbli u ta' kwalità sabiex jiġi żgurat li l-SDGs jiġu integrati fl-edukazzjoni nazzjonali, mhux biss fit-teorija iżda wkoll fil-prattika, bl-iżvilupp ta' kurrikuli komprensivi sabiex irawmu l-ħiliet ta' ħsieb kritiku u t-tehied ta' deċiżjonijiet infurmati.

1.9. Il-KESE jistieden lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ effettiv lill-għalliema biex il-professjoni ssir aktar attraenti. Filwaqt li fl-Ewropa hemm nuqqas kbir ta' għalliema, l-edukazzjoni għas-sostenibbiltà teħtieġ għalliema apprezzati, b'salarji deċenti u kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin. Biex is-sistema edukattiva tinbidel, huwa essenzjali li jiġi żgurat li jkun hemm taħriġ inizjali u kontinwu ta' kwalità għolja tal-għalliema, l-ekwità u l-inklużjoni fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u organizzazzjoni innovattiva tal-iskejjel.

1.10. Il-KESE jappella biex iż-żgħażaġh jitqiegħdu fiċ-ċentru tal-proċess tal-edukazzjoni u t-tagħlim. Dan jista' jinkiseb billi titnaqqas il-burokrazija fil-professjoni tat-tagħlim, b'enfasi fuq pedagoġija innovattiva u kooperazzjoni mill-qrib mal-istudenti. F'dan il-kuntest, huwa importanti li l-għalliema kollha jitħejjew biex jużaw b'mod effiċjenti t-teknoloġiji ġodda u għal kuntesti ġodda ta' tagħlim, kemm fil-kurrikulu kif ukoll f'ħajjithom stess. Ikun ta' benefiċċju li tiġi vvalutata l-fattibbiltà tal-iżvilupp ta' pjattaforma jew dashboard online apposta għall-iskambju tal-aħjar Prattiki.

1.11. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea taħdem fuq l-introduzzjoni ta' indikatur Ewropew dwar it-tnaqqis tal-faqar u t-tluq bikri mill-iskola, f'konformità mal-edukazzjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli sabiex tiġi miġġielda l-inugwaljanza. Dan jista' jiġi żviluppat flimkien ma' indikatur globali.

2. Kuntest

2.1. Il-ħtieġa għal żvilupp sostenibbli

2.1.1. Il-politiċi, dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-partijiet ikkonċernati fil-livelli kollha għandhom jirrikonoxxu li t-trasformazzjoni fuq skala kbira minn ekonomija bbażata fuq il-fjuwils fossili, lineari u li tuża ħafna riżorsi għal ekonomija ċirkolari li ma tagħmilx ħsara lill-klima hija tant meħtieġa. Madankollu, hija ġġib magħha ħafna taqlib għall-ħajja u l-pjani futuri taċ-ċittadini, iżda speċjalment dawk taż-żgħażaġh u tal-ġenerazzjonijiet futuri.

2.1.2. Il-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna tenfasizza wkoll id-dipendenza mhux sostenibbli tal-Ewropa fuq l-enerġija mill-fossili u tpoġġi t-tranżizzjoni ekoloġika f'kuntest ġeopolitiku ġdid. Sabiex innaqqsu d-dipendenza tagħna, huwa inevitabbli li nħaffu d-dekarbonizzazzjoni, u dan huwa meħtieġ aktar minn qatt qabel. Fid-dawl tal-isfidi attwali u futuri, l-Aġenda 2030, is-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha u l-wegħda li ħadd u l-ebda post ma jitħallew jibqgħu lura jipprovdu perkors uniku għal ekonomija tal-benesseri, biex nibnu mill-ġdid aħjar u biex tinkiseb dinja aktar ekwa, ġusta, inklużiva, sostenibbli u reżiljenti.

2.1.3. Fil-futur qrib, l-UE għandha tagħti eżempju billi toħloq perkors ekonomikament sostenibbli għal tranżizzjoni ekoloġika u soċjalment ġusta. Biex jinkiseb dan, il-KESE jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE jawtonomizzaw liż-żgħażaġh u jinvolvuom fit-tehied tad-deċiżjonijiet, filwaqt li jadattaw l-edukazzjoni u l-impjeg, u jimmobilizzaw saħnsitra aktar żgħażaġh. Skont il-*Programm Dinji ta' Azzjoni għaż-Żgħażaġħ sas-sena 2000 u lil hinn* ⁽²⁾ adottat mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fl-1995, iż-żgħażaġh fil-pajjiżi kollha huma kemm riżorsa umana ewlenija għall-iżvilupp kif ukoll aġenti ewlenin għall-bidla soċjali, l-iżvilupp ekonomiku u l-innovazzjoni teknoloġika. Il-KESE jirrimarka li ż-żgħażaġh huma l-mexxejja tal-futur. Jeħtieġ li jiġu appoġġjati fl-aċċess għall-innovazzjoni progressiva, u integrati bis-sħiħ fit-tfassil tal-politika sabiex jissaħħaħ l-iżvilupp sostenibbli.

2.1.4. L-oġġettiv ta' din l-Opinjoni fuq inizjattiva proprja huwa li tanalizza jekk u kif l-SDGs huma inkorporati fil-kurrikulu edukattiv tal-Istati Membri u li teżamina jekk l-approċċ mill-Istati Membri rispettivi jistax jitqies bħala edukazzjoni trasformattiva għall-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli ⁽³⁾. Barra minn hekk, l-Opinjoni tippovdi rakkomandazzjonijiet biex tappoġġja lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri dwar kif għandhom irawmu l-oportunitajiet u jegħlbu l-isfidi biex jiġu żviluppati aktar il-politiki dwar iż-żgħażaġh, filwaqt li jiġi żgurat li l-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli tiġi integrata minn kmieni.

⁽²⁾ NU — World programme of action for youth (Programm dinji ta' azzjoni għaż-żgħażaġh) (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽³⁾ Jintużaw diversi termini — l-Opinjoni tirreferi għal "edukazzjoni trasformattiva għall-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli". Madankollu, l-"Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli" u l-"Edukazzjoni għas-Sostenibbiltà Ambjentali" jintużaw b'mod interkambjabbli fil-kuntest attwali. Ara wkoll il-glossarju fl-Appendiċi.

2.2. Xenarju ta' politika

2.2.1. Fl-2015, in-Nazzjonijiet Uniti adottaw l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) bħala pjan ta' azzjoni ambizzjuż għad-dinja biex nindirizzaw id-degradazzjoni ambjentali u l-kwistjonijiet ta' żvilupp soċjali u ekonomiku flimkien. Is-17-il SDG, b'169 mira assoċjata li għandhom jintlaħqu sal-2030, iqiegħdu l-edukazzjoni fiċ-ċentru tat-twettiq tagħhom. L-edukazzjoni hija dritt tal-bniedem, u l-edukazzjoni (inkluża l-edukazzjoni dwar is-sostenibbiltà) għandha tkun aċċessibbli għal kulħadd. Madankollu, skont ir-rapport tal-Unesco dwar l-implimentazzjoni tal-SDGs, l-edukazzjoni pubblika mhijiex b'xejn għal kulħadd u spiss mhijiex inklużiva. Għalhekk, l-implimentazzjoni tal-SDG 4.7 kienet diffiċli. Barra minn hekk, ħafna pajjiżi għadhom mhumieks impenjati bis-sħiħ biex jagħmlu l-azzjoni klimatika komponent ewlieni tal-kurrikulu ⁽⁴⁾.

2.2.2. L-SDG 4.7 jiddikjara li, sal-2030 il-firmatarji se jkunu meħtieġa jiżguraw li l-istudenti kollha jiksbu l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa biex jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli, inkluż, fost oħrajn, permezz tal-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u stili ta' ħajja sostenibbli, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-promozzjoni ta' kultura ta' paċi u nonvjolenza, ċittadinanza globali u apprezzament tad-diversità kulturali u tal-kontribut tal-kultura għall-iżvilupp sostenibbli. L-Opinjoni rilevanti tal-KESE *Lejn strateġija tal-UE għat-tisħiħ tal-ħiliet u l-kompetenzi ekoloġiċi għal kulħadd* ⁽⁵⁾ hija konformi ma' din ir-rakkomandazzjoni.

2.2.3. F'dawn l-aħħar snin, il-politika tal-UE ffukat dejjem aktar fuq is-sostenibbiltà ambjentali. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew ⁽⁶⁾, inniedi fl-2019, huwa l-pjan tal-Kummissjoni Ewropea li tagħmel l-ekonomija tal-UE sostenibbli, u timmarka l-ambizzjoni tagħha li l-Ewropa ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050.

2.2.4. Bħala parti mill-pjan tagħha għall-edukazzjoni u t-taħriġ biex jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, il-Kummissjoni Ewropea ssuġġeriet firxa ta' inizjattivi: l-ewwel, it-tneġġja tal-Koalizzjoni ta' Edukazzjoni għall-Klima ⁽⁷⁾; it-tieni, il-konklużjonijiet tal-Kunsill adottati reċentement dwar it-trawwim tal-involviment fost iż-żgħażaġh bħala atturi tal-bidla sabiex jiġi protett l-ambjent ⁽⁸⁾, u Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-apprendiment favur it-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli ⁽⁹⁾. It-tielet, l-iżvilupp ta' qafas Ewropew ta' kompetenza dwar it-tibdil fil-klima u l-iżvilupp sostenibbli ⁽¹⁰⁾.

2.2.5. Fl-4 u l-5 ta' April 2022, il-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport issottolinja r-rwol importanti tal-isport fl-edukazzjoni għal ambjent sostenibbli u rrakkomanda li "[i]sibu modi kif jippromwovu l-edukazzjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli u l-bini ta' sens ta' responsabbiltà ambjentali u ċivika fost il-klabbas sportivi, il-federazzjonijiet u partijiet ikkonċernati oħra fil-qasam tal-isport" ⁽¹¹⁾.

2.2.6. Is-sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022 hija maħsuba wkoll biex tippromovi l-opportunitajiet u l-possibbiltajiet ġodda offruti mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Dawn it-tranżizzjonijiet għandhom ikunu inklużivi u jaraw li jiġu integrati ż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet u gruppi vulnerabbli ta' żgħażaġh. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiffoka wkoll fuq il-ħtiġijiet taż-żgħażaġh fis-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023, billi torbotha mal-isfidi li qed jiffaċċjaw iż-żgħażaġh fid-dinja li qed tinbidel.

⁽⁴⁾ Unesco Global education monitoring report, 2021/2: Non-state actors in education: who chooses? who loses? (Rapport ta' monitoraġġ tal-Unesco dwar l-edukazzjoni globali, 2021/2: Atturi mhux statali fl-edukazzjoni: min jagħżel? min jitlef) (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁵⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Lejn strateġija tal-UE għat-tisħiħ tal-ħiliet u l-kompetenzi ekoloġiċi għal kulħadd" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 56, 16.2.2021, p. 1).

⁽⁶⁾ Il-Patt Ekoloġiku Ewropew.

⁽⁷⁾ Il-Kummissjoni Ewropea — Koalizzjoni ta' Edukazzjoni għall-Klima.

⁽⁸⁾ Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill — Trawwim tal-involviment fost iż-żgħażaġh bħala atturi tal-bidla sabiex jitħares l-ambjent (ĠU C 159, 12.4.2022, p. 9).

⁽⁹⁾ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-apprendiment favur it-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 1).

⁽¹⁰⁾ Bianchi, G., Pisiotis, U. u Cabrera Giraldez, M., GreenComp — Il-qafas Ewropew ta' kompetenza dwar is-Sostenibbiltà, Punie, Y. u Bacigalupo, M. editur(i), EUR 30955 EN, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, Lussemburgu, 2022, ISBN 978-92-76-46485-3, doi:10.2760/13286, JRC128040.

⁽¹¹⁾ Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri dwar 'L-isport u l-attività fiżika, strumenti promettenti biex tinbidel l-imġiba favur l-iżvilupp sostenibbli' (ĠU C 170, 25.4.2022, p. 1).

2.2.7. Huwa importanti li l-investiment tal-UE jkun marbut aħjar mal-edukazzjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli bl-użu ta' fondi tal-UE, bħall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, Erasmus+, Orizzont, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), u l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+). Il-ġlieda kontra t-telf tal-bijodiversità, it-tniġġis u t-tibdil fil-klima hija waħda mill-erba' prijoritajiet ġenerali tal-programm il-ġdid ta' Erasmus+ għall-2021-2027, flimkien mal-inklużjoni u d-diversità, it-trasformazzjoni diġitali, u l-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-mobilità online se tiġi mħeġġa wkoll fil-programm Erasmus sabiex titnaqqas l-impronta tal-karbonju.

3. Iż-żgħażaġh, l-edukazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli

3.1. L-importanza tal-iżvilupp tal-ħiliet fil-qasam tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għat-tibdil fil-klima, kif ukoll fl-ekonomija ċirkolari, jeħtieġ li titqies fit-taħriġ mill-ġdid u fit-titjib tal-ħiliet taż-żgħażaġh. L-imsieħba soċjali (l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u t-trade unions tal-ħaddiema) u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom rwol ewlieni x'jaqdu fid-definizzjoni tal-profilu u l-istandards tal-impjieg professjonali u okkupazzjonali u fl-integrazzjoni tal-aspetti tas-sostenibbiltà fl-apprendistati u fit-taħriġ tal-impjegati. L-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili jgħinu liż-żgħażaġh jadattaw fit-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol b'mod li jinkludi l-iżvilupp sostenibbli. Ir-rwoli tad-djalogo soċjali u ċiviku huma essenzjali u jeħtieġ li jissaħħu.

3.2. Iż-żgħażaġh jeħtieġu inklużività diġitali u soċjali, edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità, impjieg stabbli, kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin, akkomodazzjoni affordabbli, u appoġġ fil-ġlieda ta' kuljum kontra t-tibdil fil-klima. Hemm bżonn ta' aktar riċerka u data dwar l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq il-pajjiżi, ir-reġjuni u fil-livell lokali, li jorbtuh mat-tbassir tal-ħiliet u l-impjieg. Filwaqt li jirrikonoxxu li hemm kriżi kbira tal-ikel fl-Ewropa u f'kontinenti oħra, iż-żgħażaġh jeħtieġ li jitgħallmu dwar l-aspetti kollha tal-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, inaqqsu l-ħela tal-ikel u jagħmlu għażliet responsabbli tal-ikel.

3.3. L-inugwaljanza għandha tiġi indirizzata bl-introduzzjoni ta' indikatur globali u Ewropew dwar it-tnaqqis tal-faqar u tat-tluq bikri mill-iskola, f'konformità mal-edukazzjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli. Id-depopolazzjoni taż-żoni rurali minħabba nuqqas ta' prospettu ta' impjieg u nuqqas ta' opportunitajiet edukattivi qed ikollha impatt detrimentali fuq il-familji żgħażaġh. It-tluq bikri mill-iskola huwa problema fiż-żoni urbani u rurali, u għalhekk, il-politiki dwar is-suq tax-xogħol u t-tkabbir ekonomiku għust iridu jkun effettivi sabiex jitnaqqas l-għadd ta' NEETs⁽¹²⁾.

3.4. L-implimentazzjoni effettiva tal-Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi⁽¹³⁾ u t-tisħiħ tal-Qafas Ewropew ta' Kwalità għat-Traineeships huma essenzjali fir-rigward tal-edukazzjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli.

3.5. Il-KESE jemmen li minħabba l-iskala, il-kumplexità u l-immedjatezza ta' dawn il-kwistjonijiet, huwa meħtieġ sforz imsaħħa u kkoordinat aħjar mill-UE u l-Istati Membri, inkluż dwar it-titjib tal-edukazzjoni għas-sostenibbiltà, li issa hija kruċjali. Dan jinkludi wkoll l-edukazzjoni dwar l-użu tal-enerġija sostenibbli. Il-politiki tal-UE u tal-Istati Membri dwar l-edukazzjoni jeħtieġ li jiġu mmonitorjati u mmappjati b'mod konsistenti, bi prattiki tajbin skambjati fost il-pajjiżi u l-organizzazzjonijiet. Fil-qalba tal-edukazzjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli hemm valuri umanistiċi li jiffukaw fuq il-ksib tal-għarfien u l-formazzjoni ta' soluzzjonijiet prattiċi bbilanċjati, filwaqt li jitqiesu l-konsegwenzi ambjentali u soċjali.

3.6. L-għalliema u l-ġenituri jaqdu rwol essenzjali fl-edukazzjoni għal ambjent sostenibbli. L-għalliema u l-ħarrieġa jeħtieġ li jiġu appoġġjati b'taħriġ professjonali inizjali u kontinwu ta' kwalità dwar is-sostenibbiltà. L-Opinjoni tal-KESE *Lejn strateġija tal-UE għat-tisħiħ tal-ħiliet u l-kompetenzi ekoloġiċi għal kulħadd*⁽¹⁴⁾ enfasizzat il-punt importanti li kulħadd jeħtieġ l-għarfien meħtieġ fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. It-tagħlim tul il-ħajja għall-ġenituri u l-edukazzjoni taċ-ċittadini huma essenzjali u għandhom jissaħħu permezz ta' sensibilizzazzjoni għal kulħadd, inkluż billi jiġu appoġġjati l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh dwar din il-kwistjoni.

⁽¹²⁾ NEET huwa akronimu għal "Not in Education, Employment, or Training" (Barra mill-Edukazzjoni, Impjieg jew Taħriġ), u jirreferi għal persuna li tkun qiegħda u li ma tkunx qiegħda tirċievi edukazzjoni jew taħriġ vokazzjonali.

⁽¹³⁾ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi (ĠU C 153, 2.5.2018, p. 1).

⁽¹⁴⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Lejn strateġija tal-UE għat-tisħiħ tal-ħiliet u l-kompetenzi ekoloġiċi għal kulħadd" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 56, 16.2.2021, p. 1).

3.7. Il-KESE jistieden lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ effettiv lill-għalliema biex il-professjoni ssir aktar attraenti. Filwaqt li fl-Ewropa hemm nuqqas kbir ta' għalliema, l-edukazzjoni għas-sostenibbiltà teħtieġ għalliema apprezzati, b'salarji deċenti u kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin. Sabiex is-sistema edukattiva tinbidel, huwa essenzjali li jiġi żgurat li jkun hemm taħriġ inizjali u kontinwu ta' kwalità għolja għall-għalliema, l-ekwità u l-inklużjoni fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u organizzazzjoni innovattiva tal-iskejjel, biex tinholq kultura ta' paċi u sigurtà. L-awtonomizzazzjoni taż-żgħażaġh għall-iżvilupp sostenibbli permezz tal-edukazzjoni jirrikjedi professjonisti kapaċi, mġhamra b'għodod diversi u assertivi. L-għalliema b'livell għoli ta' ħiliet se jkunu jafu kif jagħmlu l-aħjar użu fil-ħidma tagħhom ta' kuljum tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi ⁽¹⁵⁾ u d-Dikjarazzjoni ta' Osnabrück dwar il-VET ⁽¹⁶⁾ biex jippromwovu ċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni fl-edukazzjoni.

3.8. Iż-żgħażaġh tal-Ewropa jikkostitwixxu kapital uman imprezzabbli u sors ta' ideat innovattivi, bl-immaġinazzjoni kreattiva, l-entużjażmu u l-enerġija tagħhom, u għandhom l-akbar rwol x'jaqdu biex jixprunaw l-iżvilupp sostenibbli fl-Istati Membri tal-UE issa u fil-futur qrib. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri tal-UE għandhom sors kbir ta' potenzjal mhux sfruttat biex jaġixxu. L-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u l-edukazzjoni mhux formali għandhom rwol importanti fl-appoġġ tal-edukazzjoni u t-tagħlim sostenibbli.

3.9. Il-KESE jappella biex iż-żgħażaġh jitqiegħdu fiċ-ċentru tal-proċess tal-edukazzjoni u t-tagħlim. Dan jista' jinkiseb billi titnaqqas il-burokrazija fil-professjoni tat-tagħlim, b'enfasi fuq il-pedagoġija innovattiva u fuq relazzjoni mill-qrib mal-istudenti, u billi l-għalliema kollha jitħejjew għall-użu ta' teknoloġiji ġodda, għal kuntesti ġodda ta' tagħlim, kemm fil-kurrikulu kif ukoll f'ħajjithom stess. Edukazzjoni trasformattiva teħtieġ għalliema trasformattivi, ħiliet trasformattivi u ċittadini trasformattivi. L-għalliema u l-ħarrieġa jeħtieġu biżżejjed żmien, spazju u riżorsi biex ikunu jistgħu jimplimentaw l-approċċ "prattiku" u trasversali tal-Edukazzjoni għas-Sostenibbiltà Ambjentali, ibbażat fuq ħidma f'tim effiċjenti fost il-partijiet interessati. Dan huwa suġġett trasversali li jikkonċerna d-dixxiplini kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali f'approċċ pedagoġiku interdixxiplinari.

3.10. Ta' min jinnota li ż-żgħażaġh diġà qed jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli f'pajjiżhom u għall-għanijiet klimatiċi internazzjonali fuq il-mudell ta' "mhux ta' ħsara għall-ambjent" u, barra minn hekk, qed jingħaqdu b'mod attiv man-networks internazzjonali ta' movimenti taż-żgħażaġh immirati lejn il-konservazzjoni tan-natura u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Biex dan jiġi kkomplementat, jeħtieġu li nadattaw is-sistemi edukattivi kollha biex nipprovdu spazju għal edukazzjoni trasformattiva li se tippermetti liż-żgħażaġh jidderieġu l-isforzi tagħhom biex iwettqu l-bidla trasformattiva li neħtieġu. Skont ir-rapport reċenti tal-IPCC, it-tagħlim trasformattiv huwa kruċjali minħabba li jgħin biex iwassal kemm għal sensibilizzazzjoni kondiviża kif ukoll għal azzjonijiet kollettivi ⁽¹⁷⁾.

4. L-iżvilupp sostenibbli għandu jitqies bħala proċess ta' tagħlim kontinwu u komprensiv

4.1. Huwa importanti li jiġi rikonoxxut li l-iżvilupp sostenibbli tal-istat u tas-soċjetà ma jistax jeżisti mingħajr tagħlim kostanti, u l-ksib u l-fehim ta' esperjenzi ġodda. F'dan ir-rigward, l-iżvilupp sostenibbli għandu jitqies bħala proċess kontinwu li permezz tiegħu s-soċjetà trid titgħalliem tgħix b'mod aktar sostenibbli minn perspettiva ambjentali, ekonomika u soċjali. Permezz tal-aċċess għall-informazzjoni u billi tiżdied is-sensibilizzazzjoni, iżda aktar importanti minn hekk billi tinbena l-kapaċità tan-nies li jinnovaw u jimplimentaw soluzzjonijiet, l-edukazzjoni għas-sostenibbiltà hija essenzjali jekk irridu norjentaw mill-ġdid il-mod kif ngħixu u naħdmu. Sabiex iż-żgħażaġh jiġu edukati biex jindirizzaw b'mod konxju l-aktar kwistjonijiet kumplessi ta' żvilupp sostenibbli li jiffaċċjaw il-komunitajiet u l-istati, huwa meħtieġ li jiġu żviluppati kurrikuli komprensivi biex jitravmu ħiliet ta' ħsieb kritiku u teħid ta' deċiżjonijiet infurmat.

4.2. Abbażi ta' studji u riċerka mwettqa fisem il-Kummissjoni Ewropea biex tħejji l-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-apprendiment favur is-sostenibbiltà ambjentali, 13-il Stat Membru biss għandhom definizzjoni ċara ta' Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli jew Edukazzjoni għas-Sostenibbiltà Ambjentali. Huwa ta' dispaċir li t-terminu "Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli" u l-mira tal-SDG 4.7 mhumieks applikati f'xi Stati Membri minkejja li huwa

⁽¹⁵⁾ Promoting citizenship and the common values of freedom, tolerance and non-discrimination through education (Il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni) Eurydice (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹⁶⁾ Osnabrück Declaration on vocational education and training as an enabler of recovery and just transitions to digital and green economies (Id-Dikjarazzjoni ta' Osnabrück dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali bħala faċilitatur tal-irkupru u ta' tranżizzjonijiet ġusti lejn ekonomiji diġitali u ekoloġiċi) — osnabrueck_declaration_eu2020.pdf (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹⁷⁾ Is-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC, Rapport tal-Grupp ta' Ħidma III: Climate Change 2022: Mitigation of Climate Change, (Tibdil fil-Klima 2022: Mitgazzjoni tat-Tibdil fil-Klima), p. 2871 (mhux disponibbli bil-Malti).

rikonoxxut bħala element integrali tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 4 (SDG 4) dwar edukazzjoni ta' kwalità u faċilitatur ewlieni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) l-oħra kollha. Ir-rapporti tal-pajjiżi analizzati ma staqsew speċifikament dwar il-finanzjament. Madankollu, l-Italja, li bdiet tagħmel wegħdiet dwar l-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli, semmiet b'mod ċar li n-nuqqas ta' finanzjament huwa waħda mir-raġunijiet ewlenin għaliex waqfet l-implimentazzjoni tal-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli. Meta l-gvernijiet jiġu mgħiegħla jnaqqsu l-infiq minħabba kriżijiet ekonomiċi, tal-enerġija u tal-ġholi tal-ħajja, l-edukazzjoni, bħal oqsma soċjali oħra, dejjem tkun f'din l-ekwazzjoni. In-nuqqas ta' investiment jikkawża forum differenti ta' privatizzazzjoni u assimetriji fis-sistemi, u jnaqqas l-ekwi-tà u l-libertà pedagoġika u akkademika.

4.3. Il-kwistjoni ta' jekk neħtiġux strateġija ċentralizzata minn fuq għal isfel biex nimplimentaw l-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli b'suċċess, jew jekk hemmx fatturi oħra li jiddeterminaw is-suċċess tagħha, tipprovdni punti ta' riflessjoni wkoll. Id-Danimarka u n-Netherlands ma għandhomx strateġija nazzjonali għall-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli iżda l-iskejjel tagħhom qed jaħdmu b'mod attiv fuq dan is-suġġett. Il-Finlandja għandha strateġija nazzjonali iżda tibża' li l-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli hija frammentata bejn l-iskejjel. L-Italja diġà inkludiet l-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli fil-kurrikulu nazzjonali, iżda qiegħda tesperjenza għadd kbir ta' sfidi biex timplimentaha fil-livell reġjonali. Franza żviluppat strateġija nazzjonali li hija ġestita mill-awtoritajiet edukattivi lokali u implimentata fil-iskejjel kollha permezz tal-kurrikulu nazzjonali u l-proġetti pedagoġiċi. B'dan il-mod, ikun involut kull livell li, min-naħa tiegħu, jiżgura s-suċċess tiegħu.

4.4. Waħda mill-kwistjonijiet kruċjali hija l-prijoritizzazzjoni tal-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli. L-OECD, f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, dan l-aħħar ippubblikat riċerka⁽¹⁸⁾ li timmappa l-kompetenza tas-sostenibbiltà ambjentali taż-żgħażaġħ madwar l-UE u l-pajjiżi tal-OECD. Dan l-approċċ għid għall-istudji u l-valutazzjonijiet jista' jipprovdni sinjal tajjeb lejn il-prijoritizzazzjoni tal-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli fl-Istati Membri. Jista' jkun utli li tiġi esplorata aktar ir-relazzjoni bejn il-miżuri tan-NU għall-promozzjoni tal-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u l-miżuri tal-OECD biex jgħinu fl-iżvilupp tal-politika tal-edukazzjoni permezz ta' PISA, sabiex jiġi vvalutat jekk hemmx xi asimetriji fil-modi kif dawn iż-żewġ settijiet ta' miżuri jsawru s-sistemi edukattivi.

4.5. Ostaklu potenzjali wieħed huwa l-implimentazzjoni tal-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli f'pajjiżi b'sistema federali. Dak li rajna fir-rapporti nazzjonali huwa li l-livell ta' koordinazzjoni bejn il-ministeru federali inkwistjoni u l-awtoritajiet reġjonali jvarja bejn l-Istati Membri — fil-Ġermanja din hija kwistjoni li toħloq diffikultà, filwaqt li l-Awstrija għandha network li jirregola l-koordinazzjoni. Il-mod li bih il-gvern federali Awstrijak huwa involut fl-inizjattivi minn isfel għal fuq huwa eżempju li pajjiżi oħra jistgħu jsewgu.

4.6. Huwa essenzjali għas-soċjetajiet preżenti u futuri li jivvalutaw mill-ġdid, jikkunsidraw mill-ġdid u jiddefinixxu mill-ġdid l-edukazzjoni mill-perspettiva tal-edukazzjoni u t-tagħlim sostenibbli — mill-edukazzjoni preprimarja sal-università u lil hinn minnha — sabiex fl-aħħar mill-aħħar iħaddnu l-prinċipji, l-għarfien, il-ħiliet, it-twelmin u l-valuri assoċjati mas-sostenibbiltà fit-tliet oqsma kollha: l-ekoloġija, is-soċjetà u l-ekonomija. Proċess bħal dan għandu jkun globali, interdixxiplinari u jinvolvi inizjattivi fil-livell lokali kif ukoll lill-pubbliku ġenerali, u jeħtieġ li jkun appoġġat mill-gvernijiet rispettivi. Madankollu, l-implimentazzjoni fil-pajjiżi individwali jeħtieġ li tqis il-karatteristiċi lokali u l-karatteristiċi kulturali speċifiċi.

4.7. L-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli għandha xxerred l-għarfien dwar l-ambjent u l-kundizzjoni tiegħu, u turi l-possibbiltajiet li jeżistu biex nadattaw l-ekonomija tagħna b'mod li jinċentiva l-għoti ta' prijorità lill-benesseri tan-nies u tal-planet, filwaqt li tippromovi l-ekwi-tà interġenerazzjonali u l-konservazzjoni tal-ambjent naturali. Din l-ekonomija adattata għandha tagħti importanza akbar lill-metodi ta' ġestjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, tipprovdni opportunitajiet biex jitrawwem ir-rispett bir-reqqa tal-valuri naturali u kulturali, u tkun immexxja mill-valuri bbażati fuq l-etika ekoloġika tar-responsabbiltà għall-konservazzjoni tal-ambjent għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri, u għall-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali.

4.8. L-edukazzjoni trasformattiva għall-iżvilupp sostenibbli għandha:

— tkun ibbażata fuq il-prinċipji u l-valuri li fuqhom huwa bbażat l-iżvilupp sostenibbli;

⁽¹⁸⁾ Borgonovi, F., et al. (2022), Young people's environmental sustainability competence: Emotional, cognitive, behavioural, and attitudinal dimensions in EU and OECD countries (Il-kompetenza taż-żgħażaġħ fir-rigward tas-sostenibbiltà ambjentali: Dimensjonijiet emozzjonali, konjittivi, tal-imġiba u tal-attitudni fil-pajjiżi tal-UE u tal-OECD), *OECD Social, Employment and Migration Working Papers*, Nru 274, OECD Publishing, Pariġi (mhux disponibbli bil-Malti). Borgonovi, F., et al. (2022), The environmental sustainability competence toolbox: From leaving a better planet for our children to leaving better children for our planet, (Is-sett ta' għodod ta' kompetenza għas-sostenibbiltà ambjentali: Milli nħallu planet aħjar għat-tfal tagħna għal inħallu tfal aħjar għall-planet tagħna), *OECD Social, Employment and Migration Working Papers*, Nru 275, OECD Publishing, Pariġi (mhux disponibbli bil-Malti). Id-dokumenti thejw bħala sfond għall-pubblikazzjoni li jmiss tal-OECD dwar il-Previżjoni tal-Ħiliet 2023.

- taffettwa t-tliet oqsma kollha tal-iżvilupp sostenibbli: l-ambjent, is-soċjetà u l-ekonomija;
- tistimula t-tagħlim tul il-ħajja u fl-aspetti kollha tal-ħajja li jrawwem soċjetajiet sostenibbli, rispettużi, responsabbli, proattivi u kritiċi;
- tirrappreżenta edukazzjoni ta' kwalità għolja, appoġġjata b'mod attiv, u olistika fl-approċċi tagħha;
- trawwem edukazzjoni aċċessibbli bbażata fuq id-drittijiet li tkun rispettuża, inklużiva, u tiċċelebra d-diversità;
- taħseb globalment iżda tiffoka wkoll fuq kwistjonijiet lokali u karatteristiċi kulturali;
- tkopri l-edukazzjoni formali, mhux formali u informali;
- tqis in-natura evoluzzjonarja tal-kunċett ta' żvilupp sostenibbli.

4.9. Ma hemm l-ebda mudell universali ta' edukazzjoni trasformattiva għas-sostenibbiltà u għalhekk kull pajjiż se jkollu jiddetermina l-prijoritajiet u l-azzjonijiet tiegħu stess fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli u l-edukazzjoni permezz tal-involvement effettiv tal-imsieħba soċjali rilevanti, is-soċjetà ċivili organizzata u partijiet interessati oħra, inklużi l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh. It-tmexxija kollaborattiva tal-iskejjel u l-edukazzjoni ċivika għandhom rwol ewlieni fit-tiswir tal-iskejjel biex tissaħħaħ l-edukazzjoni dwar is-sostenibbiltà. L-oġġettivi, il-linji ewlenin ta' azzjoni u l-mekkaniżmi għandhom jiġu ddeterminati, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi lokali u l-karatteristiċi kulturali.

4.10. Il-ħolqien ta' sistema edukattiva għall-iżvilupp sostenibbli jinvolti t-tranżizzjoni minn edukazzjoni tradizzjonali għal mudell orjentat lejn is-sostenibbiltà, li għandu jkun ibbażat fuq għarfien interdixxiplinari wiesa' msejjes fuq approċċ integrat għall-iżvilupp tas-soċjetà, l-ekonomija u l-ambjent. Edukazzjoni bħal din għandha tinvolvi ħidma fil-livell ta' edukazzjoni formali (l-iskejjel, l-universitajiet, l-istituzzjonijiet ta' taħriġ avanzat) u mhux formali (il-ħolqien ta' ċentri ta' taħriġ, seminars u laqgħat għad-diskussjoni, l-użu tal-midja, eċċ.) u edukazzjoni informali (it-tagħlim bejn il-pari permezz ta' avvenimenti, skambji taż-żgħażaġh, proġetti mmexxija miż-żgħażaġh, eċċ.). Il-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ li jintegraw l-edukazzjoni għas-sostenibbiltà ambjentali jeħtieġ li jkunu aċċessibbli u inklużivi. Jeħtieġ li fi stadju bikri l-gvernijiet iqisu r-realtà li jiffaċċjaw iż-żgħażaġh minn sfondi żvantaġġati u jiżguraw li jsibu modi kif jinkludu dawn il-gruppi.

Brussell, il-15 ta' Diċembru 2022.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej — Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa”**(opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2023/C 100/07)

Relatur: **Arnold PUECH d’ALISSAC**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	19.5.2022
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta’ Proċedura Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adozzjoni fis-sezzjoni	24.11.2022
Adozzjoni fil-plenarja	15.12.2022
Sessjoni plenarja Nru	574
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	168/0/2

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Is-suċċess ta’ din l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (IĊE) juri aspettattivi għoljin ħafna taċ-ċittadini Ewropej fil-konfront tal-Kummissjoni Ewropea (KE). Il-KESE l-ewwel jixtieq jifraħ lill-organizzatur u jagħraf l-impenn taċ-ċittadini għal dan is-suċċess, minkejja d-diffikultà biex jinġabru l-firem kollha meħtieġa. Għalhekk huwa stieden lill-KE biex tipprovdi tweġibiet preċiżi u konkreti għat-talbiet li saru minn din l-IĊE.

1.2. Il-KESE jiddispjaċih li l-proposta prinċipali tal-IĊE, li tikkonsisti f’eliminazzjoni gradwali totali tal-pestiċidi sintetiċi sal-2035, mhijiex enfasizzata fit-titolu magħżul: “Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa”. Barra minn hekk il-KESE jisħaq li l-KE diġà qed tfassal jew adottat ħafna atti legali favur in-naħal, il-pollinaturi, il-bijodiversità, l-użu sostenibbli tal-pestiċidi u l-appoġġ għall-bdiewa fit-tranżizzjoni agroekoloġika, iżda jirrikonoxxi madankollu li dawn il-miżuri ma laħqux bis-sħiħ l-oġettivi tagħhom. Għalhekk jistieden lill-KE biex tieħu miżuri ulterjuri biex tikseb l-oġettivi ambizzjużi tagħha b’mod konkret u aktar effettiv. Pereżempju, jirrakkomanda appoġġ aktar b’saħħtu għall-biedja ta’ preċiżjoni, l-agrikoltura diġitali, il-kontroll bijoloġiku, ir-robotika, iżda wkoll l-agroekoloġija.

1.3. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jitqiesu t-tliet pilastri kollha tas-sostenibbiltà (ambjentali, soċjali u ekonomiku), mingħajr ma jiġi injorat l-aspett ekonomiku li ta’ spiss jitwarrab, f’kuntest essenzjali tas-sostenibbiltà tas-sistemi u tas-sovranità tal-ikel.

1.4. Il-KESE jistieden ukoll lill-KE twettaq valutazzjonijiet tal-impatt qabel ma tieħu kwalunkwe deċiżjoni, b’mod partikolari biex tivvaluta l-ispejjeż tal-inizjattiva dwar il-produzzjoni agrikola u dwar l-ekonomija, meta mqabbla mal-ispiża ekonomika tat-telf tal-bijodiversità għall-bdiewa.

2. Sfond

2.1. IĊE għal agrikoltura li tirrispetta aktar in-naħal, il-bnedmin u l-ambjent

2.1.1. Il-mekkaniżmu tal-IĊE joffri l-possibbiltà liċ-ċittadini Ewropej biex jipparteċipaw b’mod attiv fil-proċessi demokratiċi tal-Unjoni Ewropea (UE), billi jitlob lill-KE tippromponi leġislazzjoni ġdida. Ladarba inizjattiva tirċievi l-appoġġ ta’ mill-anqas miljun ċittadin tal-UE u tilħaq il-limiti meħtieġa f’mill-anqas kwart tal-Istati Membri⁽¹⁾, il-KE trid twieġeb għall-IĊE.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55).

2.1.2. L-IĊE “Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa! Lejn agrikoltura favur in-naħal għal ambjent b’saħħtu”, wara li laħqet dawn il-limiti, stiednet għalhekk lill-KE tippromponi atti legali biex telimina gradwalment il-pestiċidi sintetiċi sal-2035, tirrestawra l-bijodiversità u tgħin lill-bdiewa matul din il-fażi ta’ tranżizzjoni.

2.2. Kuntest ta’ tnaqqis tal-pollinaturi u l-erożjoni tal-bijodiversità fl-Ewropa

2.2.1. It-talbiet ta’ din l-IĊE jagħmlu parti minn kuntest fejn l-Ewropa qed tiffaċċja tnaqqis fin-naħal. Fil-fatt, skont il-lista l-ħamra Ewropea tan-naħal, waħda minn kull tliet speċi tan-naħal u tal-friefet qed tonqos u waħda minn kull għaxra hija mhedda bl-estinzjoni ⁽²⁾.

2.2.2. Madankollu, 84 % tal-għelejjel Ewropej jibbenefikaw mill-anqas parzjalment mid-dakkir tal-annimali ⁽³⁾ u 78 % tal-pjanti selvaġġi fl-UE jiddependu mill-insetti pollinaturi ⁽⁴⁾. Il-protezzjoni tagħhom hija għalhekk kwistjoni kruċjali għall-produzzjoni agrikola, fil-kuntest essenzjali attwali tas-sigurtà u s-sovranità tal-ikel. Barra minn hekk, in-naħal huma essenzjali għall-produzzjoni tal-għasel, filwaqt li l-Unjoni Ewropea tipproduċi hija stess 60 % biss tal-għasel. Sabiex tissodisfa d-domanda, trid tiddependi mill-importazzjonijiet (li minnhom 28 % jiġu miċ-Ċina), li huma ta’ kwalità aktar baxxa mill-għasel Ewropew.

2.2.3. Skont ir-rapport ta’ valutazzjoni dwar il-pollinaturi, id-dakkir u l-produzzjoni tal-ikel tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (IPBES) ⁽⁵⁾, il-fatturi ewlenin tat-tnaqqis tal-pollinaturi huma l-bidliet fl-użu tal-art, il-prattiki agrikoli intensivi u l-użu tal-pestiċidi, it-tniġġis ambjentali, l-ispeċi aljeni invażivi, il-patoġeni u t-tibdil fil-klima.

2.2.4. Riżorsa tal-ikel diversifikata (nektar u polline) li tkun disponibbli fi kwantitajiet suffiċjenti matul is-sena kollha hija wkoll fattur ewleni fl-iżvilupp xieraq tan-naħal u fl-iżgurar ta’ produzzjoni tal-għasel aktar regolari għal dawk li jrabbu n-naħal ⁽⁶⁾.

2.2.5. It-tnaqqis tan-naħal jagħmel parti minn kuntest aktar globali ta’ erożjoni tal-bijodiversità. Tabilħaqq, ir-rapport ta’ valutazzjoni globali tal-2019 tal-IPBES ⁽⁷⁾ dwar il-bijodiversità u s-servizzi ekosistemiċi vvaluta l-erożjoni bla preċedent tal-bijodiversità.

2.2.6. Wara dawn ir-rapporti tal-IPBES, l-Istitut Nazzjonali tar-Riċerka għall-Agrikoltura, l-Ikel u l-Ambjent (INRAE) u l-Istitut Franċiż tar-Riċerka għall-Esplojazzjoni tal-Baħar (Ifremer) ippubblikaw, f’Mejju 2022, għarfien espert xjentifiku kollettiv (ESCo) dwar l-impatti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fuq il-bijodiversità u s-servizzi ekosistemiċi ⁽⁸⁾. L-ESCo jenfasizza l-aspett multidimensjonali tat-tnaqqis tal-bijodiversità, kif ukoll id-diffikultà li jiġi stabbilit is-sehem relativ tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (PPP) f’dan it-tnaqqis minħabba l-interdipendenza ta’ fatturi differenti. Min-naħa l-oħra, l-għarfien xjentifiku ppermetta lill-ESCo jistabbilixxi rabta kawżali ċara bejn l-użu tal-PPP u t-tnaqqis ta’ ċerti popolazzjonijiet: dan huwa l-każ tal-insetti pollinaturi.

2.3. Ħafna atti legali qed jifasslu jew diġà ġew adottati mill-KE favur in-naħal, l-użu sostenibbli tal-pestiċidi, ir-restawr tal-bijodiversità u l-appoġġ għall-bdiewa fit-tranżizzjoni agroekoloġika

2.3.1. Fir-rigward tal-protezzjoni tan-naħal u l-pollinaturi: fl-2018, l-UE nediet l-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi, li għandha l-għan li tiġġieled it-tnaqqis tal-pollinaturi selvaġġi fl-UE. Din tikkonsisti f’10 azzjonijiet maqsuma fi tliet temi prijoritarji:

- it-titjib tal-għarfien dwar it-tnaqqis tal-pollinaturi, il-kawżi u l-konsegwenzi tiegħu;
- l-indirizzar tal-kawżi tat-tnaqqis tal-pollinaturi;
- il-ħolqien ta’ sensibilizzazzjoni, l-involviment tas-soċjetà kollha kemm hi u l-promozzjoni tal-kollaborazzjoni.

⁽²⁾ Nieto *et al.*, 2014. European Red List of Bees (Il-lista ħamra Ewropea tan-naħal – mhux disponibbli bil-Malti).

⁽³⁾ Williams, 1994. The dependence of crop production within the European Union on pollination by honeybees.

⁽⁴⁾ Ollerton *et al.*, 2011. How many flowering plants are pollinated by animals?

⁽⁵⁾ IPBES, 2016. Assessment Report on Pollinators, Pollination and Food Production (Ir-rapport ta’ valutazzjoni dwar il-pollinaturi, id-dakkir u l-produzzjoni tal-ikel – mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁶⁾ ITSAP, 2015. Ressources alimentaires pour les abeilles (Riżorsi tal-ikel għan-naħal).

⁽⁷⁾ IPBES, 2019. Global Assessment Report on Biodiversity and Ecosystem Services (Ir-rapport ta’ valutazzjoni globali dwar il-bijodiversità u s-servizzi ekosistemiċi — mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁸⁾ INRAE u Ifremer, 2022. Impacts des produits phytopharmaceutiques sur la biodiversité et les services écosystémiques (L-impatti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fuq il-bijodiversità u s-servizzi ekosistemiċi — mhux disponibbli bil-Malti).

Madankollu, fir-rapport speċjali 15/2020 tagħha dwar il-protezzjoni tal-pollinaturi selvaġġi fl-UE ⁽⁹⁾, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri nnotat li “dan fit li xejn kellu effett fuq it-twaqqif tat-tnaqqis u li kien jinħtieġ li l-inizjattiva tiġi mmaniġġjata aħjar biex tilħaq l-oġġettivi tagħha”. Il-KE nnifisha rrikonoxxiet ukoll fir-rapport tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-inizjattiva ⁽¹⁰⁾ li filwaqt li sar progress sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-inizjattiva, għadhom meħtieġa sforzi biex jiġu indirizzati l-kawżi differenti tat-tnaqqis.

2.3.2. Fir-rigward tat-tnaqqis tal-impatti u r-riskji tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti: il-KE nediet ir-reviżjoni tad-Direttiva tagħha dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi, sabiex tindirizza l-kwistjoni ewlenija tal-effettività limitata tagħha fit-tnaqqis tal-użu u r-riskji tagħha għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, billi ppreżentat abbozz ta' regolament ġdid f'Ġunju 2022 ⁽¹¹⁾. Fost il-miżuri ewlenin insibu:

- miri legalment vinkolanti fil-livell tal-UE biex jitnaqqsu l-użu u r-riskju tal-pestiċidi kimiċi b' 50 % u l-użu tal-pestiċidi l-aktar perikolużi sal-2030;
- miżuri ġodda biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' ġestjoni integrata tal-pesti mill-bdiewa;
- il-projbizzjoni, fejn ma ngħatat l-ebda deroga, tal-pestiċidi kollha f'żoni sensittivi.

2.3.3. It-tqegħid fis-suq tal-PPP fl-UE huwa rregolat b'mod strett. Il-qafas legali għat-tqegħid fis-suq tal-PPP fl-UE huwa stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹²⁾. F'konformità ma' dan ir-Regolament, il-valutazzjonijiet tar-riskju jitwettqu qabel l-approvazzjoni ta' sustanza attiva fil-livell Ewropew, sabiex jiġu evitati effetti negattivi potenzjali fuq is-saħħa jew l-ambjent. Barra minn hekk, qed jiġu riveduti l-linji gwida dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fuq in-naħal (Dokument ta' Gwida dwar in-Nahal jew “Bee Guidance Document” ⁽¹³⁾) sabiex jitqiesu l-aħħar żviluppi xjentifiċi f'dan il-qasam.

2.3.4. Fir-rigward tar-restawr tal-bijodiversità fiż-żoni agrikoli: għalkemm ma tirrigwardjax biss iż-żoni agrikoli, l-UE tista' tiddependi min-network Natura 2000 u mid-Direttivi dwar “l-Għasafar” ⁽¹⁴⁾ u dwar “il-Habitats” ⁽¹⁵⁾, li jiffurmaw il-bażi tal-leġiżlazzjoni Ewropea dwar il-konservazzjoni tan-natura. Il-KE stabbilixxiet ukoll l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 ⁽¹⁶⁾. Din tinkludi b'mod partikolari azzjonijiet u impenji li għandhom l-għan li jirrestawraw il-bijodiversità fiż-żoni agrikoli, kif stabbilit fl-abbozz ta' Regolament dwar ir-restawr tan-natura ⁽¹⁷⁾, preżentat mill-KE fit-22 ta' Ġunju 2022. B'mod partikolari, l-Artikolu 8 tal-abbozz jistabbilixxi l-mira vinkolanti għall-Istati Membri biex ireġġgħu lura t-tnaqqis tal-popolazzjonijiet tal-pollinaturi sal-2030, u l-Artikolu 9 jistabbilixxi impenji għar-restawr tal-ekosistemi agrikoli, bħall-kopertura ta' mill-anqas 10 % taż-żoni agrikoli fl-UE b'elementi ta' “karatteristiċi tal-pajsaġġ b'diversità għolja” sal-2030.

2.3.5. Fir-rigward tal-appoġġ għall-bdiewa fit-tranżizzjoni: il-PAK il-ġdida tal-2023-2027 hija għodda ewlenija biex jintlaħqu l-oġġettivi ambizzjużi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u biex jiġu appoġġati l-bdiewa. Rapport speċjali mill-Qorti tal-Awdituri wera fl-2020 li l-kontribut tal-PAK attwali ma rnexxilux iwaqqaf it-tnaqqis fil-bijodiversità fl-art agrikola ⁽¹⁸⁾. Il-Qorti tal-Awdituri kkonkludiet li “l-mod kif il-Kummissjoni ssegwi n-nefqa għall-bijodiversità fil-baġit tal-UE mhuwiex affidabbli; l-impatt tal-pagamenti diretti taħt il-PAK huwa limitat jew inkella mhuwiex magħruf; u l-Kummissjoni u l-Istati Membri taw preferenza lil miżuri ta' żvilupp rurali b'impatt aktar baxx”. Il-PAK il-ġdida tinkludi miżuri ġodda biex jittejjeb l-impatt ambjentali tagħha, bħal kundizzjonalità mtejbja.

⁽⁹⁾ Qorti Ewropea tal-Awdituri. Rapport Speċjali 15/2020.

⁽¹⁰⁾ COM(2021) 261 final.

⁽¹¹⁾ COM(2022) 305 final.

⁽¹²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

⁽¹³⁾ EFSA, 2022. Revised guidance on the risk assessment of plant protection products on bees (Apis mellifera, Bombus spp. and solitary bees).

⁽¹⁴⁾ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

⁽¹⁵⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

⁽¹⁶⁾ COM(2020) 380 final.

⁽¹⁷⁾ COM(2022) 304 final.

⁽¹⁸⁾ Qorti Ewropea tal-Awdituri. Rapport Speċjali 13/2020.

2.3.6. It-testi u l-ħidma Ewropea f'setturi oħra minbarra l-agrikoltura jista' jkollhom ukoll effett indirett pożittiv fuq il-pollinaturi, b'ħaqq-pakkett leġislattiv "lesta għall-mira ta' 55 %", b'referenza għall-oġġettiv tal-UE li tnaqqas l-emissjonijiet tal-karbonju b' 55 % sal-2030 (bin-naħal ukoll ikun affettwat mit-tibdil fil-klima), il-pjan ta' azzjoni "tniġġis żero" biex jiġi eliminat it-tniġġis fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija, id-Direttiva dwar l-enerġija rinnovabbli, u l-Istrateġija għdida tal-UE għall-foresti, bl-ambizzjoni tal-KE li tħawwel tliet biljun siġra madwar l-Ewropa sal-2030.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE jenfasizza l-importanza tal-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej b'ħaqq għodda għall-parteċipazzjoni diretta taċ-ċittadini Ewropej. Tabilħaqq, l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hija l-aktar għodda b'saħħitha tad-demokrazija parteċipattiva fil-livell Ewropew. Matul is-snin, il-KESE, b'ħaqq pont bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-istituzzjonijiet Ewropej, saħħaħ il-post mogħti lill-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej u żied il-viżibbiltà tagħhom fil-ħidma ta' kuljum tal-istituzzjonijiet Ewropej. Huwa jilqa' l-fatt li din l-Opinjoni kienet l-ewwel waħda li ġiet adottata dwar Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, qabel it-tweġiba tal-KE, u jistieden lill-Kummissjoni twieġeb preċiżament għat-talbiet li saru.

3.2. Il-KESE jiddisputa li l-proposta prinċipali tal-ICE, li tikkonsisti f'eliminazzjoni gradwali totali tal-pestiċidi sintetiċi sal-2035, mhijiex enfasizzata fit-titolu magħżul: "Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa". Huwa enfasizza li ħafna atti legali kienu qed jiġu abbozzati jew kienu diġà għew adottati mill-KE f'tentattivi biex iwieġbu għal dawn it-talbiet, iżda rrikonoxxa li dawn il-miżuri ma kinux laħqu bis-siġħ l-oġġettivi tagħhom. Għalhekk jistieden lill-KE biex tieħu miżuri ulterjuri biex tikseb l-oġġettivi tagħha aktar malajr u b'mod konkret. Madankollu, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jitqiesu t-tliet pilastri kollha tas-sostenibbiltà (ambjentali, soċjali u ekonomiku), f'kuntest essenzjali tas-sostenibbiltà tas-sistemi u s-sovranità tal-ikel, u li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni, b'mod partikolari sabiex jiġu vvalutati l-ispejjeż tal-inizjattiva fuq il-produzzjoni agrikola u fuq l-ekonomija.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. Fir-rigward tat-talba tal-ICE għat- "tnaqqis gradwali fl-użu tal-pestiċidi sintetiċi fl-agrikoltura tal-UE bi 80 % sal-2030, li jibda l-ewwel b-eliminazzjoni tal-prodotti l-aktar perikolużi, sabiex ma nibqgħux nużaw pestiċidi sintetiċi sal-2035":

4.1.1. Il-KESE jwissi kontra l-proposta li jiġu stabbiliti oġġettivi idealistiċi jew li ma jistgħux jintlaħqu fi żmien qasir wisq. Huwa enfasizza li l-KE diġà kienet ipproponiet li tnaqqas l-użu u r-riskju tal-pestiċidi kimiċi b'50 % u l-użu tal-pestiċidi l-aktar perikolużi sal-2030. B'mod aktar ġenerali, huwa kontra li jiġu stabbiliti miri li jnaqqsu l-pestiċidi mingħajr ma jkun hemm rabta mad-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet alternattivi effettivi u aċċessibbli għall-bdiewa.

4.1.2. Il-KESE jenfasizza li l-qafas regolatorju għall-PPP fl-Ewropa huwa fost l-aktar eżiġenti f'termini ta' oġġettivi fid-dinja, peress li jistabbilixxi b'ħaqq prinċipju n-nuqqas ta' effetti inaċċettabbli fuq l-ambjent.

4.1.3. Fil-fehma tal-KESE, peress li t-tnaqqis tan-naħal domestiku u tal-pollinaturi selvaġġi għandu kawżi b'diversi fatturi, l-irtirar tal-pestiċidi ma għandux jiqies b'ħaqq l-lieva unika jew ewlenija biex jiġi żgurat li jiġu salvati. Huwa essenzjali li jiġu miġġielda l-fatturi kollha tat-tnaqqis. Pereżempju, għan-naħal tal-ġhasel, il-ġlieda kontra l-varroa u ż-żunżan baġħal Ażjatiku hija ta' tħassib ewleni għal dawk li jrabbu n-naħal b'mod professjonali, li qed jittamaw għal soluzzjonijiet għodda ta' trattament biex jiproteġu aħjar in-naħal tagħhom.

4.1.4. Il-KESE jinnota l-importanza tan-naħal domestiku, tal-pollinaturi selvaġġi u ta' insetti oħra għall-agrikoltura (dakkir tal-għelejjel, regolamentazzjoni naturali tal-organiżmi ta' ħsara, eċċ.). Huwa jsemmi l-eżempju tas-sħubijiet ta' benefiċċju għal kulħadd bejn il-bdiewa u dawk li jrabbu n-naħal, b'ħaqq "Adotta kaxxa tan-naħal" ⁽¹⁹⁾, immedja mill-bdiewa. Fil-fatt, il-bdiewa li jadottaw kaxxa tan-naħal jagħtu attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tan-naħal meta jwettqu trattamenti fitosanitari jmmirati għall-protezzjoni tal-għelejjel tagħhom. Ikun meħtieġ ukoll li jiġi żvilupp tagħmir tat-tip "ApiAlert" ⁽²⁰⁾, li jippermetti li tingħadd il-mortalità tal-frieħ naħal u li jiġu identifikati b'mod oġġettiv l-kawżi reali tal-mortalità tagħhom.

4.2. Fir-rigward tat-talba tal-ICE għat-"treggħigh lura tal-ekosistemi naturali fiż-żoni agrikoli biex il-biedja ssir mezz għall-irkupru tal-bijodiversità":

⁽¹⁹⁾ Le Betteravie. Quand 14 agriculteurs de l'Aisne deviennent apiculteurs (Meta 14-il bidwi minn Aisne bdew irabbu n-naħal – mhux disponibbli bil-Malti).

⁽²⁰⁾ 20 Minutes. Toulouse: Pour suivre la mortalité des abeilles, BeeGuard met au point un compteur vidéo sur ses ruches connectées (Toulouse: Biex tiġi mmonitorjata r-rata ta' mwiet tan-naħal, BeeGuard installat kalkulator vidjow fuq il-kaxxi tan-naħal konnessi tagħha – mhux disponibbli bil-Malti).

4.2.1. Il-KESE jenfasizza li l-attività tal-bniedem, bħal ċerti Prattiki Agrikoli, tagħmel parti mill-kawżi għat-tnaqqis tal-pollinaturi u tal-bijodiversità, iżda li l-agrikoltura tista' tkun ukoll soluzzjoni. Pereżempju, jixtieq jara aktar appoġġ għal proġetti bħat-tħawwil mill-ġdid ta' ringieli ta' sġajriet jew l-iżvilupp mill-bdiewa ta' riżorsi li jipproduċu l-għasel, sabiex jiġu rikonoxxuti bħala atturi fis-salvagwardja tan-naħal u l-bijodiversità. Barra minn hekk, se jkun essenzjali li l-bdiewa jitħallsu aħjar għas-servizzi ekosistemiċi li jipprovdu, sabiex jiġu appoġġjati fit-twettiq ta' tali proġetti.

4.2.2. Il-KESE jinnotta l-ambizzjoni qawwija tal-KE li l-agrikoltura ssir mezz ta' restawr tal-bijodiversità, bl-oġġettivi u l-miżuri tal-“Istrateġija għall-Bijodiversità” u l-istrateġija “Mill-Għalqa sal-Platt” u l-abbozz ta' Regolament dwar ir-restawr tan-natura, u jinsab imħasseb dwar ir-rispett tas-sovranià tal-ikel tal-Unjoni Ewropea.

4.2.3. Il-KESE jqis li għandhom jiġu promossi wkoll approċċi volontarji għall-inizjattivi agrikoli favur il-pollinaturi jew il-bijodiversità li qed jinfirxu madwar l-Ewropa. Pereżempju, fi Franza, il-FNSEA ppubblikat kompendju ta' inizjattivi agrikoli favur il-pollinaturi⁽²¹⁾. Bl-għan li jiġu mmultiplikati l-prattiki tajbin “Api-Agri”, hija tidentifika inizjattivi volontarji fi Franza favur il-pollinaturi, filwaqt li tiġbor eżempji ta' ispirazzjoni, pożittivi u prammatiċi. Fuq l-istess bażi, tnediet kampanja ta' komunikazzjoni bl-isem ta' “10 bee-friendly recommendations for your farm”⁽²²⁾ fl-2018 fid-Danimarka. Din tippromovi diversi inizjattivi volontarji li l-bdiewa jistgħu jieħdu fil-livell tal-azjenda agrikola tagħhom, bħat-tħawwil ta' ringieli ta' sġajriet, it-tħawwil ta' flanni tal-fjuri, jew saħansitra l-limitazzjoni ta' raxx li jinfirx bir-riħ waqt l-applikazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, permezz ta' bexx li jsir f'kundizzjonijiet klimatiki xierqa (eż. riħ ħafif) jew bl-użu ta' sistemi li jnaqqsu l-firxa bir-riħ.

4.2.4. Il-KESE jqis li biex l-ekosistemi naturali fiż-żoni agrikoli jerġgħu jiġu rrestawrati, il-KE se jkollha tiddependi minn sett ta' lievi: iż-żamma u r-restawr tal-infrastrutturi agroekoloġiċi, id-diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba' biex jiġi promoss it-tkabbir ta' uċuħ tar-raba' f'forma ta' mużajk fil-pajsaġġ, l-iżvilupp tal-agroforestrija, tal-biedja organika u tal-prodotti li jgħorru marka ta' identifikazzjoni tal-kwalità u tal-orijini, iż-żamma ta' mergħat permanenti, it-tnaqqis tal-użu u l-impatti tal-pestiċidi, eċċ.

4.3. Fir-rigward tat-talba tal-IĊE għar-“riforma tal-agrikoltura billi tingħata prijorità lill-biedja fuq skala żgħira, diversa u sostenibbli, b'appoġġ għal żieda malajr fil-prattika agroekoloġika u organika, u li tippermetti taħriġ u riċerka indipendenti mill-bdiewa fuq il-biedja tal-pestiċidi u mingħajr OMG”:

4.3.1. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni li jeżisti rapport ta' 300 espert minn 23 Stat Membru, li analizzaw l-impatti potenzjali tal-PAK futura fuq il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità⁽²³⁾. Ix-xjentisti fformulaw proposti konkreti biex itejbu l-impatt tal-PAK fuq il-bijodiversità u jappoġġjaw lill-bdiewa f'din it-tranżizzjoni. Il-KESE jirrakkomanda li l-KE u l-Istati Membri jisiltu ispirazzjoni minn dan meta jirrifurmaw il-PAK, li hija għodda b'saħħha għar-riforma agrikola.

4.3.2. Madankollu, il-KESE jqis li t-tranżizzjoni agroekoloġika u t-titjib tal-bijodiversità ma jistgħux isiru biss minn Brussell permezz tal-PAK, u jenfasizza wkoll l-importanza tal-livell lokali. Fil-fatt, biex ikun hemm adattament għall-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni, għandhom jiġu żviluppati wkoll soluzzjonijiet lokali mal-bdiewa u s-sidien tal-art.

4.3.3. Barra minn hekk, il-KESE jixtieq jenfasizza l-impenn tiegħu fit-tfittxija ta' alternattivi effettivi, sabiex l-ebda bidwi ma jitħalla mingħajr soluzzjoni. Għalhekk jixtieq iħeġġeġ aktar il-biedja ta' preċiżjoni, il-biedja diġitali, il-kontroll bijoloġiku, ir-robotika, iżda wkoll l-agroekoloġija, b'komponent finanzjarju sinifikanti għall-iżvilupp tar-riċerka, l-innovazzjonijiet u l-adozzjoni tagħhom b'mod konkret mis-setturi u mill-bdiewa.

4.3.4. Il-KESE jirrikonoxxi l-importanza tat-trobbija tan-naħal bħala settur ekonomiku f'hafta Stati Membri, li jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-iżvilupp rurali u ż-żamma tal-popolazzjonijiet lokali. Fid-dawl tan-nuqqas ta' produzzjoni tal-għasel fl-Ewropa, għandu jiġdied l-appoġġ għat-trobbija tan-naħal u l-isfruttar ekonomiku tal-għasel u prodotti oħra tal-miġbħa (polline, xama', royal jelly, eċċ.), biex tinżamm trobbija tan-naħal professjonali u favur l-ambjent, li tkun kapaċi tissodisfa l-ħtiġijiet tal-konsum tal-għasel tal-Ewropa. Il-KESE jenfasizza wkoll l-importanza li dawki li jrabbu n-naħal jingħaqdu f'organizzazzjonijiet professjonali biex jistrutturaw lilhom infushom aħjar u jiddefendu l-interessi tal-apikultura Ewropea b'mod aktar effettiv. B'mod partikolari, jixtieq li l-KE taħtaf l-oportunità tar-reviżjoni li jmiss tad-Direttiva dwar l-Għasel sabiex issaħħaħ it-tikkettar u t-traċċabbiltà tal-għasel, sabiex jiġu miġġielda b'mod aktar effettiv il-frodi u l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi li ma jissodisfawx l-istandards tagħna, li jdgħajfu l-produzzjoni Ewropea tal-għasel.

⁽²¹⁾ EFSA, 2022. Recueil des initiatives agricoles favorables aux pollinisateurs (Kompjendju ta' inizjattivi agrikoli favorevoli għall-pollinaturi — mhux disponibbli bil-Malti).

⁽²²⁾ Kunsill Daniż għall-Agricoltura u l-Ikel, 2018. 10 bee-friendly recommendations for your farm (10 rakkomandazzjonijiet favur in-naħal għar-razzett tiegħek — mhux disponibbli bil-Malti).

⁽²³⁾ Pe'er et al., 2022. How can the European Common Agricultural Policy help halt biodiversity loss? Recommendations by over 300 experts. (Kif tistax-Politika Agrikola Komuni Ewropea tgħin twaqqaf it-telf tal-bijodiversità? Rakkomandazzjonijiet minn aktar minn 300 espert — mhux disponibbli bil-Malti).

4.3.5. Fl-aħħar nett, sabiex it-tranżizzjoni agroekoloġika tkun aċċettabbli għall-bdiewa Ewropej, il-KESE jirrakkomanda li l-KE timplimenta malajr ir-reċiproċità tal-istandards, sabiex tillimita d-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni għall-bdiewa Ewropej.

Brussell, il-15 ta' Diċembru 2022.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-kriżi tal-prezzijiet tal-ikel: ir-rwol tal-ispekulazzjoni u proposti konkreti għal azzjoni minħabba l-konsegwenzi tal-gwerra fl-Ukrajna”**(opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2023/C 100/08)

Relatur: **Peter SCHMIDT**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	14.7.2022
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adozzjoni fis-sezzjoni	24.11.2022
Adozzjoni fil-plenarja	15.12.2022
Sessjoni plenarja Nru	574
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	157/7/5

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Il-KESE:

1.1. jiġbed l-attenzjoni għall-kriżi globali tal-prezzijiet tal-ikel, li ġiet aggravata mill-gwerra fl-Ukrajna, li wasslet għal tfixkil fil-provvista tal-ikel vitali bħall-qamħ u ż-żejt taż-żeżriegħa tal-ġirasol; jenfasizza li l-kriżi mhijiex biss minħabba l-kunflitt iżda minħabba problemi strutturali u sistemiċi li jgħolqu l-għu u jheddu l-għajxien tan-nies globalment; L-ikel m'għandux jiġi ttrattat bħala ass finanzjarju peress li mhuwiex komodità bħal ħafna oħrajn;

1.2. filwaqt li jirrikonoxxi li l-kwistjoni tal-prezzijiet tal-ikel u l-ispekulazzjoni hija kumplessa ħafna fejn il-kawżalità trid tiġi investigata aktar, **l-istruttura attwali tas-suq tal-komoditajiet mhijiex qed tgħin biex jintlaħqu** l-“ekonomija sostenibbli li neħtieġu” u l-oġettivi marbuta mal-iżvilupp sostenibbli, l-ambizzjoni klimatika u t-tranżizzjoni ġusta minnuxa fl-Aġenda 2030 tan-NU u fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, iżda taħdem b'mod attiv kontributiv. Iddgħajf l-isforzi li għandhom l-għan li jsoġġu l-għu, li jippromovu dħul ġust għall-bdiewa u l-ħaddiema u prezzijiet ġusti għall-konsumaturi, kif ukoll li jipproteġu lill-proċessuri tal-ikel iżgħar u medji u lis-settur tal-bejgħ bl-imnut mir-riskji ta' inflazzjoni li qed tiżdied. **Għalhekk trid tinbidel permezz ta' regolamentazzjoni sabiex tikkontribwixxi għall-benesseri tan-nies u l-iżvilupp soċjetali għall-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs).** Filwaqt li jrid jifakkar li l-UE diġà hija l-aktar suq regolat, huwa evidenti li, biex tkun effettiva, regolamentazzjoni bħal din għandha tiġi estiża fil-livell globali;

1.3. jenfasizza l-ħtieġa li tiġi indirizzata l-konċentrazzjoni fil-ktajjen alimentari u fis-sjieda finanzjarja; jisħaq li **l-kummerċ fiżiku globali taċ-ċereali huwa kkonċentrat ħafna**. Skont l-istimi, erba' kumpaniji – Archer-Daniels-Midland, Bunge, Cargill u Louis Dreyfus – jikkontrollaw 70-90 fil-mija tal-kummerċ globali taċ-ċereali. Dawn il-kumpaniji mhux biss jeżerċitaw oligopolju fuq il-kummerċ globali taċ-ċereali, iżda wkoll fuq l-informazzjoni dwar il-prinċipji fundamentali tas-suq, u huma wkoll iffinanzjalizzati ħafna;

1.4. jinnota li l-fondi nnegozjati fil-borża (ETFs) u l-fondi mutwi bbażati fuq indiċi, inklużi dawk speċifikament marbuta mal-ikel u l-agrikoltura, jirrappreżentaw toroq ġodda u użati b'mod estensiv għall-investment finanzjarju u l-profitt, filwaqt li l-individwi ordinarji qegħdin dejjem aktar jipparteċipaw f'dawn l-istrumenti ta' investment permezz tal-fondi tal-pensjonijiet tagħhom u l-kontijiet individwali tat-tfaddil għall-irtirar. **Iż-żieda ta' dawn il-fondi ta' investment marbuta mal-ekwiżità taħdem biex tagħti sura ġdida lis-sistemi agroalimentari b'modi li jagħtu prijorità lill-ħtiġijiet tal-azzjonisti askapitu ta' għanijiet soċjali u ambjentali oħra;**

1.5. jinnota li **l-prezzijiet għoljin u li qed jogħlew b'rata mgħaġġla u s-segretezza dwar is-sjeda ta' ishma joħlqu l-inċertezza u jxerrdu l-biża' u l-paniku**. Il-biża' u l-paniku, speċjalment fi żminijiet ta' inċertezza kbira, bħal wara l-gwerra tal-Ukrajna, iwasslu għal livelli tal-prezzijiet eċċessivi u volatilità hekk kif in-negozjanti spekulattivi, li ma jridux jitħallew lura fl-ispekulazzjoni dwar iż-żieda fil-prezzijiet, jiddominaw is-suq;

1.6. jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE **jtejbju t-trasparenza tas-suq**, b'mod partikolari billi:

- iwettqu rappurtar ESG (kriterji ambjentali, soċjali u ta' governanza) u divulgazzjoni mhux finanzjarja tal-atturi involuti fl-ispekulazzjoni. Ir-rwol tal-klassifikazzjoni ESG irid jiġi investigat sa fejn għandha x'taqsam/kull fejn tidħol fl-ispekulazzjoni tal-ikel;
- kull attur madwar id-dinja għandu jirrapporta lis-Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Swieq Agrikoli, inklużi l-pajjiżi u l-atturi privati;
- jaġhmlu aktar skrutinju tat-tranżazzjonijiet barra l-borża;

1.7. jenfasizza li s-swieq tad-derivattivi tal-komoditajiet jaqdu servizzi ewlenin għall-produtturi u l-utenti tal-komoditajiet tal-ikel, notevolment il-ġestjoni tar-riskju u l-identifikazzjoni tal-prezzijiet, u li l-funzjonament ta' dawn is-swieq huwa mhedded minn attività spekulattiva; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE jieħdu **l-passi meħtieġa biex irażżnu l-ispekulazzjoni eċċessiva tal-komoditajiet**, b'mod partikolari billi:

1.7.1. jirregolaw **is-suq tal-futuri**:

- jiġi introdott mill-ġdid suq regolat għad-derivattivi tal-ikel, kif kien il-każ għal diversi deċennji sa tmien l-aħħar seklu, li jippreserva l-funzjoni tal-futuri għall-iħħeġġjar. Il-futuri huma importanti mill-perspettiva tal-bdiewa sabiex jiġu ġestiti r-riskji. Dawn jippermettilhom jiffissaw il-prezz kemm għall-input kif ukoll għall-output għal żmien partikolari fil-futur;
- jiġu introdotti restrizzjonijiet stretti fuq iċ-ċaqliq tal-prezzijiet u limiti ta' pożizzjoni ta' kuljum hekk kif l-attivitàjiet ta' negozjar fis-swieq tal-futuri tal-komoditajiet juru anomaliji (Direttiva dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji – MiFID II). Il-limiti ta' pożizzjoni għandhom jiġu kkalibrati mill-ġdid biex jirriflettju l-interess ġenwin ta' attur kummerċjali fir-rigward tal-ħtieġa ta' ħħeġġjar tal-esponiment għar-riskju fil-ħajja reali;
- l-aċċess għad-derivattivi/għall-iħħeġġjar jiġi limitat għal investituri u negozjanti kwalifikati u infurmati li ġenwinament jimpurtahom mill-komoditajiet agrikoli sottostanti;
- jiġu introdotti obbligi kuntrattwali fuq terminu qasir/medju/twil biex tiżdied l-istabbiltà;
- jiġi inċentivat l-irtirar tal-ispekulazzjoni finanzjarja fil-komoditajiet tal-ikel mill-banek u l-kumpaniji tal-fondi billi jiġu introdotti rekwiżiti kapitali miżjuda sabiex jitnaqqsu l-effetti ta' ingranaġġ;

1.7.2. jirregolaw **l-indiċijiet (indiċijiet tal-komoditajiet u indiċijiet tal-ikel)**:

- jiġu rregolati u pprojbiti l-fondi ta' investiment indiċizzat tal-komoditajiet u r-replikazzjoni permezz ta' swaps u prodotti nnegozjati fil-borża, peress li dawn jimmassimizzaw ir-rabta bejn is-swieq tal-enerġija u tal-ikel; il-limiti ta' pożizzjoni mhumieħ effettivi għan-negozjanti tal-indiċijiet tal-komoditajiet/għan-negozjanti tal-iswaps, peress li dawn huma sinkronizzati;
- jitwaqqfu l-fondi pubbliċi/il-fondi mutwi⁽¹⁾ lill-atturi involuti fl-ispekulazzjoni tal-ikel – u l-ebda attur pubbliku ma għandu jkun qed jinnegozja fid-derivattivi tal-ikel għal skopijiet spekulattivi li mhumieħ fl-interess pubbliku;
- jiġu pprojbiti l-komoditajiet agrikoli (eż. fondi, ETFs) allokat i f'portafolli ta' atturi istituzzjonali (eż. fondi tal-pensjonijiet, assigurazzjonijiet);
- meta titqies il-ħtieġa li jiġi rregolat dan is-suq, għandhom jiġu żviluppati aktar rakkomandazzjonijiet konkreti f'opinjonijiet futuri tal-KESE;

⁽¹⁾ Impriżi ta' Investimenti Kollektivi f'Titoli Trasferibbli.

1.7.3. **jindirizzaw il-finanzjalizzazzjoni tas-settur tal-ikel** bħala mezz ta' qligħ enormi ta' flus minn fuq dahar in-nies:

- l-introduzzjoni ta' taxxa globali fuq profitti eċċessivi qabel id-dividendi tal-korporazzjonijiet tal-kummerċ u tal-iffinanzjar u taxxa fuq l-ispekulazzjoni tal-ikel ⁽²⁾ biex jitrażżan il-kummerċ ta' frekwenza għolja;
- jitkissru l-oligopolji fil-livelli kollha tal-katina tal-kummerċ internazzjonali tal-ikel u l-interessi finanzjarji.

2. Kuntest — il-kriżi tal-prezzijiet tal-ikel wara l-gwerra fl-Ukrajna

2.1. Minkejja t-tama li d-dinja toħroġ aktar malajr mill-kriżi u li s-sigurtà tal-ikel tibda tirkupra mill-pandemija fl-2021, **il-ġuħ dinji kompli jżdid fl-2021**. Id-disparitajiet fl-impatt tal-pandemija u l-irkupru, flimkien mal-kopertura u durata limitati tal-miżuri ta' protezzjoni soċjali, wasslu għal **żieda fl-inugwaljanzi** li kkontribwew għal aktar ostakli fl-2021 fir-rigward tal-ksib tal-mira ta' L-Ebda Ġuħ sal-2030, b'impatt partikolari fuq in-nisa u t-tfal. Huwa smat li bejn 702 u 828 miljun persuna fid-dinja (li jikkorrispondu għal 8,9 u 10,5 fil-mija tal-popolazzjoni dinjija rispettivament) batew il-ġuħ fl-2021 — total ta' 150 miljun persuna aktar mill-2019, qabel il-pandemija tal-COVID-19 ⁽³⁾.

2.2. **Il-gwerra** li għaddejja **fl-Ukrajna**, li tinvolvi tnejn mill-akbar produttori globali taċ-ċereali bażiċi, iż-żrieragħ żejtnin u l-fertilizzanti, u xokkijiet esterni oħra, qed ifixxlu l-ktajjen tal-provvista internazzjonali u jgħollu l-prezzijiet taċ-ċereali, tal-fertilizzanti u tal-enerġija. Dan qiegħed iseħħ hekk kif il-ktajjen tal-provvista għadhom qed jirkupraw mill-COVID u diġà qed jiġu affettwati b'mod negattiv minn avvenimenti klimatiċi estremi dejjem aktar frekwenti, speċjalment f'pajjiżi b'introjtu baxx, u potenzjalment se jkollu implikazzjonijiet qawwija għas-sigurtà globali tal-ikel u n-nutrizzjoni. **M'hemmx skarsezza, iżda minħabba l-kunflitt hemm nuqqas temporanju u tfixkil serju fil-katina tal-provvista tal-ikel u problemi bid-distribuzzjoni ⁽⁴⁾, inkluż fejn jinsabu l-istokkijiet, kif ukoll impatt negattiv fuq il-produzzjoni (il-ħsad u t-tħawwil/iż-żriġh) fl-Ukrajna.**

2.3. Matul l-2022, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-NU (FAO) irreġistrat **indiċi rekord tal-prezzijiet tal-ikel**, bi prezzijiet 34 % ogħla mis-sena ta' qabel. Huwa importanti li wieħed jinnota li f'jannar ta' din is-sena, l-indiċi tal-prezzijiet tal-ikel tal-FAO kien diġà laħaq livelli għoljin daqs l-ogħla livelli li deheru fl-2008. F'dan il-kontest, kien inevitabbli li xokk fil-provvista li jaffettwa tnejn mill-pajjiżi ewlenin fid-dinja li jesportaw iċ-ċereali jiddestabbilizza s-swieq globali sa ċertu punt. **Madankollu, l-ambitu u l-iskala tal-volatilità attwali tal-prezzijiet jistgħu jiġu spjegati biss parzjalment mill-prinċipji fundamentali tas-suq.** Wieħed mid-difetti sottostanti fis-sistema tal-ikel li biddel il-kriżi tal-Ukrajna fi kriżi globali tas-sigurtà tal-ikel huwa n-natura opaka u disfunzjonali tas-swieq taċ-ċereali ⁽⁵⁾.

2.4. Fir-Riżoluzzjoni tiegħu dwar “L-Ukrajna – minn għajnuna għal rikostruzzjoni – proposti mis-soċjetà ċivili Ewropea”, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-kriżi globali tal-prezzijiet tal-ikel, li ġiet aggravata mill-gwerra fl-Ukrajna, u jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE jieħdu l-passi meħtieġa biex irażżnu l-ispekulazzjoni tal-komoditajiet u jsaħħu t-trasparenza tas-suq. Il-Parlament Ewropew appella wkoll għal miżuri ta' prevenzjoni tal-ispekulazzjoni eċċessiva f'żewġ Riżoluzzjonijiet reċenti ⁽⁶⁾.

⁽²⁾ Taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji esklussivament fuq l-ispekulazzjoni tal-ikel — l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2008/7/KE” (COM(2011) 594 final) (ĠU C 181, 21.6.2012, p. 55).

⁽³⁾ FAO, IFAD, Unicef, WFP u WHO (2022), The State of Food Security and Nutrition in the World 2022 Repurposing food and agricultural policies to make healthy diets more affordable. (L-Istat tas-Sigurtà tal-Ikel u n-Nutrizzjoni fid-Dinja 2022. L-għoti ta' skop għid lill-politiki dwar l-ikel u l-agrikoltura biex id-dieti tajbin għas-saħħa jsiru aktar affordabbli). Ruma, FAO (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁴⁾ Statistika tal-FAO

⁽⁵⁾ IPES Food

⁽⁶⁾ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2022 dwar l-indirizzar tas-sigurtà alimentari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw (2021/2208(INI)) (ĠU C 47, 7.2.2023, p. 149) u Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Marzu 2022 dwar il-ħtieġa ta' pjan ta' azzjoni urġenti tal-UE biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel kemm fl-UE kif ukoll barra l-UE fid-dawl tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna (2022/2593(RSP)) (ĠU C 361, 20.9.2022, p. 2).

2.5. L-istruttura attwali tas-suq tal-komoditajiet mhijiex qed tgħin biex jintlaħqu l-“ekonomija sostenibbli li neħtieġu”⁽⁷⁾ u l-oġġettivi marbuta mal-iżvilupp sostenibbli, l-ambizzjoni klimatika u t-tranżizzjoni ġusta minquxa fl-Aġenda 2030 tan-NU u l-Patt Ekoloġiku Ewropew. Din la tikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' dħul ġust għall-bdiewa⁽⁸⁾ u għall-ħaddiema u prezzijiet ġusti għall-konsumaturi, u lanqas għall-protezzjoni tal-proċessuri tal-ikel (speċjalment l-SMEs) u tas-settur tal-bejgħ bl-imnut mir-riskji ta' żieda fl-inflazzjoni.

3. Ir-rwol u l-implikazzjonijiet tal-ispekulazzjoni tal-komoditajiet: swieq u mekkaniżmi

3.1. L-ispekulazzjoni hija investment bit-tama ta' gwadann futur, b'riskju ta' telf. L-ispekulazzjoni fil-komoditajiet tista' tieħu tliet forom: (i) ix-xiri jew il-bejgħ dirett ta' komodità fiżika, (ii) ix-xiri jew il-bejgħ ta' kuntratt li jispeċifika l-akkwist jew il-konsenja futura ta' komodità, u (iii) ix-xiri jew il-bejgħ tal-ekwità jew tad-dejn ta' korporazzjoni li tipproduċi jew tinneogzja f'komoditajiet. Il-kuntratti standardizzati tal-komoditajiet jissejħu “kuntratti futuri” jew “derivattivi tal-komoditajiet” u huma nneogzjati fi “swieq tad-derivattivi tal-komoditajiet”, li huma swieq finanzjarji regolati. L-ispekulazzjoni fil-komoditajiet tista' għalhekk isseħħ kemm fis-swieq tal-komoditajiet fiżiċi kif ukoll f'dawk finanzjarji, u indirettament fis-swieq tal-ishma u tal-bonds.

3.2. Is-swieq tad-derivattivi tal-komoditajiet raw influss kbir ta' likwidità minn investituri “mhux tradizzjonali” mill-bidu tas-snin 2000 wara bidliet fl-oqfsa regolatorji li jirregolaw dawn is-swieq. Il-wasla ta' negozjanti ġodda ssejħet il-“finanzjalizzazzjoni” tas-swieq tal-komoditajiet⁽⁹⁾. Filwaqt li ż-żieda fil-likwidità kkontribwiet għall-profondità tas-swieq tad-derivattivi tal-komoditajiet, u b'hekk għamlet il-manipulazzjoni diretta tas-suq aktar diffiċli, introduċiet ukoll domanda spekulattiva li mhijiex relatata mal-kundizzjonijiet fis-suq fiżiku tal-komoditajiet, li timmina l-kapaċità ta' dawn is-swieq li jissodisfaw funzjonijiet ewlenin.

3.3. Fil-forma oriġinali tagħhom, is-swieq regolati tad-derivattivi tal-komoditajiet jissodisfaw żewġ għanijiet ewlenin: (i) il-ġestjoni tar-riskju għall-produtturi u għall-utenti tal-komoditajiet u (ii) l-identifikazzjoni tal-prezzijiet. Il-ġestjoni tar-riskju tinkiseb permezz tal-iħħeġġjar, li jfisser it-teħid ta' pożizzjonijiet ta' tpaċija fis-swieq fiżiċi u tad-derivattivi u b'hekk l-iffissar tal-prezz tal-komodità fil-mument li jsir l-iħħeġġjar. L-iħħeġġjar jeħtieġ relazzjoni mill-qrib bejn is-swieq tal-futuri tal-komoditajiet u s-suq fiżiku. Biex tiġi żgurata din ir-relazzjoni mill-qrib, il-kummerċ fiżiku għandu t-tendenza li jitqabbel mal-prezz tad-derivattivi. Filwaqt li din il-prattika tiżgura l-effikaċja tal-iħħeġġjar, tiżgura wkoll trasferiment dirett tal-pożizzjonijiet spekulattivi fis-swieq tad-derivattivi lejn is-suq fiżiku.

3.4. Il-kuntratti tal-futuri jiġu nneogzjati għal xhur ta' maturità differenti. Kull kuntratt ta' futuri għandu xerrej u bejjiegħ miftiehma. L-offerti magħmula minn xerrejja u bejjiegħa jiġu mqabbla mill-kamra tal-ikklijar tal-borża. Il-prezz imqabbel ma jitħallasx kollu. Minflok, iż-żewġ negozjanti jittrasferixxu depożitu ta' garanzija f'kont ta' marġni rreġistrat mal-kamra tal-ikklijar. Il-qliġ u t-telf jittieħdu direttament mid-depożitu tal-garanzija. Għalhekk, in-negozjar ta' futuri ta' komoditajiet huwa ingranat ħafna.

3.5. Meta kuntratt tal-futuri joqrob lejn id-data tal-maturità tiegħu, in-negozjanti għandhom żewġ għażliet: (i) li jżommu l-kuntratt u jisfurzaw (jekk ikunu l-bejjiegħ) jew jaċċettaw (jekk ikunu x-xerrej) il-konsenja, jew (ii) li jieħdu pożizzjoni ta' tpaċija biex jagħlu l-kuntratt qabel id-data tal-maturità. Il-maġġoranza l-kbira tal-kuntratti kollha tal-futuri tal-komoditajiet jiġu saldati permezz ta' pożizzjonijiet ta' tpaċija. Għalhekk, in-negozjar f'futuri ta' komoditajiet ma jirrikjedix li n-negozjant ikun sid il-komodità fiżika li jkun qed ibigħ jew li jkollu l-kapaċità ta' ħżin biex jieħu l-komodità fiżika li jkun qed jixtri.

(7) L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-ekonomija sostenibbli li neħtieġu” (opinjoni fuq inizzjattiva proprja) (ĠU C 106, 31.3.2020, p. 1).

(8) L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prattiki kummerċjali ingosti fir-relazzjonijiet minn negozju għal negozju fil-katina tal-provvista tal-ikel” (COM(2018) 173 final) (ĠU C 440, 6.12.2018, p. 165).

(9) UNCTAD (2009), “The Financialisation of Commodity Markets” (Il-Finanzjalizzazzjoni tas-Swieq tal-Komoditajiet), Kapitolu II tar-Rapport tal-2009 dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (mhux disponibbli bil-Malti). UNCTAD: Ġinevra; UNCTAD (2011), “Price Formation in Financialized Commodity Markets: The Role of Information” (Il-Formazzjoni tal-Prezzijiet fi Swieq tal-Komoditajiet Finanzjalizzati: Ir-Rwol tal-Informazzjoni) (mhux disponibbli bil-Malti).

3.6. Is-sensara biss jistgħu jinneogzjaw f'boroż tal-komoditajiet irreġistrati. Is-sensara jinneogzjaw fisem il-klijenti tagħhom u għall-gwadann personali tagħhom. **Jeżisti suq sekondarju kbir fejn id-derivattivi tal-komoditajiet jinbiegħu u jiġu ppreżentati f'forma oħra mill-ġdid barra mill-borża.** Il-kuntratti tal-futuri huma nneogzjati wkoll barra l-boroż regolati, imsejħa negozji barra l-borża, fejn it-tranżazzjonijiet jiġu miftiehma mingħajr l-involvement ta' kamra tal-ikklerjar. **Dan jagħmel id-derivattivi tal-komoditajiet faċilment aċċessibbli għall-investituri fil-livell tal-konsument, l-aktar fil-forma ta' fond innegozjat fil-borża (ETF) għal komoditajiet jew indiċijiet tal-komoditajiet speċifiċi ⁽¹⁰⁾.**

3.7. Minħabba d-deregolamentazzjoni tas-swieq tad-derivattivi tal-komoditajiet u kemm huma faċli li jiġu nneogzjati, dawn is-swieq huma likwidi ħafna, **u n-negozjar fid-derivattivi tal-komoditajiet jisboq bil-kbir in-negozjar fil-komoditajiet fiżiċi.** Il-likwidità hija rekwiżit ewlieni għall-identifikazzjoni tal-prezzijiet. L-identifikazzjoni tal-prezzijiet hija l-kapaċità tas-suq li jirrifletti, b'mod korrett u fil-ħin, informazzjoni dwar id-domanda fiżika u l-kundizzjonijiet tal-provvista. L-identifikazzjoni tal-prezzijiet hija pprovduta jekk, u bil-kundizzjoni li, in-negozjanti kollha jieħdu pożizzjonijiet b'mod indipendenti u abbażi biss tal-għarfien tagħhom dwar il-kundizzjonijiet fiżiċi tad-domanda u tal-provvista; dawn il-kundizzjonijiet jissejħu l-"prinċipji fundamentali tas-suq". **L-identifikazzjoni tal-prezzijiet hija mminata minn negozjanti li jieħdu pożizzjonijiet li mhumiex relatati mal-prinċipji fundamentali tas-suq.**

3.8. **Mhux in-negozjanti kollha jieħdu pożizzjonijiet ibbażati fuq il-prinċipji fundamentali tas-suq ⁽¹¹⁾.** Il-letteratura akkademika tiddistingwi bejn negozjanti attivi u passivi. In-negozjanti attivi huma sottodiviżi ulterjorment f'negozjanti infurmati u mhux infurmati. **Negozjanti attivi u infurmati** huma stabbilimenti ta' skambji kummerċjali ta' komoditajiet, li jinneogzjaw futuri ta' komoditajiet għal skopijiet spekulattivi u ta' ħħeġġjar bħala parti min-negozju ewlieni tagħhom, u maniġers tal-flus speċjalizzati (eż. fondi ħeġġ) li jseguw strateġiji ta' negozjar ibbażati fuq informazzjoni dwar is-suq.

3.9. **Negozjanti attivi u mhux infurmati (negozjanti li jimxu fuq il-feedback pożittiv, 'l hekk imsejħa positive feedback traders)** huma maniġers tal-flus li jseguw strateġiji ta' negozjar li huma bbażati fuq analiżi tax-xejriet statistiċi u f'tit li xejn, jew saħansitra l-ebda, informazzjoni dwar is-suq. **Negozjanti passivi u mhux infurmati (negozjanti tal-indiċijiet)** huma investituri istituzzjonali, bħall-fondi tal-pensjonijiet, kif ukoll investituri fil-livell tal-konsumatur li jinvestu f'ETFs, li jfittxu espożizzjoni għal sett wiesa' ta' prezzijiet ta' komoditajiet, inklużi l-komoditajiet agrikoli kif ukoll l-enerġija, il-minerali u l-metalli, għal skopijiet ta' diversifikazzjoni tal-portafoll. L-espożizzjoni tinkiseb permezz tar-replikazzjoni tal-indiċijiet tal-komoditajiet, b'mod simili għall-indiċijiet tas-suq tal-ishma.

3.10. Ir-replikazzjoni tal-indiċi tinvolvi t-teħid biss ta' pożizzjonijiet ta' xiri li jiġu riportati fi tmiem id-data tal-maturità tal-kuntratt tal-futuri. **Għalhekk, in-negozjanti tal-indiċijiet huma unilaterali fil-pożizzjoni tagħhom. Dawn huma wkoll sinkronizzati fost il-gruppi ta' komoditajiet,** u jindikaw domanda qawwija fi spettru wiesa' ta' komoditajiet, li jwassal għal moviment konġunt bejn il-prezzijiet ta' gruppi ta' komoditajiet differenti li mhuwix relatat mal-prinċipji fundamentali tas-suq ⁽¹²⁾.

3.11. Sinjali tal-prezzijiet spekulattivi bħal dawn jistgħu jiġu aggravati min-negozjanti li jimxu fuq il-feedback pożittiv li jkejlu l-appoġġ tas-suq għad-direzzjonijiet tal-prezzijiet. **Billi jagħmlu mħatri fuq direzzjoni partikolari tal-prezzijiet, in-negozjanti li jimxu fuq il-feedback pożittiv jagħtu aktar appoġġ b'mod li jikkondizzjonaw lilhom stess, li jwassal għal bżieżaq spekulattivi u volatilità għolja tal-prezzijiet.** Il-bżieżaq spekulattivi jistgħu jippersistu, speċjalment jekk l-informazzjoni dwar il-prinċipji fundamentali tas-suq tkun limitata, jiġifieri, fi żminijiet ta' inċertezza kbira, u jekk in-negozjanti mhux infurmati u passivi jiddominaw fis-suq.

3.12. Il-ġbir ta' informazzjoni dwar is-suq jiswja ħafna flus, u huwa relattivament aktar għali minn analiżi statistika jew skennjar rapidu tal-aħbarijiet ewlenin, speċjalment meta n-negozjanti jinvestu f'diversi swieq fl-istess ħin. **Għalhekk, in-negozjanti infurmati huma relattivament f'tit, u għandhom it-tendenza li jkunu stabbilimenti ta' skambji kummerċjali kbar li jiġbru informazzjoni dwar is-suq bħala parti min-negozju fiżiku tagħhom ta' komoditajiet.** Dan jagħmel is-swieq tad-derivattivi tal-komoditajiet suxxettibbli għal bżieżaq spekulattivi persistenti, speċjalment fi żminijiet ta' inċertezza u paniku tas-suq.

⁽¹⁰⁾ Heidorn, van Huellen, Loayza-Desfontaines, Riedler, Schmaltz, u Schröder (2014), "Flankierende Ansätze zur Verbesserung der Markttransparenz und Bekämpfung von Marktmissbrauch im Rohstoffterminhandel" (Approċċi ta' akkumpanjament biex tittejjeb it-trasparenza tas-suq u jiġi miġġieled l-abbuż tas-suq fil-kummerċ tal-futuri tal-komoditajiet — mhux disponibbli bil-Malti), Bundesministerium der Finanzen (BMF), Berlin, Mannheim.

⁽¹¹⁾ van Huellen (2020), "Approaches to Price Formation in financialised Commodity Markets" (Approċċi għall-Formazzjoni tal-Prezzijiet fi Swieq ta' Komoditajiet Finanzjalizzati), *Journal of Economic Surveys*, 34(1): 219-237. DOI: 10.1111/joes.12342 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹²⁾ van Huellen (2018), "How financial investment distorts food prices: evidence from U.S. grain markets" (Kif l-investiment finanzjarju jfikkil il-prezzijiet tal-ikel: evidenza mis-swieq taċ-ċerali tal-Istati Uniti), *Agricultural Economics*, 49(2): 171-181. DOI: 10.1111/agec.12406 (mhux disponibbli bil-Malti).

3.13. **Il-kummerċ fiżiku globali taċ-ċereali huwa kkonċentrat ħafna.** Skont l-istimi, erba' kumpaniji jikkontrollaw 70-90 fil-mija tal-kummerċ globali taċ-ċereali u jagħmlu profitt eċċessiv: Archer-Daniels-Midland, Bunge, Cargill u Louis Dreyfus, li kollettivament huma magħrufa bħala ABCDs⁽¹³⁾ (Archer-Daniels-Midland irreġistrat l-ogħla qligħ fl-istorja tagħha ta' kważi 120 sena, u żieda ta' 38 % sena wara sena fl-introjt operatorju⁽¹⁴⁾). Dawk il-kumpaniji mhux biss jeżerċitaw oligopolju fuq il-kummerċ globali taċ-ċereali, iżda wkoll fuq l-informazzjoni dwar il-prinċipji fundamentali tas-suq, inkluż il-ħżin. **Il-pożizzjonijiet tal-ħżin jinżammu għal skopijiet tranżazzjonali, prekawżjonarji jew spekulattivi.** L-informazzjoni dwar il-livelli tal-ħżin hija protetta bir-reqqa kontra l-kompetituri. Bħala negozjanti, huma jħarsu 'l quddiem, jippruvaw jixtru bi prezz baxx u jbigħu bi prezz għoli.

3.14. **L-ABCDs huma wkoll finanzjalizzati ħafna.** Archer-Daniels-Midland u Bunge huma kumpaniji elenkati u soġġetti għal pressjonijiet tal-azzjonisti, li jiffavorixxu l-qligħ fuq terminu qasir fuq l-investimenti fit-tul. L-azzjonisti jinkludu fondi ħħeġġjati (eż. Black Rock), banek ta' investment u fil-biċċa l-kbira anki investituri istituzzjonali bħall-fondi tal-pensjonijiet. Cargill u Louis Dreyfus huma kumpaniji bi sjieda privata, li minbarra li jinneogżaw fiċ-ċereali għandhom ukoll fondi ħeġġ, banek, kumpaniji tat-trasport tal-merkanzija nazzjonalment u internazzjonalment, tal-ħżin, tal-proprjetà immobbli u tal-infrastruttura fost is-sussidjarji tagħhom.

3.15. **In-negozjanti fiżiċi kbar tal-komoditajiet** jinneogżaw kemm fis-swieq tad-derivattivi kif ukoll fis-swieq fiżiċi u jkollhom servizz ta' sensara tagħhom stess għal aċċess dirett għas-swieq tad-derivattivi tal-komoditajiet. Huma għandhom ukoll kontroll sostanzjali fuq il-fornituri u l-klijenti tagħhom. Din is-setgħa tippermettilhom jittardjaw il-pagamenti biex iżidu r-riżervi ta' flus kontanti jew jittardjaw il-konsenji tal-komoditajiet jekk jistennaw li l-prezzijiet se jinbidlu favurilhom. **B'kontrast mal-produtturi u l-konsumaturi, in-negozjanti fiżiċi imorru minn fuq bil-volatilità tas-suq,** peress li bidliet kbar u rapidi fil-prezzijiet jgħolqu opportunitajiet biex jinbiegħu l-ħażniet u l-pożizzjonijiet finanzjarji bi profitti kbar fi żmien qasir.

3.16. **Il-prezzijiet għoljin u li jkomplu jgħolew u s-segretezza dwar is-sjieda ta' ishma jxerrdu l-biża' u l-paniku. Il-biża' u l-paniku, speċjalment fi żminijiet ta' inċertezza kbira, bħal fil-każ tal-effetti tal-gwerra tal-Ukrajna, iwasslu għal livelli tal-prezzijiet eċċessivi u volatilità hekk kif in-negozjanti spekulattivi, li jridu jibbenefikaw miż-żieda enormi fil-prezzijiet, jiddominaw is-suq⁽¹⁵⁾.** In-negozjanti fiżiċi f'it li xejn għandhom interess li jintervjenu fuq terminu qasir u medju peress li l-prezzijiet għoljin iżidu l-valur tal-pożizzjonijiet spekulattivi kif ukoll tal-pożizzjonijiet ta' ħżin tranżazzjonali tagħhom, li qed ibigħu bi profitt enormi. **In-negozjanti tal-ABCD kollha rreġistraw profitti rekord jew kważi rekord fl-2021.**

3.17. **Prezzijiet eċċezzjonalment għoljin jikkawżaw biża' dwar in-nuqqas ta' provvista u n-nuqqas ta' affordabbiltà tal-provvista u jżidu d-domanda għaż-żamma ta' ħażniet prekawżjonarji.** Il-kumulazzjoni tal-komoditajiet tal-ikel, jew permezz tal-ħżin ta' riżervi tal-importazzjonijiet jew permezz tal-introduzzjoni ta' projbizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, jgħolqu nuqqasijiet artifiċjali fis-suq fiżiku, li jagħti aktar saħħa liż-żieda fil-prezzijiet. Żidiet spekulattivi fil-prezzijiet huma b'hekk ivalidati minn prinċipji fundamentali tas-suq *ex post*, b'mod awtosodisfacenti. Matul il-kriżi tal-ikel tal-2008, l-Indja rreaġixxiet għall-prezzijiet għoljin taċ-ċereali billi introduċiet projbizzjoni fuq l-esportazzjoni tar-ross, li wasslet għal żieda qawwija fil-prezzijiet tar-ross. Bħalissa, iċ-Ċina qed taħżen kwantitajiet kbar ta' qamħirrum, ross u qamħ minħabba tħassib dwar skarsezzi⁽¹⁶⁾. Filwaqt li l-gvernijiet li jinvolvu ruħhom fil-kumulazzjoni tal-komoditajiet tal-ikel jagħxu b'mod spekulattiv, il-kumulazzjoni tagħhom hija frott il-biża' u x-xewqa li jissodisfaw id-dritt għall-ikel għaċ-ċittadini tagħhom aktar milli japprofitaw ruħhom minnhom. Dan jiddistingwi b'mod ċar dawn l-attivitajiet mill-ispekulazzjoni minn negozjanti finanzjarji u fiżiċi. **Il-ħżin mill-gvernijiet u l-konsumaturi huwa reazzjoni għal prezzijiet għoljin tal-ikel, mhux kawża, u mhux qed jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel u l-awtonomija strateġika la fl-UE u lanqas fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.**

4. Ir-rwol tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG) u tal-kumpaniji ta' negozjar

4.1. Bħalissa, **l-ekotikketti** nazzjonali bħall-ekotikketta Awstrijaka UZ49 jew l-ekotikketta Ġermaniża tal-FNG ma jikkunsidrawx b'mod espliċitu l-ispekulazzjoni tal-ikel fil-proċess ta' evalwazzjoni tagħhom. Id-derivattivi li ma jintużawx biss għal skopijiet ta' ħħeġġjar huma ġeneralment ipprojbiti. L-ekotikketti jqisu l-ktajjen tal-provvista fl-industrija tal-ikel

⁽¹³⁾ Murphy, Burch, u Clapp (2012), "Cereal Secrets: The World's Largest Grain Traders and Global Agriculture" (Is-sigrieti taċ-ċereali: l-akbar kummerċjanti taċ-ċereali fid-dinja u l-agrikoltura globali), Oxfam Research Report (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹⁴⁾ Mir-rapport tal-azzjonisti għas-sena fiskali Diċembru 2020 sa Diċembru 2021.

⁽¹⁵⁾ IFPRI.

⁽¹⁶⁾ Artiklu ta' Bloomberg

bħala kumplessi wisq biex jipprovdut sett ta' regoli applikabbli faċilment. Xi eżempji jinkludu l-użu ta' fertilizzanti, li jistgħu jiġu evalwati b'mod differenti abbażi tal-impronta tal-karbonju tagħhom, id-data nieqsa għall-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ħtif tal-art, u n-nuqqas ta' trasparenza fir-rigward tal-attivitajiet ta' negozjar spekulattiv fir-rapporti annwali, eċċ. Il-kumplessità tal-ktajjen tal-provvista ma twassalx għal kriterji ta' esklużjoni fissi, iżda għal "kriterji kontroversjali" inqas importanti li għandhom probabbiltà ogħla li jiġu interpretati b'mod konsiderevolment differenti mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni. **L-ekotikketti nazzjonali ma jinkludux kriterji implimentati b'mod espliċitu marbuta mal-komoditajiet agrikoli fil-proċess ta' evalwazzjoni tagħhom. Il-kriterji kontroversjali, li jiffukaw fuq il-governanza, għandhom rwol minuri fil-proċess ġenerali tal-klassifikazzjoni minħabba l-possibbiltà ta' interpretazzjonijiet differenti. Dawn il-kriterji kontroversjali jkopru prinċipalment l-etika tan-negozju, fejn huma involuti n-negozjar spekulattiv, in-nuqqas ta' trasparenza, il-ħtif tal-art, eċċ. Ekotikketta waħda, pereżempju, tinvestiga l-"kwalità ESG" tal-fond meta jintużaw derivattivi ta' komoditajiet, iżda l-proċess u l-eżiti possibbli tiegħu jibqgħu mhux ċari u mhumiex dokumentati pubblikament.**

4.2. Komponent ewlieni tal-klassifikazzjoni ESG huwa l-valutazzjoni tal-governanza korporattiva (sjieda, kontroll, bord, kontabbiltà, eċċ.) u l-imġiba korporattiva (etika tan-negozju u trasparenza tat-taxxa) tal-industrija tal-ikel. **Madankollu, proporzjonijiet bħall-perċentwal ta' negozjar spekulattiv ta' komoditajiet agrikoli eżegwiti mid-dipartimenti tat-teżor jew informazzjoni trasparenti dwar il-livelli ta' ħżin fil-faċilitajiet tal-ħżin huma neqsin u rament huma koperti minn kriterji ta' governanza.**

4.3. **L-aġenziji tal-klassifikazzjoni jivvalutaw is-suq tal-ikel bħala aktar vulnerabbli minn setturi oħra.** L-industrija tal-ikel għandha riskju klimatiku ogħla mill-medja meta mqabbel ma' industriji ESG oħra, peress li s-settur agroalimentari huwa kemm kontributur kif ukoll vulnerabbli għal problemi relatati mal-klima (bħaż-żieda fit-temperatura, in-nixfiet, l-għargħar, eċċ.). Għalkemm il-klassifikazzjoni ESG medja tal-kumpaniji tal-industrija tal-ikel żdiedet matul l-aħħar ħames snin, **il-gruppi ta' prodotti simili tal-ikel kienu ddominati minn proporzjon għoli ta' kumpaniji li għandhom azzjonist kontrollanti, bi prevalenza kbira ta' sjieda minn familja.** Din l-istruttura korporattiva għorr magħha riskji ta' governanza korporattiva assoċjati ma' struttura kumplessa ta' sjieda bi drittijiet tal-vot differenti: kuntratti/tranżazzjonijiet ta' ġestjoni bejn il-kumpanija u s-sid li jikkontrollaha, jew entitajiet li huma proprjetà tal-istess individwu kontrollanti. Il-prioritizzazzjoni tal-istagħnjar personali tas-sid dominanti fuq l-iżgurar ta' profitti sostenibbli tista' tħalli lill-investituri minoritarji esposti għar-riskji ta' deċiżjonijiet li jiffavorixxu ħafna lill-gruppi tal-familja. **Is-sjieda kkontrollata tiddomina fl-industrija tal-prodotti tal-ikel: 58,4 % tal-kumpaniji li jiffurmaw l-indiċi MSCI ACWI għandhom azzjonist jew grupp ta' azzjonisti li jikkontrolla 30 % jew aktar tad-drittijiet tal-vot.**

4.4. Il-maġġoranza tal-kumpaniji fl-industrija tal-ikel (60 %) huma elenkati bħala ogħla mill-grad ta' investment ta' klassifikazzjoni ESG (BBB). Kważi 2 minn kull 10 konstitwenti għandhom klassifikazzjoni ESG għolja jew għolja ħafna. Dan l-iżvilupp iwassal għal influssi kbar mill-manigiers tal-assi fl-istokks tal-industrija tal-ikel. Il-prezzijiet tal-ikel huma fl-ogħla livell tagħhom f'għaxar snin u ż-żieda tista' tippersisti. Madankollu, l-investituri qed isiru dejjem aktar avversi għall-industriji li jiksru l-prinċipji ESG, bħall-industrija taż-żejt tal-palm. **Se jkun hemm domanda dejjem tikber għall-kostruzzjoni ta' portafoll b'konformità ambjentali, soċjali u ta' governanza ibbażat fuq il-komoditajiet.** Minn Settembru 2008 sa Settembru 2011, l-indiċi tal-FAO żdied bi 12 %, li huwa aktar mill-inflazzjoni. L-impatt taż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-ikel fuq l-istokkijiet kien ikkaratterizzat mill-karatteristiċi li ġejjin: l-ewwel nett, kellu bażi wiesgħa fl-impatt tiegħu. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel kellha impatt pożittiv fuq il-produtturi tal-ikel, il-proċessuri tal-ikel u l-kumpaniji tal-oġġetti tal-konsum li jibdlu l-idejn malajr. Din id-darba, il-klassifikazzjoni ESG se tkun fattur determinanti ewlieni fid-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni tal-assi. Il-prestazzjoni baxxa aktar milli mistenni tal-istokks taż-żejt tal-palm meta żdiedu l-prezzijiet taż-żejt tal-palm fl-2021 hija eżempju ta' kif dawn il-kunsiderazzjonijiet ġodda għandhom impatt fuq il-prezzijiet tal-ishma. **Madankollu, kif iddikjarat fil-punti 4.1–4.4, dawn il-klassifikazzjonijiet ESG ma jkoprux il-kwistjoni tal-ispekulazzjoni tal-ikel. Meta jitqies, pereżempju, in-negozjar spekulattiv ħafna jew il-ħażna eċċessiva ta' komoditajiet fiżiċi li jġiegħlu l-livelli tal-prezzijiet jogħlew aktar bħala parti mill-etika tan-negozju u l-governanza tal-kumpanija, il-klassifikazzjoni ESG ġenerali trid tiġi adattata kif xieraq. F'dan ir-rigward, il-klassifikazzjoni ESG medja għall-industrija tal-ikel kif ukoll għall-kumpaniji tal-fondi tista' tkun għolja wisq. Dan għandu jiġi investigat f'aktar dettall.**

4.5. Il-livelli għoljin u li qed jiżdiedu b'rata mgħaġġla ta' konċentrazzjoni fis-settur agroalimentari qed isaħħu l-mudell industrijali tal-ikel u tal-biedja, filwaqt li jaggravaw il-konsegwenzi soċjali u ambjentali tiegħu u jaggravaw l-iżbilanċi eżistenti tal-poter⁽¹⁷⁾. **Kollettivament, il-ġganti tal-ġestjoni tal-assi, jiġifieri BlackRock, Vanguard, State Street, Fidelity, u Capital Group, għandhom proporzjonijiet sinifikanti tad-ditti li jiddominaw f'diversi punti tul il-ktajjen tal-provvista agroalimentari. Meta jitqiesu flimkien, dawn il-ħames ditti tal-ġestjoni tal-assi għandhom madwar 10–30 %**

⁽¹⁷⁾ Rapport dwar l-Ikel tal-IPES

tal-ishma tal-kumpaniji ewlenin fis-settur agroalimentari. Id-ditti bl-ogħla grad ta' sjieda mid-ditti l-kbar tal-ġestjoni tal-assi huma dawk id-ditti li jiddominaw f'segmenti tas-suq ikkonċentrati ħafna, inklużi l-inputs agrikoli, in-negozjar ta' komoditajiet, u l-ikel ipproċessat u ppakkjat⁽¹⁸⁾. Dawn l-istrateġiji korporattivi jistgħu jwasslu kollettivament għal effetti usa', bħal inugwaljanza akbar fis-sistema tal-ikel, dgħufija tal-innovazzjoni fis-settur, u setgħa tas-suq u politika mtejba fost il-kumpaniji ewlenin tas-settur. **Hija meħtieġa aktar riċerka biex tinbena bażi solida li fuqha jiġu fformulati direzzjonijiet ta' politika li jimxu 'l quddiem fil-każ ta' investimenti relatati mal-ekwiżità fis-settur tal-ikel u l-agrikoltura.**

4.6. Fil-każ ta' investimenti relatati mal-ekwiżità fis-settur agroalimentari, diversi aspetti tal-finanzjalizzazzjoni jidhru b'mod prominenti. Il-fondi nnegozjati fil-borża (ETFs) u l-fondi mutwi bbażati fuq indiċi, inklużi dawk speċifikament marbuta mal-ikel u l-agrikoltura, jirrappreżentaw toroq ġodda għall-investment finanzjarju u l-profitt, filwaqt li l-individwi ordinarji qegħdin dejjem aktar jipparteċipaw f'dawn l-istrumenti ta' investment permezz tal-fondi tal-pensjonijiet tagħhom u l-kontijiet individwali tat-tfaddil għall-irtirar⁽¹⁹⁾. **Iż-żieda ta' dawn il-fondi ta' investment marbuta mal-ekwiżità taħdem biex tagħti sura ġdida lis-sistemi agroalimentari b'modi li jagħtu prijorità lill-ħtiġijiet tal-azzjonisti fuq għanijiet soċjali u ambjentali oħra.** L-ETF Vaneck Vectors Agribusiness, pereżempju, huwa l-akbar fond ta' investment indiċizzat agrikolu. Huwa kiseb redditu medju annwali ta' 8,32 % matul l-aħħar 10 snin. Sadanittant, il-valur nett tal-assi tiegħu żdied għal 32 % bejn l-2020 u l-2021.

5. Il-qafas regolatorju attwali: sfidi u ostakli

5.1. Id-Direttiva MiFID II (2014/65/UE) imponiet rekwiżiti komprensivi ta' żvelar u rappurtar biex jitrażżan in-negozjar spekulattiv eċċessiv u tiġi promossa t-trasparenza. Hija pproponiet limiti ta' pożizzjoni għal kull ċentru tan-negozjar mhux biss fuq in-negozjar tat-titoli iżda wkoll li jestendu biex ikopru tranżazzjonijiet ekwivalenti barra l-borża. Id-ditti huma obbligati wkoll li jipprovdu rapporti dwar il-pożizzjoni fuq bażi ta' kuljum liċ-ċentri u lir-regolaturi.

5.2. **Dawn il-miżuri, speċjalment ir-restrizzjonijiet tal-pożizzjoni, huma utli iżda wkoll limitati fl-effettività tagħhom biex irażżnu l-ispekulazzjoni eċċessiva tas-suq finanzjarju.** Dawn huma marbuta mill-qrib mal-kwistjoni tar-rwol ta' tali spekulazzjoni fil-formazzjoni tal-prezzijiet. Il-kritika tal-limiti ta' pożizzjoni mis-soċjetà ċivili u mill-akkademiċi mhijiex esklussivament relatata mal-eżekuzzjoni dgħajfa (possibbli) tal-limiti ta' pożizzjoni, iżda wkoll ma' kwistjonijiet regolatorji bħal (i) il-frekwenza tar-rieżami, (ii) il-kunsiderazzjoni tal-fondi ta' investment indiċzzat fid-determinazzjoni tal-limiti ta' pożizzjoni, u (iii) ir-regoli ta' eżenzjoni tar-regolaturi. Ir-regolaturi għandhom jiffaċċjaw mistoqsijiet dwar meta jiġu attivati l-limiti ta' pożizzjoni u għaliex l-influssi qawwija ta' kapital fil-komoditajiet agrikoli matul l-aħħar sentejn ma wasslux għal twissija. Żieda fit-trasparenza tar-regolatur hija essenzjali wkoll.

5.3. **It-tranżazzjonijiet kollha għandhom jiġu rrappurtati lill-awtoritajiet nazzjonali hekk kif iseħħu:** rapportar tat-tranżazzjonijiet f'ħin reali (jew kemm jista' jkun qrib) għandu jiġi stabbilit għad-derivattivi kollha tal-komoditajiet, inklużi l-kuntratti barra l-borża, fuq il-boroż ewlenin kollha. It-tranżazzjonijiet għandhom isiru kemm jista' jkun fuq pjattaformi trasparenti u **l-kuntratti barra l-borża kollha għandhom jiġu rreġistrati.** Tipi differenti ta' kontropartijiet għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti ta' divulgazzjoni xierqa: il-parteċipanti tas-suq u l-pożizzjonijiet għandhom jiġu kategorizzati skont it-tip ta' entità (eż. bank jew negozjant fiżiku) u l-attività (eż. spekulattiva jew ta' ħħeġġjar) u jkunu soġġetti għal rekwiżiti ta' divulgazzjoni u limitazzjonijiet regolatorji kif xieraq.

5.4. **Is-CFTC (Commodity Futures Trading Commission), pereżempju, tirrilaxxa biss data ta' kull ġimgħa dwar il-pożizzjonijiet tan-negozjar, għalkemm teżisti data ta' kuljum.**

5.5. Għandhom jiġu introdotti limiti fuq kemm il-prezzijiet jistgħu jogħlew jew jonqsu f'ġurnata u l-borża għandu jkollha d-dritt li tagħlaq is-suq jekk il-limiti jinqabżu. Għandhom jiġu stabbiliti limiti ta' prezzijiet marbuta biż-żmien u li jseħħu matul l-istess jum, inizjalment stabbiliti fl-ivell prudenti iżda xierqa, li jistgħu jiġu ssikkati gradwalment wara l-monitoraġġ għal kwalunkwe konsegwenza negattiva, bħal nuqqas ta' likwidità.

⁽¹⁸⁾ Clapp, J. (2019), "The rise of financial investment and common ownership in global agrifood companies" (Iż-żieda fl-investment finanzjarju u s-sjieda komuni f'ditti agroalimentari globali), *Review of International Political Economy* (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹⁹⁾ <https://www.tandfonline.com/doi/full/10.1080/09692290.2019.1597755>

5.6. Barra minn hekk, il-limiti ta' pożizzjoni għandhom jiġu kkalibrati mill-ġdid biex jitnaqqas l-impatt tal-prezz ta' attur wiehied. Il-limiti ta' pożizzjoni ex ante għandhom jiġu aggregati fis-swieq finanzjarji kollha. Għandhom jiġu introdotti limiti fuq l-għadd ta' drabi li l-kuntratti jistgħu jiġu modifikati f'jum wiehied.

5.7. It-tranżazzjonijiet barra l-borża għandhom jiġu rregolati, u t-tranżazzjonijiet għandhom jiġu rreġistrati ma' kamra tal-ikklerjar għas-sorveljanza. Il-boroż irreġistrati għandu jkollhom ukoll id-dritt li jwaqqfu n-negozjar jekk l-ordni tas-suq ma jkunx jista' jiġi żgurat. L-ebda negozjant ma għandu jkun jista' jżomm lill-borża responsabbli għal kwalunkwe telf imġarrab minħabba waqfiet fin-negozjar li jkunu fi ħdan il-mandat regolatorju tal-boroż.

5.8. Għandhom jiġu introdotti limiti ta' pożizzjoni aggregati għat-tipi kollha ta' kuntratti tad-derivattivi u għandhom jiġu applikati għall-kontropartijiet kollha: **kwalunkwe eżenzjoni għal-limiti ta' pożizzjoni għandha tkun ristretta għal negozji li jinnegozjaw direttament f'komoditajiet fiżiċi u li jużaw is-swieq tal-komoditajiet biex jidhergħaw riskji li huma ċentrali għan-negozju kummerċjali tagħhom.**

5.9. Għandu jiġi stabbilit reġim tat-taxxa biex jillimita l-użu tal-ispekulazzjoni passiva, tal-fondi n-negozjati fil-borża u tan-negozjar ta' frekwenza għolja fis-swieq tad-derivattivi agrikoli. Tista' tintuża wkoll taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji biex tgħin titrażżan l-ispekulazzjoni eċċessiva filwaqt li jinġabru l-flus għall-iżvilupp u l-finanzjament għat-tibdil fil-klima. Madankollu, jista' jkun diffiċli wisq li t-tranżazzjonijiet jiġu ntaxxati f'millisekondi. Bis-saħħa tan-negozjar awtomatizzati, it-tul ta' żmien medju biex issir tranżazzjoni huwa ta' tmien sekondi. Ikun aktar xieraq li tiġi ntaxxata l-borża bħala entità abbażi ta' kriterji definiti minflok ma ssir enfasi fuq kull dħul f'kull negozju u kull ħruġ minnu.

5.10. Minħabba l-kriżi tal-Ukrajna, il-prezzijiet tal-qamħ huma diverġenti f'xi swieq lokali, bid-differenza bejn il-prezzijiet fi flus kontanti u l-futuri referenzjarji fuq il-borża ta' Chicago tiegħu tisbita hekk kif ix-xerrejja tal-qamħ qed jibqgħu mistagħġbin quddiem l-ogħla prezzijiet li qatt deheru wara l-2008. Dan jista' jwarrab fil-ġenb lill-bdiewa, li diġà qed jiffaċċjaw l-aġġar inflazzjoni tal-ispejjeż tal-azjendi agrikoli f'dawn l-aħħar snin. Dan ix-xenarju tas-suq spot li qed naraw minħabba l-gwerra qed jagħmel ħsara lill-kapaċità attwali tal-bdiewa li jikkummerċjalizzaw il-qamħ qadim u saħansitra għid tagħhom. Xi produttori jgħidu li l-offerti tagħhom ingħelbu minn faċilitajiet li jaħżnu l-qamħ. Il-futuri tal-qamħ jinsabu f'qagħda redikola. Il-futuri u l-flus kontanti huma diverġenti ħafna.

5.11. Sabiex id-diskussjoni dwar regolamentazzjoni ulterjuri titqiegħed f'perspettiva, għandu jiġi innotat li l-UE diġà għandha l-aktar swieq finanzjarji regolati. Huwa evidenti li, biex tkun effettiva, regolamentazzjoni bħal din għandha tiġi estiża fil-livell globali.

5.12. **Bħala konklużjoni, l-ispekulazzjoni tas-suq finanzjarju mhijiex l-uniku kontributur għad-dinamika tal-prezzijiet fis-swieq tal-futuri tal-komoditajiet u għalhekk għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-ikel**, iżda hija wiehied sinifikanti! Hija meħtieġa analiżi aktar profonda tal-istrumenti regolatorji u l-funzjonament tagħhom u l-adattament possibbli matul il-kriżi.

6. It-triq 'il quddiem: il-proposti tas-soċjetà ċivili għal azzjoni

6.1. Il-KESE jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE biex **itejbu t-trasparenza tas-suq**, b'mod partikolari permezz tar-rappurtar tal-fatturi ESG u d-divulgazzjoni mhux finanzjarja tal-atturi involuti fl-ispekulazzjoni. Ir-rwol tal-klassifikazzjoni ESG irid jiġi investigat mill-perspettiva tal-ispekulazzjoni tal-ikel. B'mod partikolari l-metodoloġiji tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni għandhom jiġu rieżaminati fir-rigward ta' kif qed jivvalutaw l-industrija tal-ikel u l-parteċipanti fis-settur tal-ikel b'mod ġenerali. Bħalissa, il-klassifikazzjonijiet ESG jikkorrelaw ma' inqas minn 50 %. Dan iwassal għal valutazzjonijiet żbaljati li għandhom impatt sinifikanti fuq l-influssi tal-fondi agrikoli.

6.2. Kull attur madwar id-dinja għandu jirrapporta lis-Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Swieq Agrikoli, inklużi l-pajjiżi u l-atturi privati, possibbilment permezz tal-FAO. Aktar ma jkun hemm informazzjoni dwar ir-riżervi tal-ikel, aktar aħjar. L-informazzjoni dwar il-ħżin/il-flussi tar-riżervi globalment hija essenzjali. It-tranżazzjonijiet barra l-borża għandhom ukoll jiġu skrutinizzati aktar. Il-prodotti barra l-borża kollha għandhom jiġu kklerjati u rreġistrati permezz ta' kamra tal-ikklerjar. Data dwar il-pożizzjonijiet diżaggregata skont il-klijenti għandha tkun disponibbli għar-regolaturi.

6.3. Il-KESE jenfasizza li s-swieq tad-derivattivi tal-komoditajiet jissodisfaw servizzi ewlenin għall-produtturi u l-utenti tal-komoditajiet tal-ikel, notevolment il-ġestjoni tar-riskju u l-identifikazzjoni tal-prezzijiet, u li l-funzjonament ta' dawn is-swieq huwa mhedded minn attività spekulattiva. Għalhekk, il-KESE jhegħeġ lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jieħdu **l-passi meħtieġa biex irażżnu l-ispekulazzjoni eċċessiva tal-komoditajiet**, b'mod partikolari billi:

6.3.1. Jirregolaw **is-suq tal-futuri** għad-derivattivi tal-ikel, kif kien il-każ għal diversi deċennji sa tmiem l-aħħar seklu, li jippreserva l-funzjoni tal-futuri għall-iħħeġġjar. Miżuri rakkomandati oħra jinkludu:

- l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet stretti fuq iċ-ċaqliq tal-prezzijiet u limiti ta' pożizzjoni ta' kuljum hekk kif l-attivitajiet ta' negozjar fis-swieq tal-futuri tal-komoditajiet juru anomaliji (MiFID II). Il-limiti ta' pożizzjoni għandhom jiġu kkalibrati mill-ġdid biex jirriflettu l-interess ġenwin ta' attur kummerċjali fir-rigward tal-ħtieġa ta' ħħeġġjar tal-esponiment għar-riskju fil-ħajja reali. Aktar trasparenza u implimentazzjoni effettiva tal-limiti ta' pożizzjoni jkunu ta' għajjuna;
- il-limitazzjoni tal-aċċess għad-derivattivi/għall-iħħeġġjar għal investituri u negozjanti kwalifikati u infurmati li ġenwinament jimpurtahom mill-komoditajiet agrikoli sottostanti;
- l-introduzzjoni ta' obbligi kuntrattwali fuq terminu qasir/medju/twil biex tiżdied l-istabbiltà;
- l-inċentivar tal-irtirar tal-ispekulazzjoni finanzjarja fil-komoditajiet tal-ikel mill-banek u l-kumpaniji tal-fondi billi jiġu introdotti rekwiżiti kapitali miżjuda sabiex jitnaqqsu l-effetti ta' ingranaġġ. Eżempji ta' istituzzjonijiet finanzjarji kbar (bħal Deutsche Bank, ERSTE Bank, Raiffeisen Austria, eċċ.) li jipprojbixxu l-kummerċ ta' spekulazzjoni tal-ikel minn derivattivi juru li huwa possibbli għal dawk l-atturi li jadattaw il-governanza tagħhom kif xieraq;
- Regolamentazzjoni aktar b'saħħitha fil-każ ta' anomaliji. Il-boroż għandhom jintroduċu regoli li jillimitaw l-influenza destabilizzanti tan-negozjar ta' frekwenza għolja⁽²⁰⁾.
- Il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u sanzjonar għal pożizzjonijiet abbużivi fis-suq jeħtieġ li jissaħħu u jsiru aktar aġli biex joffru rispons f'waqtu.

6.3.2. Ir-regolamentazzjoni tal-**indiċijiet (l-indiċijiet tal-komoditajiet u l-indiċijiet tal-ikel)**, b'mod partikolari billi jiġu rregolati u pprojbati l-fondi tal-indiċi tal-komoditajiet u r-replikazzjoni permezz ta' swaps u prodotti nnegozjati fil-borża, peress li dawn jimmassimizzaw ir-rabta bejn is-swieq tal-enerġija u tal-ikel. Il-limiti ta' pożizzjoni mhumieks effettivi għan-negozjanti tal-indiċijiet tal-komoditajiet/għan-negozjanti tal-iswaps, peress li dawn huma sinkronizzati. Il-fondi pubbliċi lill-atturi involuti fl-ispekulazzjoni tal-ikel għandhom jitwaqqfu wkoll – u l-ebda attur pubbliku ma għandu jkun qed jinnegozja fid-derivattivi tal-ikel għal skopijiet spekulattivi li mhumieks fl-interess pubbliku. Għandha tiġi introdotta wkoll projbizzjoni fuq il-komoditajiet agrikoli (eż. fondi, ETFs) allokatu f'portafolli ta' atturi istituzzjonali (eż. fondi tal-pensjonijiet, assigurazzjonijiet). Meta titqies il-ħtieġa li jiġi rregolat dan is-suq, għandhom jiġu żviluppati aktar rakkomandazzjonijiet konkreti f'opinjonijiet futuri tal-KESE.

6.3.3. **L-indirizzar tal-finanzjalizzazzjoni tas-settur tal-ikel** bħala mezz ta' qligħ enormi ta' flus minn fuq dahar in-nies, eż. bl-introduzzjoni ta' taxxa fuq profitti eċċessivi qabel id-dividendi mhux mistennija ta' korporazzjonijiet u taxxa fuq l-ispekulazzjoni tal-ikel⁽²¹⁾ biex jitrażżan il-kummerċ ta' frekwenza għolja kif ukoll biex jtkissru l-oligopolji fil-livelli kollha tal-katina u tal-interessi finanzjarji.

Brussell, il-15 ta' Diċembru 2022.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽²⁰⁾ <https://www.welthungerhilfe.de/welternahrung/rubriken/wirtschaft-menschenrechte/befeuert-finanzspekulation-die-globale-ernaehrungskrise>

⁽²¹⁾ Taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji esklussivament fuq l-ispekulazzjoni tal-ikel — l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2008/7/KE" (COM(2011) 594 final) (ĠU C 181, 21.6.2012, p. 55).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Is-sitwazzjoni soċjoekonomika fl-Amerka Latina wara l-kriżi tal-COVID-19 — ir-rwol tas-soċjetà ċivili fil-proċess ta’ rkupru”

(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)

(2023/C 100/09)

Relatur: **Josep PUXEU ROCAMORA**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	20.1.2022
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta’ Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni
Adozzjoni fis-sezzjoni	16.11.2022
Adozzjoni fil-plenarja	15.12.2022
Sessjoni plenarja Nru	574
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	159/2/0

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Għandna nikkonċentraw l-isforzi biex jittejjeb id-djalogu u tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn iż-żewġ reġjuni f’perspettiva orrizzontali u djalogu f’diversi livelli.

1.2. Ir-relazzjoni bejn iż-żewġ reġjuni qed tissaħħaħ abbażi tal-valuri u l-oġettivi kondiviżi. Madankollu, jeħtieġ ukoll li tkun attraenti f’termini ta’ riżorsi, trasferiment tat-teknoloġija u riżultati u fid-dimensjoni soċjali tagħha.

1.3. Fil-kuntest tal-kompetizzjoni ġeopolitika tal-UE u l-Amerka Latina, l-istabbiliment tal-awtonomija strateġika jippermetti li jissaħħu l-kooperazzjoni bireġjonali, l-impenn fil-konfront tal-multilateraliżmu u t-tisħiħ tal-preżenza u r-rilevanza internazzjonali fir-rigward tal-kwistjonijiet strateġiċi.

1.4. Waħda mill-aktar karatteristiċi importanti tal-vulnerabbiltà fl-Amerka Latina hija l-kwalità baxxa tal-impjiegi. L-irkupru jeħtieġ li jiffoka fuq il-promozzjoni tal-ħolqien ta’ aktar impjiegi formali u deċenti, it-titjib tat-taħriġ vokazzjonali u l-politiki settorjali kif ukoll il-promozzjoni ta’ paga minima u n-negozjar kollettiv, fil-qafas tad-djalogu soċjali.

1.5. L-Ewropa u l-Amerka Latina jimpenjaw ruħhom favur id-demokrazija, l-istat tad-dritt u s-sostenibbiltà ambjentali, u dan ifisser li jiġi żgurat li s-soċjetà ċivili jkollha l-protezzjoni u garanziji biex taqdi rwol ewlieni fl-iżvilupp u biex jingħelbu l-kriżijiet kif ukoll biex jiġi promoss id-djalogu meħtieġ għal kuntratt soċjali ġdid.

1.6. Huwa essenzjali li jinżamm il-prinċipju li “ħadd ma jitħalla jibqa’ lura”, billi jiġi kkunsidrat mill-ġdid il-kunċett tal-vulnerabbiltà, mhux biss f’termini ta’ introjtu, iżda wkoll tal-impatt tagħha fuq gruppi differenti tal-popolazzjoni, bħan-nisa, il-persuni b’diżabbiltà, l-anzjani u t-tfal. Is-soċjetajiet ċivili organizzati b’mod liberu u demokratiku huma l-aħjar strument biex din l-afermazzjoni ma tibqax sempliċi dikjarazzjoni u ssir realtà.

1.7. It-tensjoni soċjali fl-Amerka Latina u t-theddid għad-demokrazija fid-dinja kollha jenfasizzaw il-ħtieġa li l-iżvilupp jiġi kkunsidrat mill-ġdid b'aktar politiki u politiki aħjar, inklużjoni u pluraliżmu akbar u fehim tas-sorsi profondi ta' skuntentizza sabiex jinbidlu f'sorsi ta' benesseri soċjali. L-Ewropa u l-Amerka Latina jistgħu jkunu msieħba f'alleanza għad-demokrazija, is-sostenibbiltà, il-ġustizzja soċjali u l-multilateraliżmu ⁽¹⁾.

1.8. L-Ewropa u l-Amerka Latina għandhom ikunu msieħba f'alleanza għad-difiża tad-demokrazija, għal ekonomiji u soċjetajiet aktar ġusti u uguali, li ssaħħaħ il-multilateraliżmu u tassumi bis-sħiħ il-protezzjoni tal-ambjent. Din l-alleanza tesigħi r-rikonoxximent sħiħ u l-parteċipazzjoni sħiħa tas-soċjetajiet ċivili organizzati tagħha, l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, it-trade unions, l-organizzazzjonijiet tan-negozju u l-assoċjazzjonijiet ambjentali, fost oħrajn.

2. Kummenti ġenerali

2.1. L-Amerka Latina bdiet tesperjenza tnaqqis ekonomiku gradwali wara li ntemm iċ-ċiklu espansjonarju tal-komoditajiet. Qabel il-kriżi tal-coronavirus, it-tkabbir medju kien biss ta' 0,3 %. Fil-fatt, il-perjodu 2014-2020 kien meta ġie rreġistrat l-aktar tkabbir ekonomiku baxx f'seba' deċennji, filwaqt li d-dejn pubbliku laħaq livell rekord.

2.2. Il-kriżi tas-saħħa kkawżata mill-coronavirus kellha konsegwenzi ibsin fir-reġjun, u qabżet l-għadd medju ta' każijiet u mwiet fil-livell dinji. Dan poġġa piż kbir fuq is-sistemi tas-saħħa, li diġà kellhom diffikultajiet biex jitrattaw mard endemiku u anke fil-kura primarja ⁽²⁾. Il-kriżi tal-COVID enfasizzat biss l-effetti negattivi tal-politiki implimentati matul għexieren ta' snin (tnaqqis fil-baġits tas-saħħa, tnaqqis tal-persunal, tnaqqis fl-investiment fl-infrastruttura, fost l-oħrajn) li rriżultaw li mhumiex effettivi biex jindirizzaw l-isfida imposta mill-virus.

2.3. Fid-dawl tal-kriżi tal-pandemija, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi antiċipaw l-avvenimenti billi imponew restrizzjonijiet fuq il-mobilità u ħejjew għajnuna u trasferimenti lis-setturi vulnerabbli. Barra minn hekk, ġew implimentati politiki kontraċikliċi fiskali u monetarji mingħajr preċedent ⁽³⁾. Minkejja dan, it-telf ta' ħajjiet, ekonomiku u tal-inklużjoni soċjali huwa għoli minħabba d-dgħufija strutturali u l-limitazzjoni fiskali tal-miżuri ta' rispons.

2.4. L-inflazzjoni medja fir-reġjun qed tiżdied, u laħqet id-9,8 % fl-2021 u fl-2022, aggravata mill-effett tal-gwerra, huwa mistenni li tilħaq il-11,2 % ⁽⁴⁾. Dan japprofondixxi l-lakuni li jillimitaw l-iżvilupp.

2.5. L-Amerka Latina qed tiffaċċja 'l hekk imsejħa "nases għall-iżvilupp" ⁽⁵⁾

2.5.1. In-nassa tal-produttività teħtieġ strutturi ekonomiċi diversifikati u prodotti u servizzi aktar sofistikati. Ir-ritorn għas-settur primarju ma jigarantixxi integrazzjoni adegwata fil-ktajjen ta' valur globali u fit li xejn joħloq inċentivi għall-investiment barra minn hekk, il-pandemija affettwat b'mod partikolari lill-MSMEs, li jsibuha aktar diffiċli biex jadottaw teknoloġiji ġodda, filwaqt li l-gwerra qed iddgħajfej is-settur agrikolu.

2.5.2. Sabiex tingħeleb in-nassa tal-vulnerabbiltà soċjali, l-istituzzjonijiet tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali għandhom jittejbu fejn huwa meħtieġ li jinħoloq aktar impjeg inklużiv formali kif ukoll impjegji ta' kwalità aħjar, biex jitkisser iċ-ċirku vizzjuż tal-vulnerabbiltà, l-introjt volatili u l-protezzjoni soċjali fqira.

⁽¹⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Ktajjen tal-provvista sostenibbli u xogħol deċenti fil-kummerċ internazzjonali" (opinjonijiet esploratorja) (ĠU C 429, 11.12.2020, p. 197); L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Qafas ġdid għal ftehimiet ta' kummerċ ħieles, ftehimiet ta' sħubija ekonomika u ftehimiet ta' investiment li jgarantixxi l-involviment ġenwin tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali u jiżgura sensibilizzazzjoni pubblika" (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 290, 29.07.2022, p. 11).

⁽²⁾ Unesco (2021), COVID-19 and vaccination in Latin America and the Caribbean: challenges, needs and opportunities (Il-COVID-19 u t-tilqim fl-Amerka Latina u l-Karibew: sfidi, htigijiet u opportunitajiet).

⁽³⁾ OECD (2021), Latin American Economic Outlook (Perspettivi Ekonomiċi tal-Amerka Latina) 2020.

⁽⁴⁾ Data tal-FMI.

⁽⁵⁾ OECD (2022), Latin American Economic Outlook (Perspettivi Ekonomiċi tal-Amerka Latina) 2021.

2.5.3. Biex tissolva n-nassa istituzzjonali huma meħtieġa istituzzjonijiet u politiki ta' inklużjoni aħjar biex terġa' tinkiseb il-fiduċja, tittejjeb il-kwalità tas-servizzi pubbliċi, ikun hemm tveġġiba għall-aspirazzjonijiet ta' klassi medja usa' u saħħa biex ikun hemm reżistenza għall-impulsi populistici u awtoritarji.

2.5.4. In-nassa tal-vulnerabbiltà ambjentali għandha l-għerquq tagħha fil-preġudizzju tal-produzzjoni fil-konfront ta' setturi intensivi fir-riżorsi naturali, u dan ifisser li jridu jingarrbul-ispejjeż għoljin biex jiġi aġġustat il-mudell ikkaratterizzat minn emissjonijiet għoljin tal-karbonju u l-isfruttament ta' riżorsi mhux rinnovabbli.

2.6. Il-problemi strutturali u n-nases tal-iżvilupp ⁽⁶⁾ jolqtu l-irkupru ekonomiku u tax-xogħol. Il-PDG reġjonali naqas b'6,8 % fl-2020 ⁽⁷⁾. Fl-2021 it-tkabbir medju kien ta' 6,1 %, u fl-2022 ir-reġjun huwa mistenni li jikber bi 2,1 % biss, li mhuwiex meqjus biżżejjed biex jikkompensa għall-approfondiment tad-distakki strutturali. Is-sitwazzjoni qed tmur għall-agħar minħabba l-kriżi kkawżata mill-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, iż-żieda fil-prezz tal-fjuwils fossili, l-inputs agrikoli u l-ikel, minkejja li xi pajjiżi saħħew il-provvista tagħhom ta' prodotti primarji għall-esportazzjoni.

3. L-impatt soċjali u ekonomiku tal-pandemija u tal-gwerra

3.1. Mit-22 miljun impjeg li ntilfu fl-2020, għadhom iridu jiġu rkuprati 4,5 miljun minnhom, u b'mod partikolari dan jolqot lil dawk b'inqas ħiliet, u lill-impjeg tan-nisa u ż-żgħażaġh u l-impjeg informali. Bejn l-2019 u l-2020, ir-rata tal-impjeg tan-nisa naqset minn 51,4 % fl-2019 għal 46,9 % fl-2020. It-telf ta' impjegi fis-settur domestiku (20,9 %) laqat bejn 11-il miljun u 13-il miljun mara fl-2019 ⁽⁸⁾.

3.2. Ir-reġjun tilef aktar minn għaxar snin f'termini ta' tnaqqis tal-faqar u jista' jiffaċċja għaxar snin oħra mitlufa ⁽⁹⁾. Fl-2021, ir-rata tal-faqar laqet it-32,1 % u l-faqar estrem laħaq it-13,8 %. L-għadd ta' persuni foqra huwa ta' 201 miljun u l-għadd ta' persuni f'faqar estrem żdied minn 81 miljun għal 86 miljun.

3.3. Il-kriżi tas-saħħa u tal-inflazzjoni wrew il-vulnerabbiltà tal-popolazzjoni b'introjtu medju, ikkaratterizzata minn livelli baxxi ta' kontribuzzjoni għall-protezzjoni soċjali kontributorja u kopertura baxxa tal-protezzjoni soċjali mhux kontributorja ⁽¹⁰⁾. L-ekonomija informali naqset, iżda għadha tiġġenera 140 miljun impjeg, speċjalment għall-ħaddiema agrikoli, in-nisa u ż-żgħażaġh. Dan ifisser vulnerabbiltà akbar, inqas mobiltà soċjali u inqas ġenerazzjoni ta' dħul u ta' benefiċċji soċjali min-naħa tal-Istat.

3.4. Il-pandemija kellha impatt kbir fuq it-tfal u ż-żgħażaġh billi l-limitat il-protezzjoni pprovduta mill-edukazzjoni wiċċ imb wiċċ: f'xi pajjiżi, 114-il miljun tifel u tifla ma marrux l-iskola, u f'xi pajjiżi din is-sitwazzjoni damet sentejn. Id-distakk fil-konnettività, fil-ħiliet diġitali, u fil-kapaċitajiet tal-familji biex jilqgħu għad-diġitalizzazzjoni furzata ħoloq differenza bejn l-istudenti b'introjtu għoli u dawk b'introjtu baxx ekwivalenti għal sentejn ta' edukazzjoni ⁽¹¹⁾. Barra minn hekk żdied il-piż tax-xogħol ta' kura għan-nisa. Intlaqtu wkoll madwar 85 miljun persuna b'diżabbiltà. In-nuqqas ta' informazzjoni aċċessibbli, kif ukoll id-diskriminazzjoni fil-kura tas-saħħa, qed ikomplu jaggravaw l-inklużjoni fraġli, li wkoll qed tiġi mhedda mill-inflazzjoni.

3.5. Minħabba l-limiti tal-provvista kkonċentrat fi-Tramuntana tad-dinja, il-pajjiżi tal-Amerka Latina kellhom aċċess għat-tilqin permezz ta' negozjati bilaterali u rċewew 93 miljun doża mill-programm COVAX. L-UE esportat aktar minn 130 miljun doża u l-Istati Membri taw 10 miljun doża oħra ⁽¹²⁾. Minkejja d-diffikultajiet, medja ta' 63,3 % tal-popolazzjoni fir-reġjun huma mlaqqma b'żewġ dożi. Għalkemm iċ-ċifra tilħaq id-89 % f'xi pajjiżi, f'oħrajn ma tilħaqx il-1 % ⁽¹³⁾.

⁽⁶⁾ Idem.

⁽⁷⁾ ECLAC (2021), Economic Survey of Latin America and the Caribbean (Sondaġġ Ekonomiku tal-Amerka Latina u l-Karibew).

⁽⁸⁾ ILO (2022), Labour Overview (Panorama tax-Xogħol); ECLAC, 2021, Social Panorama of Latin America (Panorama Soċjali tal-Amerka Latina).

⁽⁹⁾ ECLAC (2021), *op. cit.*

⁽¹⁰⁾ Nieto Parra, (2020), Desarrollo en transición en América Latina en tiempos de la COVID-19, (Żvilupp fi tranżizzjoni fl-Amerka Latina fi żmien il-COVID-19) Fundación Carolina.

⁽¹¹⁾ Unesco (2021) Responding to COVID-19: Education in Latin America and the Caribbean (Ir-reazzjoni għall-COVID-19: l-edukazzjoni fl-Amerka Latina u l-Karibew).

⁽¹²⁾ 2.12.2021 — Laqgħa tal-mexxejja mill-UE u mill-Amerka Latina u l-Karibew: Ngehaqqdu l-isforzi tagħna għal irkupru sostenibbli wara l-COVID — Stqarrija għall-istampa mill-Presidenti Michel u von der Leyen (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹³⁾ Our World in Data (Id-dinja tagħna f'ċifri).

4. Skuntentizza soċjali aggravata

4.1. Il-movimenti ta' protesti soċjali li heżżew diversi pajjiżi fl-2019 ma ġewx indirizzati bis-sħiħ. Xi tensjonijiet marru għall-agħar u ser ikompli jaggravaw minħabba ż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel. Ir-rabja taċ-ċittadini hija dovuta għall-kwalità baxxa tal-politiki pubbliċi, il-korruzzjoni, il-vulnerabbiltà tal-klassijiet medji, l-esklużjoni soċjali u n-nuqqas ta' sigurtà. L-aspettattivi soċjali ġġenerati matul l-ewwel għaxar snin tas-seklu 21 ma ntlaħqux u aggrava d-distakk bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet. Ir-riżultati taċ-ċiklu elettorali reġjonali tal-2020-2022 juru xejra ta' bidla, li tirrappreżenta sfidi kbar għall-presidenti eletti.

4.2. Ir-reġjun huwa wieħed mill-aktar inugwali fid-dinja. Bejn l-2019 u l-2020, filwaqt li d-daqs tal-faxex tal-introjtu għoli u medju-għoli ċkien b'1 %, il-faxex tal-introjtu medju-intermedju u medju-baxx naqsu bi 3,5 %; sadanittant is-setturi b'introjtu baxx (b'introjtu taħt il-1,8 darba l-linja tal-faqar) kibru b'4,7 % fil-faqar u l-popolazzjoni li qed tesperjenza faqar jew faqar estrem bi 3,3 %⁽¹⁴⁾.

4.3. Fattur ieħor ta' skuntentizza huwa n-nuqqas ta' sigurtà li qed tiffaċċja l-popolazzjoni tal-Amerka Latina, speċjalment fil-bliet. Il-vjolenza tista' ċertament tkun marbuta mal-kriminalità organizzata, it-traffikar illeċitu u l-inkapaċità tal-pajjiżi li jrażżnuhom⁽¹⁵⁾. Iżda dawn mhumiex biss assoċjati mal-kriminalità; hemm ukoll vjolenza soċjali, marbuta mar-rati ta' faqar estrem, li teħtieġ politiki pubbliċi dwar il-ħolqien ta' xogħol deċenti u bidliet fl-edukazzjoni ta' kwalità tajba għal kulħadd; barra minn hekk, hemm ukoll vjolenza politika li tinkoraġġixxi skwalifika avversarja, li tipprowa tippreserva l-poter permezz tagħha. Il-vjolenza inkwetanti ħafna kontra t-trejdjunjonisti, il-ġurnalisti, id-difensuri ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem u n-negozjanti żdiedet ukoll matul il-pandemija u ċ-ċikli tal-protesti.

4.4. Wara l-aħħar laqgħa tal-EuroLat, li fiha ġiet enfasizzata l-ħtieġa għal protezzjoni akbar tal-operaturi tal-ġustizzja, tkun utli l-evalwazzjoni tal-proġett COPLA (Corte Penal Latino Americana y del Carribe).

4.5. Sfida strutturali hija l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima: dan ir-reġjun huwa wieħed mill-aktar milquta, b'impatt ekonomiku li jista' jilħaq EUR 85 852 miljun fis-sena. Dan l-impatt għandu jitqies fid-dimensjonijiet soċjali tiegħu, inklużi n-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel u d-diżastri dejjem aktar rikorrenti.

4.6. In-nuqqas ta' sigurtà, il-faqar u l-preżenza ta' reġimi awtoritarji ħolqu fluss kbir ta' persuni madwar il-kontinent. Il-vulnerabbiltà ta' dawn il-proċessi ta' migrazzjoni u ažił iġġenerat kriżi umanitarja li ma ngħatatx biżżejjed rispons u li teħtieġ approċċ reġjonali.

4.7. Id-demokraziji jinsabu f'sitwazzjoni vulnerabbli. L-eliti, il-partiti u l-parlamenti għaddejjin minn kriżi ta' leġittimità u fiduċja li, flimkien mal-perċezzjoni ta' korruzzjoni, livelli għoljin ta' frammentazzjoni u polarizzazzjoni, wasslu biex il-mekkaniżmi ta' teħid kollettiv ta' deċiżjonijiet u ta' negozjar ma jkunux biżżejjed⁽¹⁶⁾. Is-sitwazzjoni attwali ta' instabbiltà globali titfa' aktar enfasi fuq it-theddida ta' awtoritarjaniżmu u l-ħtieġa li jissaħħu d-demokraziji.

5. Lejn patt soċjali ġdid

5.1. Minkejja l-iskuntentizza u l-ftit fiduċja fis-sistema, iċ-ċittadini jinsabu lesti li jipproponu trasformazzjonijiet politiċi fit-toroq u bil-vot tagħhom. Ir-rwol taż-żgħażaġh u n-nisa f'dawn il-movimenti huwa rilevanti: l-involvement tagħhom fl-ispazju politiku huwa ta' valur. Huwa essenzjali li jiġi promoss mudell ta' djalogo soċjali istituzzjonalizzat bħal dak li diġà jeżisti fl-Ewropa u li tiġi kkonsolidata l-kooperazzjoni eżistenti mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali.

5.2. Iċ-ċittadini jridu jkun l-protagonisti tat-trasformazzjonijiet, waqt li jissaħħu l-mekkaniżmi tad-deliberazzjoni u l-parteċipazzjoni u jiġu garantiti l-aċċessibbiltà u l-protezzjoni tagħhom. Jeħtieġ li terġa' tinkiseb il-fiduċja billi jitfasslu politiki miftuħa u inklużivi, jiġu ġġenerati strateġiji ċari ta' komunikazzjoni u jkun hemm sistemi ta' kumpens soċjali fis-seħħ. Hemm bżonn ukoll li jissaħħu l-akkontabbiltà u l-evalwazzjoni tal-politiki u l-impatti tagħhom.

⁽¹⁴⁾ ECLAC, 2021 *op. cit.*

⁽¹⁵⁾ UNODC (2019) Global Study on Homicide (Studju Globali dwar l-Omiċidji).

⁽¹⁶⁾ IDEA Int. (2021) The State of Democracy in the Americas 2021 (L-Istat tad-Demokrazija fil-Kontinent Amerikan 2021).

5.3. Jista' jtfassal kuntratt soċjali ġdid: permezz ta' ftehimiet trasversali bejn il-gruppi soċjoekonomiċi, bejn it-territorji u bejn il-ġenerazzjonijiet; bit-trawwim ta' strateġiji produttivi reżiljenti u sostenibbli li jgħolqu impjieg ta' kwalità tajba u permezz tat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali. Dan jeħtieġ ukoll sistemi ta' protezzjoni soċjali komprensivi u effettivi u mudell aktar sostenibbli ta' finanzjament għall-iżvilupp. Għandu jassigura li d-drittijiet jiġu rispettati, l-impjieg jkun deċenti b'pajgi minimi li jggarantixxu l-għajxien u n-negozjar kollettiv, il-protezzjoni soċjali tkun universali u li d-djalogu soċjali jiżgura miżuri ta' tranżizzjoni ġusta għall-klima u t-teknoloġija.

5.4. Dan il-patt soċjali jeħtieġ politika tal-infiq pubbliku stabbli u fiskalment sostenibbli. Fuq medda qasira ta' żmien, l-azzjonijiet ta' kooperazzjoni internazzjonali, iż-żieda u l-orjentazzjoni tal-likwidità lejn pajjiżi b'introjtu medju, u l-ħelsien mid-dejn għal pajjiżi b'introjtu baxx u medju huma importanti. Dan minbarra t-tisħiħ tad-dħul pubbliku billi tittejjeb l-effiċjenza tal-għbir tat-taxxa. Fuq perjodu ta' żmien medju, il-għbir gradwali u effettiv tat-taxxa għandu jissaħħa biex jissodisfa l-infiq li għaddej bħalissa għal politika soċjali attiva. Se jkun meħtieġ ukoll li jintlaħaq kunsens internazzjonali għar-ristrutturar tad-dejn pubbliku. Fit-tul, jeħtieġ li jiżdied id-dħul mit-taxxi, il-għbir tat-taxxi diġitali u t-tassazzjoni ekoloġika. Il-kooperazzjoni internazzjonali hija meħtieġa wkoll biex jitnaqqsu l-evazzjoni u l-evitar tat-taxxa (¹⁷).

5.5. F'dan il-kuntest, l-iżvilupp tal-ekonomija soċjali tas-suq fir-reġjun huwa vitali, minħabba r-rwol importanti tiegħu biex tiġi żviluppata sistema produttiva u tax-xogħol inklużiva u reżiljenti, li għaliha huwa meħtieġ li jinħolqu swieq u kanali ta' distribuzzjoni ġusti (¹⁸). Huwa importanti li jiġi rikonoxxut u msaħħa ir-rwol tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi fil-monitoraġġ tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles (¹⁹).

6. Alleanza mal-Unjoni Ewropea

6.1. Il-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE tirrikonxxi l-ħtieġa li jiġu implimentati approċċi ġodda lil hinn mill-paradigmi tat-Tramuntana-Nofsinhar u l-għoti ta' Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) billi jiġu adottati forom ġodda ta' sħubija b'diversi aġenti u b'diversi livelli (²⁰). L-istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDCI) iwieġeb għall-ħtieġa li tittejjeb il-flessibbiltà tal-allokazzjoni ġeografika u tematika tal-fondi, u li jiġu indirizzati l-isfidi globali u l-pjan direzzjonali tal-SDGs. Permezz tal-Istrateġija Global Gateway, l-għan huwa li d-dinja tiġi konnessa b'mod intelliġenti, nadif u sigur fis-setturi diġitali, tal-enerġija u tat-trasport, u li jissaħħu s-sistemi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tar-riċerka. Dawn il-bidliet għandhom l-għan li jagħtu lill-UE r-riżorsi u l-għodod biex tirrikonċilja l-valuri u l-interessi tagħha f'xenarju internazzjonali aktar kumpless, kompetittiv u interkonness.

6.2. Biex jiġu koordinati l-istrateġiji, tnediet l-inizjattiva Tim Ewropa, li tfittex li tgħaqqad l-isforzi tal-istituzzjonijiet Ewropej, l-Istati Membri u l-aġenziji ta' implimentazzjoni tagħhom, flimkien mal-istituzzjonijiet ta' finanzjament għall-iżvilupp.

6.3. Il-kooperazzjoni Ewropea għamlet sforz sabiex twarrab il-kejl abbażi tal-introjtu per capita u tintegra l-kunċett ta' "żvilupp fi tranżizzjoni", aktar adattat għall-ħtiġijiet tar-reġjun. Madankollu, għadha qed tiffaċċja l-isfida li ttejjeb id-djalogu u l-kapaċità li tikkomunika s-saħħa tar-relazzjoni u l-vantaġġi tagħha.

6.4. Fl-istadju attwali li fih ħafna sfidi kbar fil-livell globali, reġjonali u nazzjonali, huwa importanti li jiġi indikat li l-Ewropa u l-Amerka Latina jistgħu jkunu msieħba ideali f'alleanza għad-difiża tad-demokrazija, għal ekonomiji u soċjetajiet aktar ġusti u ugwali, li ssaħħa il-multilateraliżmu u tassumi bis-sħiħ il-protezzjoni tal-ambjent. U li jiġi enfasizzat li din l-alleanza ma tkunx vijabbli mingħajr ir-rikonoxximent sħiħ u l-parteċipazzjoni sħiħa tas-soċjetajiet ċivili organizzati tagħha, l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, it-trade unions u l-organizzazzjonijiet tan-negozju, u l-assoċjazzjonijiet ambjentali, fost oħrajn.

(¹⁷) ECLAC (2021) Fiscal Panorama of Latin America and the Caribbean (Ix-xenarju tat-taxxa tal-Amerka Latina u l-Karibew) 2021.

(¹⁸) Kummissjoni Ewropea (2021), Pjan ta' Azzjoni Ekonomiku Soċjali Ewropew.

(¹⁹) L-Opinion of the European Economic and Social Committee on "Sustainable supply chains and decent work in international trade" (exploratory opinion) (ĠU C 429, 11.12.2020, p. 197); l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Qafas ġdid għal ftehimiet ta' kummerċ ħieles, ftehimiet ta' sħubija ekonomika u ftehimiet ta' investiment li jggarantixxi l-involvement ġenwin tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali u jiżgura sensibilizzazzjoni pubblika" (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 290, 29.07.2022, p. 11).

(²⁰) Sanahuja, J.A. u Ruiz Sandoval, E. (2019), *La Unión Europea y la Aġenda 2030 en América Latina: políticas de cooperación en una región de "desarrollo en transición"* (L-Unjoni Ewropea u l-Aġenda 2030 fl-Amerka Latina: politiki ta' kooperazzjoni f'reġjun ta' "żvilupp fi tranżizzjoni"), Fundación Carolina; Nuevo Consenso Europeo de Desarrollo (Kunsens Ewropew ġdid għall-Iżvilupp) 2017, Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027, 2018.

7. Appoġġ għall-irkupru li jinvolvi lis-soċjetà ċivili

7.1. Fl-2020, kien hemm bidliet fl-istruttura tal-orijini tal-investiment dirett barrani. Sal-2019, il-kumpaniji Ewropej kienu l-investituri ewlenin fir-reġjun u kienu jirrappreżentaw 55 % tal-investiment dirett barrani. Fl-2020, l-investimenti Ewropej naqsu b'49 % u daww intrareġjonali b'35 %, meta mqabbla ma' tnaqqis ta' 4 % fl-Istati Uniti⁽²¹⁾ u żieda fl-investiment miċ-Ċina.

7.2. L-istrategġja Ewropea għall-ħruġ mill-kriżi hija bbażata fuq li jittejjeb il-mudell ekonomiku tagħha permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-fondi tan-Next Generation. Dawn l-aspetti huma importanti għall-istrategġja bireġjonali u l-iżvilupp ta' strumenti biex tiġi promossa t-tranżizzjoni tal-enerġija, dik diġitali, dik ekoloġika u dik soċjali li se jħallu benefiċċji wiesgħa għaż-żewġ reġjuni.

7.3. Huwa indispensabbli li tissaħħaħ ir-relazzjoni kummerċjali mal-Ewropa permezz tal-ftehimiet li diġà ġew iffirmati jew tal-ftehimiet mal-MERCOSUR, iċ-Ċili u l-Messiku. Dawn il-ftehimiet mhux biss isaħħu l-kummerċ, iżda jkollhom impatt fuq il-kwalità tal-impjieg u l-funzjoni soċjali tiegħu, it-trasferiment tat-teknoloġija u t-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà. Dan ifisser li tiġi promossa sħubija kummerċjali li tiddistingwixxi lilha nnifisha minn dik ta' msieħba oħra għall-kwalità u s-sostenibbiltà fit-tul tagħha, iżda wkoll minħabba l-profittabbiltà tagħha, b'kuntrast ma' mudelli oħra ta' relazzjoni internazzjonali predatorji jew irresponsabbli. Madankollu, il-ftehimiet kummerċjali jridu jiffukaw fuq in-nies u d-drittijiet fundamentali tagħhom, ix-xogħol deċenti u s-solidarjetà ma' daww l-aktar vulnerabbli, ir-rispett għall-ambjent u d-difiża tad-demokrazija u jeħtieġ li jkun jistgħu jinfurzu id-drittijiet b'mod effettiv. L-aspetti prinċipali huma dawn li ġejjin:

7.4. jiġu attirati investimenti li jappoġġjaw it-tilħiq tal-SDGs, b'qafas regolatorju multilaterali li jgħin biex dan jinkiseb, li jiffoka fuq il-kwalità tal-ħajja tan-nies, id-drittijiet tagħhom, l-impjieg deċenti, l-inklużjoni, is-sostenibbiltà u d-difiża tad-demokrazija. Hija mixtieqa wkoll aktar kooperazzjoni dwar il-proġetti u implimentazzjoni pożittiva tal-Boxxla Strateġika Ewropea sabiex jintlaħqu objettivi komuni.

7.4.1. id-diġitalizzazzjoni bħala opportunità għall-iżvilupp. L-Amerka Latina tinsab flivell intermedju ta' żvilupp fid-diġitalizzazzjoni tagħha, iżda r-rata ta' tkabbir tagħha hija l-iżjed waħda baxxa mill-pajjiżi emerġenti. Fil-qasam diġitali jikkoinċidu l-Alleanza Diġitali UE-LAC, marbuta mal-kostruzzjoni tal-kejbil tranżatlantiku tal-fibra ottika (EllaLink), u l-istrategġja tal-konnettività "World Gateway" tal-Unjoni Ewropea. Appoġġ qawwi għall-proċessi tad-diġitalizzazzjoni għandu jsaħħaħ id-dimensjoni soċjali tagħhom u jappoġġja t-tisħiħ tal-intrapriżi.

7.4.2. Il-promozzjoni ta' ekonomija formali u l-evitar ta' informalità fix-xogħol⁽²²⁾. Fil-ftehimiet multilaterali jiġu inklużi klawżoli speċifiċi li jitolbu konformità mal-ftehimiet tal-ILO, kif ukoll li jiggarrantixxu d-drittijiet, jipprevjenu t-tħaddim tat-tfal u jsaħħu l-ispezzjoni tax-xogħol. Dawn il-klawżoli għandhom effett pożittiv fuq il-bini tal-kapaċitajiet fil-pajjiżi Andini li magħhom ġew iffirmati l-ftehimiet⁽²³⁾.

7.4.3. L-appoġġ dirett lit-titjib, il-kwalità u l-kopertura tal-edukazzjoni fil-livelli kollha u networks aktar b'saħħithom tal-edukazzjoni u x-xjenza mal-Ewropa. Il-programm Erasmus Mundus huwa ass li jista' jiġi sfruttat aktar biex jgħaqqad l-universitajiet.

7.4.4. L-UE ilha mill-2021 li tat bidu għal proċess ta' reviżjoni tal-politika kummerċjali tagħha u t-tisħiħ tal-approċċ tagħha għall-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli. Hija affermat li l-objettiv tagħha huwa politika kummerċjali miftuħa, sostenibbli u assertiva, u li l-integrazzjoni tal-iżvilupp sostenibbli trid timxi id fid. Li filwaqt li tippromovi l-kompetittività bejn is-setturi produttivi u l-aġenti ekonomiċi (kbar, medji u żgħar), trid timxi id fid mal-promozzjoni ta' valuri u prinċipji

⁽²¹⁾ Rapport tal-ECLAC 2021, Foreign Direct Investment in Latin America and the Caribbean (Investment dirett barrani fl-Amerka Latina u l-Karibew), 2021.

⁽²²⁾ Ara: Il-Konsensus Ewropew dwar l-iżvilupp (2006); Komunikkazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-promozzjoni tax-xogħol deċenti għal kulħadd (2006); Aġenda għall-Bidla, il-Kummissjoni Ewropea (2011); Konsensus Ewropew Ġdid dwar l-iżvilupp (2017); Dokument ta' Ħidma Promote decent work worldwide: responsible global value chains for a fair, sustainable and resilient recovery from the COVID-19 crisis (Il-promozzjoni tax-xogħol deċenti madwar id-dinja: Katini ta' valur globali responsabbli għal irkupru ġust, sostenibbli u reżiljenti mill-kriżi tal-COVID-19), il-Kummissjoni Ewropea (2020); l-Istrument il-ġdid ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) tal-Unjoni Ewropea (2020).

⁽²³⁾ Fairlie Reinoso, A (2022), Nuevos retos para el Acuerdo Comercial Multipartes de la Unión Europea con Perú, Colombia y Ecuador (Sfidi ġodda għall-ftehim Kummerċjali Multipartitiku tal-Unjoni Ewropea mal-Perù, il-Kolombja u l-Ekwador); Fundación Carolina-EULAC.

bħad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, kulturali, tal-ġeneru, ambjentali, tax-xogħol u tat-trade unions kollha. Is-soċjetà ċivili organizzata taż-żewġ reġjuni għandha tipparteċipa b'mod attiv biex issaħħaħ ir-relazzjoni tagħhom permezz ta' laqgħat tematiċi virtwali u/jew wiċċ imb wiċċ, b'kalendarju aktar ambizzjuż u pjan direzzjonali ta' implimentazzjoni.

7.4.5. L-Unjoni Ewropea għandha l-għan li tikseb in-newtralità klimatika sal-2050 u li tmexxi l-isforz globali għall-protezzjoni tal-pjaneta u l-irkupru ekoloġiku tagħha ⁽²⁴⁾. Il-promozzjoni ta' dawn l-oġettivi fil-politika kummerċjali Ewropea lejn kooperazzjoni ambjentali aktar ambizzjuża ⁽²⁵⁾ hija importanti għar-relazzjonijiet kummerċjali mal-Amerka Latina u biex tissaħħaħ soċjetà ċivili li tiffaċċja bosta theddidiet kemm fir-rigward tal-vulnerabbiltà fil-konfront tat-tibdil fil-klima kif ukoll minħabba li tikkonfronta atturi vjolenti. Huwa essenzjali li jiġu protetti kemm dawn il-persuni kif ukoll id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, it-trejdunjonisti, il-ġurnalisti, u li l-gvernijiet tal-Amerka Latina jitħeġġu jimpenjaw ruħhom biex jiżguraw l-integrità tagħhom.

7.4.6. L-inizjattiva “Tim Ewropa” tappoġġja l-isforzi kontra d-deforestazzjoni fl-Amazżonja, u l-fażi l-għdida tal-programm EUROCLIMA+ se talloka EUR 140 miljun biex tappoġġja l-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi. Madankollu, l-Amerka Latina allokat biss 15 % tal-investment fiskali għall-irkupru ekonomiku wara l-pandemija, u minn dan il-perċentwal inqas minn 6,9 % jirrappreżenta rkupru ekoloġiku. Huwa essenzjali li r-reġjun jiġi appoġġjat sabiex jiġġenera tassazzjoni, infiq pubbliku u investment privat ekoloġiċi. Huwa mixtieq ukoll li tissaħħaħ alleanza għall-ġestjoni responsabbli tal-materja prima strateġika u biex jiġi żgurat it-trasferiment sostenibbli tat-teknoloġija abbażi tal-esperjenza u l-għarfien Ewropew.

7.4.7. L-assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Amerka Latina teħtieġ il-ftehim mal-Mercosur, suq komuni ta' 780 miljun konsumatur li jista' jżid il-PGD tal-Brażil b'1,5 % jew sa 10 % fil-każ tal-Paragwaj. L-aspetti tal-ħarsien ambjentali għandhom ikunu pass 'il quddiem li jwitti t-triq għall-assoċjazzjonijiet bireġjonali ta' ġenerazzjoni għdida. Għandu jsir progress fit-tfittxija għal sistemi vijabbli biex jiġu inklużi ċertifikati ta' protezzjoni ambjentali għal ċerti produzzjonijiet u klawżoli mera. Is-suċċess tal-UE fil-ħolqien ta' din id-dimensjoni se jservi ta' tisħiħ strateġiku tal-viżjoni tagħha tal-iżvilupp globali u l-potenzjal strateġiku tagħha.

Brussell, il-15 ta' Diċembru 2022.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽²⁴⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-Patt Ekoloġiku Ewropew [COM(2019) 640].

⁽²⁵⁾ Giles Carnero, R. (2021), La oportunidad de una cláusula ambiental de elementos esenciales en acuerdos comerciales de la Unión Europea con Estados terceros: a propósito del Acuerdo Unión Europea-Mercosur (L-opportunità ta' klawżola ambjentali ta' elementi essenzjali fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE ma' pajjiżi terzi: il-Ftehim Unjoni Ewropea-Mercosur); Fundación Carolina DT. 44.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “It-tranżizzjoni diġitali fir-Reġjun Ewro-Mediterranju”**(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)**

(2023/C 100/10)

Relatur: **Dolores SAMMUT BONNICI**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	20.1.2022
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni
Adozzjoni fis-sezzjoni	16.11.2022
Adozzjoni fil-plenarja	14.12.2022
Sessjoni plenarja Nru	574
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	181/0/3

1. Konklużjonijiet

1.1. It-tranżizzjoni diġitali qed tirrivoluzzjona kull aspett tal-ħajja b'kisbiet sinifikanti f'termini ta' effiċjenza, u qed tippermetti lill-utenti jiksibu ħajja aktar sodisfaċenti. Hija meqjusa bħala pilastru tar-reżiljenza fil-perjodu ta' wara l-COVID-19, u aċċellerat b'mod esponenzjali mill-bidu tal-pandemija, b'mod partikolari bl-azzjonijiet tal-UE fil-qasam diġitali li permezz tal-istrateġija ta' mitigazzjoni tal-COVID-19 intwera li hija effettiva.

1.2. Il-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni huma magħrufa sew f'setturi speċifiċi bħall-edukazzjoni elettronika, is-saħħa elettronika, il-gvern elettroniku, l-industrija agrikola, il-ġustizzja elettronika u s-servizzi bankarji elettroniċi. Ħafna gvernijiet fir-Reġjun tal-Mediterran qed jippromovu dawn is-setturi, iżda l-isforz mhuwiex omoġenju fir-reġjun kollu u jista' jwassal għal distakk diġitali saħansitra aktar profund fost il-pajjiżi. Għalhekk, huwa kruċjali li tkun disponibbli infrastruttura li tappoġġja dawn it-teknoloġiji.

1.3. Id-distakk diġitali f'termini ta' aċċess u użu jeżisti mhux biss bejn pajjiżi differenti tal-Mediterran, iżda wkoll fi ħdan il-pajjiżi fir-reġjun, biż-żoni rurali u remoti, il-ħaddiema informali, in-nisa u l-anzjani jmorru għall-aġġar. Għalhekk sabiex ma jaggravawx l-inugwaljanzi eżistenti, l-isforzi biex jitneħħa d-distakk diġitali huma essenzjali kemm fil-livell reġjonali kif ukoll nazzjonali.

1.4. Il-konnettività diġitali qed issir dritt għal kull bniedem. Il-Pjan Direzzjonali għall-Kooperazzjoni Diġitali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU diġà pproduċa sett ta' miri għall-2030. B'kuntrast ma' dan, id-“dritt għall-iskonnessjoni” huwa kwistjoni ta' diskussjoni u realtà f'għadd ta' pajjiżi Ewropej.

1.5. Il-ħiliet diġitali huma essenzjali u għalhekk għandhom jiġu integrati fil-programmi ta' taħriġ immirati lejn iż-żgħażaġh fir-reġjun, minħabba r-rati għoljin ħafna ta' qgħad fost iż-żgħażaġh. Politika effettiva tas-suq tax-xogħol fir-reġjun se jkollha l-għan li tagħmel liż-żgħażaġh mhux biss utenti tat-teknoloġija iżda wkoll produttori tat-teknoloġija. Kemm l-impjeg kif ukoll l-intraprenditorija f'dan il-qasam huma perkorsi ta' karriera promettenti ħafna.

1.6. Qafas legali sod huwa meħtieġ biex l-utenti jiġu protetti minn riskji diġitali bħall-attakki ċibernetiċi, u biex jiġi żgurat li l-mekkaniżmi tal-protezzjoni tad-data jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem dwar il-privatezza diġitali. L-indiċi taċ-ċibersigurtà pprovdut mill-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (ITU) ikejjel l-impenn tal-pajjiżi fil-konfront taċ-ċibersigurtà fil-livell globali. L-indiċi juri, b'mod ġenerali, livelli oġġla ta' sigurtà fir-Reġjun tat-Tramuntana tal-Mediterran, filwaqt li l-Eġittu jissupera fost il-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran.

1.7. Huwa meħtieġ ukoll biex jiġi żgurat suq diġitali ġust u kompetittiv fid-dawl tal-ġganti diġitali. Hemm distakk sinifikanti fil-qafas legali diġitali tal-pajjiżi fit-Tramuntana u n-Nofsinhar tal-Mediterran. Wieħed jista' jirrimarka n-nuqqas ta' awtorità indipendenti inkarigata mill-promozzjoni tat-tranżizzjoni diġitali fir-Reġjun tan-Nofsinhar tal-Mediterran.

1.8. Il-KESE jenfasizza b'mod espliċitu li l-Konvenzjonijiet tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO għandhom jiġu implimentati b'mod ambizzjuż fl-istati kollha tar-Reġjun tal-Mediterran sabiex it-tranżizzjoni diġitali tkun tista' tikkontribwixxi b'mod ġenwin għal żvilupp ekoloġiku, ekonomiku u soċjali prosperu.

2. Introduzzjoni

2.1. It-tranżizzjoni diġitali għandha implikazzjonijiet għal kull aspett ta' ħajjitna, mill-konsum sax-xogħol u l-produzzjoni. B'reazzjoni għall-pandemija globali tal-COVID-19, kien hemm aċċellerazzjoni bla preċedent f'din it-tranżizzjoni f'dawn l-aħħar ftit snin. Peress li d-diġitalizzazzjoni qed titqies bħala wieħed mill-pilastru ewlenin tal-irkupru fuq iż-żewġ ixtut tal-Mediterran, in-nies qed jadottaw għodod diġitali aktar malajr minn qatt qabel. It-telexogħol u x-xogħol mill-bogħod qed isiru realtà, u l-kummerċ elettroniku u l-ekonomija tal-pjattaformi qed jikbru b'pass mingħajr preċedent, li jikkompensa għall-għeluq tan-negozji minħabba l-pandemija. Sadanittant, din it-tranżizzjoni rapida tista' toħloq sors ġdid ta' approfondiment tal-inugwaljanza peress li l-iżjed gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni li qed jiffaċċjaw l-esklużjoni diġitali huma dawk li ntlaw l-aħgar mill-pandemija.

2.2. L-għanijiet ewlenin ta' dan id-dokument huma li:

- jiġi vvalutat l-istat attwali tat-tranżizzjoni diġitali fir-Reġjun Ewro-Mediterranju, il-programmi u l-progress li jkunu saru;
- jiġu enfasizzati l-benefiċċji potenzjali tad-diġitalizzazzjoni u b'mod partikolari l-opportunitajiet ġodda għall-SMEs, permezz tal-kummerċ elettroniku, l-edukazzjoni elettronika, il-governanza elettronika, is-saħħa elettronika u s-servizzi bankarji diġitali;
- jiġu identifikati l-ostakli għad-diġitalizzazzjoni, f'liema qasam l-ostakli ewlenin huma relatati mal-infrastruttura u l-aċċess diġitali, id-distakk diġitali fil-pajjiżi (bejn iż-żoni rurali/urbani, in-nisa/l-irġiel, iż-żgħażaġh/l-anzjani) kif ukoll bejn il-pajjiżi (fit-Tramuntana/fin-Nofsinhar), in-nuqqas ta' ħiliet diġitali essenzjali u l-kompetenza diġitali. Għalhekk, it-tranżizzjoni diġitali tista' twassal għal żieda fl-inugwaljanza f'pajjiż kif ukoll għal diverġenza fix-xejriet tal-iżvilupp fost il-pajjiżi fir-reġjun;
- jiġu enfasizzati r-riskji assoċjati mad-diġitalizzazzjoni, minn riskji relatati maċ-ċibersigurtà, is-sovranià diġitali, il-protezzjoni tad-data u l-piraterija diġitali sal-libertà ċivili.

3. Sfond

3.1. Bħalissa qed ngħixu f'perjodu ta' diġitalizzazzjoni rapida u nistgħu nsibu għodod diġitali preżenti f'kull aspett ta' ħajjitna, inklużi s-saħħa, ix-xogħol, il-governanza, l-edukazzjoni u t-tmexxija ta' negozju, fost l-oħrajn. Il-ħiliet diġitali huma essenzjali fid-dinja l-ġdida tax-xogħol biex jiġu żgurati opportunitajiet ta' impjeg, u jiġu ppremjati b'introjti ogħla. L-ekonomija diġitali hija magħmula mis-setturi ewlenin tal-IT/ITC, bħall-manifattura tal-hardware, il-konsulenza dwar software u IT, is-servizzi tal-informazzjoni u t-telekomunikazzjoni, l-ekonomija diġitali b'kamp ta' applikazzjoni ristrett inklużi s-servizzi diġitali u l-ekonomija tal-pjattaformi u l-ekonomija diġitalizzata b'kamp ta' applikazzjoni wiesha filwaqt li jitqiesu n-negozji elettroniċi, il-kummerċ elettroniku, l-industrija 4.0, l-agrikoltura ta' preċiżjoni u l-ekonomija algoritmika, fejn l-ekonomija kollaborattiva u l-ekonomija tal-gigs jinsabu fuq quddiem nett tal-ekonomija diġitali ⁽¹⁾.

3.2. Id-diġitalizzazzjoni kienet qed tiżdied saħansitra qabel il-pandemija tal-COVID-19, b'xejriet reċenti ewlenin fit-teknoloġiji diġitali fl-oqsma tal-blockchain, l-analitika tad-data, l-intelliġenza artifiċjali (IA), l-istampar 3D, l-Internet tal-oġġetti, l-awtomatizzazzjoni u r-robotika, il-cloud computing ⁽²⁾ kif ukoll is-sistemi ta' traċċar u monitoraġġ mill-bogħod.

⁽¹⁾ Bukht, R. and Heeks, R., "Defining, conceptualising and measuring the digital economy" (Id-definizzjoni, il-kunċettwalizzazzjoni u l-kejl tal-ekonomija diġitali [mhux disponibbli bil-Malti]), *Development Informatics Working Papers*, Nru 68, 2017.

⁽²⁾ Digital economy report 2019 (Rapport tal-2019 dwar l-ekonomija diġitali [mhux disponibbli bil-Malti]), UNCTAD.

3.3. Din ix-xejra lejn adozzjoni rapida ta' għodod u teknoloġiji diġitali ssejthet ir-Raba' Rivoluzzjoni Industrijali, b'potenzjal eċċezzjonali li żżid l-introjt globali u l-kwalità tal-ħajja.

3.4. Barra minn hekk, b'aktar minn 30 % tal-popolazzjoni madwar id-dinja kollha li qed jużaw pjattaformi tal-midja soċjali, id-diġitalizzazzjoni tista' tkun strument bil-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħha li tista' ttejjeb il-koeżjoni soċjali u tlaqqa' flimkien sfondi kulturali differenti, jew taġixxi bħala għodda għat-tixrid ta' ideat estremi, ideoloġiji u aħbarijiet foloz.

3.5. L-għadd ta' individwi li jużaw l-Internet ilu jiżdied f'dawn l-aħħar deċennji u fir-reġjun, u laħaq sa 93,2 % tal-popolazzjoni fi Spanja fl-2020, 90,8 % f'Ċipru, 90,1 % fl-Iżrael, 86,9 % f'Malta, 86,6 % fis-Slovenja, 84,1 % fil-Marokk, 77,7 % fit-Turkija, 77,6 % fil-Montenegro u 71,9 % fl-Eġittu. L-aktar ċifra baxxa fir-reġjun hija għall-Alġerija li tkopri 49 % tal-popolazzjoni fl-2018 (l-aħħar data disponibbli, il-bażi tad-data tal-Indikaturi Dinjija tat-Telekomunikazzjoni/ICT tal-ITU). Dawn iċ-ċifri sempliċement jenfasizzaw id-disparità reġjonali f'termini ta' aċċess diġitali. Wieħed għandu jinnota li fl-livell nazzjonali, iż-żoni rurali u remoti għandhom livelli ħafna aktar baxxi ta' konnettività.

3.6. L-Istati Membri tal-UE tal-Mediterran approvaw it-tranżizzjoni diġitali, u żiedu l-politiki virtwali tagħhom, inklużi s-Suq Uniku Diġitali ⁽³⁾ u l-Programm Ewropa Diġitali ⁽⁴⁾. Id-Deċennju Diġitali Ewropew ġie ppubblikat mill-Kummissjoni Ewropea f'Marzu 2021, u jiddeskrivi l-miri diġitali għall-2030 u l-viżjoni għat-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa ⁽⁵⁾. Wieħed mill-istrumenti tad-Deċennju Diġitali huwa l-Ċentru "Diġitali għall-Iżvilupp" (iċ-Ċentru D4D) ⁽⁶⁾, imniedi f'Diċembru 2020, bl-għan li jiġu armonizzati u kkoordinati l-inizjattivi diġitali fost l-Istati Membri ⁽⁷⁾. Barra minn hekk, id-diġitalizzazzjoni hija pilastru ewlieni fi ħdan l-Aġenda l-ġdida għall-Mediterran, proposta mill-Kummissjoni Ewropea fi Frar 2021. B'mod partikolari, l-Aġenda l-ġdida timmira għal irkupru ekoloġiku, diġitali, reżiljenti u ġust, iggwidat mill-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, il-Ftehim ta' Pariġi u l-Patt Ekoloġiku Ewropew. ⁽⁸⁾

3.7. Il-pandemija tal-COVID-19 kellha implikazzjonijiet fuq l-imġiba tax-xogħol u ġiegħlet lin-nies jaħdmu mill-bogħod. Filwaqt li t-telexogħol għandu għadd ta' żvantaġġi, il-vantaġġi tiegħu jvarjaw minn tnaqqis fil-ħin tal-ivvjaġġar, emissjonijiet aktar baxxi u effetti pożittivi fuq l-ambjent, sa bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata speċjalment għall-ġenituri ⁽⁹⁾. Il-kapaċità tat-telexogħol tvarja bejn iż-żewġ ixtut tal-Mediterran. Ħafna ħaddiema min-Nofsinhar għandhom inqas kapaċità ta' telexogħol peress li ma jistgħux jaċċessaw l-għodod meħtieġa, jew sempliċement għandhom impjegji li ma jistgħux jitwettqu mill-bogħod. Al Azzawi (2021) żviluppat indiċi ta' "kapaċità għat-telexogħol" għall-pajjiżi Għarab, li sab distakk sinifikanti f'dik il-kapaċità tat-telexogħol fir-reġjun. Hija tikkonferma li l-iżjed ħaddiema vulnerabbli ma għandhomx il-kapaċità li jaħdmu mill-bogħod u għalhekk intlaqtu l-agħar mill-pandemija ⁽¹⁰⁾. L-esperjenza tal-Ewropa dwar l-adozzjoni wiesgħa tat-telexogħol tenfasizza l-importanza li jkun hemm fis-seħħ qafas legali għad-"dritt għall-iskonnessjoni" sabiex jiġu rispettati l-limiti bejn il-ħajja personali u dik professjonali ⁽¹¹⁾.

3.8. Id-diġitalizzazzjoni wasslet għaż-żieda fl-ekonomija tal-pjattaformi u tal-gigs. Għalkemm hemm ħafna opportunitajiet fl-ekonomija tal-pjattaformi, din wasslet ukoll għal dejjem aktar tħassib dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u, b'mod partikolari, dwar il-kopertura limitata tas-sigurtà soċjali, is-siġħat tax-xogħol frammentati u l-livelli baxxi ta'

⁽³⁾ Is-Suq Uniku Diġitali għandu l-għan li jtejjeb l-aċċess, il-kwalità u s-sigurtà tal-konnettività fl-Istati Membri. <https://ec.europa.eu/eurostat/cache/infographs/ict/bloc-4.html>

⁽⁴⁾ Id-Deċennju Diġitali Ewropew huwa magħmul minn erba' pilastru ewlenin li jkopru l-Ħiliet, l-Infrastruttura, il-Gvern u n-Negozju: https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/find-funding/eu-funding-programmes/digital-europe-programme_mt

⁽⁵⁾ https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/europe-fit-digital-age/europes-digital-decade-digital-targets-2030_mt

⁽⁶⁾ Iċ-Ċentru "Diġitali għall-Iżvilupp" (iċ-Ċentru D4D)

⁽⁷⁾ Langendorf, M., "Applying Europe's Digital Aġenda in Mediterranean Partner Countries: Opportunities and Pitfalls" (L-applikazzjoni tal-Aġenda Diġitali tal-Ewropa fil-Pajjiżi Msieħba tal-Mediterran: Opportunitajiet u Żvantaġġi [mhux disponibbli bil-Malti]), *IEMed. Mediterranean Yearbook*, 2021.

⁽⁸⁾ Sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar, Kummissjoni Ewropea, 2021.

⁽⁹⁾ Working from home: From invisibility to decent work (Xogħol mid-dar: Minn inviżibbiltà għal xogħol deċenti [mhux disponibbli bil-Malti]), ILO, 2021.

⁽¹⁰⁾ Al Azzawi, S., "Lives Versus Livelihoods: Who Can Work from Home in MENA?" (Il-Ħajja jew l-Għajxien: Min Jista' Jaħdem mid-Dar fil-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq? [mhux disponibbli bil-Malti]), *ERF Working Paper*, Nru 1471, 2021.

⁽¹¹⁾ Briefing tal-EPRS dwar *The right to disconnect* (Id-dritt ta' skonnessjoni), PE 642.847 — Lulju 2020.

introjtu u d-diffikultà biex jiġu żgurati d-drittijiet kollettivi ⁽¹²⁾. F'dan ir-rigward, id-Dikjarazzjoni Ċentinarja tal-ILO dwar il-Futur tax-Xogħol (2019) [mhux disponibbli bil-Malti] tappella għal politiki u miżuri biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet tat-trasformazzjoni diġitali tax-xogħol, inkluż ix-xogħol fuq il-pjattaformi.

3.9. It-tranżizzjoni diġitali li qed tavvanza malajr, speċjalment fil-ħajja ekonomika u tax-xogħol, naturalment għandha effetti qawwija fuq l-istrutturi soċjokulturali kollha. Fil-fatt, matul ir-Rebbiegħa Għarbija seta' jiġi osservat li l-għodod ta' komunikazzjoni diġitali ntużaw primarjament għall-organizzazzjoni b'suċċess tar-reżistenza ċivili u l-kooperazzjoni fost l-attivisti. Madankollu, żviluppi ulterjuri wrew li f'dawk il-pajjiżi fejn ma għet stabbilita l-ebda struttura demokratika sostenibbli, it-trażżin tal-libertajiet fundamentali — inkluż id-dritt għal-libertà tal-espressjoni fil-media diġitali, kif ukoll tad-drittijiet tal-ħaddiema — inkluż id-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni, li qed isir saħansitra aktar importanti fl-ekonomija tal-pjattaformi u tal-gigs — reġa' mar għall-agħar. Pereżempju, l-organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili, bħat-trade unions, l-NGOs tad-drittijiet tal-bniedem u l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u l-attivisti tagħhom, huma ripressi sempliċement minħabba li jeżerċitaw libertajiet fundamentali jew jesprimu opinjonijiet kuntrarji. Barra minn hekk, is-siti web tal-aħbarijiet domestiċi u internazzjonali u l-organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili organizzata jiġu mblukkati ripetutament. Il-Konvenzjonijiet tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Konvenzjonijiet tal-ILO spiss jiġu implimentati biss formalment, iżda mhux kif suppost, f'xi stati fir-Reġjun tal-Mediterran.

3.10. Id-diġitalizzazzjoni hija kruċjali għall-iżvilupp tal-SMEs ⁽¹³⁾. Il-benefiċċji jvarjaw minn spejjeż aktar baxxi, iffrankar ta' ħin u riżorsi u effiċjenza akbar, sa integrazzjoni aħjar tal-katina tal-provvista u d-divrenzjar tal-prodotti ⁽¹⁴⁾. OECD SME and Entrepreneurship Outlook 2019 ⁽¹⁵⁾ joffri stampa aktar dettaljata ta' dawn il-benefiċċji. Eżempju wieħed huwa l-analitika tal-big data li, flimkien ma' sensuri, apps, cloud computing, u stampar 3D, tippermetti personalizzazzjoni akbar.

3.11. Għalkemm hemm bosta benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni għall-SMEs, dawn jiffaċċjaw għadd ta' ostakli, b'wieħed mill-aktar importanti jkun in-nuqqas ta' aċċess għall-finanzi ⁽¹⁶⁾. It-tieni ostaklu ewlieni huwa n-nuqqas ta' aċċess għall-ħiliet diġitali, l-edukazzjoni u t-taħriġ filwaqt li l-adozzjoni ta' mudelli tan-negozju u teknoloġiji diġitali tirrikjedi kemm investimenti finanzjarji kif ukoll ħiliet diġitali interni. L-Assoċjazzjoni tal-Ekonomisti Ewro-Mediterranji (EMEA) żviluppat indiċi ta' thejjiġa diġitali għall-SMEs, ibbażat fuq sħarriġ immirat lejn l-SMEs tan-Nofsinhar tal-Mediterran. Dan juri li l-livell ta' thejjiġa għat-trasformazzjoni diġitali jiddependi mill-kapaċità tal-infrastruttura, it-telekomunikazzjoni u l-progress teknoloġiku miksub fil-livell tal-pajjiż iżda wkoll mill-kapaċità tad-ditti fil-livell mikro; ditti akbar huma aktar ippreparati għad-diġitalizzazzjoni u ditti iżgħar huma aktar probabbli li jseguwuha ⁽¹⁷⁾.

3.12. L-aspett negattiv tad-diġitalizzazzjoni huwa t-telf ta' impjegi minħabba l-awtomatizzazzjoni f'ċerti setturi ekonomiċi. Is-soċjetà ċivili jista' jkollha rwol importanti biex takkumpanja lill-ħaddiema biex itejbu l-ħiliet tagħhom, bl-għan li t-tranżizzjoni diġitali ssir tranżizzjoni ġusta u b'konformità mal-pjan ta' azzjoni tal-UE biex "ħadd ma jitħalla jibqa' lura".

3.13. Sabiex tiġi promossa d-diġitalizzazzjoni u jitfasslu l-aktar politiki effettivi, huwa ta' importanza kbira li t-tranżizzjoni diġitali titkejjel u tiġi mmonitorjata bl-użu ta' indikaturi robusti u li jistgħu jitkejlu. Fl-2014, il-Kummissjoni Ewropea bdiet tiżviluppa l-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI) ⁽¹⁸⁾, li juri progress fl-oqsma tad-diġitalizzazzjoni fl-Istati Membri iżda wkoll differenza diġitali persistenti ⁽¹⁹⁾. L-Indiċi DESI jista' jifforma l-bażi għal qafas ta' monitoraġġ ta' referenza għal pajjiżi Mediterranji li mhumiex fl-UE.

⁽¹²⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar għal Ewropa soċjali aktar b'saħħitha: l-isfruttament tal-benefiċċji kollha tad-diġitalizzazzjoni għall-futur tax-xogħol"(COM(2021) 761 final) u l-"Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi" (COM(2021) 762 final) (ĠU C 290, 29.7.2022, p. 95).

⁽¹³⁾ Rapport ta' informazzjoni tal-KESE dwar *Id-diġitalizzazzjoni u l-SMEs fir-Reġjun tal-Mediterran*.

⁽¹⁴⁾ Kergroach, S., "Giving momentum to SME digitalization" (L-ghoti ta' momentum lid-diġitalizzazzjoni tal-SMEs [mhux disponibbli bil-Malti]), *Journal of the International Council for Small Business*, Vol. 1, Nru 1, 2020, pp. 28-31.

⁽¹⁵⁾ OECD SME and Entrepreneurship Outlook 2019 (OECD — Prospettiva tal-SMEs u l-Intraprenditorja 2019 [mhux disponibbli bil-Malti]).

⁽¹⁶⁾ Rapport ta' informazzjoni tal-KESE dwar *L-aċċess tal-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja (midcaps) għall-finanzjament matul il-perjodu 2014-2020: opportunitajiet u sfidi*.

⁽¹⁷⁾ Ayadi, R. u Forouheshfar, Y., "MSMEs digitalization in the Mediterranean: A new digital preparedness index" (Id-diġitalizzazzjoni tal-MSMEs fil-Mediterran: Indiċi ġdid ta' thejjiġa diġitali [mhux disponibbli bil-Malti]), *EMANES working paper*, 2022, se tiġi ppubblikata dalwaqt.

⁽¹⁸⁾ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/policies/desi>

⁽¹⁹⁾ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_21_5481

4. Kummenti ġenerali

4.1. L-impatt profond tat-tranżizzjoni diġitali qed jinħass fis-soċjetà u fl-ekonomija. Għalkemm ir-Reġjun tan-Nofsinhar tal-Mediterran qed jiffaċċja sfidi f'termini ta' provvista ta' aċċessibbiltà universali, u t-tisħiħ tal-ħiliet diġitali taċ-ċittadini, ir-reġjun mhuwiex l-eċċezzjoni meta jaċċellera t-tranżizzjoni diġitali u jibbenefika minnha f'bosta oqsma.

4.2. *Il-kummerċ elettroniku* żdied minħabba l-miżuri ta' tbeġhid soċjali. Ix-xiri online qed jiġi adottat b'mod wiesa', b'żieda kemm fil-kummerċ elettroniku minn negozju għal konsumatur (B2C) kif ukoll minn negozju għal negozju (B2B). Il-kap eżekuttiv tal-akbar operatur tal-kummerċ elettroniku fl-Afrika, Jumia, ħabbar żieda ta' erba' darbiet fil-bejgħ tal-merċa, speċjalment fit-Tuneżija u fil-Marokk fejn il-lockdowns irriżultaw f'żieda ta' 100 % fil-bejgħ⁽²⁰⁾.

4.3. *L-edukazzjoni elettronika* żviluppat b'pass mgħaġġel hekk kif il-COVID-19 wasslet għall-għeluq tal-iskejjel. Il-gvernijiet saħansitra introduċew xi pjattaformi ta' tagħlim elettroniku, bħall-pjattaforma "Darsak" fil-Ġordan. Ċerti pajjiżi introduċew sistema ibrida, bħal pereżempju fl-Eġittu⁽²¹⁾. Il-pjattaformi online qed isiru moda ħafna, anke għal proġetti speċifiċi biex jiġu stabbiliti konnessjonijiet ma' assoċjazzjonijiet professjonali lokali, muniċipalitajiet, u atturi ewlenin⁽²²⁾. Xi finanzjament tal-UE għandu jkun immirat speċifikament lejn l-edukazzjoni/it-taħriġ fit-titjib tal-ħiliet diġitali u għaż-żgħażaġh biex jżviluppaw kompetenzi elettroniċi, biex isegwu studji tal-IT u tal-IA għal xogħol sigur fil-futur.

4.4. *Il-governanza elettronika* hija maħsuba li tnaqqas il-burokrazija u l-piż tal-proċeduri amministrattivi, u li twassal għal forniment effiċjenti u faċli tas-servizzi pubbliċi. Barra minn hekk, tista' tkun għodda għad-demokratizzazzjoni u biex tiżdied il-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini. It-tisħiħ tal-governanza elettronika huwa prijorità fost l-Istati Membri tal-UE, u jifforma wieħed mill-pilastru tal-Indiċi DESI. Ir-Reġjun tan-Nofsinhar tal-Mediterran qed jimxi wkoll f'din id-direzzjoni. Il-Marokk għamel progress sinifikanti bl-inizjattiva nazzjonali tiegħu tal-gvern elettroniku⁽²³⁾. Fl-2019, l-Eġittu nieda sistema ta' ħlas elettroniku għall-ġbir tat-taxxa u għall-ħlas tal-kontijiet, fost affarijiet oħra. F'Jannar 2020, il-Ministeru tal-Ekonomija Diġitali tal-Ġordan emigra l-infrastruttura tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) tiegħu lejn il-cloud biex jespandi s-servizzi għaċ-ċittadini⁽²⁴⁾.

4.5. *Is-saħħa elettronika* hija mod kosteffettiv biex jinkiseb u jingħata l-appoġġ meħtieġ. Is-soluzzjonijiet tas-saħħa elettronika kellhom rwol ewlieni fil-ġlieda kontra l-COVID-19. Dawn is-soluzzjonijiet jużaw it-telemediċina u l-applikazzjonijiet tas-saħħa mobbli. F'dawn l-aħħar sentejn, l-analitika tal-big data għas-sorveljanza epidemjoloġika wriet li hija utli għall-ġlieda kontra l-pandemija. Pereżempju, grupp ta' tobbja fit-Tuneżija nedew *Tobba.tn*, li hija pjattaforma diġitali għall-konsultazzjoni online⁽²⁵⁾.

4.6. *Is-servizzi bankarji diġitali* huma għodda effiċjenti biex l-inklużjoni finanzjarja ssir realtà, u l-ibbankjar bil-mowbajl diġà wrew ir-rwol tagħhom fil-passat. Is-soluzzjonijiet tal-Fintech jistgħu jagħtu spinta lit-trasformazzjoni diġitali u jsaħħu l-inklużjoni finanzjarja. Dawn is-servizzi qed jissuperaw oħrajn u l-għan tagħhom huwa li jeliminaw kompletament l-użu ta' ċekkijiet u tranżazzjonijiet fi flus kontanti, u jistgħu jikkawżaw l-esklużjoni tal-anzjani li jistgħu ma jkunux mgħammra bil-ħiliet diġitali meħtieġa.

4.7. *Il-ġustizzja elettronika* tiffaċilita l-aċċess għas-servizzi legali u tnaqqas l-ispejjeż tas-seduti u l-preżentazzjonijiet fil-qorti, eċċ., u ż-żmien meħtieġ biex dawn jiġu aċċessati.

⁽²⁰⁾ Sidlo, K., "Digital Transformation in the Southern Neighbourhood" (It-Trasformazzjoni Diġitali fil-Viċinat tan-Nofsinhar [mhux disponibbli bil-Malti]), *EuroMeSCo Euromed Survey*, 2021.

⁽²¹⁾ El Kadi, T.H., "Uneven Disruption: Covid-19 and the digital divide in the Euro-Mediterranean Region" (Varjazzjoni ta' tfixkil: Il-COVID-19 u d-distakk diġitali fir-Reġjun Ewro-Mediterranju [mhux disponibbli bil-Malti]), *IEMed Mediterranean Yearbook*, 2020.

⁽²²⁾ Pereżempju, f'dan il-proġett qed jiġi propost li s-sidien tal-pjattaforma għandhom ikunu l-UE, il-muniċipalitajiet, l-universitajiet, il-kumpaniji jew il-ministeri tal-edukazzjoni fit-Turkija, il-Marokk, l-Eġittu u l-Alġerija: Akpınar P., van Heukelingen, N., Babüroğlu O.N. u Durukan, F.R., "A new formula for collaboration: Turkey, the EU & North Africa" (Formula ġdida għall-kollaborazzjoni: it-Turkija, l-UE u l-Afrika ta' Fuq [mhux disponibbli bil-Malti]), 2022.

⁽²³⁾ Digital Government Review of Morocco (Rieżami tal-Gvern Diġitali tal-Marokk [mhux disponibbli bil-Malti]), OECD, 2018.

⁽²⁴⁾ El Kadi, T.H., "Uneven Disruption: Covid-19 and the digital divide in the Euro-Mediterranean Region" (Varjazzjoni ta' tfixkil: Il-COVID-19 u d-distakk diġitali fir-Reġjun Ewro-Mediterranju [mhux disponibbli bil-Malti]), *IEMed Mediterranean Yearbook*, 2020.

⁽²⁵⁾ El Kadi, T.H., "Uneven Disruption: Covid-19 and the digital divide in the Euro-Mediterranean Region" (Varjazzjoni ta' tfixkil: Il-COVID-19 u d-distakk diġitali fir-Reġjun Ewro-Mediterranju [mhux disponibbli bil-Malti]), *IEMed Mediterranean Yearbook*, 2020.

4.8. Minħabba l-impatt attwali tat-tisħin globali, il-katina tal-provvista tal-ikel li sejra lura u l-prezzijiet ogħla tal-ikel, l-industrija agrikola tista' ssir aktar kompetittiva u effiċjenti billi tapplika l-agrikoltura ta' preċiżjoni, u billi tuża l-big data u t-teknoloġija tal-block-chain. Dan jista' jwassal għal effiċjenza għolja fil-ġestjoni tal-ilma, tan-nutrijenti tal-ħamrija u fil-kontroll tal-mard b'monitoraġġ avanzat tat-temperatura u inqas manodopera⁽²⁶⁾, u b'hekk issir għodda għall-mitigazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mat-tibdil fil-klima.

4.9. Ix-xejriet tal-użu tal-Internet ivarjaw minn pajjiż għal ieħor tal-Mediterran. Fil-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran, l-użu tal-Internet permezz tal-mowbajls u l-midja soċjali huwa dominanti. Madankollu, għall-kuntrarju tal-pajjiżi tat-Tramuntana tal-Mediterran, ix-xiri online mhuwiex komuni ħafna. Dan jista' jiġi spjegat sa ċertu punt mill-esklużjoni finanzjarja u l-proporzjon baxx tas-sjieda tal-kontijiet bankarji fin-Nofsinhar⁽²⁷⁾.

5. Ostakli għad-diġitalizzazzjoni

5.1. Wieħed mill-ostakli ewlenin għad-diġitalizzazzjoni huwa d-distakk diġitali, li ma jeżistix biss bejn pajjiż u ieħor, speċjalment fost dawk tal-Mediterran (hemm distakki sinifikanti fl-edizzjoni tal-2021 tan-Network Readiness Index-NRI⁽²⁸⁾). Fil-livell nazzjonali, gruppi differenti tal-popolazzjoni ma għandhomx l-istess livell ta' aċċess għall-għodod teknoloġiċi. Id-distakk huwa preżenti bejn l-irġiel u n-nisa, bejn iż-żoni rurali u dawk urbani, bejn iż-żgħażaġh u l-anzjani. Minn perspettiva kummerċjali, hemm distakk diġitali bbażat fuq id-daqs u s-settur tal-attività, li jfisser li ditti iżgħar — għall-kuntrarju ta' ditti akbar — jiffaċċjaw spejjeż eżorbitanti mhux biss f'termini ta' materjali iżda wkoll u, fuq kollox, minħabba l-ħtieġa li jittejjbu l-ħiliet tal-ħaddiema. Fatturi soċjoekonomiċi oħra, bħall-livelli tal-introjt u tal-edukazzjoni, jistgħu jkunu sors ta' esklużjoni diġitali.

5.2. Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar għandhom distakki sinifikanti fil-kopertura tal-Internet fuq il-mowbajl. Din il-problema tiffaċċja b'mod partikolari f'pajjiżi ġeografikament kbar bħall-Alġerija u l-Libja u, sa ċertu punt, fl-Eġittu. L-investiment fl-infrastruttura diġitali u l-bini ta' konnessjonijiet tal-Internet b'veloċità għolja kontinwa huma kruċjali fiż-żoni rurali, fejn id-diġitalizzazzjoni tista' tkun lieva potenzjali għat-tkabbir inklużiv⁽²⁹⁾.

5.3. L-illitteriżmu diġitali, aktar mifruq fost il-persuni b'livell inferjuri ta' edukazzjoni, spiss jiġi enfasizzat bħala ostaklu ieħor għad-diġitalizzazzjoni. Dan jitlob riformi fil-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali sabiex jinkludu ħiliet diġitali essenzjali għas-suq tax-xogħol futur. Id-diġitalizzazzjoni titqies ukoll bħala parti mill-ħtiġijiet ta' titjib tal-ħiliet tal-impjegati.

5.4. Il-ġeneru huwa fattur ieħor li jinfluwenza l-litteriżmu diġitali, fejn l-irġiel ġeneralment ikollhom aċċess aħjar għall-għodod diġitali u għaldaqstant ikollhom għarfien aħjar tal-ħiliet diġitali. Fit-Tuneżija, 72,5 % tal-irġiel jużaw l-Internet filwaqt li din iċ-ċifra hija ta' 61,1 % għan-nisa. Ċerti pajjiżi diġà naqqsu d-distakk. Fis-Slovenja, pereżempju, dan id-distakk huwa inqas minn 2 punti perċentwali b'87,2 % tal-irġiel u 86 % tan-nisa jużaw l-Internet. Min-naħa l-oħra, it-Turkija għandha distakk akbar bejn il-ġeneri fl-aċċess għall-Internet, li jammonta għal 11,2 punti perċentwali (Indikaturi Dinjija tat-Telekomunikazzjoni/ICT tal-ITU). L-Istati Membri tal-UE huma impenjati li jnaqqsu d-distakk bejn il-ġeneri fil-ħiliet diġitali sal-2030 billi jiżviluppaw politiki li jħeġġu lill-bniet isegwu suġġetti tal-ICT, u billi jimmonitorjaw il-progress permezz tat-tabella ta' valutazzjoni dwar in-Nisa fid-Dinja Diġitali (WiD).

6. Riskji assoċjati mad-diġitalizzazzjoni

6.1. It-tħassib dejjem jikber dwar il-gvernijiet, in-negozji u ċ-ċittadini li gradwalment jitolfu l-kontroll fuq id-data tagħhom jiffa' l-attenzjoni fuq il-kwistjoni tas-"Sovranità Diġitali". Dan jaffettwa wkoll il-kapaċità tal-pajjiżi għall-innovazzjoni, u l-kapaċità li jfasslu l-leġislazzjoni f'ambjent diġitali.⁽³⁰⁾ Dan it-tħassib huwa rilevanti peress li l-Ewropa u l-Mediterran għadhom lura fl-investiment fl-IA, filwaqt li l-preżenza ta' ġganti barranin tal-media soċjali qed tikseb influwenza dejjem akbar.

⁽²⁶⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "It-tranżizzjoni diġitali u tal-enerġija fiż-żoni rurali" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 486, 21.12.2022, p. 59).

⁽²⁷⁾ El Kadi, T.H., "Uneven Disruption: Covid-19 and the digital divide in the Euro-Mediterranean Region" (Varjazzjoni ta' tfixkil: Il-COVID-19 u d-distakk diġitali fir-Reġjun Ewro-Mediterranju [mhux disponibbli bil-Malti]), *IEMed Mediterranean Yearbook*, 2020.

⁽²⁸⁾ <https://networkreadinessindex.org/nri-2021-edition-press-release/>

⁽²⁹⁾ Smart Cities and Inclusive Growth (Bliet Intelliġenti u Tkabbir Inklużiv [mhux disponibbli bil-Malti]), OECD, 2020.

⁽³⁰⁾ Briefing tal-EPRS dwar *Digital sovereignty for Europe* (Is-sovranità diġitali għall-Ewropa [mhux disponibbli bil-Malti]), (PE 651.992 — July 2020).

6.2. Xi wħud mill-pajjiżi tal-Mediterran isibuha bi tqila li jidħlu fi tranżizzjoni diġitali rapida. In-nuqqas ta' rieda politika hija dovuta għall-biża' li jintilef il-kontroll fuq il-popolazzjoni, li jwassal għal filtrazzjoni u ċensura. Sadanittant, l-għodod diġitali jistgħu jippermettu li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jinstemgħu u jippromovu d-demokrazija. Il-Kwartett tad-Djalogu Nazzjonali Tuneżin, rebbieħ tal-Premju Nobel għall-Paċi 2015, huwa eżempju tar-rwol importanti li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jista' jkollhom fi tranżizzjoni paċifika ta' soċjetà.

6.3. Peress li d-diġitalizzazzjoni twitti t-triq għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku, għandu jkun hemm awtorità indipendenti li tistabbilixxi qafas regolatorju diġitali adegwat li jippromovi l-prinċipji tad-drittijiet diġitali, bħan-newtralità tal-Internet.

6.4. Id-diġitalizzazzjoni rapida żżid ir-riskju ta' theddid ċibernetiku. Ir-rwol tal-awtoritajiet huwa kruċjali biex jiġi stabbilit qafas leġislativ imfassal tajjeb għall-protezzjoni tal-utenti. Bħalissa l-Marokk, it-Tuneżija, l-Alġerija u l-Eġittu kollha daħħlu fis-seħħ liġijiet dwar iċ-ċibersigurtà. Madankollu, dawn il-liġijiet m'għandhomx komponenti dwar il-protezzjoni tad-data⁽³¹⁾. Huwa essenzjali li tiġi protetta d-data personali sensitiva tan-nies bħad-data relatata mas-saħħa, eċċ.

6.5. Il-protezzjoni tad-data qed issir wieħed mill-aktar oqsma kruċjali tat-tranżizzjoni diġitali. Il-kwistjoni tas-sjieda u s-salvagwardja tal-ammont massiv ta' data hija fuq quddiem fl-aġenda ta' dawh li jfassli l-politika. Dan huwa b'reazzjoni għaż-żieda qawwija fl-analiżi tal-big data u bil-pjattaformi tal-midja soċjali li qed jiksbu saħħa u influwenza mingħajr preċedent. Huwa argumentat li l-qafas regolatorju fil-Viċinat tan-Nofsinhar għadu sottożviluppat u l-leġislażzjoni għat-teknoloġiji emerġenti mhijiex qed tkun adottata malajr biżżejjed⁽³²⁾. Hemm pajjiżi li saħansitra jesprimu nuqqas ta' rieda politika biex tittieħed azzjoni fuq din il-kwistjoni. Il-kwistjoni hija saħansitra aktar akuta fil-każ tad-data sensitiva, pereżempju fir-rigward tal-applikazzjonijiet u l-pjattaformi tas-saħħa. B'mod partikolari, hemm xettiċiżmu fil-pajjiżi tan-Nofsinhar fejn il-leġislażzjoni għall-GDPR u għal protezzjoni simili tal-privatezza jista' għad na ddaħħlitx fis-seħħ. Fl-Ewropa, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali għandhom l-għan li jibnu spazju diġitali aktar sikur għall-utenti filwaqt li jrawmu l-innovazzjoni u l-kompetittività.

6.6. Il-piraterija diġitali hija ostaklu ieħor tad-diġitalizzazzjoni. Il-kreazzjonijiet diġitalizzati soġġetti għad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali (DPI) huma estremament faċli u rħas biex jiġu kkupjati u distribwiti fuq skala kbira. In-negozji kreattivi se jbatu aktar minn dan il-fenomeni u, fin-nuqqas ta' leġislażzjoni effettiva, il-mudelli tan-negozju tal-artisti u tal-ħaddiema kreattivi se jsiru insostenibbli.

6.7. Id-diġitalizzazzjoni tista' twassal għall-oppressjoni ċivili. F'ċerti pajjiżi, id-drittijiet diġitali qed jiġu attakkati mill-awtoritajiet peress li d-diġitalizzazzjoni titqies bħala mezz ta' sorveljanza. Pereżempju, minħabba l-pandemija, intużaw applikazzjonijiet tal-intraċċar tal-post biex jiġi mmonitorjat it-tixrid tal-virus, u dan qajjem tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem⁽³³⁾. L-intraċċar possibbli ta' kull attività diġitali jippreżenta theddida serja għad-demokrazija u jista' jintuża bħala mezz ta' oppressjoni. Il-"Freedom of Net report" tal-2021 jikklassifika lil Franza bl-ogħla punteġġ ta' 78 minn 100, l-Italja b'76, it-Tuneżija b'63, il-Marokk b'53, il-Libanu b'51, il-Gordania b'47, it-Turkija b'34 u l-Eġittu b'26⁽³⁴⁾.

6.8. Id-distakk diġitali persistenti jista' potenzjalment iwassal għal inugwaljanzi u diverġenza aktar sinifikanti fir-Reġjun tal-Mediterran. Xi pajjiżi m'għandhomx l-infrastruttura diġitali (il-kopertura jew l-aċċess għal broadband fiss), jew xi żoni remoti u rurali jistgħu sempliċiment jitħallew mingħajr kopertura jew networks 4G/5G. Sors ieħor tad-distakk huwa n-nuqqas ta' ħilet diġitali fost il-popolazzjoni u l-illitteriżmu diġitali. B'mod partikolari, il-livelli baxxi tal-kompetenza diġitali huma aktar komuni fil-pajjiżi tan-Nofsinhar, speċjalment fost in-nisa u l-anzjani⁽³⁵⁾.

⁽³¹⁾ Langendorf, M., "Applying Europe's Digital Aġenda in Mediterranean Partner Countries: Opportunities and Pitfalls" (L-applikazzjoni tal-Aġenda Diġitali tal-Ewropa fil-Pajjiżi Msieħba tal-Mediterran: Opportunitajiet u Żvantaġġi [mhux disponibbli bil-Malti], IEMed. Mediterranean Yearbook, 2021.

⁽³²⁾ Sidlo, K., "Digital Transformation in the Southern Neighbourhood" (It-Trasformazzjoni Diġitali fil-Viċinat tan-Nofsinhar [mhux disponibbli bil-Malti]), EuroMeSCo Euromed Survey, 2021.

⁽³³⁾ Langendorf, M., "Applying Europe's Digital Aġenda in Mediterranean Partner Countries: Opportunities and Pitfalls" (L-applikazzjoni tal-Aġenda Diġitali tal-Ewropa fil-Pajjiżi Msieħba tal-Mediterran: Opportunitajiet u Żvantaġġi [mhux disponibbli bil-Malti], IEMed. Mediterranean Yearbook, 2021.

⁽³⁴⁾ <https://freedomhouse.org/policy-recommendations/internet-freedom>

⁽³⁵⁾ Sidlo, K., "Digital Transformation in the Southern Neighbourhood" (It-Trasformazzjoni Diġitali fil-Viċinat tan-Nofsinhar [mhux disponibbli bil-Malti]), EuroMeSCo Euromed Survey, 2021.

6.9. Il-formazzjoni tal-ġganti tat-teknoloġija toħloq ostaklu għall-kompetizzjoni ġusta fis-swieq diġitali. L-evalwazzjoni tat-taxxa tagħmel is-swieq inġusti għall-SMEs emerġenti lokali, li dawn x'aktarx ma jkampawx. Tikkontribwixxi wkoll għal eżodu diġitali ta' mħuħ. Riskju ieħor assoċjat mal-ġganti tat-teknoloġija huwa l-kapaċità tagħhom li jassorbu l-atturi emerġenti, li toħloq il-monopolji u tipprevjeni l-ħolqien ta' ċentri diġitali fl-Ewropa u fiż-żona tal-Mediterran. Dan jista' jkun minħabba n-nuqqas ta' qafas regolatorju u anke lakuni fiskali għall-kumpaniji multinazzjonali li jaffettwaw il-kompetizzjoni ġusta b'mod negattiv.

6.10. In-nuqqas ta' implimentazzjoni serja tal-Konvenzjonijiet tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Konvenzjonijiet tal-ILO f'xi stati tar-Reġjun tal-Mediterran huwa ostaklu għall-istabbiliment ta' organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili — inklużi NGOs, trade unions indipendenti u assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem — u b'hekk jipperikola t-tranżizzjoni diġitali sostenibbli. Il-KESE għalhekk jenfasizza b'mod espliċitu li l-Konvenzjonijiet tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO għandhom jiġu implimentati b'mod ambizzjuż fl-istati kollha tar-Reġjun tal-Mediterran sabiex it-tranżizzjoni diġitali tkun tista' tikkontribwixxi b'mod ġenwin għal żvilupp ekoloġiku, ekonomiku u soċjali prosperu.

6.11. Barra minn hekk, il-gwerra fl-Ukrajna tippreżenta theddida kbira għall-pajjiżi fir-reġjun kollu u tista' tkun assoċjata ma' riskji ogħla ta' attakki ċibernetiċi.

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2022.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Kontroll tal-kompetittività biex nibnu ekonomija tal-UE aktar b’saħħitha u aktar reżiljenti”

(opinjoni esploratorja)

(2023/C 100/11)

Relatur: **Christian ARDHE**

Korelatur: **Giuseppe GUERINI**

Konsultazzjoni	Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 30.6.2022
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adozzjoni fis-sezzjoni	10.11.2022
Riżultat tal-votazzjoni	54/1/2
(favur/kontra/astensjonijiet)	
Adozzjoni fil-plenarja	14.12.2022
Sessjoni Plenarja Nru	574
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	150/4/11

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jqis li t-talba tal-Presidenza Ċeka biex titħejja opinjoni esploratorja dwar il-kontroll tal-kompetittività hija topika ħafna. Minħabba l-isfidi attwali u previsti għall-futur il-KESE jqis li huwa ta' importanza kritika li l-ekonomija tal-UE ssir aktar kompetittiva. Filwaqt li jirrikonoxxi li s-suq uniku u l-ekonomija soċjali tas-suq tal-UE huma l-akbar assi tal-UE għall-kisba tat-tkabbir ekonomiku u l-benesseri soċjali, il-KESE jappella għal kontroll tal-kompetittività biex jiġu appoġġjati l-intrapriżi, il-ħolqien tal-impjiegi u kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, kif ukoll tkabbir ekonomiku sostenibbli u koeżjoni soċjali.

1.2. Il-KESE jqis il-kontroll tal-kompetittività bħala approċċ biex jiġi żgurat li l-aspetti tal-kompetittività jitqiesu kif suppost fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Dan jirrikjedi għarfien adegwat dwar l-impatti tal-inizjattivi fuq il-kompetittività kif ukoll mod ta' ħsieb sensitiv għall-kompetittività fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

1.3. Il-KESE jenfasizza li l-kontroll tal-kompetittività għandu jkun parti ewlenija ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE bbilanċjat, u għandu jiġi applikat fil-kuntest ta' kwalunkwe proċess ta' tfassil ta' politiki u liġijiet tal-UE. Għandu jkopri inizjattivi leġiżlattivi, leġiżlazzjoni sekondarja, miżuri fiskali, strateġiji u programmi, kif ukoll ftehimiet internazzjonali. Għandu jiġi integrat ukoll fil-proċess tas-Semestru Ewropew, peress li l-politiki tal-Istati Membri huma kruċjali f'dan ir-rigward.

1.4. Peress li valutazzjoni tal-impatt solida tipprovdi l-bażi fattwali għall-kontroll tal-kompetittività, huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-valutazzjoni tal-impatt tal-kompetittività tkun obbligatorja, effettiva u infurzata bis-sħiħ, f'kull stadju tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Il-KESE japprezza l-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar u s-Sett ta' Għodod attwali iżda jirrimarka li, kif enfasizzat mill-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju, hemm hteġġa ċara għal titjib, speċjalment fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-għodod.

1.5. Il-KESE jemmen li l-kontroll tal-kompetittività għandu jqis l-impatt fuq in-negozji, l-impjeg, il-kundizzjonijiet tax-xogħol f'diversi livelli, inklużi l-ispejjeż tal-konformità u effetti diretti oħra, l-impatti multiplikaturi fuq il-ktajjen tal-valur, u l-impatti makroekonomiċi konsegwenti tagħhom. F'dan ir-rigward, għandha tingħata attenzjoni lill-pożizzjoni kompetittiva tal-varjetà wiesgħa ta' intrapriżi f'termini ta' settur, daqs u mudell tan-negozju, inklużi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali.

1.6. Il-KESE jaħseb li huwa importanti li jiġu koperti kemm l-impatti pożittivi kif ukoll dawk negattivi fuq il-kompetittività, bl-għan li mhux biss jiġi evitat it-telf fil-kompetittività iżda wkoll tittejjeb il-kompetittività, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lill-kompetittività fir-rigward tal-iżvilupp ta' prodotti u servizzi tal-UE li huma kompetittivi fis-suq dinji. Il-kontroll tal-kompetittività jeħtieġ li jqis id-diversità wiesgħa ta' negozji li jistgħu jiġu affettwati b'modi differenti.

1.7. Filwaqt li l-fokus ewlieni tal-kontroll tal-kompetittività huwa fuq inizjattivi b'objettivi primarji minbarra kompetittività mtejbja, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex tħejji wkoll aġenda speċifika tal-kompetittività, bl-għan fit-tul prinċipali li tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE.

1.8. Aġenda tal-kompetittività għandha tibni fuq l-ekonomija soċjali tas-suq tal-UE, u tiffoka fuq kwistjonijiet bażiċi bħas-suq uniku u l-kummerċ barrani, l-investment u l-aċċess għall-finanzjament, is-sistemi tat-taxxa, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-ħiliet u s-swieq tax-xogħol, kif ukoll l-MSMEs u t-tranżizzjoni doppja, filwaqt li jitqies il-qafas ta' finanzjament sostenibbli u l-kompetittività tkun konsistenti mal-objettivi soċjali u ambjentali. Peress li l-kompetittività għandha wkoll rabtiet ma' aspetti soċjali u ambjentali u hija kwistjoni li tikkonċerna lil kulħadd, ir-rappreżentanti tal-imsieħba soċjali u atturi oħra tas-soċjetà ċivili jeħtieġ li jkunu involuti mill-qrib fit-tħejjija tal-aġenda, bid-djalogu soċjali jaqdi rwol ewlieni kif deskritt fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

2. Sfond

2.1. Din l-Opinjoni tindirizza t-talba tal-Presidenza Ċeka għal opinjoni esploratorja tal-KESE fil-qasam tal-kompetittività tal-UE u l-aspetti regolatorji tal-leġislazzjoni tal-UE għan-negozji tal-UE. It-tema tagħha huwa l-kontroll tal-kompetittività biex nibnu ekonomija tal-UE aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti Il-Presidenza tenfasizza l-ħtieġa li titnaqqas id-dipendenza strateġika tal-UE u tiġi żgurata reżiljenza akbar, kif ukoll li jiġu żgurati l-ftuħ għad-dinja esterna u l-kompetittività tan-negozji tal-UE.

2.2. Il-Gvern Żvediż iddeskriva wkoll il-kompetittività bħala element wieħed tad-direzzjoni politika tal-Presidenza tal-UE li jmiss tal-Iżvezja.

2.3. Il-KESE diġà talab li jsir kontroll tal-kompetittività fl-Opinjoni tiegħu dwar "Lesti għall-mira ta' 55 %" ⁽¹⁾, li fiha ddikjara li "Fit-tranżizzjoni lejn soċjetà newtrali għall-klima, jeħtieġ li nseguw mudell li jirriżulta f'ekonomija b'saħħitha. Jekk irridu li l-UE tkun minn ta' quddiem u tiġi segwita mill-bqija tad-dinja, għandna nimmiraw li nsawru l-mudell li jirnexxi l-aktar – wieħed li huwa ġust u sostenibbli mill-perspettiva ekonomika, soċjali u ambjentali". Il-KESE ddikjara wkoll li "l-proposti leġislattivi kollha mressqa fil-qafas tal-pakkett 'lesti għall-mira ta' 55 %' għandhom ikunu soġġetti għal verifika tal-kompetittività b'konformità mal-prinċipji tal-SDG sabiex l-implikazzjonijiet sħaħ fuq l-intrapriżi jkunu mifhuma sew". Qabel dan, il-KESE appella għal test tal-kompetittività fl-Opinjoni tiegħu dwar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali ⁽²⁾.

2.4. Ir-rapport tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa talab ukoll li l-inizjattivi ta' politika ġodda tal-UE għandu jsirillhom kontroll tal-kompetittività biex jiġi analizzat l-impatt tagħhom fuq il-kumpaniji u l-ambjent tan-negozju tagħhom (l-ispejjeż tan-negozju, il-kapaċità għall-innovazzjoni, il-kompetittività internazzjonali, il-kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni, eċċ.). Talab ukoll li tali kontroll għandu jkun b'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u ma għandux jipperikola la l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, soċjali u tal-ħaddiema u lanqas l-istandards ambjentali u tal-protezzjoni tal-konsumatur.

2.5. Dan l-aħħar, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen, iddikjarat fid-diskors tagħha ⁽³⁾ li se nintroduċu kontroll standard tal-kompetittività fir-regolamentazzjoni tagħna.

⁽¹⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: "Lesti għall-mira ta' 55 %": Nilħqu l-mira klimatika tal-UE għall-2030 fi triqitna lejn in-newtralità klimatika (COM(2021) 550 final) (ĠU C 275, 18.7.2022, p. 101).

⁽²⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-persuni u n-negozji — pjan ta' azzjoni ġdid" (COM(2020) 590 final) (ĠU C 155, 30.4.2021, p. 20).

⁽³⁾ Diskors mill-President von der Leyen fil-Plenarja tal-Parlament Ewropew dwar it-tħejjija tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tal-20 u l-21 ta' Ottubru 2022.

3. Raġunijiet u ħtieġa għal kontroll tal-kompetittività

3.1. Il-kompetittività bħala objettiv espliċitu ilha fuq l-aġenda tal-UE f'diversi forum sa mill-Istrateġija ta' Liżbona tal-2000, segwita mill-Istrateġija Ewropa 2020, l-istrateġija industrijali kif ukoll serje ta' rapporti dwar il-kompetittività Ewropea u s-suq uniku. Madankollu, matul is-snin, il-kompetizzjoni internazzjonali saret dejjem aktar ħarxa u, fid-dawl tal-isfidi attwali u futuri previsti, huwa ta' importanza kritika li jinholq momentum imġedded biex l-UE ssir aktar kompetittiva. Ir-rispons tal-UE għall-pandemija tal-COVID-19 kien in-Next Generation EU, programm ta' investiment massiv li jwiegħed li jagħti spinta lill-pożizzjoni kompetittiva globali tal-ekonomija tal-UE, filwaqt li jibni fuq negozji aktar ekoloġiċi u aktar diġitali appoġġjati minn servizzi pubbliċi aktar effiċjenti, infrastruttura msaħħa u suq tax-xogħol dinamiku.

3.2. Is-sehem tal-Ewropa fl-ekonomija globali ilu jonqos għal xi żmien mhux ħażin. Ġie smat li, fl-2050, l-UE se tirrappreżenta inqas minn 10 % tal-prodott domestiku gross (PDG) globali, u 85 % tat-tkabbir tal-PDG globali previst se jiġi minn barra l-UE fis-sentejn li ġejjin. Il-prospettiva ta' tkabbir fqir tal-Ewropa taggrava t-tnaqqis ekonomiku relattiv. Dan ifisser li l-vuċi tal-Ewropa fid-dinja tkun inqas rilevanti u jiddgħajfu r-rwol u l-influenza globali tal-UE fil-kooperazzjoni internazzjonali ⁽⁴⁾.

3.3. Il-prospettiva fuq terminu qasir hija fil-biċċa l-kbira relatata mal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, li tkompli tolqot ħażin l-ekonomija tal-UE, kif ukoll il-fatt li l-UE għadha qed tirkupra mid-diversi impatti tal-pandemija tal-COVID-19. Il-gwerra poġġiet aktar pressjonijiet 'il fuq fuq il-prezzijiet tal-enerġija u tal-prodotti bażiċi tal-ikel, li qed iwasslu għal pressjonijiet inflazzjonarji globali u jnaqqsu l-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi ⁽⁵⁾. Bi tweġiba għar-rati għoljin tal-inflazzjoni, il-Bank Ċentrali Ewropew għolla r-rati tal-imgħax tal-euro, bħal fil-każ tal-ażżjoni li ħa l-Federal Reserve Bank fl-Istati Uniti. Barra minn hekk, it-tkabbir globali li qed jiddgħajf iwassal għal tnaqqis fid-domanda esterna. Min-naħa tagħhom, l-UE u l-Istati Membri tagħha rreaġixxew billi mmultiplikaw l-appoġġ għall-intrapriżi b'diversi programmi biex jippreservaw il-kompetittività tagħhom f'perspettiva ekonomika fqira u instabbli ħafna.

3.4. Minbarra s-sitwazzjoni bla preċedent ikkawżata mill-pandemija u l-gwerra, l-Ewropa qed tiffaċċja trasformazzjoni strutturali storika, xprunata mill-iżviluppi ġeopolitiċi, it-tibdil demografiku, id-diġitalizzazzjoni u t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u newtrali għall-klima. Dan qed jagħti sura ġdida lis-swieq u qed jaċċellera l-kompetizzjoni fir-rigward tal-fatturi tal-produzzjoni. Is-suċċess fit-trasformazzjoni fl-aħħar mill-aħħar jiddependi minn kemm tiffunzjona tajjeb l-ekonomija ġenerali. Huwa biss billi tkun mexxejja dinjija fl-innovazzjoni u s-sostenibbiltà li l-Ewropa se tkun tista' tikkompeti b'suċċess globalment, u b'hekk twassal għall-prosperità meħtieġa.

3.5. Għandha tiġi nnotata d-distinzjoni bejn il-kompetittività fis-suq intern u dak globali. L-ewwel waħda tinkludi l-kompetizzjoni fuq termini uguali, l-armonizzazzjoni tar-regoli, u t-tneħħija tal-ostakli ⁽⁶⁾. Dik tal-aħħar timplika kundizzjonijiet favorevoli u prodotti u servizzi aħjar u aktar aċċessibbli f'kompetizzjoni ma' kompetituri barra mill-UE. Suq intern li jiffunzjona tajjeb jikkontribwixxi wkoll għal kundizzjonijiet aħjar għall-kompetittività globali.

3.6. Huwa importanti li jinstab bilanċ bejn l-oġġettivi ta' politiki differenti. Madankollu, għandu jkun hemm enfasi akbar fuq il-ħolqien ta' sitwazzjonijiet ta' benefiċċju għal kulħadd, meta jitqies li n-negozji kompetittivi jipprovdu benefiċċji għall-ekonomija u s-soċjetà kollha kemm hi u li ekonomija soda u soċjetà stabbli jsaħħu r-reżiljenza u jikkontribwixxu għal ambjent tan-negozju kompetittiv.

3.7. Huwa ċar ukoll li l-UE jeħtieġ li ssaħħa il-pożizzjoni u l-influenza internazzjonali tagħha fit-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali. Pożizzjoni aktar b'saħħha fl-iżvilupp u l-adozzjoni tat-teknoloġiji diġitali mhijiex biss kwistjoni ta' kompetittività ekonomika iżda tikkonċerna wkoll is-sigurtà u r-rwol ġeopolitiku tal-UE. Hija wkoll prerekwiżit għall-UE biex tkun f'pożizzjoni li tistabbilixxi standards dinjija, pereżempju f'IA affidabbli.

⁽⁴⁾ Achtung Europa, ECIPE 2021.

⁽⁵⁾ Tbassir Ekonomiku tas-Sajf 2022.

⁽⁶⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-kost tan-non-Ewropa — il-benefiċċji tas-suq uniku" (opinjoni esploratorja) (ĠU C 443, 22.11.2022, p. 51).

3.8. Il-ħtieġa għal influwenza globali aktar b'saħħitha tgħodd ukoll għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Dan jeħtieġ kemm influwenza diplomatika konsiderevoli kif ukoll kompetittività b'saħħitha f'termini ta' kosteffettività, innovazzjoni, ħiliet u provvista ta' prodotti, teknoloġiji u soluzzjonijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għas-swieq globali. Żvilupp pożittiv huwa li għadd ta' kumpaniji tal-UE diġà qed jallinjaw l-investimenti mal-oġġettivi ambjentali u soċjali kif jixhed l-użu dejjem jiżdied tal-prodotti ESG fis-swieq finanzjarji globali u Ewropej. L-UE qed tiżviluppa qafas sħiħ għall-finanzi sostenibbli li għandu jipprovdi aktar trasparenza u spazju għall-prodotti ESG, u jkun konformi mas-sostenibbiltà ġenerali.

3.9. Meta titqies l-importanza ta' ekonomija b'saħħitha b'negozji kompetittivi biex jinħolqu l-prosperità u benesseri fl-Ewropa, kif ukoll soluzzjonijiet sostenibbli għall-problemi klimatiċi u ambjentali, huwa essenzjali li n-negozji tal-UE jingħataw ambjent favorevoli għall-innovazzjoni, l-investment u l-kummerċ. Peress li ħafna elementi tal-ambjent tan-negozju huma determinati mill-qafas politiku, regolatorju u fiskali, daww li jfasslu l-politika jeħtieġ li jiżguraw li dan il-qafas jappoġġja l-kompetittività tal-intrapriżi u, konsegwentement, l-ekonomija u s-soċjetà ġenerali.

4. Elementi tal-kontroll tal-kompetittività

4.1. Peress li ma hemm l-ebda definizzjoni unika jew universali tal-kompetittività, il-kontenut tal-kontroll tal-kompetittività jiddependi mill-ambitu u l-perspettiva applikabbli. It-talba tal-Presidenza Ċeka tirreferi b'mod espliċitu għall-kompetittività tan-negozji tal-UE, bl-għan li tinbena ekonomija tal-UE aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti.

4.2. Il-kompetittività tan-negozji tista' tiġi deskritta bħala l-kapaċità tagħhom li jirnexxu fis-suq b'mod profittabbli, li johlq valur għalihom infushom u għas-soċjetà inġenerali. Għal darb' oħra dan jiddependi mid-disponibbiltà tal-fatturi ta' produzzjoni (forza tax-xogħol bil-ħiliet, enerġija u materja prima, kapital, data), l-ispejjeż globali tal-produzzjoni, id-domanda u s-swieq għall-prodotti, u l-kapaċità tal-intrapriżi li jinnovaw u jaħtfu l-opportunitajiet u fl-istess ħin jissaħħaħ il-mudell tal-UE tal-ekonomija soċjali tas-suq.

4.3. L-ekonomija soċjali tas-suq unika tal-UE, flimkien ma' governanza makroekonomika soda, riċerka u innovazzjoni, dialogu soċjali, involviment tas-soċjetà ċivili, kif ukoll edukazzjoni komprensiva, forza tax-xogħol motivata b'impjiegi stabbli, sistemi tas-saħħa u soċjali, settur tal-ekonomija soċjali li jirnexxi u investituri sostenibbli, jikkostitwixxu assi essenzjali li wieħed jista' jibni fuqhom fil-ħidma għal kompetittività aħjar. Minħabba l-isfidi attwali u previsti għall-futur, il-KESE jappella għal kontroll tal-kompetittività biex jiġu appoġġjati l-intrapriżi, il-ħolqien tal-impjiegi u kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, it-tkabbir ekonomiku sostenibbli u l-koeżjoni soċjali.

4.4. Il-KESE jqis il-kontroll tal-kompetittività bħala approċċ biex jiġi żgurat li l-aspetti tal-kompetittività jitqiesu kif suppost fit-teħid tad-deċizzjonijiet. Dan jirrikjedi fehim ta' kif l-inizjattivi se jaffettwaw il-kompetittività kif ukoll mod ta' ħsieb sensitiv għall-kompetittività fit-teħid tad-deċizzjonijiet. Il-kontroll tal-kompetittività għalhekk jikkonsisti f'żewġ livelli:

- livell ta' valutazzjoni tal-impatt (livell "tekniku"), jiġifieri dwar il-valutazzjoni ta' diversi modi kif l-inizjattivi ta' politika u regolatorji jaffettwaw il-kompetittività;
- livell ta' teħid ta' deċizzjonijiet (livell politiku), jiġifieri dwar l-għoti tal-attenzjoni dovuta lill-kompetittività u l-għoti tal-importanza mistħoqqa fit-tfassil ta' inizjattivi ġodda, fuq il-bażi tal-mudell tal-UE tal-ekonomija soċjali tas-suq.

4.5. Il-KESE jemmen li huwa importanti li l-kontroll tal-kompetittività jkun komprensiv kemm jista' jkun meta jitqiesu l-impatti fuq in-negozji u l-ktajjen tal-provvista, l-impjeg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, kif ukoll l-impatti makroekonomiċi konsegwenti tagħhom. Verifika robusta tal-kompetittività għall-inizjattivi ġodda kollha għandha sservi bħala miżura ta' kontroll biex jiġi żgurat li l-proposti jappoġġjaw aktar kompetittività, aktar impjiegi u tkabbir sostenibbli.

5. Il-valutazzjoni tal-impatt bħala l-pedament tal-kontroll tal-kompetittività

5.1. Il-kontroll tal-kompetittività għandu jkun ibbażat fuq informazzjoni solida dwar l-impatti ta' inizjattivi ta' politika u regolatorji f'diversi livelli, inklużi l-ispejjeż ta' konformità, il-faċilità ta' aċċess għas-swieq u effetti diretti oħra fuq in-negozji. Ta' importanza partikolari huma l-impatti multiplikaturi fil-ktajjen tal-valur, bħall-impatti fuq id-disponibbiltà tal-enerġija u tal-materja prima. Il-kontroll tal-kompetittività għandu jkopri wkoll l-impatti konsegwenti fuq l-impjiegi, l-investiment, l-innovazzjoni, il-produttività, l-aspetti ta' litigazzjoni, il-funzjonament tas-suq uniku, il-kummerċ barrani, u l-mudell soċjali Ewropew u t-tkabbir sostenibbli b'mod ġenerali.

5.2. Il-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar attwali u s-Sett ta' Għodod stabbiliti fil-kuntest tal-aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni Ewropea diġà jirrikjedu li l-inizjattivi li huma mistennija li jkollhom impatti ekonomiċi, soċjali jew ambjentali sinifikanti jkunu akkumpanjati minn valutazzjonijiet tal-impatt. Ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt irid jinkludi deskrizzjoni tal-impatti ambjentali, soċjali u ekonomiċi, inklużi l-impatti fuq l-SMEs u l-kompetittività. Il-KESE jappella għal rappurtar komprensiv dwar l-impatti tal-kompetittività fuq id-diversità wiesgħa tan-negozji f'termini ta' settur, daqs u mudell tan-negozju, inklużi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali.

5.3. Il-KESE japprezza l-kontenut tas-sett ta' għodod attwali u jinnota li f'dokument ta' hídma tal-OECD, l-għodda tal-kompetittività tal-Kummissjoni Ewropea ssemmiet bħala l-aktar dokument komprensiv eżistenti għall-valutazzjoni tal-impatti regolatorji fuq il-kompetittività⁽⁷⁾ Madankollu, hemm ukoll hteġa ċara għal titjib, speċjalment fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-infurzar tal-għodod.

5.4. Skont il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju, l-analiżi tal-impatt spiss ma ġietx żviluppata biżżejjed, b'ċerti impatti sinifikanti li ma ġewx iġvalutati biżżejjed. Kif deskritt fir-Rapport Annwali tiegħu tal-2021⁽⁸⁾, il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju spiss talab għal aktar analiżi tal-impatti fuq il-konsumaturi, il-kompetittività, l-innovazzjoni, l-Istati Membri u l-SMEs. Ta' spiss talab ukoll għal aktar kwantifikazzjoni, b'mod partikolari tal-ispejjeż u l-iffrankar amministrattivi. Fir-rapport Annwali tiegħu tal-2020⁽⁹⁾, il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ta' spiss irrefera għal nuqqas ta' analiżi tal-kompetittività (ħafna drabi relatata ma' analiżi insuffiċjenti tal-ispejjeż), l-impatti fuq l-SMEs u l-impatti fuq is-soċjetà.

5.5. Għalhekk, il-KESE jenfasizza l-hteġa li l-valutazzjonijiet tal-impatt jiffukaw aktar fuq il-kompetittività biex jiġi żgurat li jkunu b'bilanċjati kif xieraq. Il-Kumitat jaħseb ukoll li huwa importanti li d-diversi partijiet tas-sett ta' għodod relatati mal-kompetittività, inklużi dawk li jirrigwardaw il-kompetittività settorjali, l-SMEs, l-innovazzjoni, il-kompetizzjoni, is-suq intern, il-kummerċ u l-investiment, jiġu kkunsidrati b'mod integrat.

5.6. Il-kontroll tal-kompetittività jeħtieġ li jqis id-diversità wiesgħa ta' negozji li jistgħu jiġu affettwati b'modi għal kollox differenti. Għalhekk, il-KESE jappella għal valutazzjoni adatta tal-impatti fuq diversi setturi u ekosistemi tan-negozju, fuq intrapriżi ta' daqsijiet differenti (inklużi l-MSMEs), fuq intrapriżi li joperaw f'partijiet differenti tal-ktajjen tal-valur u fi swieq u postijiet ġeografiċi differenti, u fuq intrapriżi b'mudelli ta' negozju differenti, inklużi korporazzjonijiet, kooperattivi u intrapriżi tal-ekonomija soċjali.

5.7. Il-KESE jitlob li tingħata attenzjoni speċifika lill-kompetittività internazzjonali tan-negozji tal-UE, li hija partikolarment importanti mill-perspettiva tal-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE u l-oportunitajiet ta' esportazzjoni.

5.8. Il-KESE jenfasizza li l-valutazzjoni tal-impatti tal-kompetittività m'għandhiex tkun limitata għall-impatti ta' xi inizjattiva partikolari b'mod iżolat iżda għandha tqis ukoll il-piż kumulattiv, speċjalment l-ispejjeż ta' konformità, tal-leġiżlazzjoni jew miżuri oħra li jaffettwaw l-istess atturi. Barra minn hekk, il-valutazzjoni għandha tkopri kemm l-impatti fuq terminu qasir kif ukoll dawk fit-tul, inkluż f'diversi xenarji ta' prospettiva. Biex tinstab l-aħjar opzjoni ta' politika, jeħtieġ ukoll li jiġi vvalutat l-impatt tal-kompetittività ta' opzjonijiet alternattivi u li dawn jiġu spjegati b'mod komprensiv. Huwa importanti wkoll li l-valutazzjoni tal-impatt fuq il-kompetittività tiffoka aktar fuq data kwantitattiva u telabora dwarha.

⁽⁷⁾ *How do laws and regulations affect competitiveness* (Kif il-liġijiet u r-regolamenti jaffettwaw il-kompetittività [mhux disponibbli bil-Malti]), OECD 2021.

⁽⁸⁾ Bord tal-Iskrutinju Regolatorju, Rapport Annwali, 2021.

⁽⁹⁾ Bord tal-Iskrutinju Regolatorju, Rapport Annwali, 2020.

5.9. Il-KESE jappella għal valutazzjoni u evidenza robusti kemm tal-impatti pożittivi kif ukoll ta' dawk negattivi fuq il-kompetittività. L-għan m'għandux ikun biss li jiġi evitat it-telf fil-kompetittività, iżda wkoll li jsir sforz għal għan aktar ambizzjuż li tittejjeb il-kompetittività ġenerali tal-ekonomija soċjali tas-suq Ewropea biex tiffavorixxi tkabbir robust, sostenibbli u inklużiv.

5.10. Il-KESE jemmen ukoll li huwa importanti li ssir analiżi minn perspettiva komprensiva tal-kompetittività fir-rigward tas-sostenibbiltà. Is-sostenibbiltà ambjentali hija marbuta mal-kompetittività tan-negozju, mhux biss bħala fattur tal-kostijiet iżda minħabba li diversi atturi tas-suq, inklużi l-klijenti, l-investituri u l-finanzjaturi jistennu prestazzjoni ambjentali tajba. L-istess japplika għas-sostenibbiltà soċjali, inkluż ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tax-xogħol. F'dan il-proċess, diversi aspetti jeħtieġ li jiġu rikonċiljati, inklużi l-avvanzi teknoloġiċi, l-ispejjeż u l-aċċettazzjoni tas-soċjetà, fost l-oħrajn.

5.11. Peress li l-valutazzjoni tal-impatti fuq il-kompetittività hija l-bażi fattwali għall-kontroll tal-kompetittività, il-KESE jqis li huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-valutazzjoni tal-impatt tal-kompetittività tkun obbligatorja, effettiva u implimentata u infurzata bis-sħiħ. Għandha tiġi aġġornata wkoll matul il-proċess tat-tfassil tal-liġijiet f'każ li jsiru bidliet sostanzjali. Fl-istess ħin, il-KESE jenfasizza li biex jitwettqu l-valutazzjonijiet huma meħtieġa riżorsi adegwati u l-ħiliet it-tajba. Il-KESE jirrakkomanda wkoll valutazzjoni komparattiva regolari tal-prattiki tal-pajjiżi kompetituri.

5.12. Il-kontroll tal-kompetittività għandu wkoll jagħmel użu sħiħ minn għodod eżistenti oħra bħall-kontrolli tal-idoneità, il-programm REFIT u l-pjattaforma Fit for Future. Dawn huma ta' importanza partikolari għall-valutazzjoni tal-impatti kumulattivi ta' diversi inizjattivi.

6. Kontroll tal-kompetittività bħala parti mit-teħid ta' deċiżjonijiet

6.1. Il-KESE jqis li l-kontroll tal-kompetittività għandu jkun parti ewlenija mit-teħid ta' deċiżjonijiet ibbilanċjat u għandu jiġi applikat fil-kuntest ta' kwalunkwe tip ta' politika jew proċess tat-tfassil tal-liġijiet tal-UE, filwaqt li jkopri wkoll l-istrateġiji u l-programmi tal-UE, id-dispożizzjonijiet baġitarji u fiskali, il-leġislazzjoni sekondarja, u l-ftehimiet internazzjonali. Barra minn hekk, għandu jiġi applikat għall-proċess tas-Semestru Ewropew, peress li l-politiki tal-Istati Membri huma kruċjali f'dan ir-rigward.

6.2. Filwaqt li l-fokus ewlieni tal-kontroll tal-kompetittività huwa fuq inizjattivi b'objettivi primarji minbarra kompetittività mtejbja, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex tħejji wkoll aġenda speċifika tal-kompetittività, bl-għan fit-tul li tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE.

6.3. L-aġenda tal-kompetittività għandha tiffoka fuq il-perspettiva fit-tul u tagħti attenzjoni lil kwistjonijiet bażiċi bħal: l-iżvilupp tas-suq uniku u t-tnaqqis tal-ostakli tas-suq; it-tisħiħ tal-investment u l-aċċess għall-finanzi u l-finanzjament, inkluż l-investment b'perspettiva tal-ġeneru; l-iffaċilitar tal-kummerċ barrani u l-kooperazzjoni esterna; il-promozzjoni tal-innovazzjoni, it-talent ta' livell għoli u l-eċċellenza fir-riċerka; it-tisħiħ tal-ħiliet permezz tal-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali u t-tagħlim tul il-ħajja; ħidma biex is-swieq tax-xogħol isiru aktar inklużivi u biex il-kundizzjonijiet tax-xogħol jittejjbu; ħidma biex jiġi ffaċilitat l-proċeduri tal-permessi, biex jitnaqqsu l-burokrazija u l-ispejjeż tal-konformità u biex is-sistemi tat-taxxa jsiru aktar inkoraġġanti. Għandha wkoll tawtonomizza lill-mudelli ta' negozju li jallinjaw il-kompetittività mal-objettivi soċjali u ambjentali kif jiġri għall-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet li jadottaw kriterji ESG għall-investimenti tagħhom.

6.4. It-tisħiħ tal-MSMEs u t-tisħiħ tat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali għandhom ikunu partijiet essenzjali tal-aġenda wkoll. Barra minn hekk, għandha tingħata l-attenzjoni dovuta lill-kapaċitajiet tal-Istati Membri, id-differenzi u l-kooperazzjoni meħtieġa bejn l-Istati Membri, kif ukoll lill-eżegwibbiltà tal-inizjattivi u l-monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni u r-riżultati tal-aġenda. Il-KESE jenfasizza wkoll ir-rwol ewlieni tad-dialogu soċjali kif deskritt fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

6.5. Fir-rigward tal-miżuri fuq terminu qasir, il-KESE japprezza l-adattament rapidu tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE għall-pandemija tal-COVID-19 u għall-gwerra fl-Ukrajna u l-implikazzjonijiet ekonomiċi tagħhom⁽¹⁰⁾. Il-flessibbiltà fl-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, għalkemm ta' natura eċċezzjonali u temporanja, kienet kruċjali biex tippermetti s-sopravivenza tal-kumpaniji tal-UE fi żminijiet diffiċli ħafna, biex b'hekk tiġi ppreservata l-kompetittività miksuba mill-kumpaniji Ewropej permezz tal-innovazzjoni u l-produttività.

6.6. Kompetizzjoni soda u ġusta kemm internament kif ukoll fir-rigward ta' kompetituri barranin hija wkoll tal-akbar importanza. Il-Kumitat japprezza l-ħidma li għaddejja bl-għan li r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għas-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali ta' interess ekonomiku ġenerali (SIEĠ) isiru aktar effiċjenti, sabiex in-nies fil-livell lokali jingħataw kwalità u aċċessibbiltà aħjar għal dawn is-servizzi⁽¹¹⁾.

6.7. Il-KESE jilqa' wkoll b'mod ġenerali l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar Regolament dwar sussidji barranin li joħlqu distorsjoni fis-suq intern, peress li għandha l-għan li tevita distorsjonijiet li jħallu impatt fuq il-funzjonament tas-suq uniku, u b'hekk tiżgura kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni fir-rigward tal-kompetituri barranin⁽¹²⁾.

6.8. L-aġenda tal-kompetittività tkun il-pass li jmiss biex twieġeb għall-oġettiv bażiku tat-talba mill-Presidenza Ċeka, jiġifieri li tinbena ekonomija tal-UE aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti. Konsegwentement, din se tikkontribwixxi għall-benesseri taċ-ċittadini tal-UE kif ukoll għall-kisba ta' ekonomija ċirkolari u newtrali għall-klima. Peress li l-kompetittività hija kwistjoni li tikkonċerna lil kulħadd, ir-rappreżentanti tal-imsieħba soċjali u atturi oħra tas-soċjetà ċivili jeħtieġ li jkunu involuti mill-qrib fit-tħejija tal-aġenda.

Brussell, 1-14 ta' Diċembru 2022.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽¹⁰⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Politika ta' kompetizzjoni lesta għal sfidi ġodda" (COM(2021) 713 final) (ĠU C 323, 26.8.2022, p. 34).

⁽¹¹⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Ir-Regoli dwar l-għajnuna mill-Istat applikabbli għas-servizzi tas-saħħa u s-servizzi soċjali: is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali f'xenarju postpandemiku. Ħsibijiet u proposti dwar l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni biex jiġi emendat il-Pakkett Leġiżlattiv tal-2012" (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 323, 26.8.2022, p. 8).

⁽¹²⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sussidji barranin li joħlqu distorsjoni fis-suq intern" (COM(2021) 223 final — 2021/0114 (COD)) (ĠU C 105, 4.3.2022, p. 87).

III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-574 SESSJONI PLENARJA TAL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, 14.12.2022–
15.12.2022**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Ir-Rapport tal-2021 dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni”**

(COM(2022) 337 final)

(2023/C 100/12)

Relatur: **Philip VON BROCKDORFF**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 27.10.2022
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adozzjoni fis-sezzjoni	10.11.2022
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	51/0/3
Adozzjoni fil-plenarja	14.12.2022
Sessjoni plenarja Nru	574
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	206/0/2

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jappella għal djalogu kontinwu mal-Kummissjoni dwar l-azzjoni ulterjuri meħtieġa biex jissaħħa l-operat tas-suq uniku.

1.2. Il-KESE jħeġġeġ lid-DĠ Kompetizzjoni jimmonitorja kontinwament l-iskemi approvati mill-Kummissjoni nnifisha u mnedija mill-Istati Membri b'reazzjoni għall-COVID-19 u għall-gwerra fl-Ukrajna, sabiex jiġi evitat li l-fondi jiġu ddevjati lejn kumpaniji li mhumx ekonomikament vijabbli.

1.3. Madankollu, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tuża l-flessibbiltà massima permessa mir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jdaħħlu fis-seħħ skemi li jipprovdu għajnuna effettiva lill-kumpaniji affettwati mill-gwerra fl-Ukrajna.

1.4. Il-KESE jilqa' l-linji gwida l-ġodda tal-Kummissjoni dwar ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fl-oqsma tal-klima, tal-ħarsien tal-ambjent u tal-enerġija, u jqishom bħala pass fid-direzzjoni t-tajba.

1.5. Il-KESE jappoġġja investigazzjonijiet dwar prattiki mhux kompetittivi minn ġganti tat-teknoloġija; dan huwa konformi mal-pożizzjoni adottata mill-KESE dwar l-Att dwar is-Swieq Diġitali.

1.6. Il-KESE jappella għal kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-awtoritajiet nazzjonali fi ħdan in-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni sabiex tiġi infurzata aktar il-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE kontra kumpaniji li jinvolvu ruħhom fi Prattiki kummerċjali transfruntiera li jirrestrinġu l-kompetizzjoni u huma ta' ħsara għall-konsumaturi.

1.7. Il-KESE jappella għal kompetizzjoni b'termini uguali fis-settur kollu tal-avjazzjoni. Madankollu, iwissi kontra l-iżvilupp ta' suq tal-avjazzjoni li maż-żmien jista' jispiċċa ddominat minn għadd żgħir ta' linji tal-ajru.

1.8. Il-KESE jappoġġja l-Proposta għal Regolament tal-Kummissjoni dwar sussidji barranin li joħlqu distorsjoni fis-suq mogħtija lil ditti mhux tal-UE li joperaw fl-UE, iżda jistieden lill-Kummissjoni tiffoka wkoll l-attenzjoni tagħha fuq sussidji li joħlqu distorsjoni fis-suq u Prattiki antikompetittivi oħra kemm minn kumpaniji mmexxja mill-Istat kif ukoll minn kumpaniji privati barra mill-UE.

1.9. Il-KESE jwissi kontra ftehimiet antikompetittivi possibbli jew abbużi ta' pożizzjoni dominanti fl-industrija tal-ipermerkati u tal-ħwienet tal-merċa, li għandhom impatt fuq il-konsumaturi permezz ta' prezzijiet ogħla, u l-produtturi permezz ta' prezzijiet tal-provvista aktar baxxi.

1.10. Il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni dwar Strument ġdid għall-Emerġenzi fis-Suq Uniku, li jikkomplementa miżuri leġislattivi oħra tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet.

1.11. Il-KESE jappella għal aktar passi biex jissaħħu l-kompetizzjoni u s-suq uniku fi żmien meta l-ekonomija qed ikompli jiffaċċjaw sfidi kkawżati minn prezzijiet għoljin tal-enerġija, restrizzjonijiet min-naħa tal-provvista u inċertezza ekonomika.

1.12. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li l-aġenda tal-UE għal ekonomija ekoloġika u diġitali bbażata fuq il-pedamenti ta' ekonomija soċjali tas-suq m'għandhiex tinbidel minħabba l-gwerra fl-Ukraina.

1.13. Fl-aħħar nett, il-KESE jirrakkomanda l-applikazzjoni tal-ġajnuna mill-Istat skont il-leġislazzjoni tal-UE biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-gwerra fl-Ukraina, u li tingħata attenzjoni speċjali lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-perspettiva usa' tal-ġeneru, b'mod partikolari fil-każ tar-refuġjati fl-Istati Membri li huma ġirien tal-Ukraina.

2. Sfond

2.1. Ir-Rapport tal-2021 dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni jippreżenta l-iżviluppi ewlenin tal-politika u l-inizjattivi leġislattivi li ttehdhu s-sena li għaddiet, kif ukoll għażla ta' azzjonijiet ta' infurzar. Fl-2021, il-Kummissjoni wettqet rieżami tar-regolamenti, il-linji gwida u l-avviżi ewlenin tal-kompetizzjoni, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tagħha dwar politika ta' kompetizzjoni lesta għal sfidi ġodda⁽¹⁾, li tfassal ir-rwol tal-politika tal-kompetizzjoni fit-triq tal-Ewropa lejn l-irkupru, fit-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, u għal suq uniku reżiljenti.

2.2. Il-Kummissjoni adottat ukoll proposta għal Regolament ġdid biex jiġu indirizzati d-distorsjonijiet ikkawżati minn sussidji barranin li joħlqu distorsjoni fis-suq mogħtija minn pajjiżi terzi lil kumpaniji attivi fis-suq uniku⁽²⁾, wara l-proposti tal-2020 dwar l-Att dwar is-Swieq Diġitali u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, li t-tnejn għandhom l-għan li jindirizzaw firxa wiesgħa ta' sfidi diġitali⁽³⁾. B'mod partikolari, l-Att dwar is-Swieq Diġitali stabbilixxa obbligi li jaġixxu bħala gwardjani għan-negozji u l-konsumaturi fis-suq uniku.

2.3. Ir-regoli u l-gwida dwar l-antitrust u l-fużjonijiet ġew aġġornati biex jiġu indirizzati l-isfidi. Dan kien jinkludi rieżami tar-regoli dwar il-provvista vertikali u l-kooperazzjoni orizzontali, fejn din tal-aħħar b'mod partikolari kellha l-għan li tagħmilha aktar faċli għad-ditti biex jikkooperaw b'modi li jtejbju l-effiċjenza ekonomika. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ppubblikat ir-riżultati tal-evalwazzjoni tagħha tal-Avviż dwar id-Definizzjoni tas-Swieq, li jipprovdi gwida dwar kif il-kompetizzjoni tiġi infurzata fis-swieq tal-prodotti u daww ġeografiċi.

⁽¹⁾ Politika ta' kompetizzjoni lesta għal sfidi ġodda, COM(2021) 713 final.

⁽²⁾ COM(2021) 223 final.

⁽³⁾ COM(2020) 842 final.

2.4. Il-Kummissjoni aġġornat ukoll ir-regoli u l-gwida dwar l-għajnuna mill-Istat biex tgħin tindirizza ċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu u tappoġġja t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali. Fid-dawl tal-inċertezza ekonomika, il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-suq uniku hija partikolarment rilevanti. Il-Kummissjoni qiegħda tagħmel dan billi timmonitorja l-iżviluppi tas-suq. Il-Qafas Temporanju għall-miżuri ta' għajnuna mill-Istat kien partikolarment f'waqtu u rilevanti biex jipprovidi appoġġ lid-ditti fl-UE. L-iżviluppi kkawżati mill-aggressjoni Russa fl-Ukrajna jeħtieġu aġġustament ulterjuri tal-politika min-naħa tal-Kummissjoni. Sadanittant, il-Kummissjoni introduċiet appoġġ għall-investiment sat-tmiem tal-2022 u appoġġ għas-solvenza sal-31 ta' Diċembru 2023, li jippermetti lill-Istati Membri jiksbu ingranagħ ta' fondi privati u jagħmluhom disponibbli għall-SMEs.

2.5. Daqstant ieħor kien importanti r-rieżami tal-Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien ambjentali u għad-dekarbonizzazzjoni tal-attivitàjiet ekonomiċi. Kien meħtieġ li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida biex ikopru attivitàjiet ekonomiċi ġodda bħall-mobilità nadifa u d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija. Għalhekk, il-linji gwida riveduti jappoġġjaw il-Patt Ekoloġiku Ewropew.

2.6. Barra minn hekk, il-Kummissjoni rrevediet ir-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija Applikabbli għall-Akkordji Vertikali u l-Linji Gwida Vertikali. L-għan huwa li jiġu aġġornati r-regoli preċedenti li ġew meqjusa bħala mhux adattati għall-iskop tagħhom, minħabba żviluppi fis-suq bħat-tkabbir tal-bejgħ online.

2.7. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa ġie estiż ukoll biex jiffaċilita l-programmi ffinanzjati mill-UE. Essenzjalment, dan jgħin biex jiġu ssemplifikati r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat kif applikati għall-finanzjament nazzjonali u b'rabta ma' programmi speċifiċi tal-UE.

2.8. Barra minn hekk, ġew adottati Linji Gwida riveduti dwar l-Ghajjnuna Reġjonali biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jappoġġjaw reġjuni żvantaġġati kif ukoll reġjuni li qed jiffaċċjaw sfidi strutturali.

2.9. Żvilupp importanti kien l-aġġustament tal-Kummissjoni għall-infurzar attwali u futur fir-rigward tal-isfidi kkawżati mit-trasformazzjoni diġitali. L-effiċjenza u l-effettività li bihom il-Kummissjoni tista' tirrispondi għal prattiki antikompetittivi minn entitajiet bħal Apple, Amazon jew Facebook, ġew meqjusa kritiċi.

2.10. Bl-istess mod, il-Kummissjoni wettqet riorganizzazzjoni biex tittratta Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni. Kien rilevanti wkoll il-ħolqien ta' Task Force biex tappoġġja l-implementazzjoni tal-Att dwar is-Swieq Diġitali.

2.11. Biex jissaħħaħ l-operat tas-suq uniku, ġie pprovdut baġit ta' EUR 4,2 biljun għal dak li huwa magħruf bħala l-Programm tas-Suq Uniku, li huwa mmirat għall-infurzar tal-politika tal-UE dwar il-kompetizzjoni.

2.12. L-infurzar effettiv tar-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni u r-riformi regolatorji huma kritiċi għat-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija tal-UE u għal reżiljenza akbar tas-suq uniku fi żminijiet diffiċli ħafna.

2.13. F'dan ir-rigward, ir-rilevanza tal-investigazzjonijiet tal-antitrust u l-prattiki abbużivi minn korporazzjonijiet multinazzjonali kbar hija ta' importanza kbira. Il-kontroll tal-fużjonijiet mill-Kummissjoni jiżgura wkoll li l-konsolidazzjoni sseħħ b'mod li jippermetti l-kompetizzjoni fis-swieq u jindirizza l-pożizzjoni dominanti fis-suq. L-għadd ta' deċiżjonijiet dwar fużjonijiet laħaq l-ammont impressjonanti ta' 396 f'diversi setturi.

2.14. Żvilupp importanti ieħor kien id-direzzjoni pprovduta dwar l-infrastruttura tal-broadband li tissodisfa l-ħtiġijiet għal veloċitajiet diġitali eżiġenti ħafna, kif stabbilit fis-Soċjetà tal-Gigabits tal-UE 2025 u fl-Istrateġija Diġitali, kif ukoll fil-miri msemmija fil-Kumpass Diġitali tal-2030. L-għajnuna mill-Istat tappoġġja l-infrastrutturi tal-broadband madwar l-UE biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet fejn ma hemm l-ebda inċentivi għall-operaturi privati biex jipprovdu kopertura adegwata tal-broadband.

2.15. Bl-istess mod, l-attivitàjiet tal-Kummissjoni kkontribwew għall-oġġettivi ambjentali, speċjalment fir-rigward tad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomiji u l-bidla gradwali iżda kostanti fis-settur tat-trasport minn fuwils fossili għal fuwils alternattivi. L-evitar tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni huwa kritiku biex jiġi sostnut il-Patt Ekoloġiku Ewropew u f'dan ir-rigward ukoll, il-Kummissjoni approvat għadd ta' miżuri ta' għajnuna mill-Istat li għandhom l-għan li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni ekoloġika tal-UE.

2.16. Rilevanti wkoll kien l-infurzar tal-antitrust u l-kontroll tal-fużjonijiet fl-industrija tal-karozzi, li jgħinu biex jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika. Din l-azzjoni tal-Kummissjoni kienet tinvolvi l-impożizzjoni ta' multi li jammontaw għal mijiet ta' miljuni ta' euro.

2.17. Importanti ħafna huwa l-fatt li r-rwol tal-Kummissjoni fit-tmexxija 'l quddiem tal-politika tal-kompetizzjoni huwa relatat ma' kif taħdem il-kompetizzjoni għall-konsumaturi madwar l-UE. Kif jindika għustament ir-rapport, l-ekonomija soċjali tas-suq hija waħda mill-pedamenti tal-UE u l-infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni u l-protezzjoni tal-kompetizzjoni f'kull mument jappoġġjaw l-iżvilupp ulterjuri tal-ekonomija soċjali tas-suq.

2.18. L-istess raġunament japplika għas-servizzi finanzjarji, fejn il-Kummissjoni indirizzat kartelli potenzjali fis-settur tas-servizzi finanzjarji bl-impożizzjoni ta' multi kbar fuq għadd ta' istituzzjonijiet finanzjarji.

2.19. Daqstant importanti kien ir-rispons tal-Kummissjoni għall-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali mill-COVID-19 billi applikat il-flessibbiltà permessa fir-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat permezz tal-Qafas Temporanju għall-miżuri ta' ghajjnuna mill-Istat. Dan ippermetta lill-Istati Membri jipprovdu skemi għan-negozji bħal garanziji ta' self. Il-Kummissjoni approvat għadd ta' skemi li jammontaw għal biljuni ta' euro taħt il-Qafas Temporanju f'għadd ta' setturi milquta mir-restrizzjonijiet li rriżultaw mill-COVID-19, inkluż is-settur tal-avjazzjoni, biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' likwidità u kapital.

2.20. Rwol importanti mwettaq mill-Kummissjoni kien il-gwida u l-appoġġ ipprovduti biex jiġu ffaċilitati l-Pjani għall-Irkupru u r-Reżiljenza ppreżentati mill-Istati Membri. Dan kien meħtieġ biex jiġi żgurat li l-pjani kienu kompatibbli mar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat.

2.20.1. Fl-2021, il-Kummissjoni kompliet tiżgura li l-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiġu applikati b'mod konsistenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni mmonitorjat u assistiet lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jittrasponu d-Direttiva dwar in-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni⁽⁴⁾ fil-liġi nazzjonali. Din id-Direttiva ssaħħaħ il-pożizzjoni tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni madwar l-UE biex jinfurzaw ir-regoli tal-kompetizzjoni b'mod aktar effettiv u biex jiżguraw it-tħaddim kif imiss tas-suq uniku.

2.21. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni baqgħet attiva fil-Kumitat tal-Kompetizzjoni tal-OECD, fin-Network Internazzjonali dwar il-Kompetizzjoni u fil-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE jinnota l-ħidma kostruttiva li wettqet il-Kummissjoni biex tkompli ssaħħaħ is-suq uniku billi tinforza r-regoli tal-kompetizzjoni u tiproteġi l-kompetizzjoni madwar l-UE.

3.2. Il-KESE jinnota wkoll l-effiċjenza fir-rispons tal-Kummissjoni biex ittaffi l-impatt tar-restrizzjonijiet li rriżultaw mill-COVID-19 billi adottat Qafas Temporanju għall-miżuri ta' ghajjnuna mill-Istat biex tippermetti l-appoġġ meħtieġ mill-Istati Membri lin-negozji, u fl-istess ħin tinżamm l-integrità tas-suq uniku.

3.3. L-istess livell ta' effiċjenza ġie applikat b'reazzjoni għall-kriżi li żviluppata wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Il-KESE huwa tal-fehma li l-adozzjoni rapida tal-Qafas Temporanju ta' Ghajjnuna mill-Istat għall-kriżijiet kienet daqstant kritika daqs l-azzjoni meħuda fir-rigward tar-restrizzjonijiet li rriżultaw mill-COVID-19. Għalhekk, il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni tapplika l-flessibbiltà kollha permessa skont ir-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat meta l-Istati Membri jiffaċċjaw xokkijiet ekonomiċi.

3.4. Il-KESE jinnota wkoll il-ħidma mwettqa mill-Kummissjoni fir-rieżami tagħha tar-regolamenti, il-linji gwida u l-avviżi ewlenin biex jiġi żgurat li dawn jibqgħu adattati għall-iskop tagħhom, speċjalment fir-reviżjoni tar-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija Applikabbli għall-Akkordji Vertikali u tal-Linji Gwida Vertikali.

3.5. Il-KESE jqis l-adozzjoni ta' Regolament li jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa u l-pubblikazzjoni ta' Linji Gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien ambjentali u għall-enerġija bħala passi importanti b'appoġġ għall-oġettivi ewlenin tal-politika tal-UE. L-adozzjoni ta' Komunikazzjoni riveduta għal Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) hija meqjusa rilevanti wkoll.

⁽⁴⁾ Id-Direttiva (UE) 2019/1 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 sabiex l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri jingħataw setgħat biex ikunu inforzaturi aktar effettivi, u biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern (ĠU L 11, 14.1.2019, p. 3).

3.6. Il-KESE jinnota l-isforzi li saru fil-mixja lejn l-adozzjoni tal-Att dwar is-Swieq Diġitali. Il-KESE jqis li din il-leġiżlazzjoni hija pass enormi lejn l-infurzar tal-kompetizzjoni u l-protezzjoni tal-konsumaturi fl-użu tas-servizzi diġitali.

3.7. Il-KESE jinnota wkoll li l-proposta għal Regolament dwar is-sussidji barranin li jgħolqu distorsjoni fis-suq intern tinsab fil-proċess li tiġi adottata. F'għadd ta' Opinjonijiet tiegħu, il-KESE saħaq kontra l-għoti ta' sussidji barranin li jgħolqu distorsjoni fis-suq lil ditti attivi fl-UE; ir-Regolament propost għandu jagħti setgħat ġodda lill-Kummissjoni biex tinvestiga dawn is-sussidji barranin u tiegħu miżuri ta' rimedju kull meta jkun meħtieġ. Il-KESE jemmen li dan huwa kompatibbli mal-prinċipju ta' kompetizzjoni għusta fuq termini ugwali.

3.8. Il-KESE jieħu nota tal-azzjoni tal-antitrust kif ukoll tal-azzjoni meħuda dwar il-kontroll tal-fużjonijiet. Tali azzjoni hija meħtieġa biex tippreserva l-integrità tas-suq uniku u ttiproteġi liċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari kontra deċiżjonijiet meħuda mill-ġganti tat-teknoloġija.

3.9. L-approvazzjoni tal-Kummissjoni ta' għadd ta' miżuri ta' għajnuna mill-Istat b'appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika tal-UE, inklużi miżuri li jappoġġjaw l-enerġija rinnovabbli u l-mobilità nadifa, twitti t-triq għal aktar azzjoni pożittiva fil-futur.

4. Rakkomandazzjonijiet speċifiċi

4.1. Il-KESE jappella għal djalogu kontinwu mal-Kummissjoni dwar l-azzjoni ulterjuri meħtieġa biex jissaħħaħ l-operat tas-suq uniku. F'dan ir-rigward, il-KESE jenfasizza l-Opinjoni reċenti tiegħu li tidentifika n-nuqqasijiet fis-suq uniku tal-UE.

4.2. Filwaqt li l-KESE faħħar il-ħeffa li biha l-Kummissjoni wieġbet għar-restrizzjonijiet li rriżultaw mill-COVID-19 u, aktar reċentement, għall-effetti ekonomiċi kkawżati mill-gwerra fl-Ukrajna, huwa jappella għal monitoraġġ kontinwu tal-iskemi approvati mill-Kummissjoni nnifisha u mnedija mill-Istati Membri b'reazzjoni għall-COVID-19 u l-gwerra fl-Ukrajna, sabiex jiġi evitat li l-fondi jiġu ddevjati lejn kumpaniji li mhumx ekonomikament vijabbli. Il-livell ta' appoġġ meħtieġ, kif ukoll il-persjonijiet li qegħdin jiffaċċjaw il-gvernijiet madwar l-UE biex jipprovdu għajnuna mill-Istat, huwa straordinarju, u jista' jirriżulta f'sitwazzjonijiet bħal dawn.

4.3. Madankollu, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex tuża l-flessibbiltà massima permessa fir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jippromulgaw skemi li jipprovdu għajnuna effettiva lid-ditti u lill-komunitajiet milquta mill-gwerra fl-Ukrajna. Fl-istess ħin, il-KESE jenfasizza li għajnuna bħal din għandha tkun permessa b'distorsjonijiet minimi għall-kompetizzjoni.

4.4. Il-KESE jenfasizza l-isforzi li saru biex tiġi appoġġjata l-aġenda ekoloġika tal-UE permezz tal-politika tal-kompetizzjoni. Dan huwa essenzjali, u l-linji gwida l-ġodda tal-Kummissjoni dwar ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija huma pass fid-direzzjoni t-tajba. Peress li t-tliet setturi huma interrelati, il-KESE jemmen li l-linji gwida l-ġodda jipprovdu bażi solida għal appoġġ effettiv għall-Patt Ekoloġiku Ewropew.

4.5. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-investigazzjonijiet li wettqet il-Kummissjoni dwar għadd ta' ġganti tat-teknoloġija għal prattiki mhux kompetittivi u jappoġġja bis-sħiħ tali investigazzjonijiet, peress li huma konformi mal-pożizzjoni adottata mill-KESE dwar l-Att dwar is-Swieq Diġitali, speċjalment ir-rilevanza tagħha biex tippermetti l-kompetizzjoni fis-servizzi diġitali u biex ttiproteġi liċ-ċittadini tal-UE minn prattiki abbużivi minn ġganti tat-teknoloġija. Dan juri li l-Kummissjoni issa għandha aktar influwenza fir-rigward tal-għan tagħha li timxi lejn suq diġitali aktar regolat.

4.6. Il-KESE jappella għal kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-awtoritajiet nazzjonali fi ħdan in-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni biex tiġi infurzata aktar il-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE kontra kumpaniji li jinvolvu ruħhom fi prattiki kummerċjali transfruntiera li jirrestrinġu l-kompetizzjoni u huma ta' ħsara għall-konsumaturi. Il-KESE jqis li l-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet hija essenzjali.

4.7. Il-KESE jinnota l-importanza tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tas-settur tal-avjazzjoni, b'mod partikolari matul il-pandemija, u jappella għal kompetizzjoni b'termini ugwali fis-settur kollu. Madankollu, iwissi kontra l-iżvilupp ta' settur u suq tal-avjazzjoni li maż-żmien jistgħu jispiċċaw iddominati minn għadd żgħir ta' linji tal-ajru.

4.8. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-Proposta għal Regolament tal-Kummissjoni dwar sussidji barranin li jholqu distorsjoni fis-suq mogħtija lil ditti mhux tal-UE li joperaw fl-UE. Dan għandu effetti ovvjati ta' distorsjoni fuq il-kompetizzjoni, u d-ditti barranin jistgħu jkunu qed jibbenefikaw ukoll minn vantaġġi tat-taxxa, u dan jholq aktar distorsjonijiet kompetittivi. Il-KESE jistieden ukoll lill-Kummissjoni tiegħu azzjoni adatta dwar sussidji li jholqu distorsjoni fis-suq u prattiki antikompetittivi oħra minn kumpaniji (immexxija mill-Istat jew privati) barra mill-UE. Dan jgħin ukoll biex jintlaħqu l-għanijiet tal-istrateġija industrijali Ewropea.

4.9. Il-KESE jinnota li l-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni qed jimmonitorjaw is-sitwazzjoni tal-ktajjen tal-provvista tal-ikel fl-Ewropa. Il-KESE jwissi kontra l-possibbiltà ta' ftehimiet antikompetittivi jew abbużi minn pożizzjoni dominanti li jħallu impatt fuq il-konsumaturi permezz ta' prezzijiet ogħla. Il-KESE jwissi wkoll kontra l-industrija tal-ipermerkati u tal-ħwienet tal-merċa li tassumi rwol dominanti fis-suq tal-ikel għad-detriment tal-konsumaturi f'termini ta' prezzijiet ogħla u għad-detriment tal-produtturi f'termini ta' prezzijiet tal-provvista aktar baxxi. Il-KESE huwa konxju li huwa fidejn l-Istati Membri li jiżguraw l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar prattiki kummerċjali inġusti sabiex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet fejn ikun hemm żbilanċi fir-relazzjonijiet kummerċjali individwali⁽⁹⁾. Għallhekk, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tissorvelja kontinwament l-effettività tal-analiżi tas-suq u l-azzjoni li qed tittieħed mill-awtoritajiet nazzjonali.

4.10. Il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni dwar l-Istrument ġdid għall-Emerġenzi fis-Suq Uniku, li jikkomplementa miżuri leġislattivi oħra tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet bħall-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, kif ukoll ir-regoli tal-UE għal setturi, ktajjen tal-provvista u prodotti speċifiċi bħas-saħħa, is-semikondutturi u s-sigurtà tal-ikel, li diġà jipprevedu miżuri mmirati ta' rispons għall-kriżijiet. Il-KESE huwa tal-fehma li dan jipprovdi qafas ta' ġestjoni tal-kriżijiet ibbilanċjat tajjeb biex jiġi identifikat it-theddid differenti għas-Suq Uniku u jiġi żgurat it-tħaddim bla xkiel tiegħu billi: tinholq arkitettura ta' governanza fil-kriżijiet; jiġu proposti miżuri ġodda biex ipattu għall-impatti negattivi fuq is-Suq Uniku; u jitħallew jittieħdu miżuri tal-aħħar istanza f'każ ta' emerġenza.

4.11. Il-KESE jappella għal aktar passi biex jissaħħu l-kompetizzjoni u s-suq uniku fi żmien meta l-ekonomija qed ikomplu jiffaċċjaw sfidi kkawżati minn prezzijiet għoljin tal-enerġija, restrizzjonijiet min-naħa tal-provvista u inċertezza ekonomika.

4.12. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li l-aġenda tal-UE għal ekonomija ekoloġika u diġitali bbażata fuq il-pedamenti ta' ekonomija soċjali tas-suq m'għandhiex tixxekkel minħabba l-kriżi li qed tiżvolġi fl-Ukrajna. Is-swieq bi prezzijiet kompetittivi u ġusti għaċ-ċittadini tal-UE għandhom jibqgħu l-oġettiv tal-UE, permezz ta' azzjoni mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet nazzjonali madwar l-UE. F'dan ir-rigward, huwa pertinenti li ssir referenza għall-proposta reċenti tal-Kummissjoni dwar l-akkwist konġunt tal-gass naturali bħala soluzzjoni temporanja iżda effettiva biex jiġu stabbilizzati l-prezzijiet tal-enerġija.

4.13. L-aħħar punt jirreferi għall-applikazzjoni tal-għajnuna mill-Istat, skont ir-regoli tal-UE, biex jiġu appoġġjati miżuri li jindirizzaw il-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-gwerra fl-Ukrajna, inkluża l-kriżi tar-refuġjati li taffettwa lill-Istati Membri li jmissu mal-Ukrajna, u l-ħtieġa li tingħata attenzjoni partikolari lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-perspettiva usa' tal-ġeneru.

Brussell, 1-14 ta' Diċembru 2022.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽⁹⁾ Id-Direttiva ġiet emendata bid- Direttiva (UE) 2019/2161 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttivi 98/6/KE, 2005/29/KE u 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar aħjar u mmodernizzar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur (ĠU L 328, 18.12.2019, p. 7).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni ġdida”

(COM(2022) 332 final)

(2023/C 100/13)

Relatur: **Maurizio MENSI**

Korelatur: **Christophe LEFÈVRE**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 27.10.2022
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	10.11.2022
Adozzjoni fil-plenarja	14.12.2022
Sessjoni plenarja Nru	574
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	177/0/0

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa' l-Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni proposta mill-Kummissjoni, u jikkondividi b'mod partikolari l-oġettiv doppju tal-promozzjoni tal-kompetittività tal-Ewropa flimkien mas-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini tagħha.

1.2. Il-KESE jilqa' wkoll l-enfasi tal-Kummissjoni fuq il-ħtieġa li jimtlew il-lakuni eżistenti fil-qasam ta' scale-ups (negozzji li qed jespandu) u ta' deep tech fl-UE meta mqabbla ma' pajjiżi terzi fejn il-kumpaniji tat-teknoloġija fi stadju ta' tkabbir huma l-aktar prevalenti. Il-KESE jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tagħmel enfasi akbar fuq ir-rwol tan-negozzji, tal-SMEs u ta' start ups, b'mod partikolari, u tan-networks ta' innovazzjoni li jixprunaw il-ksiba tat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali.

1.3. Il-KESE japprezza l-arkitettura tal-proposta, li hija strutturata madwar ħames inizjattivi ewlenin. Jeħtieġ ukoll li jiġu pprovduti għodod għall-verifika u l-monitoraġġ tar-riżultati miksuba.

1.4. Il-KESE jilqa' l-proposta li jitwaqqaf Grupp Konsultattiv dwar ir-Regolamenti li jirrispettaw l-Innovazzjoni fil-qasam tas-servizzi pubbliċi u jipproponi li rappreżentant tal-KESE jkun membru sħiħ tal-grupp.

1.5. Il-KESE jissottolinja l-importanza li jiġu ffinanzjati l-infrastrutturi ta' esperimentazzjoni u ttestjar biex jgħinu lill-istart-ups u jnaqqsu d-distakk bejn il-laboratorji u l-applikazzjonijiet kummerċjali. F'dan ir-rigward, jilqa' l-introduzzjoni tal-kunċett il-ġdid ta' “faċilitajiet tal-ittestjar u l-esperimentazzjoni” fl-abbozz ta' reviżjoni tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER) dwar l-ġhajjnuna mill-Istat.

1.6. Il-KESE jilqa' wkoll l-inizjattiva tal-akkwist pubbliku. F'dan il-kuntest, il-KESE jissuġġerixxi li tiġi prevista l-parteċipazzjoni ta' mill-inqas start-up waħda fost l-offerti fl-akkwist innovattiv.

1.7. Il-KESE jissottolinja l-importanza li jkun hemm reġim robust tal-proprietà intellettuali li japplika għall-invenzjonijiet tal-istart-ups sabiex jiġi promoss l-iżvilupp kontinwu tar-riċerka.

1.8. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi d-dimensjoni interreġionali tal-investimenti, bil-parteċipazzjoni konġunta ta' reġjuni inqas innovattivi u reġjuni aktar innovattivi.

1.9. Il-KESE jissottolinja li l-appoġġ pubbliku għandu jkun ta' benefiċċju wkoll għall-edukazzjoni għolja u l-laboratorji tal-innovazzjoni. F'dan ir-rigward, jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tuża għadd ta' ċentri ta' riċerka u ta' universitajiet pilota biex issewgi għanijiet innovattivi.

1.10. Il-KESE jilqa' wkoll l-appoġġ tal-Kummissjoni lill-Istati Membri biex imexxu 'l quddiem proġetti transfruntiera ta' interess Ewropew komuni. Għalhekk jipproponi li jiġu ffinanzjati kemm il-ħidma ta' riċerka kif ukoll l-iżvilupp professjonali tar-riċerkaturi u li r-riżultati tar-riċerka, li huma appoġġati minn finanzjament pubbliku, ikunu miftuħa għal aktar żvilupp mill-innovaturi, possibbilment permezz tal-pjattaforma Innospace.

1.11. Il-KESE jilqa' l-pubblikazzjoni ta' dokument ta' gwida biex jgħin lill-awtoritajiet ikkonċernati jagħżlu l-aktar programm strateġiku Ewropew adatt, u jissottolinja l-importanza tal-implimentazzjoni orizzontali tal-programmi strateġiċi.

1.12. Il-KESE jilqa' l-idea li jiġi studjat trattament tat-taxxa aktar favorevoli għal stock options u reġim fiskali għal individwi b'talent li jaqsmu l-fruntieri. Huwa jistieden lill-Kummissjoni tikkordina l-inizjattivi nazzjonali mmirati lejn it-trawwim tat-talenti.

1.13. Il-KESE jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiżviluppa bażijiet ta' data aktar robusti u komparabbli u tassonomija komuni tad-data li tista' tiggwida l-politiki fil-livelli kollha, kif ukoll l-intenzjoni tagħha li xxerred l-aħjar prattiki b'mod strutturat permezz tal-Forum tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni.

1.14. Il-KESE jilqa' wkoll l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tikkondividi l-aħjar prattiki u tippubblika linji gwida għall-gvernijiet dwar kif jużawhom, sabiex tingħeleb il-frammentazzjoni regolatorja bejn l-Istati Membri.

2. Sfond

2.1. L-Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni ġdida għandha l-għan li tpoġġi lill-Ewropa fuq quddiem nett tal-mewġa l-ġdida ta' innovazzjoni u start-ups deep tech, billi:

- ittejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-istart-ups u l-iscale-ups Ewropej;
- ittejjeb il-kundizzjonijiet biex l-innovaturi ikunu jistgħu jittestjaw ideat ġodda permezz ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja;
- tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' "widien tal-innovazzjoni reġionali", inkluż f'reġjuni li għadhom lura;
- tattira u żżomm it-talent fl-Ewropa;
- ittejjeb il-qafas ta' politika permezz ta' terminoloġija, indikaturi u settijiet tad-data aktar ċari, kif ukoll appoġġ ta' politika lill-Istati Membri.

2.2. L-Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni l-ġdida fiha 25 azzjoni speċifika miġbura f'frames inizjattivi ewlenin:

- Il-finanzjament tan-negozji li qed jespandu (scale-ups) se jstimula l-investment minn investituri istituzzjonali u investituri privati oħra.
- It-trawwim tal-innovazzjoni permezz ta' ambjent ta' esperimentazzjoni u akkwist pubbliku se jiffaċilita l-innovazzjoni.
- L-aċċellerazzjoni u t-tisħiħ tal-innovazzjoni fl-ekosistemi Ewropej madwar l-UE, waqt li tiġi indirizzata l-problema tad-distakk bejn id-diversi pajjiżi u reġjuni, se jappoġġjaw il-ħolqien u l-interkonnnessjoni ta' widien tal-innovazzjoni reġionali u se jgħinu lill-Istati Membri biex jallokaw mill-inqas EUR 10 biljun għall-innovazzjoni fil-livell reġionali marbuta mal-prijoritajiet tal-UE.
- Il-promozzjoni, l-attrazzjoni u ż-żamma tat-talent ta' deep tech se jiżguraw l-iżvilupp u l-fluss ta' talent ewlieni ta' deep tech fl-UE.
- It-titjib tal-għodod tat-tfassil tal-politika se jkun kruċjali għall-iżvilupp u l-użu ta' settijiet tad-data robusti u komparabbli u definizzjonijiet kondiviżi (start-ups, scale-ups) li jistgħu jiggwidaw il-politiki fil-livelli kollha madwar l-UE.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa' l-Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni tal-Kummissjoni u, b'mod partikolari, l-oġettiv doppju tagħha li tippromovi l-kompetittività tal-Ewropa u l-benesseri taċ-ċittadini Ewropej.

3.2. F'dan ir-rigward, il-KESE jilqa' l-fatt li l-pjan tal-Kummissjoni huwa bbażat fuq l-oġettiv ġenerali li jingħalaq id-distakk persistenti fl-innovazzjoni bejn l-Istati Membri u fi ħdan ir-reġjuni Ewropej, li jista' jfixx il-koeżjoni soċjali u ekonomika.

3.3. Il-KESE jemmen li d-dividend diġitali għandu jkun disponibbli għaċ-ċittadini Ewropej kollha irrispettivament minn fejn jgħixu. Ir-rivoluzzjoni diġitali hija mistennija timla l-lakuni persistenti li tfaċċaw matul ir-rivoluzzjoni industrijali, li intensifikaw fl-Istati Membri li ssieħbu fl-UE wara l-waqgħa tal-Purtiera tal-Hadid.

3.4. Dan l-aspett huwa saħansitra aktar importanti issa peress li l-Istati Membri u r-reġjuni kollha tal-UE jeħtieġ li jkunu indipendenti minn pajjiżi terzi li, kif turi l-gwerra fl-Ukrajna, il-kriżi tal-enerġija u n-nuqqas ta' ċipep li għaddejjin bħalissa, mhux dejjem ikunu affidabbli u, fi kwalunkwe każ, mhumiex allinjati mal-valuri fundamentali Ewropej.

3.5. Il-KESE jilqa' wkoll l-enfasi tal-Kummissjoni fuq il-ħtieġa li jimtlew il-lakuni fi scale-ups u deep tech meta mqabbla ma' pajjiżi terzi fejn il-kumpaniji tat-teknoloġija fi stadju ta' tkabbir huma aktar prevalenti. Huwa jissuġġerixxi wkoll li l-Kummissjoni tagħmel enfasi akbar fuq ir-rwol tan-negozji, l-SMEs, l-istart-ups u n-networks ta' innovazzjoni mmexxija minnhom fil-kisba tat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, filwaqt li tippromovi l-kompetittività tagħhom⁽¹⁾. Huwa importanti wkoll li jiġu promossi inizjattivi biex l-azjendi tradizzjonali jiġu ttrasformati wkoll f'azjendi innovattivi.

3.6. Fil-fehma tal-KESE, diġitalizzazzjoni aktar profonda u aktar uniformi tista' tagħti bidu għal ċirku virtuwż billi ttejjeb il-benesseri taċ-ċittadini, tilħaq l-għanijiet ta' sostenibbiltà, issaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali fl-Unjoni, u tnaqqas id-dipendenza industrijali u ekonomika fuq pajjiżi terzi li ma jħaddnux l-istess valuri.

3.7. Għar-raġunijiet kollha msemija hawn fuq, il-KESE jilqa' u jappoġġja bis-sħiħ l-inizjattiva tal-Kummissjoni abbażi tal-merti tagħha.

3.8. Il-KESE jilqa' wkoll l-arkitettura tal-inizjattiva, li hija mibnija fuq ħames inizjattivi ewlenin. Ikun tajjeb jekk jiġu previsti għodod għall-verifika u l-monitoraġġ kostanti tar-riżultati miksuba sabiex jitħejjew, fejn meħtieġ, il-miżuri korrettivi u ta' titjib meħtieġa.

3.9. Il-KESE jilqa' l-proposta li jitwaqqaf Grupp Konsultattiv dwar ir-Regolamenti li Jirrispettaw l-Innovazzjoni fil-qasam tas-servizzi pubbliċi u jissuġġerixxi li rappreżentant tal-KESE jkun membru sħiħ tal-grupp.

4. Inizjattiva ewlenija għal finanzjament lin-negozji tat-teknoloġija profonda li qed jespandu (scale-ups)

4.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-miżuri kollha proposti sabiex jitnaqqas il-kost ta' fondi proprji ġodda madwar l-UE. Dawn jinkludu l-possibbiltà li jintużaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali bħala kollateral u l-proposta ta' leġiżlazzjoni ġdida dwar il-kwotazzjonijiet li se tissemplifika u tiffaċilita r-rekwiżiti tal-kwotazzjoni inizjali u attwali għal ċerti tipi ta' kumpaniji, sabiex jitnaqqas l-kostijiet u tiżdied iċ-ċertezza legali għall-emittenti, filwaqt li jiġu ssalvagwardjati l-protezzjoni tal-investituri u l-integrità tas-suq.

4.2. Il-KESE jinnota l-ħtieġa li l-Ewropa jkollha reġim tal-proprjetà intellettuali li jibbilanċja b'mod adegwat ix-xjenza miftuħa u l-proprjetà intellettuali. F'dan ir-rigward, ħafna start-ups għandhom (jew jużaw) privattivi essenzjali għal standard (jiġifieri SEPs). Jeħtieġ li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' obbligi legali, tal-inqas għall-SMEs, biex iwettqu verifiki essenzjali fuq is-settijiet ta' privattivi essenzjali għal standard li għandhom l-intenzjoni li joħroġu liċenzja għalihom. Tali obbligu jista' jkun ta' detriment għall-innovazzjoni minħabba li jista' jtaħwal in-negozjati u joħloq tilwim fi stadju li fih il-prospetti tad-dħul mil-liċenzji għandhom mhumiex ċerti.

⁽¹⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali u SMEs" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 75, 28.2.2023, p. 82).

4.3. Il-KESE jilqa' l-enfasi fuq in-nisa u l-ġbir ta' data dwar in-nisa u l-gruppi inqas rappreżentati sabiex jiġu żviluppati politiki mmirati biex jingħelbu d-differenzi bejn il-ġeneri u ta' xorta oħra, li jaffettwaw ukoll lill-istart-ups. Il-promozzjoni tal-impjeg tan-nisa fil-qasam tal-innovazzjoni hija ċentrali biex tiġi ggarantita l-kompetittività Ewropea, filwaqt li l-istabbiliment ta' indiċi dwar il-ġeneru u dwar gruppi inqas rappreżentati huwa għodda ta' għarfien utli biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni.

4.4. Il-KESE jinnota li l-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja stabbiliti għandhom ikunu innovattivi wkoll sabiex tinkiseb it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, u għalhekk għandhom jiġu inklużi miżuri fl-aġenda li jgħinuhom fi proġett bħal dan u fil-promozzjoni tal-kompetittività tagħhom. B'mod aktar ġenerali, huwa importanti li tinħoloq ekosistema li tippermetti wkoll lill-kumpaniji tradizzjonali jitttrasformaw lilhom infushom f'kumpaniji innovattivi.

4.5. Peress li, kif tissottolinja l-Kummissjoni, il-prodotti bankarji huma s-sors ewlieni ta' finanzjament korporattiv, il-KESE jenfasizza l-importanza ta' garanziji ffinanzjati mill-pubbliku u jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-possibbiltà li tirreplika f'dan il-qasam dak li diġà huwa previst fl-oqfsa temporanji għall-COVID-19 u l-gwerra fl-Ukrajna. F'dan ir-rigward, il-garanziji tal-gvern jistgħu jattiraw investituri fit-tul u aktar averżjoni għar-riskju (bħal fondi tal-pensjonijiet u fondi sovrani), li l-finanzjament tagħhom mhuwiex utilizzat biżżejjed fl-Ewropa.

4.6. Fl-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva ewlenija, il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni biex tagħti prijorità lil laboratorji ta' riċerka transfruntiera u start-ups "spin-off" ta' universitajiet differenti. Kollaborazzjoni estensiva bejn l-universitajiet tista' fil-fatt twassal trawwem l-innovazzjoni b'applikazzjonijiet prattiċi bħala parti minn approċċ minn isfel għal fuq, li jidher li huwa aktar adegwat biex tiġi stimulata l-kreattività.

4.7. Il-KESE jhegġegħ ukoll lill-Kummissjoni biex tiffoka l-appoġġ tal-UE fuq setturi individwali (eż. ċipep, enerġija rinnovabbli, eċċ.) sabiex tippromovi r-riċerka applikata fejn fil-fatt tkun meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi strateġiċi tal-UE.

4.8. Minbarra li tnaqqas il-kost tal-fondi proprji u tarmonizza s-sistemi fiskali, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-introduzzjoni ta' "finanzjament għal scale-ups" speċifiku tal-UE biex jappoġġja ċerti start-ups strateġiċi fit-tkabbir tagħhom. Dan jista' jnaqqas ukoll l-attrazzjoni tal-hekk imsejja "akkwisti predatorji" jew trasferiment barra mill-pajjiż, peress li l-fundaturi jistgħu jappoġġjaw l-iżvilupp tan-negozji tagħhom mingħajr ma jbigħuhom jew jirrilokawhom.

4.9. Il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-ħolqien ta' suq diġitali Ewropew għall-istart-ups sabiex ikunu jistgħu jinteraġixxu ma' investituri potenzjali madwar l-UE. Suq bħal dan jista' jagħmilha possibbli li jingħelbu d-diffikultajiet li start-ups, speċjalment fi Stati Membri iżgħar, jistgħu jiffaċċjaw biex isibu investituri fil-livell lokali u likwidità sinifikanti fil-ħin.

4.10. Il-KESE jissottolinja l-importanza tal-infrastrutturi teknoloġiċi biex jiżdiedu t-teknoloġiji ta' start-ups deep-tech. Konsegwentement, tali aċċess għandu jiġi promoss u ffaċilitat aħjar. Obbligi ta' aċċess miftuħ u mhux diskriminatorju jistgħu jiġu pprovduti għal infrastrutturi u data ffinanzjati mill-pubbliku.

5. Inizjattiva ewlenija biex niffaċilitaw l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda bi spazji tal-esperimentazzjoni u l-akkwist pubbliku

5.1. Il-KESE jilqa' l-pubblikazzjoni ta' dokument ta' gwida dwar l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja, il-bankijiet tat-test u l-laboratorji ħajjin bħala għodda biex tattira l-esperimentazzjoni lejn l-UE. Huwa jilqa' wkoll it-tixrid tal-aħjar prattiki fl-Istati Membri sabiex tiġi promossa l-armonizzazzjoni.

5.2. Il-KESE jilqa' wkoll l-introduzzjoni, bħala parti mill-ghajjnuna mill-Istat għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, ta' regola ġdida li tippermetti lill-Istati Membri jiffinanzjaw aktar faċilitajiet ta' ttestjar u esperimentazzjoni. F'dan il-kuntest, il-KESE jipproponi li jiġi stabbilit limitu massimu għall-finanzjamenti pubbliċi nazzjonali eliġibbli biex jiġi evitat li jiġu penalizzati Stati Membri iżgħar jew ifqar, jew inkella biex jiġu żgurati finanzjamenti Ewropej immirati u komplementari għal dawk l-Istati Membri li mhumix kapaċi jikkompetu fit-tellieqa għall-ghajjnuna mill-Istat. Huwa jissuġġerixxi wkoll li jiġu ppubblikati linji gwida Ewropej biex jiġu armonizzati l-interpretazzjonijiet nazzjonali f'każijiet li fihom dawn jistgħu jvarjaw.

5.3. Il-KESE jissottolinja l-importanza tal-finanzjament ta' infrastruttura ta' esperimentazzjoni u ttestjar biex tgħin lill-istart-ups jespandu t-teknoloġiji tagħhom u jnaqqsu d-distakk bejn il-laboratorji u l-applikazzjonijiet kummerċjali. F'dan ir-rigward, huwa jilqa' l-introduzzjoni tal-kunċett il-ġdid ta' "faċilitajiet tal-ittestjar u l-esperimentazzjoni" fl-abbozz ta' reviżjoni tal-GBER dwar l-għajnuna mill-Istat. B'mod partikolari, il-kunċett ta' infrastruttura ta' ttestjar u esperimentazzjoni għandu jkun distint minn daww komunement imsejħa "infrastrutturi teknoloġiċi". F'dan ir-rigward, l-użu ekonomiku predominanti jista' jkun l-element distintiv. Barra minn hekk, il-livelli limitu ta' notifika għandhom ikunu ekwivalenti għal EUR 21 miljun kemm għall-infrastruttura ta' ttestjar u esperimentazzjoni kif ukoll għall-infrastrutturi teknoloġiċi, u għandu jkun hemm reġim favorevoli għall-kumpaniji li jikkontribwixxu għal tal-inqas 5 % tal-kostijiet tal-investiment għall-infrastruttura ta' ttestjar u esperimentazzjoni.

5.4. Il-KESE jilqa' wkoll l-inizjattiva tal-akkwist pubbliku. F'dan il-kuntest, huwa jissuġġerixxi li tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li jiġi introdott mekkaniżmu li jggarantixxi l-parteċipazzjoni ta' mill-inqas start-up wieħed fl-akkwisti l-aktar innovattivi.

5.5. Il-KESE jissottolinja l-importanza li jkun hemm reġim robust tal-proprietà intellettuali li japplika għall-invenzjonijiet tal-istart-ups sabiex jiġi promoss l-iżvilupp kontinwu tar-riċerka. Ladarba l-imsieħba kummerċjali jitolbu l-esklużività għar-riżultati xjentifiċi fi stadju bikri (li teħtieġ esklużività għall-appoġġ u għall-kollaborazzjoni mal-laboratorji xjentifiċi), hemm riskju li dawn ir-riżultati ma jiġux żviluppati aktar mil-laboratorji xjentifiċi peress li ma jibqgħux ta' interess ekonomiku.

6. Inizjattiva ewlenija biex inħaffu u nsaħħu l-innovazzjoni fl-ekosistemi Ewropej tal-innovazzjoni madwar l-UE u nindirizzaw id-distakk fl-innovazzjoni

6.1. Il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni tinkoraġixxi d-dimensjoni interreġjonali tal-investimenti. B'mod partikolari, jilqa' l-priorità mogħtija lil ċerti proġetti ta' innovazzjoni interreġjonali marbuta mal-prioritajiet ewlenin tal-UE (bħas-sostenibbiltà), bil-parteċipazzjoni konġunta ta' reġjuni inqas innovattivi u aktar innovattivi.

6.2. Il-KESE jenfasizza li l-innovazzjoni hija bbażata fuq il-katina kollha tar-riċerka u l-iżvilupp. Din tvarja minn riċerka xprunata mill-kurżità għar-riċerka applikata u l-iżvilupp, kif ukoll l-edukazzjoni u t-taħriġ, u tiddependi mill-kapaċitajiet u mir-riżorsi meħtieġa għall-adozzjoni ta' innovazzjonijiet determinati mis-sistemi politiċi, kulturali u soċjoekonomiċi. F'dan ir-rigward, il-KESE jissottolinja li, sabiex ikun hemm innovazzjoni strutturali u l-iżvilupp ta' ideat ġodda applikati, l-appoġġ pubbliku għandu jkun ta' benefiċċju wkoll għall-edukazzjoni għolja, inkluża l-edukazzjoni vokazzjonali (li hija kruċjali biex tiġi aċċellerata l-innovazzjoni) u l-laboratorji tal-innovazzjoni u mhux biss għall-proġetti li diġà laħqu l-fażi tas-suq. Għadd ta' universitajiet pilota jistgħu jintużaw mill-Kummissjoni biex jintlaħaq dan l-għan.

6.3. Il-KESE jilqa' wkoll l-appoġġ tal-Kummissjoni lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' proġetti transfruntiera importanti ta' interess Ewropew komuni, u jissottolinja l-importanza li tiġi appoġġjata wkoll il-fażi tar-riċerka, peress li l-innovazzjoni hija proċess lokali li għandu jiġi appoġġjat mill-bidu f'xenarju minn isfel għal fuq, f'konformità mar-rapport finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa (proposti 12 u 35) Għaldaqstant, kemm l-attivitajiet ta' riċerka kif ukoll l-iżvilupp professjonali tar-riċerkaturi għandhom jiġu ffinanzjati. Ir-riżultati tar-riċerka, li huma ffinanzjati mill-pubbliku, għandhom ikunu miftuħa għal aktar żvilupp mill-innovaturi, eventwalment permezz tal-pjattaforma Innospace.

6.4. Il-KESE jilqa' l-pubblikazzjoni ta' dokument ta' gwida biex jgħin lill-awtoritajiet ikkonċernati jagħżlu l-aktar aġenda strateġika Ewropea adatta. Huwa jissottolinja wkoll l-importanza li ma jtfasslux programmi strateġiċi bħala "kompartmenti magħluqa", iżda li titqies il-komplementarjetà tagħhom u, meta possibbli, li dawn jiġu applikati orizzontalment.

7. Inizjattiva ewlenija — Inrawmu, nattiraw u nżommu t-talenti fit-teknoloġija profonda

7.1. Il-KESE jilqa' din l-inizjattiva biex jiżdedu l-opportunitajiet u jitlaqqgħu flimkien l-impjegaturi u t-talenti madwar l-Ewropa.

7.2. Il-KESE jilqa' b'mod partikolari l-idea li tiġi esplorata l-possibbiltà ta' trattament tat-taxxa aktar favorevoli għal stock options fl-Unjoni.

7.3. Il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni tqis is-sitwazzjoni fiskali ta' persuni ta' talent li jaqsmu l-fruntieri sabiex jiġu evitati l-ostakli għall-moviment liberu tat-talenti.

7.4. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tikkoordina l-inizjattivi nazzjonali mmirati lejn it-trawwim tat-talenti.

8. Inizjattiva ewlenija — Intejbu l-għodod tat-tfassil tal-politika

8.1. Il-KESE jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiżviluppa bażijiet ta' data aktar robusti u komparabbli u tassonomija komuni tad-data, kif ukoll l-intenzjoni tagħha li xxerred l-aħjar prattiki b'mod strutturat permezz tal-Forum tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni.

8.2. Il-KESE jilqa' wkoll l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tikkondividi l-aħjar prattiki biex tiġbor eżempji tajbin ta' ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja u oqfsa legali flessibbli minn madwar l-UE kollha u tippubblika gwida għall-gvernijiet dwar kif għandhom jużawhom. Il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni tuża dawn l-għodod biex tegħleb il-frammentazzjoni regolatorja u d-differenzi bejn l-Istati Membri.

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2022.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

(a) “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument għas-Suq Uniku f'emerġenza u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98”

(COM(2022) 459 final — 2022/0278 (COD))

(b) “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/424, (UE) 2016/425, (UE) 2016/426, (UE) 2019/1009 u (UE) Nru 305/2011 fir-rigward tal-proċeduri ta' emerġenza għall-valutazzjoni tal-konformità, tal-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni u tas-sorveljanza tas-suq minħabba emerġenza fis-Suq Uniku”

(COM(2022) 461 final — 2022/0279 (COD))

(c) “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2000/14/KE, 2006/42/KE, 2010/35/UE, 2013/29/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/35/UE, 2014/53/UE u 2014/68/UE fir-rigward tal-proċeduri ta' emerġenza għall-valutazzjoni tal-konformità, tal-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni u tas-sorveljanza tas-suq minħabba emerġenza fis-Suq Uniku”

(COM(2022) 462 final — 2022/0280 (COD))

(2023/C 100/14)

Relatur: **Andrej ZORKO**

Korelatur: **Janica YLIKARJULA**

Konsultazzjoni

- (a) Parlament Ewropew, 9.11.2022
- (a) Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 11.11.2022
- (b) Parlament Ewropew, 21.11.2022
- (b) Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 24.11.2022
- (c) Parlament Ewropew, 21.11.2022
- (c) Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 30.11.2022

Bażi legali

- (a) Artikoli 114, 21, 45 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
- (b) Artikoli 114 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
- (c) Artikoli 91, 114, u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

Sezzjoni kompetenti

Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produttjoni u l-Konsum

Adozzjoni fis-sezzjoni

10.11.2022

Adozzjoni fil-plenarja

14.12.2022

Sessjoni plenarja Nru

574

Riżultat tal-votazzjoni

(favur/kontra/astensjonijiet)

208/0/1

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jappoġġja l-għan tal-Kummissjoni li tistabbilixxi Strument għas-Suq Uniku f'Emerġenza biex tiġġieled il-kriżijiet futuri li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament tas-Suq Uniku u n-negozji tiegħu, kif ukoll il-benessri taċ-ċittadini tal-UE. Il-KESE jappoġġja l-miżuri biex jiġi żgurat il-moviment liberu tal-merkanzija, tas-servizzi u tal-persuni u jiġu evitati restrizzjonijiet ġewwa l-UE stess anke matul kriżi. L-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza għandu jipprioritizza l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, il-kooperazzjoni, il-komunikazzjoni u s-solidarjetà fost l-Istati Membri. Huwa essenzjali li jkun hemm miżuri aħjar ta' kooperazzjoni amministrattiva u trasparenza għall-Istati Membri, iżda l-KESE jiddispjaċih li m'hemm l-ebda konsegwenza f'każ li l-Istati Membri ma jissodisfawx ir-rekwiżiti.

1.2. Ir-rispons għall-kriżijiet irid ikun rapidu, temporanju, immirat u kkoordinat b'mod adegwat fil-livell tal-UE biex jiġi żgurat approċċ komuni. Għandu jikkunsidra l-effetti ta' kriżi fuq in-negozji u l-benessri taċ-ċittadini tal-UE, u jistabbilixxi kundizzjonijiet għal soċjetà u ekonomija iktar reżiljenti fil-futur. Il-fokus għandu jkun b'mod ċar fuq il-moviment liberu tal-merkanzija, tas-servizzi u tal-persuni fi żminijiet ta' kriżi, u fuq il-mitigazzjoni tal-effetti ta' kriżi fuq il-benessri tan-nies, iktar milli intervent fil-produzzjoni u l-provvista tal-oġġetti u s-servizzi u fil-ktajjen tal-provvista tagħhom.

1.3. Il-mitigazzjoni ta' kriżi teħtieġ qafas legali ċar biex jiġu evitati interpretazzjonijiet diverġenti, miżuri frammentati u litigazzjoni mhux meħtieġa. Il-KESE jqis li d-definizzjonijiet tat-termini "kriżi", "oqsma importanti mill-aspett strateġiku", "oġġetti u servizzi ta' importanza strateġika" u "oġġetti u servizzi rilevanti għall-kriżi" huma vagi wisq biex jindirizzaw dan it-tħassib u jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiddefinixxihom b'mod aktar preċiż.

1.4. Il-miżuri ta' emerġenza ma għandhomx jiksru d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini Ewropej, u lanqas ma għandu l-eżerċitar ta' dawk id-drittijiet, inkluż id-dritt għal strajk, fi kwalunkwe settur, ikun jeħtieġ rispons għal kriżi. Il-Kummissjoni għandha tagħmilha ċara li, jekk isir strajk jew tittieħed azzjoni industrijali oħra skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, dan ma jistax jitqies bħala kriżi skont l-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza. Bl-istess mod, il-miżuri ta' mitigazzjoni tal-kriżi kollha jridu jissodisfaw il-prinċipji tan-neċessità u l-proporzjonalità fejn huma kkonċernati l-kumpaniji, li mhuwiex il-każ fil-proposta. Barra minn hekk, l-awtonomija tal-imsieħba soċjali trid tiġi rispettata. Il-miżuri jirriskjaw li joħlqu aktar ostakli, restrizzjonijiet u piżijiet bla bżonn, li jeħtieġ li jiġu evitati, speċjalment fi żminijiet ta' kriżi. Is-Suq Uniku għandu jinżamm aċċessibbli, b'salvagwardji kontra d-dumping soċjali u d-dumping fiskali.

1.5. Il-KESE jemmen li emerġenza tirrikjedi rispons rapidu u effiċjenti. Għalhekk, il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni terġa' tikkunsidra l-proposta fid-dawl ta' approċċ rapidu u effettiv b'mod xieraq għall-indirizzar ta' kriżi. Il-KESE huwa mħasseb dwar il-fatt li l-approċċ pass pass propost jista' johlq wisq piżijiet amministrattivi biex ikun effettiv.

1.6. Il-KESE jirrakkomanda li tiġi stabbilita kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Grupp Konsultattiv tal-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza u l-istrumenti ta' prospettiva strateġika eżistenti tal-UE, bil-għan li jiġu previsti avvenimenti ta' kriżi abbażi tal-monitoraġġ kontinwu u l-valutazzjoni tar-riskju ta' avvenimenti globali u reġjonali. Ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili għandhom ikunu involuti mill-qrib f'dan il-proċess, biex jidderieġu l-għarfien tagħhom u r-riżultati tal-ħidma tagħhom lejn l-attivitajiet ta' prospettiva tal-UE.

1.7. Il-KESE jipproponi li rappreżentanti tal-imsieħba soċjali u organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili rilevanti jistgħu jiġu inklużi bħala osservaturi tal-Grupp Konsultattiv tal-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza. Il-KESE jappella wkoll għal kjarifika tar-rwol tal-Grupp Konsultattiv propost, speċjalment fir-rigward ta' korpi oħrajn ta' natura simili.

1.8. Id-delega tas-setgħat lill-Kummissjoni skont il-proposta għandha terġa' tiġi kkunsidrata, sabiex jintlaħaq bilanċ bejn rispons għall-kriżijiet effettiv u l-inklużjoni tal-Istati Membri fil-proċess tat-teħid ta' deċizzjonijiet.

1.9. Hemm periklu li s-setgħat ta' intervent mogħtija lill-Kummissjoni fil-proposta, bħall-prijoritizzazzjoni tal-ordnijiet u l-klawżola ta' prevalenza fuq kuntratti li jistgħu jiġu mmirati lejn negozji speċifiċi, jistgħu jkunu detrimental għall-funzjonament tas-Suq Uniku. Bl-eżistenza tagħhom stess, huma jintroduċu element ta' imprevedibbiltà. Il-KESE għalhekk jirrakkomanda li l-Kummissjoni terġa' tikkunsidra bir-reqqa l-proposta, fid-dawl ukoll tal-mistoqsija dwar liema kumpaniji se jkunu fil-mira u min se jbat l-ispejjeż ta' riorganizzazzjoni potenzjali tal-linji ta' produzzjoni.

1.10. Huwa importanti li jiġi limitat il-ġbir ta' data mingħand il-kumpaniji mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri billi jiġu segwiti l-prinċipji ta' neċessità estrema u proporzjonalità. Uħud mill-proposti joħlqu riskji għall-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, bħall-istabbiliment ta' listi ta' "l-iktar operaturi ekonomiċi rilevanti" qabel ma tiġi mħabbra emerġenza. Il-KESE huwa mħasseb dwar is-sinjali li dan jista' jibgħat lis-suq u l-impatt ġenerali fuq il-kompetizzjoni.

1.11. Komunikazzjoni rapida, faċli biex tifhimha u miftuħa għall-pubbliku, għan-negozji u atturi oħrajn hija essenzjali għall-ġestjoni tal-kriżijiet fis-Suq Uniku. Interfaċċa ta' informazzjoni online dedikata għandha tkun immedjatament operazzjonali f'każ ta' kriżi.

2. Bażi għall-Opinjoni

2.1. Suq Uniku li jiffunzjona sew huwa wieħed mill-akbar assi tal-UE u huwa importanti għall-ekonomija tagħha u għat-“titjib tal-benessri permezz tal-konverġenza soċjali u ekonomika u li jiġi żgurat li l-aggravament tal-iżbilanċi soċjali ma jwassalx biex jinħolqu ostakli serji għall-integrazzjoni Ewropea ⁽¹⁾.”

2.2. Kriżijiet riċenti, bħall-pandemija tal-COVID-19 u l-invażjoni Russa tal-Ukrajna, urew grad ta' vulnerabbiltà fis-Suq Uniku u l-ktajjen tal-provvista tiegħu f'każ ta' tfixkil mhux previst. Il-lockdown matul il-pandemija waqqaf lil ħafna negozji milli joperaw, ingħalqu l-fruntieri, ġew interrotti l-ktajjen tal-provvista, ġiet imfixkla d-domanda u l-ħaddiema u l-fornituri tas-servizzi ma setgħux jiċċaqalqu madwar l-Ewropa, u fakkar lin-nies li l-moviment liberu tal-persuni huwa interkonness sew mal-moviment liberu tal-merkanzija u s-servizzi. Ħafna drabi, kriżi tolqot b'mod partikolari lill-MSMEs u lill-familji b'introjtu baxx.

2.3. Nuqqas ta' trasparenza fil-miżuri li diversi Stati Membri hađu biex jindirizzaw il-kriżijiet ikkawża inċertezza dwar il-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità tagħhom. Dan dgħajjef il-fiduċja reċiproka u s-solidarjetà u ħoloq ostakli għall-funzjonament tas-suq uniku. Min-naħa l-oħra, dehret b'mod ċar l-importanza tal-kooperazzjoni, il-ftuħ u d-djalogu bejn l-Istati Membri u l-valur ta' ktajjen tal-valur diversifikati. Rispons koordinat biex jiġi żgurat li l-fruntieri interni tal-UE jibqgħu miftuħa permezz ta' punti ta' qsim tal-fruntieri b'“korsiji hodur” intwera li huwa essenzjali biex jiġi evitat tfixkil fl-ivvjaġġar essenzjali u l-ktajjen tal-provvista.

2.4. L-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza jikkomplementa miżuri leġiżlattivi oħra tal-UE jew proposti għall-ġestjoni tal-kriżijiet li jikkonċernaw, pereżempju, is-saħħa, is-semikondutturi, is-sigurtà tal-ikel u l-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE jilqa' l-isforz tal-Kummissjoni li tintroduċi l-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza biex jiġu miġġielda l-effetti negattivi ta' kriżijiet eżistenti u potenzjali fuq is-Suq Uniku, in-nies u n-negozju tiegħu, u japprezza l-konferma li l-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza se japplika mingħajr preġudizzju għall-istrumenti eżistenti ta' ġestjoni tal-kriżijiet, li se jiġu trattati bħala *lex specialis*.

3.2. Il-KESE jenfasizza li l-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza għandu jiżgura l-koordinazzjoni aħjar ta' miżuri bejn l-Istati Membri, issaħħaħ is-solidarjetà, isostni l-effettività tal-erba' libertajiet u jingrana s-Suq Uniku biex jiġu indirizzati kriżijiet urġenti u mhux mistennija. Il-Kumitat jenfasizza li suq uniku li jiffunzjona sew huwa għodda effiċjenti u assi għat-tħejjija u għall-indirizzar ta' kriżijiet.

3.3. Kriżi li tista' taffettwa l-funzjonament tas-Suq Uniku tista' xxekkel in-negozji iżda taffettwa bil-kbir il-ħajjiet tan-nies madwar l-UE wkoll. Il-miżuri proposti biex jiġġieldu kwalunkwe kriżi għandhom għalhekk jikkunsidraw iż-żewġ perspettivi u jqisu direzzjoni 'l quddiem għat-tranżizzjoni diġitali, ekoloġika u ġusta għal tħejjija aħjar tas-Suq Uniku għal hasdjet u kriżijiet futuri. Is-Suq Uniku tal-futur jista' biss ikun ibbażat fuq bażi ekonomika soda marbuta ma' dimensjoni soċjali b'saħħitha ⁽²⁾.

3.4. Il-KESE jenfasizza li rispons għall-kriżijiet irid ikun rapidu, temporanju, proporzjonat u mmirat b'mod adegwat, biex iwitti t-triq għal soċjetà u ekonomija iktar reżiljenti fil-futur. Irid ikun ikkoordinat wkoll fuq il-livell tal-UE biex jiġu evitati miżuri nazzjonali diverġenti, li jistgħu jimpedixxu l-funzjonament tas-Suq Uniku.

3.5. L-UE se tiffaċċja sfidi ġodda fi kriżijiet futuri. Il-miżuri għall-mitigazzjoni tal-kriżijiet għandhom ikunu trasparenti u faċilment disponibbli — bi skop limitat u jsegwu kriterji stretti — u jiġu applikati malajr, li jirrikjedu qafas legali ċar fuq il-livell tal-UE. L-Istrument għandu jipproteġi lin-negozji u lir-residenti tal-UE u l-libertajiet tas-Suq Uniku f'każ ta' kriżi mifruxa u serja, għandu jikkontrolla miżuri nazzjonali u tal-UE għal kontra l-kriżijiet biex jiġu ssodisfati l-prinċipji bażiċi ta' neċessità, proporzjonalità u nondiskriminazzjoni u għandu jiżgura kooperazzjoni amministrattiva f'ħin reali u aċċess għall-informazzjoni għan-negozju u l-individwi.

⁽¹⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-Okomunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa (COM(2020) 102 final) (ĠU C 364, 28.10.2020, p. 108).

⁽²⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Suq uniku għal kulħadd” (opinjoni esploratorja) (ĠU C 311, 18.9.2020, p. 19).

3.6. Il-KESE huwa mħasseb li proċedura ta' rispons għall-kriżijiet pass pass, kif stabbilita skont l-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza, se tiegħu wisq ħin u se ddewwem il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, minflok tirrispondi malajr għall-kriżi.

3.7. Huwa impossibbli li jiġu previsti l-portata u t-tip ta' kriżi partikolari futura. Fl-istess ħin, rispons għal kriżi jkun l-aktar effettiv u l-anqas invażiv jekk jiġi skattat fl-istadji bikrin ta' kriżi. Il-KESE jenfasizza l-importanza ta' prospettiva strateġika fl-UE u jkompli jilqa' b'sodisfazzjon kbir l-inklużjoni tal-metodoloġija ta' prospettiva fil-proċess tat-tfassil tal-politika tal-UE. L-istrumenti proposti fl-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza għandhom jiġu kkomplementati b'kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Grupp Konsultattiv u l-mekkaniżmi ta' prospettiva strateġika eżistenti tal-UE sabiex jiġu previsti kriżijiet futuri bbażati fuq avvenimenti globali u reġjonali kontinwi li jistgħu jfixxlu bil-kbir il-ħidma ta' Suq Uniku b'mod li ma jistax jiġi kkundisdrat bħala l-funzjonament normali ta' suq. Il-Grupp Konsultattiv ma għandux biss ikollu l-kompitu li jivvaluta l-inċidenti li l-Istati Membri javżaw lill-Kummissjoni dwarhom, iżda għandu jikkooopera b'mod kontinwu mal-eżekuturi tal-prospettiva strateġika tal-UE fil-kompitu li jwettqu l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tar-riskju tal-inċidenti globali u reġjonali. Peress li l-Prospettiva Strateġika hija proċess parteċipattiv, il-KESE jistenna li s-sinerġiji kif ukoll l-involvement strutturali tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE, inkluż il-KESE, jirnexxu fuq din il-bażi ^(*).

3.8. Il-proposta għandha l-għan li tkopri l-kriżijiet sinifikanti kollha li qed jaffettwaw is-suq uniku u l-ktajjen tal-provvista tiegħu, bi fteit eċċezzjonijiet, li għalihom l-UE għandha jew qed tħejji l-miżuri proprji tagħha. Il-kamp ta' applikazzjoni wiesa' jgħaliq sfidi sinifikanti. Il-KESE jenfasizza li l-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza jeħtieġ definizzjoni iktar ċara ta' kriżi, li ma tridx tkun soġġetta għal interpretazzjonijiet diverġenti. Barra minn hekk, id-definizzjonijiet ta' "oqsma importanti mill-aspett strateġiku", "oġġetti u servizzi ta' importanza strateġika" u "oġġetti u servizzi rilevanti għall-kriżi" huma wiesgħa ħafna. Il-KESE huwa tal-fehma li dawn id-definizzjonijiet għandhom ikunu inekwivoki, biex jiġu żgurati l-proporzjonalità u l-immirar adegwat tal-miżuri ta' emerġenza. In-nuqqas ta' definizzjonijiet ċari u preċiżi jirriskja li tinholq inċertezza legali u litigazzjoni fi ħdan is-Suq Uniku.

3.9. Kwalunkwe definizzjoni u rispons għall-kriżijiet skont l-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza jrid ikun proporzjonat u ma jridx iwassal għal piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa. B'mod partikolari, l-istrument għandu jkun skattat biss meta jkun hemm kriżi urġenti u temporanja fis-Suq Uniku, inklużi kriżijiet reġjonali li jaffettwaw l-erba' libertajiet. B'mod korrispondenti, l-użu tal-istrument għandu jiġi llimitat fil-ħin u ma jitħallix isir ta' natura permanenti. Il-proposta tagħti lill-Kummissjoni setgħat delegati fir-rigward il-protokoll ta' kriżi, li għandhom jergħu jiġu kkunsidrati bir-reqqa biex jinkiseb bilanċ bejn rispons effettiv għall-kriżijiet u impenn sħiħ favur il-miżuri konġunti mill-Istati Membri.

3.10. Il-kapaċità li jiġi rikonoxxut li sitwazzjoni teħtieġ rispons għal kriżi u li jiġu mmirati b'mod adegwat il-kwistjonijiet li jinqalgħu mill-emerġenzi hija kruċjali. Kwalunkwe miżura ta' emerġenza m'għandhiex timpedixxi d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini Ewropej, speċjalment dawk rikonoxxuti fi ftehimiet u konvenzjonijiet internazzjonali. Anke fi żminijiet ta' kriżi, l-UE jehtigħilha tibqa' impenjata li tiddefendi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Bl-istess mod, il-miżuri ta' mitigazzjoni tal-kriżi kollha jridu jissodisfaw il-prinċipji bażiċi tan-neċessità u l-proporzjonalità fejn huma kkonċernati l-kumpaniji, li mhuwix il-każ f'din il-proposta.

3.11. Ir-rikonoxximent u r-regolamentazzjoni ta' oġġetti rilevanti għall-kriżi jistgħu minnhom infushom jgħolqu inċertezzi fis-Suq Uniku li jlimitaw il-funzjonament tiegħu, peress li huwa impossibbli tkun taf liema se jkun l-oġġetti rilevanti għall-kriżi fi kwalunkwe kriżi futura. Il-KESE jifhem l-intenzjoni tad-delega ta' ċerti setgħat lill-Kummissjoni bħala parti mill-proposta, iżda fl-istess ħin jeħtieġu jesprimi tħassib dwar is-setgħat ta' intervent tal-Kummissjoni stabbiliti fil-proposta, inklużi l-iżvelar ta' informazzjoni sensittiva kummerċjalment u l-prijoritizzazzjoni ta' ordinijiet, inkluża l-klawżola ta' prevalenza fuq kuntratti. Il-produzzjoni u l-provvista ta' oġġetti u servizzi u l-ktajjen tal-provvista tagħhom huma prinċipalment kwistjoni għall-atturi tas-suq u parti mill-ippjanar u t-tħejjija regolari ta' kontinġenza mill-kumpaniji u l-gvernijiet.

3.12. Il-KESE huwa konvint li l-introduzzjoni ta' ostakli u restrizzjonijiet fl-UE stess fi żminijiet ta' kriżi jridu jiġu evitati. Biex dan ikun ta' suċċess, l-istrument għandu jggarantixxi iktar kondiżizzjoni ta' informazzjoni, koordinazzjoni u solidarjetà bejn l-Istati Membri meta jiġu adottati miżuri relatati ma' kriżi, filwaqt li jiġu rrispettati l-kompetenzi nazzjonali. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-ejenkar ta' restrizzjonijiet projbiti għal-libertajiet tas-Suq Uniku. Madankollu, il-KESE jiddispjaċih li ma hemm l-ebda konsegwenza ċara f'każijiet meta l-Istati Membri ma jissodisfawx ir-rekwiżiti.

^(*) L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Rapport ta' Prospettiva Strateġika 2021 — Il-kapaċità u l-libertà tal-UE li taġixxi" (COM(2021) 750 final) (ĠU C 290, 29.7.2022, p. 35).

3.13. Il-produzzjoni u l-provvista ta' oġġetti speċifiċi li jistgħu jkunu essenzjali fil-għieda kontra kwalunkwe kriżi partikolari mhumiex imqas b'mod indaq fost is-Suq Uniku. Skont in-natura tal-kriżi, in-negozju u l-individwi madwar l-UE jistgħu wkoll jiġu affettwati bi gradi differenti ta' severità, anke fil-każ ta' kriżi mifruxa mal-UE kollha. Meta jiġu indirizzati sitwazzjonijiet bħal dawn, is-solidarjetà bejn l-Istati Membri hija kruċjali. Is-sett tal-għodda tar-rispons għal kriżi għandu għalhekk ikollu l-għan li jiskoraġġixxi l-protezzjoniżmu, li jwassal għall-frammentazzjoni tas-Suq Uniku u jimpedixxi l-fluss ta' oġġetti u servizzi kritiċi għan-negozji u għar-residenti tal-UE.

3.14. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tevalwa t-tagħlimiet meħuda mill-kriżijiet riċenti u tużahom bħala pjan ta' azzjoni għall-futur. Matul il-pandemija, l-introduzzjoni ta' "korsiji hodur" taffiet diversi koġestjonijiet għaljin relatati mal-fluss intra-UE b'mod partikolari tal-merkanzija, iżda wkoll tas-servizzi. Barra minn hekk, l-adozzjoni relattivament mgħaġġla ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE komuni għen fl-irkupru tal-mobilità fis-Suq Uniku għal fornituri ta' servizzi transfruntiera, ħaddiema migranti u vjaġġaturi fuq xogħol. L-għajnuna teknika pprovduta mill-UE għenet ukoll biex tiġi żgurata implimentazzjoni iktar uniformi tal-miżuri.

3.15. Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li l-miżuri fil-livell tal-UE għandhom jiġu kkoordinati flimkien mal-Istati Membri. Fejn possibbli, irid jiġi applikat approċċ komuni bejn l-Istati Membri. Approċċ frammentat jippreżenta ostakli addizzjonali għas-suq uniku, li jxekklu l-innovazzjoni, l-investiment u l-ħolqien tax-xogħlijiet, kif ukoll il-koeżjoni soċjali u l-kwalità tal-ħajja. Anke fi żminijiet ta' kriżi, huwa importanti li s-suq uniku jibqa' aċċessibbli għal kulħadd, b'salvagwardji effettivi kontra d-dumping soċjali u d-dumping fiskali⁽⁴⁾.

3.16. Kemm jista' jkun, in-negozji u l-individwi għandhom ukoll jingħataw inċentivi biex jadattaw il-mod li bih joperaw għar-realtà ta' wara l-kriżi ta' spejjeż ogħla tal-enerġija u l-effetti tat-tibdil fil-klima. Kwalunkwe miżura ta' emerġenza għandha tkun f'konformità mal-oġġettivi tal-klima tal-UE u d-direzzjoni lejn in-netwtralità klimatika u, meta applikata, għandha tagħti direzzjoni lejn l-ilhug tagħhom, kif ukoll biex is-suq uniku jsir aktar reżiljenti. Rispons għal emerġenza jrid ukoll iqis li dejjem hemm ċans ta' kriżi li twassal għal differenzi bejn il-pajjiżi tal-UE f'termini ta' żvilupp ekonomiku, garanziji soċjali u livelli ta' prosperità⁽⁵⁾, u jrid jifassal b'tali mod li jiġu evitati dawn l-effetti.

3.17. Komunikazzjoni rapida, faċli biex tinftiehem u miftuħa għall-pubbliku, għan-negozji u atturi oħrajn hija parti essenzjali mill-ġestjoni tal-kriżijiet tas-Suq Uniku. Biex tgħin lill-atturi fil-prattika, il-KESE jirrakkomanda li interfaċċa komuni ta' informazzjoni online dedikata għandha tkun operazzjonali minnufih meta tfaqqa' kriżi, tiġi aġġornata regolarment u tkun tinkludi informazzjoni affidabbli dwar il-kriżi u l-miżuri meħuda. Dan l-istrument għandu jiżgura t-trasparenza għan-nies u n-negozji rigward il-miżuri madwar l-Istati Membri biex jiġi appoġġjat il-moviment liberu kontinwu tagħhom. Kwalunkwe miżura ta' emerġenza għandha tkun ikkomunikata b'mod ċar biex ma jinħolqux konfużjoni jew ostakli addizzjonali fil-funzjonament tas-Suq Uniku. Il-KESE jemmen li l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili jista' jkollhom rwol importanti f'dan.

3.18. Il-kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati hija wkoll meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-istrument, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li fil-prattika huma l-atturi tas-soċjetà ċivili li jwettqu l-miżuri. Huma għandhom ukoll l-aħjar għarfien tal-miżuri u tal-proċeduri li jaħdmu. L-infrastruttura tat-tmexxija tas-Suq Uniku trid tissaħħaħ, bl-inklużjoni proattiva ta' korpi organizzati li jirrappreżentaw liċ-ċittadini, lill-konsumaturi u lill-intrapriżi⁽⁶⁾. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tinkludi l-imsieħba soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-esperti fil-proċessi ta' valutazzjoni u monitoraġġ tar-riskji, kif ukoll fl-iżvilupp u l-kordinazzjoni ta' miżuri fi kriżi.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. Il-miżuri għandhom kemm jista' jkun ikompli jibnu fuq strumenti eżistenti rigward notifiċi, standards, eċċ. Għandhom jiffukaw fuq l-ikkjarifikar u l-iffaċilitar tal-użu rapidu u effiċjenti tagħhom għall-ippreservar tal-funzjonament tas-Suq Uniku kull meta tfaqqa' kriżi.

⁽⁴⁾ Ara n-nota 2 f'qiegħ il-paġna.

⁽⁵⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar (a) "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Pjan ta' azzjoni fit-tul għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku" (COM(2020) 94 final) u (b) "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — L-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ostakli għas-Suq Uniku" (COM(2020) 93 final) (ĠU C 364, 28.10.2020, p. 116).

⁽⁶⁾ Ara n-nota 2 f'qiegħ il-paġna.

4.2. L-istrument għandu jikkunsidra valutazzjoni ta' konformità rapida, koordinazzjoni ta' akkwist pubbliku u sorveljanza tas-suq għall-oġġetti u s-servizzi li huma kritiċi għal dik il-kriżi. Madankollu, għandu jikkunsidra wkoll li direttivi tal-UE eżistenti diġà joffru diversi għażliet li jippermettu akkwist rapidu ħafna f'emerġenzi.

4.3. Il-miżuri ta' emerġenza m'għandhomx jitħallew jillimitaw id-drittijiet fundamentali ta' ċittadini tal-UE, u lanqas m'għandu l-eżerċitar ta' dawk id-drittijiet, inkluż id-dritt għal strajk, fi kwalunkwe settur, jirrappreżenta ċirkustanza li tiġġustifika rispons għal kriżi skont l-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza. Il-KESE huwa konvint li r-regolamentazzjoni legali tal-istrajks taqa' fi ħdan il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, u li jekk isir strajk jew tittieħed kwalunkwe azzjoni industrijali oħra skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali din ma tistax tikkostitwixxi kriżi skont it-termini tal-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza.

4.4. Huwa importanti li jiġi llimitat il-ġbir ta' data mingħand il-kumpaniji mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri billi jżommu mal-prinċipji ta' neċessità estrema u proporzjonalità. Ma jridux jiġu adottati obbligi obbligatorji fuq in-negozji li jiżvelaw informazzjoni kummerċjalment sensittiva, il-prijoritizzazzjoni ta' ordinijiet u l-klawżola ta' prevalenza fuq kuntratti, peress li huma kontroproduttivi għal azzjoni proattiva biex jinstabu soluzzjonijiet għall-indirizzar tal-kriżijiet. Uħud mill-proposti joħolqu riskji għall-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, bħall-istabbiliment ta' listi ta' "l-aktar operaturi ekonomiċi rilevanti" qabel ma tiġi mħabbra emerġenza. Il-KESE huwa mħasseb dwar is-sinjali li dan jista' jibgħat lis-suq u l-impatt ġenerali fuq il-kompetizzjoni.

4.5. Il-KESE jemmen li l-Grupp Konsultattiv, kif stabbilit fl-Artikolu 3 tal-proposta, għandu jagħmel użu sħiħ tal-għarfien u l-esperjenza tal-imsieħba soċjali u ta' organizzazzjoni rilevanti tas-soċjetà ċivili, li huma l-aktar f'kuntatt mal-kundizzjonijiet "fil-prattika" ta' kuljum fis-Suq Uniku. Filwaqt li huwa importanti li l-Grupp Konsultattiv jinkludi lil dawk li jfasslu l-politika, lill-awtoritajiet kompetenti u lill-aġenziji rilevanti kollha fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, il-KESE jemmen li l-imsieħba soċjali huma marbuta b'mod inseparabbli mas-Suq Uniku u għandhom jiġu inklużi awtomatikament bħala osservaturi fil-Grupp Konsultattiv, flimkien ma' organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili rilevanti, pereżempju organizzazzjoni tal-konsumaturi, biex jagħtu pariri dwar, jimplimentaw u jimmonitorjaw il-miżuri prattiċi meħuda skont l-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza.

4.6. Skont l-Artikolu 13, il-KESE jemmen li huwa meħtieġ li tiġi stabbilita solidarjetà bejn l-Istati Membri, pereżempju, meta jiġu żgurati riżervi strateġiċi. Għalhekk, il-KESE jappoġġja r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li l-Istati Membri jqassmu riżervi strateġiċi b'mod immirat, fejn possibbli.

4.7. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex terġa' tikkunsidra l-possibilità ta' restrizzjoni tal-moviment liberu tal-ħaddiema proposta fl-Artikolu 17 fir-rigward ta' ħaddiema fruntaliera, peress li l-limitazzjoni tal-moviment liberu tagħhom jista' jkollha effetti avversi fuq is-suq uniku, kif diġà ġie enfasizzat.

4.8. Il-KESE jemmen li l-interazzjoni bejn il-Grupp Konsultattiv fil-proposta u l-gruppi ta' ġestjoni tal-kriżijiet diġà stabbiliti, bħat-Task Force għall-Infurzar fis-Suq Uniku, l-Għodda ta' Informazzjoni għas-Suq Uniku u l-pjattaformi għall-kriżi tal-ikel, mhijiex stabbilita b'mod ċar fil-proposta. Il-Kummissjoni għandha tevita kwalunkwe duplikazzjoni fil-ġurisdizzjonijiet ta' korpi differenti għall-ġestjoni tal-kriżijiet, li toħloq xogħol amministrattiv mhux meħtieġ u ddewwem ir-rispons għall-kriżijiet.

Brussell, 1-14 ta' Diċembru 2022.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għal prodotti b’elementi diġitali u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020”

(COM(2022) 454 final — 2022/0272 (COD))

(2023/C 100/15)

Relatur: **Maurizio MENSI**

Korelatur: **Marinel Dănuț MUREȘAN**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 9.11.2022
	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 28.10.2022
Bażi ġuridika	Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adozzjoni fis-sezzjoni	10.11.2022
Adozzjoni fil-plenarja	14.12.2022
Sessjoni plenarja Nru	574
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	177/0/0

1. Konklużjonjiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika li għandu l-għan li jistabbilixxi standards ogħla taċ-ċibersigurtà u b'hekk joħloq sistema affidabbli għall-operaturi ekonomiċi filwaqt li jiggarrantixxi liċ-ċittadini tal-UE li l-prodotti kollha fis-suq ikunu jistgħu jintużaw b'mod sikur. Dan huwa parti mill-Istrateġija Ewropea għad-Data, li ssaħħaħ is-sigurtà tad-data, inkluża d-data personali, u d-drittijiet fundamentali, li huma rekwiżiti essenzjali għas-soċjetà diġitali tagħna.

1.2. Il-KESE jqis li huwa essenzjali li jissaħħaħ ir-rispons kollettiv kontra l-attakki ċibernetiċi u li jiġi kkonsolidat il-proċess ta' armonizzazzjoni taċ-ċibersigurtà fil-livell nazzjonali f'termini ta' regoli u għodod operattivi, sabiex jiġi evitat li approċċi nazzjonali differenzjati jistgħu jgħolqu inċertezzi u ostakli legali.

1.3. Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-inizjattiva tal-Kummissjoni, li mhux biss se tgħin biex jitnaqqsu l-ispejjeż sinifikanti għan-negozji kkwżati minn attakki ċibernetiċi, iżda se tippermetti wkoll liċ-ċittadini/lill-konsumaturi jibbenefikaw minn protezzjoni aħjar tad-drittijiet fundamentali tagħhom bħall-privatezza. B'mod partikolari, il-Kummissjoni turi li l-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs jitqiesu meta jiġu pprovduti s-servizz pprovduti mill-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni; madankollu, il-KESE jenfasizza l-oportunità biex jiġu ċċarati l-kriterji ta' applikazzjoni.

1.4. Il-KESE qjis li huwa importanti li jiġi enfasizzat li, filwaqt li min-naħa waħda huwa apprezzabbli li l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika jkopri kważi l-prodotti diġitali kollha, min-naħa l-oħra jista' jkun hemm problemi fl-applikazzjoni konkreta tiegħu minħabba l-verifika u l-kontroll konsiderevoli u kumplessi li jinvolvi. Għalhekk jeħtieġ li jissaħħu l-għodod ta' monitoraġġ u verifika.

1.5. Il-KESE jinnota l-ħtieġa li jiġi ċċarat b'mod preċiż il-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika, b'referenza partikolari għal prodotti b'elementi diġitali u software.

1.6. Il-KESE jinnota li l-produtturi se jkunu obbligati jirrappurtaw kemm il-vulnerabbiltajiet fil-prodotti tagħhom kif ukoll kwalunkwe inċident ta' sigurtà, filwaqt li jinfurmaw lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA). F'dan ir-rigward, huwa importanti li l-ENISA tingħata r-riżorsi meħtieġa biex twettaq il-kompiti importanti u sensittivi assenjati lilha fil-waqt u b'mod effettiv.

1.7. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe inċertezza ta' interpretazzjoni, il-KESE jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tfassal linji gwida biex tiggwida lill-produtturi u lill-konsumaturi dwar ir-regoli u l-proċeduri speċifiċi applikabbli, peress li jidher li għadd ta' prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta huma soġġetti wkoll għal leġislazzjoni oħra dwar iċ-ċibersigurtà. F'dan ir-rigward ikun importanti wkoll li b'mod partikolari l-SMEs u l-MSMEs ikollhom aċċess għal appoġġ espert kwalifikat, li jkun jista' jipprovdi servizzi professjonali speċifiċi.

1.8. Il-KESE jinnota li r-relazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni skont it-tifsira tal-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika u korpi oħra awtorizzati biex jiċċertifikaw iċ-ċibersigurtà skont leġislazzjoni oħra mhijiex kompletament ċara. L-istess problema ta' koordinazzjoni operattiva tista' tinqala' wkoll bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza previsti f'din il-proposta u dawk diġà attivi skont leġislazzjoni oħra applikabbli għall-istess prodotti.

1.9. Il-KESE jirrimarka li, skont il-proposta, l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni se jkollhom jerfġu ammont konsiderevoli ta' xogħol u responsabbiltà. Għandu jiġi żgurat li dawn ikunu kompletament operattivi fil-prattika, mhux l-inqas sabiex jiġi evitat li l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika jżid il-piż amministrattiv diġà previst, b'tali mod li jiġu ppenalizzati l-produtturi li se jkollhom jikkonformaw ma' għadd ta' rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni addizzjonali sabiex ikunu jistgħu jkomplu joperaw fis-suq.

2. Analiżi tal-proposta

2.1. Bil-proposta għall-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika, il-Kummissjoni beħsiebha tirrazzjonalizza u tiddefinixxi mill-ġdid il-leġislazzjoni attwali dwar iċ-ċibersigurtà b'mod komprensiv u orizzontali filwaqt li taġġornaha fid-dawl tal-innovazzjonijiet teknoloġiċi.

2.2. Essenzjalment, l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika għandu erba' għanijiet: li jiżgura li l-produtturi jtejb u s-sigurtà tal-prodotti b'elementi diġitali fil-fażi tad-disinn u l-iżvilupp u matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tagħhom; li jiżgura qafas konsistenti tal-istandards ta' iċ-ċibersigurtà, li jiffaċilita l-konformità mill-produtturi tal-hardware u tas-software; li jtejjeb it-trasparenza tal-karatteristiċi tas-sigurtà tal-prodotti b'elementi diġitali; u li jippermetti lin-negozji u lill-konsumaturi jużaw dawn il-prodotti b'mod sikur. Essenzjalment, il-proposta tintroduċi markatura CE dwar iċ-ċibersigurtà filwaqt li tirrikjedi li tali markatura titwagħhal mal-prodotti kollha koperti mill-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika.

2.3. Dan huwa intervent orizzontali, li bih il-Kummissjoni beħsiebha tirregola l-kwistjoni kollha b'mod organiku, peress li prattikament ikopri l-prodotti kollha li fihom komponenti diġitali. Huma esklużi biss dawk ta' natura medika u dawk relatati mal-avjazzjoni ċivili, mal-vetturi u dawk militari. Il-proposta teskludi wkoll is-servizzi SaaS (cloud), sakemm ma jintużawx għall-ipproċessar ta' prodotti b'elementi diġitali.

2.4. Id-definizzjoni ta' "prodotti b'elementi diġitali" hija wiesgħa ħafna u tinkludi kwalunkwe prodott ta' software jew hardware, kif ukoll software jew hardware mhux inkorporat fil-prodott iżda mqiegħed fis-suq separatament.

2.5. Il-leġislazzjoni tintroduċi rekwiżiti obligatorji ta' iċ-ċibersigurtà għall-prodotti li fihom komponenti diġitali matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, iżda ma tissostitwixxi dawk li huma diġà fis-seħħ. Għall-kuntrarju, il-prodotti li diġà ġew iċċertifikati bħala konformi mal-istandards tal-UE preeżistenti se jitqiesu bħala "validi" wkoll skont ir-Regolament il-ġdid.

2.6. Il-prinċipju ġenerali huwa li prodotti "sikuri" biss ikunu kkummerċjalizzati fl-Ewropa, li l-produtturi tagħhom jaġixxu b'tali mod li dawn il-prodotti jibqgħu sikuri matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tagħhom.

2.7. Prodott jitqies "sikur" jekk ikun iddisinjat u mmanifatturat b'tali mod li jkollu livell ta' sigurtà adegwat għar-riskji ċibernetiċi li joħloq meta jintuża, ma jkollux vulnerabbiltajiet magħrufa fil-mument li jinbiegħ, ikollu konfigurazzjoni prestabbilita sigura, ikun protett minn konnessjonijiet illegali, jipproteġi d-data li jiġbor, u l-ġbir ta' data jkun limitat biss għal dik id-data li se tintuża għall-funzjonament tiegħu.

2.8. Produttur jitqies adegwat biex jikkummerċjalizza l-prodotti tiegħu jekk jagħmel identifikabbli l-lista tad-diversi komponenti tas-software tal-prodotti tiegħu, joħroġ b'mod rapidu rimedji mingħajr ħlas f'każ ta' vulnerabbiltajiet ġodda, jippubblika u jagħti dettalji dwar il-vulnerabbiltajiet li jidentifika u jsolvi, jivverifika regolarment ir-"robustezza" tal-prodotti li jbiegħ. Dawn u attivitajiet oħra imposti mill-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika jridu jitwettqu matul il-ħajja ta' prodott, jew għal mill-inqas ħames snin wara li jkun tqiegħed fis-suq. Il-produttur huwa meħtieġ jiżgura li l-vulnerabbiltajiet jiġu eliminati permezz ta' aġġornamenti regolari tas-software.

2.9. Skont prinċipju ġenerali applikat f'diversi setturi, l-obbligi huma imposti wkoll fuq l-importaturi u d-distributuri.

2.10. L-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika jipprevedi makrokategorija tal-prodotti u software hekk imsejħa "normali" li fuqhom tista' ssir awtovalutazzjoni mill-produttur, kif diġà huwa l-każ għal tipi oħra ta' ċertifikazzjoni tal-markatura CE. Skont il-Kummissjoni, 90 % tal-prodotti fis-suq jaqgħu taħt din il-kategorija.

2.11. Il-prodotti msemmija jistgħu jitqiegħdu fis-suq wara awtovalutazzjoni taċ-ċibersigurtà tagħhom mill-produttur li jippreżenta dokumentazzjoni adegwata stabbilita mil-linji gwida regolatorji. Il-produttur huwa meħtieġ jirrepeti l-valutazzjoni jekk il-prodott jiġi mmodifikat.

2.12. L-10 % li jifdal tal-prodotti huma maqsuma f'żewġ kategoriji oħra (klassi I, inqas perikolużi, u klassi II, aktar perikolużi), li t-tqegħid tagħhom fis-suq jeħtieġ aktar attenzjoni. Dawn huma l-hekk imsejħa "prodotti kritiċi b'elementi diġitali", li meta jkollhom difett, dan jista' jwassal għal ksur ta' sigurtà aktar perikoluż u ikbar.

2.13. Għall-prodotti ta' dawn iż-żewġ klassijiet, l-awtodikjarazzjonijiet bażiċi huma eliġibbli biss jekk il-produttur juri li segwa standards speċifiċi tas-suq u speċifikazzjonijiet tas-sigurtà jew ċertifikazzjonijiet taċ-ċibersigurtà diġà previsti mill-UE. Jekk dan ma jkunx il-każ, jista' jikseb ċertifikazzjoni tal-prodott minn korp taċ-ċertifikazzjoni akkreditat li ċ-ċertifikazzjoni tiegħu hija obbligatorja għall-prodotti tal-klassi II.

2.14. Is-sistema għall-klassifikazzjoni tal-prodotti f'kategoriji ta' riskju tinsab ukoll fil-Proposta għal Regolament dwar l-intelliġenza artifiċjali (IA). Biex jiġu evitati dubji dwar id-dispożizzjonijiet applikabbli, l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika għandu jikkunsidra prodotti b'elementi diġitali li huma simultanjament ikklassifikati bħala "sistemi tal-IA ta' riskju kbir" f'konformità mal-Proposta dwar l-IA. Prodotti bħal dawn ġeneralment ikollhom jikkonformaw mal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità stabbilita fir-Regolament dwar l-IA, ħlief għal "prodotti diġitali kritiċi", li għalihom se japplikaw ir-regoli tal-valutazzjoni tal-konformità tal-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika flimkien mar-"rekwiżiti essenzjali" tal-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika.

2.15. Sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika, hemm attività superviżorja li kull Stat Membru se jkollu jafda f'idejn awtorità nazzjonali. F'konformità mal-leġiżlazzjoni b'rabta mas-sigurtà ta' prodotti oħrajn, jekk awtorità nazzjonali ssib li l-karatteristiċi taċ-ċibersigurtà ta' prodott ma għadhomx jeżistu, il-kummerċjalizzazzjoni tiegħu tista' tiġi sospiża fl-Istat inkwistjoni. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) għandha l-kompetenza li tivvaluta fid-dettall prodott irrappurtat u l-valutazzjonijiet tiegħu, u f'każ ta' nuqqas ta' sigurtà identifikata ta' prodott, jistgħu jwasslu għas-sospensjoni tal-kummerċjalizzazzjoni tiegħu fl-UE.

2.16. Is-sistema ta' sanzjonijiet tal-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika hija garantita minn sensiela ta' sanzjonijiet — relatati mal-gravità tal-ksur — li, fil-każ ta' ksur tar-rekwiżiti essenzjali għaċ-ċibersigurtà tal-prodotti, jistgħu jammontaw għal EUR 15-il miljun jew 2,5 % tal-fatturat tas-sena tat-taxxa preċedenti.

3. Kummenti

3.1. Il-KESE jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li għandha l-għan li tinkludi element ewlieni fil-frammentazzjoni usa' tar-regolamentazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà, f'koordinazzjoni u flimkien mad-Direttiva NIS⁽¹⁾ u flimkien mal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà⁽²⁾. L-istandards għoljin taċ-ċibersigurtà għandhom rwol ewlieni fil-ħolqien ta' sistema robusta taċ-ċibersigurtà tal-UE għall-operaturi ekonomiċi kollha, utli biex jiżguraw li ċ-ċittadini tal-UE jkun u jistgħu jużaw il-prodotti kollha fis-suq b'mod sikur u jżidu l-fiduċja tagħhom fid-dinja diġitali.

3.2. Għalhekk, ir-Regolament jindirizza żewġ kwistjonijiet: il-livell baxx ta' ċibersigurtà ta' ħafna mill-prodotti u, l-aktar importanti, il-fatt li ħafna produtturi ma jipprovdwx aġġornamenti biex jindirizzaw il-vulnerabbiltajiet. Filwaqt li l-produtturi ta' prodotti b'elementi diġitali xi kultant isofru dannu għar-reputazzjoni meta l-prodotti tagħhom jonqsu fis-sigurtà, il-kost tal-vulnerabbiltajiet jiġġarrab prinċipalment mill-utenti professjonali u mill-konsumaturi. Dan jillimita l-inċentivi tal-produtturi biex jinvestu fid-disinn u l-iżvilupp ta' prodotti sikuri u biex jipprovdwx aġġornamenti dwar is-sigurtà. Barra minn hekk, in-negozji u l-konsumaturi spiss ma jkollhomx informazzjoni suffiċjenti u preċiża meta jiġu

⁽¹⁾ Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1).

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà) (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15).

biex jagħżlu prodotti sikuri u ħafna drabi ma jkunux jafu kif jiżguraw li l-prodotti li jixtru jkunu konfigurati b'mod sikur. Ir-regoli l-ġodda jindirizzaw dawn iż-żewġ aspetti billi jindirizzaw il-kwistjoni tal-aġġornamenti u l-għoti ta' informazzjoni aġġornata lill-klijenti. F'dan is-sens, il-KESE jemmen li, fejn jiġi applikat kif suppost, ir-Regolament propost jista' jsir punt ta' riferiment u mudell internazzjonali fejn tidħol iċ-ċibersigurtà.

3.3. Il-KESE jilqa' l-proposta li jiġu introdotti rekwiżiti taċ-ċibersigurtà għal prodotti b'elementi diġitali. Madankollu, se jkun importanti li jiġu evitati duplikazzjonijiet ma' dispożizzjonijiet regolatorji oħra fis-seħħ dwar din il-kwistjoni, bħad-Direttiva l-ġdida NIS 2 ⁽³⁾ u l-Att dwar l-IA.

3.4. Il-KESE jqis li huwa importanti li jiġi enfasizzat li, filwaqt li min-naħa waħda huwa apprezzabbli li l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika jkopri kważi l-prodotti diġitali kollha, min-naħa l-oħra jista' jkun hemm problemi fl-applikazzjoni konkreta tiegħu minħabba l-verifika u l-kontroll konsiderevoli li jinvolvi.

3.5. Il-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika huwa wiesa' u jkopri l-prodotti kollha b'elementi diġitali. Skont id-definizzjoni proposta, il-prodotti tas-software u tal-hardware u l-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data relatati kollha huma koperti. Il-KESE jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tiċċara jekk is-software kollu jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament propost.

3.6. Il-produtturi se jkollhom l-obbligu li jirrappurtaw vulnerabbiltajiet sfruttati b'mod attiv min-naħa, u inċidenti ta' sigurtà min-naħa l-oħra. Huma se jkunu meħtieġa jinfurmaw lill-ENISA dwar kwalunkwe vulnerabbiltà sfruttata b'mod attiv li tinsab fil-prodott u (separatament) dwar kwalunkwe inċident li għandu impatt fuq is-sigurtà tal-prodott, fi kwalunkwe każ fi żmien 24 siegħa minn meta jsiru jafu bih. F'dan ir-rigward, il-KESE jinnota l-ħtieġa li l-ENISA tingħata biżżejjed riżorsi, kemm f'termini ta' numri kif ukoll f'termini ta' taħriġ professjonali, biex tkun tista' twettaq b'mod effettiv il-kompiti importanti u sensittivi f'dati lilha skont ir-Regolament.

3.7. Il-fatt li għadd ta' prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' tal-proposta huma soġġetti wkoll għal dispożizzjonijiet leġislattivi oħra dwar iċ-ċibersigurtà jista' jwassal għal inċertezza dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli. Għalkemm l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika huwa mfassal biex ikun konsistenti mal-qafas regolatorju attwali tal-UE dwar il-prodotti u proposti oħra li għaddejjin bħalissa fil-kuntest tal-Istrateġija Diġitali tal-UE, regoli bħal dawk għal prodotti tal-intelliġenza artifiċjali ta' riskju kbir, pereżempju, jikkoinċidu ma' dawk fir-Regolament dwar l-ipproċessar tad-data personali. F'dan ir-rigward, il-KESE jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tfassal linji gwida għall-produtturi u l-konsumaturi dwar l-applikazzjoni korretta tiegħu.

3.8. Il-KESE jinnota li r-relazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni skont it-tifsira tal-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika u kwalunkwe korp ieħor awtorizzat li jiċċertifika iċ-ċibersigurtà f'konformità mar-Regolamenti oħra applikabbli bl-istess mod ma tidhirx ċara għalkollox.

3.9. Barra minn hekk, dawk l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni se jkollhom piż konsiderevoli ta' xogħol u responsabbiltà. Għandu jiġi vverifikat u żgurat li jkunu kompletament operattivi fil-prattika, sabiex jiġi evitat li l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika jwassal għal żieda fil-piż amministrattiv diġà impost fuq il-produtturi li joperaw fis-suq. F'dan ir-rigward ikun importanti wkoll li b'mod partikolari l-SMEs u l-MSMEs ikollhom aċċess għal appoġġ espert kwalifikat, li jkun jista' jipprovdi servizzi professjonali speċifiċi.

3.10. L-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika jipprevedi li l-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni jqisu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs meta jwettqu s-servizzi tagħhom; madankollu, il-KESE jenfasizza l-opportunità biex jiġu ċċarati l-kriterji ta' applikazzjoni.

3.11. Barra minn hekk, tista' tingħala problema ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza previsti f'dan ir-Regolament u dawk diġà attivi f'konformità ma' regoli oħra applikabbli għall-istess prodotti. Għalhekk, il-KESE jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jimmonitorjaw is-sitwazzjoni u, fejn adegwat, jieħdu azzjoni biex jipprevjenu li dan iseħħ.

Brussell, 1-14 ta' Diċembru 2022.

Christa SCHWENG

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽³⁾ Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi”

(COM(2022) 245 — final)

(2023/C 100/16)

Relatur: **Ionuț SIBIAN**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 27.10.2022
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adozzjoni fis-sezzjoni	23.11.2022
Adozzjoni fil-plenarja	14.12.2022
Sessjoni plenarja Nru	574
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	208/0/2

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Id-Direttiva proposta twieġeb b'mod korrett għall-ħtieġa li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmi ta' konfiska, issa ħaħ il-kompetenzi tal-awtoritajiet nazzjonali, u tistabbilixxi mekkaniżmi ta' kooperazzjoni transfruntiera biex tiżdied ir-rata tal-irkupru tal-assi.

1.2. Fir-rigward tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmi ta' konfiska b'sett ġdid ta' reati, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tiċċara u tiżgura li l-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin tal-migranti u l-kummerċ illeċitu tat-tabakk jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva proposta.

1.3. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra kif għandha tapplika d-Direttiva proposta għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-UE, u jemma li hija meħtieġa leġiżlazzjoni separata f'dan il-qasam. Id-Direttiva proposta għandha tippermetti lill-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi jsaħħu l-kapaċità tagħhom li joperaw mingħajr ma jiżdiedu kompetenzi oħra.

1.4. Għandu jiġi ggarantit l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni mingħajr preġudizzju għall-proċedimenti ta' rkupru tal-assi li jkunu għaddejjin. Il-KESE jissuġġerixxi li d-Direttiva proposta tiddikjara b'mod espliċitu li l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni Ewropea huma obbligati jippubblikaw regolarment statistika komprensiva dwar il-miżuri meħuda skont id-Direttiva u jiżguraw l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni.

1.5. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiżgura li l-Istati Membri jadottaw strateġiji nazzjonali dwar l-irkupru tal-assi b'kunsiderazzjoni sħiħa tat-trasparenza u l-aċċessibbiltà.

1.6. Il-KESE jħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni Ewropea tieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa matul il-proċess ta' traspożizzjoni biex tipprevjeni l-abbużi waqt proċedimenti ta' rkupru tal-assi f'każ ta' miżuri ta' konfiska mhux ibbażati fuq kundanna.

1.7. Il-mekkaniżmu li għadu kif ġie introdott li jiżgura l-konfiska tal-assi mhux direttament marbuta ma' reat elenkat fid-Direttiva, iżda fuq il-bażi ta' suspett ta' proprjetà illegali/li jirriżultaw minn attivitajiet kriminali jeħtieġ standards aktar b'saħħithom għad-drittijiet u s-salvagwardji proċedurali tal-konvenuti.

1.8. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra mill-ġdid id-dispożizzjoni dwar l-użu mill-ġdid għal skopijiet soċjali fid-Direttiva proposta, u biex tħeġġeġ lill-Istati Membri jfasslu mekkaniżmi li jinkludu l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bħala prijorità fil-ġestjoni u d-disponiment tal-assi kkonfiskati. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi miri billi tinkludi perċentwal minimu għall-użu mill-ġdid tal-assi kkonfiskati għal skopijiet soċjali. L-interess pubbliku ma għandux jinftehem li jfisser biss azzjonijiet li huma fil-kompetenza tal-entitajiet pubbliċi.

1.9. Il-KESE jqis li huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni tkun aktar preċiża meta tistabbilixxi d-dritt tal-vittmi għal kumpens u tagħti prijorità lill-vittmi fil-klassifikazzjoni tal-kredituri.

1.10. Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva li tirrikjedi li jiġi stabbilit mill-inqas Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi wieħed f'kull Stat Membru, li jrid jingħata r-riżorsi li jeħtieġ biex jaqdi r-rwol tiegħu b'mod effiċjenti u effettiv. Sabiex jiġi żgurat standard minimu għall-funzjonament tal-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi madwar l-UE, il-Kummissjoni Ewropea għandha tirrikjedi rappurtar regolari tar-riżorsi allokat i f'kull Stat Membru.

1.11. Il-KESE jirrikonoxxi l-għan li jizzied l-użu tal-mekkaniżmu ta' bejgħ interlokutorju billi tiġi introdotta definizzjoni ta' referenza u jiġu speċifikati l-kundizzjonijiet għall-użu tiegħu. Fl-istess ħin, "għarfien espert mhux faċilment disponibbli" huwa standard li jista' jittejjeb, u jsir "għarfien espert li d-diffikultà biex jinkiseb hija irraġonevoli". Il-bejgħ għandu jibqa' l-aħħar għażla fir-rigward tal-użu mill-ġdid għal skopijiet soċjali, meta jitqies li l-fondi kkonfiskati jistgħu jiġu allokat i għall-kumpens lill-vittmi.

1.12. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tissupplementa l-mandat tal-Uffiċċji għall-Irkupru u l-Ġestjoni tal-Assi billi tintroduċi dispożizzjonijiet rilevanti dwar il-ftehimiet dwar il-kondiviżjoni tal-assi fid-Direttiva proposta.

1.13. Il-KESE jqis li huwa meħtieġ li jiġu inklużi għodod aktar konkreti biex jgħinu lill-uffiċjali ta' pajjiżi terzi u biex l-Istati Membri jiġu mħeġġa b'mod attiv jiżviluppaw kooperazzjoni ma' dawn il-pajjiżi sabiex jisfruttaw il-mekkaniżmi tal-irkupru tal-assi previsti fid-Direttiva proposta. L-istess jgħodd għall-implimentazzjoni tal-għodod u l-istrumenti legali meħtieġa biex jiġi żgurat li l-vittmi ta' reati kriminali jkollhom id-dritt sħiħ għal kumpens f'pajjiżi terzi.

1.14. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni toħroġ linji gwida li jqabblu l-leġiżlazzjoni li għandha tiġi sostitwita mad-Direttiva l-ġdida li għandha tiġi ppromulgata sabiex tiġi mħeġġa l-adozzjoni ta' miżuri li jiffaċilitaw it-traspożizzjoni futura tad-Direttiva proposta fil-ġurisdizzjonijiet nazzjonali, u biex l-awtoritajiet nazzjonali jkun i jstgħu jallinjawha malajr mal-leġiżlazzjoni tagħhom stess.

1.15. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tagħmel użu mill-istrumenti komparattivi għall-għbir tad-data introdotti fid-Direttiva proposta biex tistabbilixxi mekkaniżmi ta' monitoraġġ trasparenti bil-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili u biex twettaq proċess ta' evalwazzjoni dwar l-impatt tad-Direttiva proposta mhux aktar tard minn tliet snin wara l-adozzjoni tagħha.

2. Sfond

2.1. L-irkupru tal-assi huwa kruċjali għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, jiġifieri attivitajiet relatati mal-kriminalità organizzata. Il-kriminalità organizzata tiddependi mill-kisba ta' profitti li jkomplu jiġu maħsula u introdotti fl-ekonomija leċita, u b'hekk twassal għal żieda ta' vittmi, distorsjoni tar-regoli tas-suq u perpetwazzjoni tal-kapaċità li ddgħajef is-swieq finanzjarji u tiskatta telf għall-individwi u n-negozji. L-oqfsa legali għall-irkupru tal-assi u l-istrumenti ta' kooperazzjoni transfruntiera jeħtieġu aktar reviżjoni u infurzar peress li huma biss madwar 2 % tal-assi kriminali li jiġu ffriżati u 1 % li jiġu kkonfiskati ⁽¹⁾ fl-UE.

⁽¹⁾ Europol, *Does crime still pay? Criminal Asset Recovery in the EU* (Il-kriminalità għadha trendi? L-Irkupru tal-Assi Kriminali fl-UE) — Stħarriġ ta' informazzjoni statistika 2010-2014, 2016 (mhux disponibbli bil-Malti).

2.2. L-ewwel Strateġija ddedikata tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata⁽²⁾ ġiet adottata f'April 2021 u tindirizza t-tliet li l-kriminalità organizzata toħloq għaċ-ċittadini Ewropej, l-istituzzjonijiet tal-istat u l-ekonomija kollha kemm hi. Wieħed mill-pilastri tal-istrateġija huwa li jiġu eliminati l-profitti ġenerati mill-kriminalità organizzata u li tiġi evitata l-infiltrazzjoni tagħhom fl-ekonomija legali u n-negozji legali (approċċ ta' segwitu tal-flus), u l-Kummissjoni ntalbet tiegħu azzjoni fuq ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Konfiska⁽³⁾ u d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi⁽⁴⁾.

2.3. Il-KESE ilu għal xi żmien konxju bis-siġħ u mħasseb dwar iż-żieda fil-kriminalità organizzata u l-ispejjeż ekonomiċi, politiċi u soċjali sinifikanti tagħha. Il-ħidma tal-KESE kienet konsistenti mal-missjoni tiegħu, u l-Opinjoni⁽⁵⁾ maħruġa dwar suġġetti rilevanti għall-għieda kontra l-kriminalità organizzata għenu lil-leġislaturi Ewropej jawtonomizzaw u jagħtu rilevanza li-ċittadini permezz tas-soċjetà ċivili organizzata. L-irkupru tal-assi huwa parti mill-ekosistema leġislattiva akbar tal-UE li hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-ġustizzja restorattiva li l-komunitajiet jeħtieġu sabiex titnaqqas il-ħsara kkawżata minn reati kriminali.

2.4. L-evalwazzjoni⁽⁶⁾ tal-qafas legali attwali għall-irkupru tal-assi semmiet li, minkejja titjib ġenerali mill-Istati Membri, ir-riżultati ġenerali f'termini ta' assi kkonfiskati mhumix sodisfaċenti u r-rati ta' konfiska fl-UE għadhom baxxi ħafna. Il-kapaċità li jiġu rintraċċati u identifikati l-assi hija fattur ewlieni fit-titjib tar-rata ta' suċċess u l-iffriżar u l-konfiska ta' aktar assi illegali. Ir-reviżjoni tal-leġislazzjoni għandha tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tal-irkupru illegali tal-assi u żżid l-għadd ta' strumenti korrispondenti, kif ukoll issaħħaħ il-kapaċità tal-uffiċċji nazzjonali għall-irkupru⁽⁷⁾.

2.5. L-opzjonijiet ta' politika għar-reviżjoni tal-qafas għall-irkupru tal-assi kienu soġġetti għal konsultazzjoni pubblika fl-2021. F'Marzu 2021, ġiet ippubblikata valutazzjoni tal-impatt tal-bidu⁽⁸⁾ bil-għan li jkun hemm feedback, segwita minn konsultazzjoni pubblika li saret bejn il-21 ta' Ġunju u s-27 ta' Settembru 2021 biex jinġabru l-fehmiet tal-pubbliku ġenerali u tal-partijiet interessati. Erba' opzjonijiet ta' politika ġew analizzati u ppreżentati fir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt⁽⁹⁾:

— **Opzjoni 1:** li tikkonsisti f'**miżuri mhux leġislattivi** li jappoġġjaw l-iskambju ta' esperjenzi, għarfien u prattiki tajba fost l-awtoritajiet kompetenti.

— **Opzjoni 2:** dawn il-miżuri jikkonsistu primarjament f'**emendi mmirati** għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi u d-Direttiva dwar il-Konfiska biex jispeċifikaw il-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ġenerali eżistenti u biex dawn isiru aktar effettivi. Dawn il-miżuri jkunu jinkludu rekwiżiti biex l-Istati Membri jadottaw strateġija nazzjonali dwar l-irkupru tal-assi u biex jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom il-ħiliet u r-riżorsi meħtieġa. Barra minn hekk, dan ikun jinvolti miżuri mmirati lejn it-titjib tal-kooperazzjoni transfruntiera fost l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi, inkluż l-aċċess għal bażijiet tad-data u setgħat ta' ffriżar estiżi.

⁽²⁾ Komunikkazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata 2021-2025, (COM(2021) 170, 14.4.2021).

⁽³⁾ Id-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 39).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2007 dwar il-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċji għall-Irkupru ta' l-Assi ta' l-Istati Membri fil-qasam (ĠU L 332, 18.12.2007, p. 103).

⁽⁵⁾ Uħud mill-Opinjoni⁽⁵⁾ rilevanti tal-KESE: Opinijoni dwar il-Pakkett tal-Unjoni tas-Sigurtà (ĠU C 323, 26.8.2022, p. 69), is-sensjela ta' Opinijoni⁽⁵⁾ dwar il-leġislazzjoni dwar il-għieda kontra l-ħasil tal-flus, bl-aktar waħda reċenti tkun l-Opinjoni⁽⁵⁾ dwar il-Pakkett Leġislattiv Kontra l-Ħasil tal-Flus tal-2021 (ĠU C 152, 6.4.2022, p. 89), l-Opinjoni⁽⁵⁾ dwar Strateġija biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata 2021-2025 (ĠU C 517, 22.12.2021, p. 91), l-Opinjoni⁽⁵⁾ dwar it-tisħiħ tal-mandat tal-Europol (ĠU C 341, 24.8.2021, p. 66), l-Opinjoni⁽⁵⁾ dwar il-kontrolli fir-rigward tal-flus deħlin jew ħerġin mill-Unjoni (ĠU C 246, 28.7.2017, p. 22), l-Opinjoni⁽⁵⁾ dwar l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà (ĠU C 177, 18.5.2016, p. 51) u l-Opinjoni⁽⁵⁾ dwar Ewropa miftuħa u sikura (ĠU C 451, 16.12.2014, p. 96).

⁽⁶⁾ Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: L-irkupru tal-assi u l-konfiska: Niżguraw li l-kriminalità ma trendix qligħ (COM(2020) 217 final).

⁽⁷⁾ B'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-investigazzjonijiet finanzjarji fil-għieda kontra l-kriminalità serja u organizzata Dokument tal-Kunsill 8927/20, is-17 ta' Ġunju 2020.

⁽⁸⁾ Semma' lehnok — Il-għieda kontra l-kriminalità organizzata — it-tisħiħ tal-mandat tal-Uffiċċji tal-UE għall-Irkupru tal-Assi

⁽⁹⁾ Kummissjoni Ewropea, IMPACT ASSESSMENT REPORT Accompanying the document Proposal for a Directive of the European Parliament and of the Council on asset recovery and confiscation, (2022) (mhux disponibbli bil-Malti).

- **Opzjoni 3:** ikun fiha, minbarra l-miżuri previsti fl-opzjoni 2, rekwiżiti aktar dettaljati għall-Istati Membri għall-fażijiet kollha tal-proċess ta' rkupru, u l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Konfiska jiġi estiż biex jinkludi firxa usa' ta' reati.
- **Opzjoni 4:** il-miżuri jibnu fuq daww taħt l-opzjoni 3, iżda l-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet jiġi estiż għar-reati kollha u jinvolvi rekwiżiti aktar estensivi fir-rigward tat-tneġġja tal-investigazzjonijiet. Barra minn hekk, jiġu stabbiliti kundizzjonijiet aktar konkreti dwar l-ordinijiet ta' ffriżar uġenti u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi.

2.5.1. Il-valutazzjoni tal-impatt sabet li l-opzjoni 3 kienet l-aktar adatta peress li ttipprovdi l-aħjar bilanċ bejn l-effettività, l-effiċjenza u l-proporzjonalità minn naħa waħda, u d-diversi impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali antiċipati min-naħa l-oħra.

2.6. Fil-25 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni pproponiet Direttiva ġdida dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi li tissostitwixxi d-Direttiva attwali dwar il-Konfiska, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi u d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/212/ĠAI⁽¹⁰⁾. L-għan speċifiku huwa li jiġu stabbiliti standards komuni għat-traċċar u l-identifikazzjoni, l-iffriżar, il-ġestjoni u l-konfiska tal-assi fi strument uniku li jkompli jiżgura approċċ aktar koerenti u strateġiku għall-atturi kollha fis-sistema tal-irkupru tal-assi.

3. Kummenti ġenerali u speċifiċi

3.1. L-approċċ ġenerali tad-Direttiva proposta huwa konsistenti mal-għanijiet tagħha li ssaħħa l-kapaċitajiet tal-awtoritajiet kompetenti biex, l-ewwel nett, jidentifikaw, jiffriżaw u jiġġestixxu l-assi illeċiti; it-tieni, isaħħu u jestendu l-kapaċitajiet ta' konfiska ta' assi illeċiti; u, fl-aħħar nett, itejbu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kollha involuti fl-irkupru tal-assi.

3.2. Id-Direttiva proposta x'aktarx li tagħmel il-mekkaniżmi għall-irkupru tal-assi aktar effiċjenti u effettivi billi timponi sett ewlieni ta' regoli minimi dwar it-traċċar u l-identifikazzjoni, l-iffriżar, il-konfiska u l-ġestjoni ta' proprjetà f'materji kriminali, u tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' miżuri restrittivi tal-UE fejn meħtieġ. Madankollu, leġiżlazzjoni u miżuri addizzjonali dwar il-ksur ta' miżuri restrittivi tal-UE għandhom jakkumpanjaw id-Direttiva proposta, u l-Kummissjoni għandha tivvaluta bir-reqqa l-possibbiltà li jiġi evitat li tiddgħajfe l-kapaċità tal-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi li jaqdu l-mandat ewlieni tagħhom.

3.3. Il-KESE jemmen li d-dispożizzjoni proposta li kull Stat Membru jadotta strateġija nazzjonali dwar l-irkupru tal-assi se tistabbilixxi approċċ aktar strateġiku f'dan il-qasam, tippromovi kooperazzjoni akbar bejn l-awtoritajiet rilevanti, u ttipprovdi ħarsa ġenerali ċara lejn ir-riżultati tal-irkupru tal-assi.

3.4. Il-kamp ta' applikazzjoni estiż tal-mekkaniżmi ta' konfiska se jippermetti lill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali japplikaw konfiska estiża għal sett akbar ta' reati milli skont id-Direttiva dwar il-Konfiska attwalment fis-seħħ. Il-KESE jilqa' l-kamp ta' applikazzjoni estiż tad-Direttiva proposta peress li jimla lakuna fid-Direttiva dwar il-Konfiska fir-rigward ta' lista sinifikanti ta' reati, inklużi reati ambjentali, it-traffikar tal-organi, it-traffikar ta' beni kulturali, il-ħtif ta' persuni, id-detenzjoni illeġali jew it-teħid ta' ostaġġi, u t-traffikar ta' vetturi misruqa sal-punt li r-reat jitwettagħ minn organizzazzjoni kriminali. Fl-istess ħin, id-Direttiva proposta ma tinkludix il-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin tal-immigranti u l-kummerċ illeċitu tat-tabakk b'mod espliċitu minkejja d-dħul annwali sinifikanti ta' dawn is-swieq kriminali (madwar EUR 289,4 miljun u EUR 8 309,3 miljun rispettivament⁽¹¹⁾).

3.5. L-għoti ta' aċċess immedjat u dirett lill-awtoritajiet rilevanti għall-informazzjoni ta' awtoritajiet nazzjonali oħra, bħal uffiċċji tat-taxxa u fiskali jew reġistri nazzjonali tal-proprjetà immobbli, se jtejjeb il-kapaċità tal-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi li jaġixxu u jirreaġixxu b'mod effettiv u f'waqtu. Fl-istess ħin, l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni għandu jiġi żgurat ukoll mingħajr preġudizzju għall-proċedimenti li jkun għaddejjin kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE.

⁽¹⁰⁾ Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/212/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar il-Konfiska ta' Rikavati, Mezzi Strumentali u Proprjetà Konnessi mal-Kriminalità (ĠU L 68, 15.3.2005, p. 49).

⁽¹¹⁾ Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni, *Mapping the risk of serious and organised crime infiltrating legitimate businesses: final report* (L-immappjar tar-riskju ta' infiltrazzjoni tal-kriminalità serja u organizzata f'negozji leġittimi: rapport finali), Disley, E. (editur), Blondes, E. (editur), Hulme, S. (editur), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2021 (mhux disponibbli bil-Malti).

3.6. Id-Direttiva proposta testendi l-lista ta' sitwazzjonijiet għal miżuri ta' konfiska mhux ibbażati fuq kundanna iżda bbażati fuq proċedimenti kriminali għal każijiet oħra li fihom kundanna kriminali ma tkunx possibbli minħabba ċirkostanzi oġġettivi b'immunità, amnestija u skadenza ta' statut ta' limitazzjonijiet. Il-KESE jirrikonoxxi l-isforzi li saru mill-Kummissjoni biex timponi limiti fuq dawn il-każijiet peress li jistgħu jiġu abbużati jew użati għal skopijiet ta' fastidju jew persekuzzjoni.

3.7. Id-Direttiva proposta tinkludi mekkaniżmu ġdid ta' konfiska li jiżgura l-konfiska tal-assi mhux direttament marbuta ma' reat elenkat fid-Direttiva iżda abbażi ta' sospett ta' proprjetà illegali/li tirriżulta minn attivitajiet kriminali. Minkejja l-proċedura ġudizzjarja obbligatorja qabel l-ordni ta' konfiska u l-oneru tal-provi biex il-prosekuzzjoni torbot l-assi inkwistjoni ma' attività kriminali, huma meħtieġa aktar garanziji biex jiġi eskluż kwalunkwe abbuż possibbli matul il-proċedura. Il-ġurisdizzjonijiet nazzjonali jseguw rotot differenti li jvarjaw minn konfiska skont il-liġi ċivili sa waħda skont il-liġi kriminali. Id-Direttiva proposta għandha tinkludi standards għad-drittijiet u s-salvagwardji proċedurali tal-konvenuti, u tiżgura li jkun disponibbli taħriġ adatt għall-imħallfin u l-prosekuturi.

3.8. L-impatt limitat tad-dispożizzjoni dwar l-użu mill-ġdid għal skopijiet soċjali fid-Direttiva dwar il-Konfiska jkun jeħtieġ aktar inkoraġġiment għall-Istati Membri biex jinkludu miżuri adegwati ħalli jiżguraw l-effettività tad-dispożizzjoni. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tkun aktar ambizzjuża fl-isforzi tagħha biex tagħmel l-użu mill-ġdid għal skopijiet soċjali tal-assi kkonfiskati effettiv u tistabbilixxi perċentwal minimu għall-użu mill-ġdid għal skopijiet soċjali għall-Istati Membri. Huwa ta' importanza kbira għall-koeżjoni soċjali li l-komunitajiet affettwati jiksbu kumpens biex jirrestawraw id-danni direttament u jibbenefikaw mir-redditi minn dawn id-danni. Barra minn hekk, il-komunitajiet jeħtieġu assistenza aħjar li tgħin fit-tisħiħ tar-reżiljenza tagħhom għall-kriminalità organizzata, u s-soċjetà ċivili għandha tkun involuta fil-ġestjoni u d-disponiment tal-assi kkonfiskati.

3.9. Kif iddikjarat ukoll fid-Direttiva dwar il-Konfiska, id-dritt tal-vittmi għal kumpens mhux se jiġi affettwat mill-miżuri ta' konfiska. Madankollu, id-Direttiva proposta għadha ma tissalvagwardjax il-prijorittizzazzjoni tal-kumpens tal-vittmi fil-klassifikazzjoni tal-kredituri. Fl-istess ħin, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi mhumieq protetti biżżejjed mid-Direttiva proposta u minn leġiżlazzjoni oħra tal-UE peress li l-enfasi tagħhom hija fuq iċ-ċittadini tal-UE.

3.10. Ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt jindika n-nuqqasijiet li ġejjin: nuqqas ta' dettalji dwar ir-rwoli tal-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi, u riżorsi umani, finanzjarji u tekniċi insuffiċjenti allokat għall-investigazzjoni dwar l-assi. Id-Direttiva proposta twieġeb għal dawn is-sejbiet u tirrikjedi mill-inqas uffiċċju wieħed għall-irkupru li għandu jiġi stabbilit f'kull Stat Membru. Jintlaqa' tajjeb l-obbligu espliċitu li jiġu pprovduti riżorsi adegwati biex jiġi żgurat li l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi jkunu effiċjenti u effettivi. Madankollu, dan l-obbligu għandu jkun akkumpanjat minn rapportar regolari mil-livell nazzjonali lill-Kummissjoni dwar ir-riżorsi allokat sabiex tkun tista' tevalwa jekk hemmx xi frammentazzjoni jew nuqqas ta' bilanċ bejn id-diversi Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi.

3.11. L-ispejjeż assoċjati mal-ġestjoni ta' assi ffriżati u/jew konfiskati jistgħu jkunu sinifikanti jew saħansitra jaqbżu l-valur tal-assi rilevanti. Id-Direttiva proposta tinkludi obbligu għall-awtoritajiet kompetenti biex jivvalutaw l-ispejjeż qabel ma joħorġu ordni ta' ffriżar. Il-KESE jilqa' din il-miżura bħala strument effiċjenti u utli maħsub biex inaqqas l-ispejjeż meħtieġa u jimmassimizza l-valur sussegwenti tal-assi.

3.12. Il-mekkaniżmu ta' bejgħ interlokutorju jista' jiġi applikat f'każijiet limitati, li issa huma elenkati fid-Direttiva proposta, u x'aktarx li jikkontribwixxi għal ġestjoni aktar effettiva tal-assi ffriżati. Minkejja l-fatt li l-mekkaniżmu huwa disponibbli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, dan jintuża fuq skala żgħira u b'varjazzjoni kbira. Id-Direttiva proposta x'aktarx li ttejjeb l-użu ta' dan il-mekkaniżmu billi tintroduċi definizzjoni unika u l-kundizzjonijiet li taħtom għandha tintuża.

3.13. Instab li n-nuqqas ta' statistika komprensiva u komparabbli kien nuqqas kbir biex is-sistema ta' rkupru tal-assi ssir aktar effettiva. F'dan ir-rigward, id-Direttiva proposta tirrikjedi li kull Stat Membru jistabbilixxi regjistru għall-irkupru tal-assi li jiġbor informazzjoni kodifikata mill-awtoritajiet kompetenti matul il-proċess kollu tal-irkupru tal-assi.

3.14. Il-KESE jemmen li l-unifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali rilevanti kollha għall-irkupru tal-assi f'Direttiva waħda hija konformi mal-Programm tal-Kummissjoni dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT), se tgħin lill-awtoritajiet u lill-partijiet interessati rilevanti jifhmu aħjar ir-regoli, u tgħin biex jittejjbu l-implimentazzjoni u l-effettività tal-miżuri maħsuba biex iżidu r-rata ta' rkupru tal-assi illeċiti fil-ġurisdizzjonijiet nazzjonali.

3.15. L-Uffiċċji għall-Ġestjoni tal-Assi se jkunu korpi speċjalizzati stabbiliti jew maħtura f'kull Stat Membru biex jiżguraw il-ġestjoni effiċjenti tal-proprjetà ffriżata u kkonfiskata, u biex jikkooperaw ma' awtoritajiet kompetenti oħra responsabbli għat-traċċar, l-identifikazzjoni, l-iffriżar, il-konfiska u l-ġestjoni fil-livell nazzjonali jew f'każijiet transfruntiera. Id-Direttiva proposta hija aktar preċiża fl-istabbiliment tar-rwoli u l-kompiti tal-uffiċċji u ttipprovdi aktar ċarezza lill-Istati Membri fid-definizzjoni tal-infrastruttura tagħhom għall-irkupru tal-assi.

3.16. Id-disponiment jew ir-ritorn tal-assi fi proċedimenti transfruntiera għandhom ikunu sogggetti għal ftehimiet ta' kondivizzjoni tal-assi li għandhom jiġu ffirmati mill-Istati Membri rilevanti. Is-sistemi nazzjonali jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti f'termini tat-tip ta' awtoritajiet u proċeduri meħtieġa biex jidħlu fi ftehimiet bħal dawn. Id-Direttiva proposta ma tinvolvi dispożizzjonijiet speċifiċi f'dan ir-rigward. Għalhekk għandha, b'mod espliċitu, tagħti kompetenzi rilevanti f'dan ir-rigward lill-Uffiċċji għall-Irkupru u l-Ġestjoni tal-Assi.

3.17. Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi hija partikolarment importanti peress li l-kriminalità organizzata teżisti wkoll lil hinn mill-UE u toħloq riskji sinifikanti għas-sigurtà interna tal-UE. Peress li l-kriminalità organizzata saret aktar interkonnessa, internazzjonali u diġitali, huwa importanti li jiġi żgurat li l-awtoritajiet f'pajjiżi terzi jkunu jistgħu jikkooperaw mal-pari tagħhom fl-Istati Membri. Għandhom jiġu kkunsidrati diversi strumenti ta' assistenza u appoġġ sabiex id-Direttiva proposta tiġi infurzata aktar.

3.18. L-istrumenti ta' konsultazzjoni użati mill-Kummissjoni qabel id-Direttiva proposta kienu inklużivi u adattati għall-varjetà ta' partijiet interessati — b'mod partikolari, l-awtoritajiet rilevanti, il-professionisti, l-organizzazzjonijiet tan-negozju, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-pubbliku ġenerali — f'termini ta' tul ta' żmien u metodi. Il-KESE jirrikonoxxi l-isforzi tal-Kummissjoni biex tagħmel disponibbli data u informazzjoni affidabbli dwar is-sitwazzjoni u l-progress tal-Istati Membri u tal-UE kollha kemm hi fil-qasam tal-irkupru tal-assi illeċiti. Sforzi simili huma mistennija li jsiru waqt li d-Direttiva tkun qed tiġi trasposta fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u waqt li l-implimentazzjoni tagħha tkun qed tiġi evalwata.

Brussell, 1-14 ta' Diċembru 2022.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew U tal-Kunsill li jstabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-midja fis-suq intern (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Midja) u li jemenda d-Direttiva 2010/13/UE”

(COM(2022) 457 final — 2022/0277 (COD))

(2023/C 100/17)

Relatur: **Christian MOOS**

Korelatur: **Tomasz Andrzej WRÓBLEWSKI**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 17.10.2022 Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 28.10.2022
Bażi legali	L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adozzjoni fis-sezzjoni	23.11.2022
Adozzjoni fil-plenarja	14.12.2022
Sessjoni plenarja Nru	574
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	155/0/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-libertà u d-diversità tal-media huma ta' importanza fundamentali għall-istat tad-dritt u d-demokrazija liberali. Il-KESE jiddeplora l-iżviluppi inkwetanti fi ħdan l-UE. Għalhekk, huwa jilqa' l-inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea għal-libertà tal-media.

1.2. Il-KESE huwa mħasseb dwar jekk it-tlestija tas-suq intern tal-media hijiex approċċ suffiċjenti għall-protezzjoni tal-libertà u l-pluraliżmu tal-media. L-għan ewlieni għandu jkun li jiġu ppreservati jew restawrati l-libertà u d-diversità tal-media, mingħajr ma jintesa li l-benesseri ekonomiku huwa marbut mal-libertà tal-media.

1.3. Il-KESE jilqa' r-rikonoxximent tal-Kummissjoni Ewropea li l-konċentrazzjoni tas-suq tal-media li twassal għal monopolji tista' tkun theddida enormi għal-libertà u l-pluralità tal-media. Madankollu, il-konċentrazzjoni tas-suq tista' tkun tagħmel sens, u ma għandhiex għalfejn ikollha effetti negattivi bħal dawn.

1.4. Sempliċi rakkomandazzjonijiet u approċċ ta' liġi mhux vinkolanti mhumix biżżejjed. Il-media ħielsa u indipendenti trid tkun kriterju vinkolanti għar-rapportar u l-mekkaniżmu dwar l-istat tad-dritt.

1.5. Il-KESE jilqa' l-proposti għat-tisħiħ u d-difiża tal-indipendenza editorjali. Huwa jenfasizza l-ħtieġa li tiġi mħarsa l-indipendenza tal-ġurnalisti u l-pubblikaturi.

1.6. Il-media pubblika hija rilevanti biss jekk tkun imparzjali u kompletament indipendenti mill-inflwenza politika. Riżorsi finanzjarji adegwati u stabbli huma salvagwardja kruċjali f'dan ir-rigward, dment li jkun hemm sistema effettiva ta' kontrolli li tiggarantixxi l-effettività tal-infiq.

1.7. Il-KESE jqis li r-rekwiżiti vinkolanti għat-trasparenza tas-sjieda tal-media huma importanti. Għall-mezzi tal-media żgħar, ir-rekwiżiti stabbiliti ma jridux iwasslu għal piż amministrattiv eċċessiv.

1.8. Il-KESE huwa mħasseb dwar in-nuqqas ta' indipendenza ta' ċerti korpi regolatorji nazzjonali, u jappella għal qafas li jiżgura l-indipendenza tagħhom.

1.9. Il-KESE jilqa' l-ħolqien ta' bord Ewropew għas-servizzi tal-media, iżda jinsisti li dan ikun għalkollox indipendenti, peress li l-UE għandha taġixxi bħala eżempju tal-aħjar prattika bl-għan li tinkiseb l-indipendenza sħiħa tal-korpi regolatorji nazzjonali. Il-parteċipazzjoni tal-korpi regolatorji nazzjonali li mhumiex indipendenti mhijiex rakkomandata.

1.10. Il-KESE jenfasizza l-importanza tat-trasparenza fil-proċessi kollha relatati mal-moderazzjoni tal-kontenut fuq pjattaformi online kbar ħafna.

1.11. Il-KESE jirrakkomanda li jiġu definiti standards minimi għall-UE kollha b'konformità mad-dispożizzjonijiet attwali tal-liġi tal-UE kontra l-konċentrazzjoni. Huwa jappella lil-leġiżlaturi biex jadottaw regolamenti vinkolanti b'rispett dovut għal-libertà intraprenditorjali u biex jiġu evitati burokrazija u spejjeż bla bżonn.

1.12. Fejn ir-regolaturi nazzjonali jonqsu milli jivvalutaw biżżejjed il-konċentrazzjoni tas-suq tal-media, il-Kummissjoni Ewropea għandha tirreaġixxi skont id-dispożizzjonijiet eżistenti tal-liġi tal-UE kontra l-konċentrazzjoni.

1.13. Il-KESE jilqa' r-reqwiżiti vinkolanti ta' trasparenza fir-rigward tal-allokazzjoni tar-reklamar mill-Istat.

1.14. Il-KESE jilqa' l-monitoraġġ annwali u jitlob li jiġu kkonsultati l-partijiet interessati rilevanti u s-soċjetà ċivili. Huwa jipproponi t-tweġġ tal-kamp ta' applikazzjoni tal-monitoraġġ u l-inklużjoni ta' kwalunkwe aspett ieħor rilevanti għall-protezzjoni tal-libertà u l-pluralità tal-media.

2. Kummenti ġenerali

2.1. Il-KESE jtenni l-pożizzjoni reċenti tiegħu dwar l-importanza tal-libertà u d-diversità tal-media għad-demokrazija liberali u l-istat tad-dritt, li għaliha l-Istati Membri kollha hađu impenn permezz tar-ratiffa tat-Trattati tal-UE, kif stabbilit fl-Opinjoni fuq inizzjattiva proprja komprensiva dwar *Niżguraw il-libertà u d-diversità tal-media fl-Ewropa* ⁽¹⁾, fl-Opinjoni tiegħu dwar il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea ⁽²⁾ u f'dik dwar il-kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPP) ⁽³⁾.

2.2. Il-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen iddikjarat b'mod korrett fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2021 ⁽⁴⁾ li l-informazzjoni hija ben pubblika. Mingħajr aċċess liberu għal informazzjoni indipendenti u affidabbli, iċ-ċittadini tal-UE ma jistgħux jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni, iggarantit mill-Artikolu 10 tat-TUE.

2.3. B'mod ġenerali, l-Ewropa għadha kontinent b'media ħielsa u diversa. Madankollu, l-iżviluppi reċenti fi ħdan l-UE huma allarmanti. Il-protezzjoni tal-ġurnalisti, b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' strumenti kontra s-SLAPP, tibqa' ta' tħassib kbir fir-rigward ta' salvagwardji regolatorji effettivi li jipproteġu l-libertà tal-media. L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media 2022 ⁽⁵⁾ sabet ukoll li l-pluralità tas-suq qed tiffaċċja l-ogħla livell ta' riskji fost l-oqsma kollha

⁽¹⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Niżguraw il-libertà u d-diversità tal-media fl-Ewropa" (opinjoni fuq inizzjattiva proprja) (ĠU C 517, 22.12.2021, p. 9).

⁽²⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea" (COM(2020) 790 final) (ĠU C 341, 24.8.2021, p. 56).

⁽³⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi ('Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika')" (COM(2022) 177 final — 2022/0117 COD) (ĠU C 75, 28.2.2023, p. 143).

⁽⁴⁾ Kummissjoni Ewropea, 2021, Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni mill-President von der Leyen, Strasburg, 15 ta' Settembru 2021.

⁽⁵⁾ Istitut Universitarju Ewropew, Ċentru għall-Pluraliżmu tal-Media u l-Libertà tal-Media, *Application of the Media Pluralism Monitor in the European Union, Albania, Montenegro, the Republic of North Macedonia, Serbia and Turkey in the year 2021* (Applikazzjoni tal-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media fl-Unjoni Ewropea, l-Albanija, il-Montenegro, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja u t-Turkija fis-sena 2021 [mhux disponibbli bil-Malti]), San Domenico di Fiesole 2022.

koperti mill-istudju. Peress li l-indipendenza politika ma għamlet l-ebda progress f'dawn l-aħħar snin, din l-għodda tenfasizza n-nuqqas ta' mekkaniżmi effiċjenti għall-protezzjoni tal-awtonomija editorjali fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi bħala ostaklu ewlieni għat-titjib f'dan il-qasam.

2.4. Minbarra t-theddid intern għal-libertà tal-media, l-UE qed tthabbat wiċċha ma' interferenza esterna li tipprova timmanipula d-dibattiti pubbliċi fl-Ewropa. Fl-isfond ta' tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu, il-protezzjoni tal-libertà tal-media u tal-pluraliżmu tal-media hija kontribut importanti għar-reżiljenza tal-UE kontra t-theddid estern.

2.5. Madankollu, għadd żgħir ta' żviluppi pożittivi juru wkoll li l-leġislazzjoni tal-UE tista' tagħmel differenza. L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media 2022 sabet żvilupp pożittiv fir-rigward tal-indikatur tal-"Protezzjoni tad-dritt għall-informazzjoni" f'erba' pajjiżi, u tattribwixxi dan it-titjib għat-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-UE 2019/1937 ⁽⁶⁾ dwar il-protezzjoni tal-informaturi.

2.6. Għalhekk, il-KESE jilqa' fil-prinċipju l-inizjattiva tal-Kummissjoni għal Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media ⁽⁷⁾ u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar salvagwardji interni għall-indipendenza editorjali u t-trasparenza tas-sjeda fis-settur tal-media ⁽⁸⁾ bħala l-pass konsegwenzjali li jmiss lejn il-protezzjoni tal-libertà tal-media u l-pluraliżmu tal-media, u b'hekk id-demokrazija liberali fl-UE.

2.7. Il-KESE jenfasizza l-importanza li l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media jkun regolament b'effett dirett, filwaqt li għandu dubji dwar jekk l-approċċ tal-liġi nonvinkolanti tar-rakkomandazzjoni huwiex mod effettiv biex jintlaħqu l-oġettivi tiegħu. Sempliċi rakkomandazzjonijiet mhumiex biżżejjed biex jiggarrantixxu l-libertà u d-diversità tal-media fl-Istati Membri. Il-media ħielsa u indipendenti trid tkun kriterju vinkolanti għar-rapport dwar l-istat tad-dritt u għall-iskattar tal-mekkaniżmu fl-Istati Membri fejn il-gvernijiet jiksru l-libertajiet u l-indipendenza tal-media.

2.8. Il-bażi ġuridika għar-Regolament hija l-Artikolu 114 tat-TFUE, li jippermetti l-approssimazzjoni tal-liġijiet nazzjonali mmirati lejn l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern. Peress li l-problemi u n-nuqqasijiet sottostanti għandhom dimensjoni politika qawwija u huma relatati mal-funzjonament tas-sistemi demokratiċi bbażati fuq l-istat tad-dritt, il-KESE jinsab imħasseb dwar jekk it-tlestija tas-suq intern tal-media hijiex approċċ suffiċjenti għall-protezzjoni tal-libertà u l-pluraliżmu tal-media.

2.9. Il-Proposta għal Regolament għandha ħames oġettivi distinti: a) l-armonizzazzjoni tar-regoli u l-proċeduri nazzjonali biex jingħelbu l-ostakli li jxekklu lill-kumpaniji tal-media milli joperaw u jinvestu fis-suq intern; b) it-tneħħija tas-soqfa tal-ħġieġ li jirrestrinġu lill-pubblikaturi barranin milli jinvestu fis-swieq nazzjonali lokali; c) it-tisħiħ tal-libertà editorjali tal-media kollha, mingħajr ma fl-istess ħin jiġu ristretti d-drittijiet tal-pubblikaturi privati; d) il-garanzija tal-indipendenza tal-media pubblika permezz ta' kostruzzjoni ta' mekkaniżmi permanenti ħielsa mill-influwenza tal-politiċi; u e) ir-regolazzjoni tal-allokazzjoni tar-riżorsi ekonomiċi, jiġifieri r-reklamar mill-Istat. Il-KESE għandu dubji dwar il-ġerarkija tal-oġettivi elenkati. Huwa jemmen li l-għan ewlieni għandu jkun li jiġu ppreservati jew restawrati l-libertà u d-diversità tal-media, aktar milli ssir enfasi fuq kwistjonijiet ekonomiċi sakemm dawn ma jkunux relatati b'mod ċar mal-libertà tal-media.

2.10. Huwa ċar mir-Regolament li l-Kummissjoni trid tiffoka fuq id- "distorsjonijiet" tas-suq intern u tiftaħ is-suq tal-media għal kompetizzjoni transfruntiera akbar, speċjalment għas-servizzi tal-media awdjoviżiva u l-iskambju tal-video. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni attwali tar-regolament huwa ħafna aktar ristrett minn dak li t-titolu tiegħu jagħti wieħed x'jifhem. Il-KESE jemmen li dan l-approċċ mhuwiex biżżejjed biex jiddefendi b'mod effettiv u, fejn meħtieġ, jirrestawra l-libertà u l-pluralità tal-media, li qed jiġi attakkat kważi fl-Istati Membri kollha u bażikament abolit f'ċerti każijiet severi, bil-konsegwenzi devastanti kollha li dan iġib miegħu għall-ħidma u s-sigurtà tal-ġurnalisti u l-integrità tad-dibattitu pubbliku u l-informazzjoni. Bil-ftuħ tas-suq, huwa meħtieġ li jiġu żgurati l-istess standards ta' protezzjoni tal-libertà tal-espressjoni biex jiġi żgurat li aċċess usa' għas-suq ma jinvolvi monopolizzazzjoni tas-suq minn atturi barranin, b'mod partikolari fil-każ ta' pajjiżi ifqar.

⁽⁶⁾ Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).

⁽⁷⁾ COM(2022) 457.

⁽⁸⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1634 tas-16 ta' Settembru 2022 dwar salvagwardji interni għall-indipendenza editorjali u t-trasparenza tas-sjeda fis-settur tal-midja (ĠU L 245, 22.9.2022, p. 56).

2.11. Il-KESE jilqa' l-proposti għat-tisħiħ u d-difiża tal-indipendenza editorjali. Jenfasizza wkoll il-hteġa li tinżamm l-indipendenza tal-ġurnalisti u tal-pubblikaturi, jiġifieri d-dritt tal-pubblikaturi li jifformulaw linja editorjali ta' pubblikazzjoni. Il-KESE osserva dejjem aktar influwenza politika u ekonomika f'diversi pajjiżi tal-UE, kemm fil-media pubblika kif ukoll fil-media privata li għandhom rabtiet mill-qrib mal-poter. Dan huwa inkompatibbli mar-rwol tal-media bħala r-raba' poter. Ir-Regolament ma jispeċifikax kif l-indipendenza editorjali tista' tiġi rrikonċiljata mad-drittijiet u l-interessi leġittimi tal-pubblikaturi/tas-sidien tal-media privati.

2.12. Il-KESE jappoġġja miżuri li jsaħħu r-reżiljenza kontra l-manipulazzjoni u l-interferenza tal-informazzjoni barranija, sakemm dan ma jaffettwax il-libertà tal-espressjoni fl-Unjoni Ewropea.

2.13. L-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media jidentifika l-hteġa ta' finanzjament għas-settur tal-media, kif issuġġerixxa l-KESE fl-Opinjoni tiegħu dwar Niżguraw il-libertà u d-diversità tal-media fl-Ewropa⁽⁹⁾. Madankollu, l-għodod imsemmija għadhom mhumix biżżejjed biex jiżguraw il-ġurnaliżmu ta' kwalità u d-diversità tal-media fl-Istati Membri. Fl-istess ħin, il-KESE jemmen li l-aħjar kundizzjonijiet għal-libertà tal-media huma qafas regolatorju li jippermetti lill-istrumenti tal-media jiffinanzjaw lilhom infushom permezz tal-offerta tagħhom fis-suq. Il-media pubblika tagħmel sens biss jekk tkun imparzjali u indipendenti għalkollox mill-influwenza politika, inkella l-finanzjament pubbliku jista' jwassal għal kull tip ta' abbuż u manipulazzjoni tal-gvern. Kwalunkwe proġett ta' finanzjament tal-media għandu jkun ibbażat fuq regoli trasparenti ħafna u garanziji ta' indipendenza politika għall-ġurnalisti.

2.14. Il-KESE jappoġġja r-rapport finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa⁽¹⁰⁾ u t-talba qawwija tiegħu għall-promozzjoni tal-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media (proposti 27(1) u 37(4)), li l-Kummissjoni tikkwota mingħajr ma ssewgi l-prijoritizzazzjoni li dawn il-proposti jinvolvu.

3. Kummenti speċifiċi

3.1. Il-KESE jilqa' d-dritt tar-riċevituri tas-servizzi tal-media u tal-fornituri tas-servizzi tal-media "li jirċievu pluralità ta' kontenut tal-aħbarijiet u tal-ġrajjet kurrenti, maħluq b'rispett għal-libertà editorjali tal-fornituri tas-servizzi tal-midja, għall-benefiċċju tad-diskors pubbliku", kif stabbilit fl-Artikolu 3.

3.2. Il-KESE għandu dubji dwar il-kamp ta' applikazzjoni ristrett tal-Artikolu 4(2)(c) li jindirizza biss l-użu ta' software ta' spjunaġġ ("spyware" li "tfisser kull prodott b'elementi diġitali"), u jipproponi li jiġi pprojbitt l-użu ta' kwalunkwe apparat jew teknoloġija li jistgħu jintużaw għas-sorveljanza.

3.3. Il-KESE jenfasizza l-importanza ta' salvagwardji għall-indipendenza tal-fornituri tal-media tas-servizz pubbliku u riżorsi finanzjarji adegwati u stabbli għalihom (Artikolu 5), madankollu, għandu jkun hemm sistema effettiva ta' kontrolli li tissalvagwardja l-effettività tal-infiq tar-riżorsi. Il-KESE jqis li korpi indipendenti huwa l-aħjar opzjoni biex jiġi definit l-ammont adegwat ta' finanzjament li huwa meħtieġ biex il-fornituri tal-media tas-servizz pubbliku jkunu jistgħu jwettqu l-missjoni tagħhom, u dment li dan ma jinħatarx politikament. It-tendenzi attwali ta' politizzazzjoni tal-kwistjoni tal-finanzjament għall-fornituri tal-media tas-servizz pubbliku hija theddida konsiderevoli għal-libertà tal-media.

3.4. Il-KESE jqis li d-dmirijiet tal-fornituri tas-servizzi tal-media kif definiti fl-Artikolu 6(1) ma jipprovdux trasparenza tas-sjieda tal-media. In-nuqqas ta' trasparenza fis-sjieda tal-media hija raġuni importanti għan-nuqqas ta' libertà editorjali u ġurnaliżmu ta' kwalità (f'konformità mal-istandards ġurnalistiċi). Il-fornituri tas-servizzi tal-media kif ukoll il-pjattaformi online jeħtieġ jagħmlu s-sjieda tagħhom trasparenti għall-utenti tal-media. Il-protezzjoni tad-data u tal-privatezza ma tridx tfixxkel it-trasparenza tas-sjieda tal-media. Għall-mezzi tal-media żgħar, ir-reqwiżiti stabbiliti ma jridux iwasslu għal piż amministrattiv eċċessiv.

⁽⁹⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Niżguraw il-libertà u d-diversità tal-media fl-Ewropa" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 517, 22.12.2021, p. 9).

⁽¹⁰⁾ Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, *Rapport dwar l-eżitu finali*, Mejju 2022.

3.5. Il-KESE jirrakkomanda li r-rekwiżiti vinkolanti ta' trasparenza msemmija fil-punt 20 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni jiġu kkomplementati b'rekwiżiti addizzjonali msemmija fil-punti 4.1 sa 4.6 tal-Appendiċi għar-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Istati Membri dwar il-pluraliżmu tal-media u t-trasparenza tas-sjieda tal-media ⁽¹⁾.

3.6. Il-KESE jara li hemm riskju li l-approċċ ta' liġi nonvinkolanti tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni jirriżulta fi frammentazzjoni regolatorja li ddgħajef l-integrità tas-suq komuni u l-oġettivi tad-Direttiva.

3.7. Il-KESE jqis ir-referenza tal-Artikolu 7 għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2010/13/UE ⁽¹²⁾ bħala vaga wisq biex tiġi żgurata l-indipendenza tal-awtoritajiet jew il-korpi regolatorji nazzjonali. Għalhekk, jirrakkomanda li jiġi definit qafas li jiżgura l-indipendenza tal-korpi u l-istrumenti regolatorji nazzjonali sabiex jiġi rimedjat kwalunkwe nuqqas ta' indipendenza ta' korp regolatorju nazzjonali.

3.8. Il-KESE jqis li mhuwiex aċċettabbli li rappreżentant ta' awtorità jew korp nazzjonali mhux kompletament indipendenti, jipparteċipa fit-tehd tad-deċiżjonijiet tal-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media propost. Sabiex tiġi vvalutata l-indipendenza tal-awtoritajiet jew il-korpi nazzjonali, jeħtieġ li jiġu definiti kriterji ċari fir-Regolament.

3.9. Il-KESE ma jqisx li l-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media propost huwa indipendenti mill-Kummissjoni Ewropea, u jistieden lil-leġiżlatur Ewropew jiżgura l-indipendenza sħiħa tal-bord. Jekk il-bord ma jkunx kompletament indipendenti mill-Kummissjoni Ewropea, ma jista' jeżerċita l-ebda komputu superviżorju jew regolatorju.

3.10. Il-KESE jirrakkomanda li l-Artikolu 10(5) jiġi riformulat kif ġej: "Il-Kummissjoni għandha tiddeżinja rappreżentant fil-Bord. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jista' jipparteċipa fil-laqgħat tal-Bord, mingħajr dritt tal-vot".

3.11. Il-KESE jirrakkomanda li l-Artikolu 10(5) jiġi riformulat kif ġej: "Il-Bord jista' jistieden lil esperti u osservaturi biex jattendu l-laqgħat tiegħu".

3.12. Fir-rigward tal-Artikolu 11, il-KESE jirrifjuta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni għas-subopzjoni A li jiġi stabbilit Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media appoġġat minn segretarjat tal-Kummissjoni. Hija biss is-subopzjoni B li jiġi stabbilit Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media, assistit minn uffiċċju indipendenti tal-UE, li tista' tiggarantixxi l-indipendenza tal-bord.

3.13. Il-KESE jilqa' d-dialogu strutturat mal-partijiet interessati kollha u b'mod espliċitu mas-soċjetà ċivili, kif imsemmi fl-Artikolu 12(f). Il-KESE, li jirrappreżenta l-aktar setturi importanti tas-soċjetà ċivili (inklużi l-imsieħba soċjali), jista' jikkontribwixxi bl-għarfien espert tiegħu għal dan id-dialogu strutturat.

3.14. Il-KESE jilqa' l-kooperazzjoni strutturata, inkluża l-assistenza reċiproka, bejn l-awtoritajiet u l-korpi regolatorji nazzjonali. Madankollu, il-KESE jirrakkomanda li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 13(2) lil hinn mir-riskji għall-funzjonament tas-suq intern għas-servizzi tal-media u s-sigurtà u d-difiża pubblika, u li jiġu inklużi wkoll riskji oħra għal-libertà u d-diversità tal-media, kif ukoll riskji għall-indipendenza politika tal-awtoritajiet u l-korpi regolatorji.

3.15. Il-KESE jilqa' l-isforzi għal protezzjoni aħjar tal-kontenut tal-fornituri tas-servizzi tal-media fuq pjattaformi online kbar ħafna kif stabbilit fl-Artikolu 17, u jenfasizza l-importanza tat-trasparenza fil-proċessi kollha relatati mal-moderazzjoni tal-kontenut fuq pjattaformi online kbar ħafna, dment li l-obbligi msemmija f'dan il-paragrafu ma jfixklux il-funzjonament tal-pjattaformi online kbar. Il-KESE jilqa' d-dialogu strutturat previst fl-Artikolu 18, u jenfasizza l-importanza li s-soċjetà ċivili tiġi involuta fir-reviżjoni tal-applikazzjoni tal-Artikolu 17.

3.16. Il-KESE jilqa' d-dritt tal-utenti li jippersonalizzaw il-konfigurazzjonijiet prestabbiliti tal-media awdjoviżiva, kif stabbilit fl-Artikolu 19. Biex dan jiwettaq fil-prattika, il-faċilità tal-użu tal-apparati u/jew tal-interfaċċi tal-utent hija ta' importanza kruċjali. Madankollu, il-kapaċità operattiva tal-manifatturi u l-iżviluppaturi m'għandhiex tinkiser, jew jiġi limitat l-iżvilupp futur tagħhom. Dawn għandhom jifasslu b'mod faċli għall-utent, b'lingwaġġ sempliċi.

⁽¹⁾ Il-Kunsill tal-Ewropa, ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2018)1[1] tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar il-pluraliżmu tal-media u t-trasparenza tas-sjieda tal-media, is-7 ta' Marzu 2018. https://search.coe.int/cm/Pages/result_details.aspx?ObjectId=0900001680790e13

⁽¹²⁾ Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1).

3.17. Il-KESE jipproponi wkoll li l-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media (skont l-Artikolu 20(4)) jingħata d-dritt li jfassal opinjoni fuq inizjattiva proprja fejn miżura leġiżlattiva, regolatorja jew amministrattiva nazzjonali x'aktarx taffettwa l-funzjonament tas-suq intern għas-servizzi tal-media.

3.18. Il-KESE jtenni t-tħassib li esprima qabel li approċċ purament ibbażat fuq is-suq biex jiġu żgurati l-pluralità u l-libertà tal-media fl-Ewropa mhuwiex biżżejjed. Filwaqt li jirrikonoxxi li d-daqs tal-kumpaniji fis-suq tas-servizzi tal-media jista' jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà ekonomika tal-fornituri tas-servizzi tal-media, il-KESE jilqa' r-rikonoxximent tal-Kummissjoni Ewropea li l-konċentrazzjoni tas-suq tal-media tista' tkun theddida sostanzjali għal-libertà u l-pluralità tal-media.

3.19. Il-KESE jilqa' l-miżuri proposti fl-Artikolu 21 biex tiżdied it-trasparenza tal-konċentrazzjoni tas-suq bħala l-ewwel pass biex jittrażżan it-theddid għal-libertà tal-media u l-pluraliżmu tal-media li jirriżultaw mill-konċentrazzjoni fis-suq tal-media. Il-konċentrazzjoni tas-suq mhux bilfors ikollha effett negattiv fuq il-libertà u d-diversità tal-media fejn, pereżempju, tgħin lill-mezzi tal-media iżgħar biex jissopravvivu, iżda huwa meħtieġ li tittieħed azzjoni kontra l-konċentrazzjoni fejn din twassal għal monopolji tal-informazzjoni. L-UE għandha tiegħu azzjoni b'mod partikolari kontra l-manipulazzjoni tal-media minn persunaġġi tal-media u oligarki li spiss ikunu f'relazzjonijiet mill-qrib ma' politiki ewlenin fil-pajjiż, jew saħansitra gvernijiet ta' pajjiżi terzi.

3.20. Il-KESE jfakkar fil-fatt li s-swieq tal-media għadhom frammentati ħafna, u jappella sabiex titkejjel il-konċentrazzjoni tas-suq mhux biss b'referenza għas-suq nazzjonali għas-servizzi tal-media, iżda wkoll għal swieq frammentati fil-livell sottonazzjonali jew distrettwali. Il-konċentrazzjoni tas-suq tal-media f'distretti bi stabbiliment tal-media reġjonali wieħed biss toħloq theddida sostanzjali għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media.

3.21. Il-KESE jqis li l-linji gwida tal-Kummissjoni dwar il-fatturi li għandhom jitqiesu meta jiġu applikati l-kriterji għall-valutazzjoni tal-impatt tal-konċentrazzjonijiet tas-suq tal-midja mhumix biżżejjed biex tiġi żgurata l-komparabbiltà tal-valutazzjonijiet madwar l-UE kollha. Il-KESE jirrakkomanda li jiġu definiti standards minimi fl-UE kollha għall-valutazzjonijiet, li jeħtieġ li jiġu rispettati fl-Istati Membri kollha. L-Istati Membri huma mistiedna jipprovdu valutazzjonijiet aktar dettalji u fil-fond flimkien mar-rekwiżiti minimi tal-UE.

3.22. Madankollu, ir-rekwiżiti nonvinkolanti ta' trasparenza ma jindirizzawx it-theddid attwali ppreżentata mill-konċentrazzjoni tas-suq għal-libertà tal-media u l-pluralità tal-media. Għalhekk, il-KESE jappella lil-leġiżlaturi Ewropej biex jadottaw regolamenti vinkolanti dwar il-konċentrazzjoni tal-media, bir-rispett dovut għal-libertà ta' deċiżjonijiet intraprenditorjali. Madankollu, dan ma jistax ikun ta' piż fuq il-media jew l-istituzzjonijiet tal-media b'burokrazija addizzjonali u proċeduri bi spejjeż għolja.

3.23. Il-KESE jirrakkomanda wkoll li l-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media (skont l-Artikolu 22) jingħata d-dritt li jfassal opinjoni fuq inizjattiva proprja "meta ma ssirx valutazzjoni jew konsultazzjoni skont l-Artikolu 21". Mhuwiex biżżejjed li jiġi ddelegat il-kompitu tal-valutazzjoni tal-konċentrazzjoni tas-suq lill-Istati Membri, peress li ċerti gvernijiet qed jappoġġjaw b'mod attiv il-konċentrazzjoni tas-suq sabiex isikktu l-ilħna kritiċi u l-mezzi tal-media ta' oppożizzjoni.

3.24. Il-KESE jfakkar fil-fatt li d-distorsjonijiet fis-suq intern għas-servizzi tal-media jaffettwaw ukoll il-libertà u l-pluralità tal-midja, jekk dawn id-distorsjonijiet ikunu limitati għal partijiet speċifiċi tas-suq komuni, fil-livell nazzjonali, reġjonali jew saħansitra distrettwali. F'dawn il-każijiet kollha, il-Bord għandu jkollu d-dritt li jibda valutazzjoni tal-konċentrazzjoni tal-media jekk l-awtoritajiet jew il-korpi regolatorji nazzjonali jonqsu milli jagħmlu dan.

3.25. Il-KESE jirrakkomanda li l-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media jiġi assenjat il-kompitu li jwettaq valutazzjonijiet li jindirizzaw theddid ieħor għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media jekk l-awtoritajiet jew il-korpi regolatorji nazzjonali jonqsu milli jagħmlu dan.

3.26. Il-KESE jilqa' r-rekwiżiti vinkolanti ta' trasparenza tal-Artikolu 24 fir-rigward tal-allokazzjoni tar-reklamar mill-Istat. Madankollu, huwa jqis l-eżenzjoni għal entitajiet territorjali ta' aktar minn 1 miljun abitant mir-rekwiżiti bħala lakuna biex tiġi evitata t-trasparenza. Filwaqt li jirrikonoxxi l-fatt li l-piż amministrattiv relatat mar-rekwiżiti ta' rappurtar għandu jkun proporzjonat, il-KESE jipproponi li jiġi definit limitu minimu għall-ammont ta' nfiq minn gvern nazzjonali, reġjonali jew lokali partikolari. Jekk l-infiq annwali totali fuq ir-reklamar mill-Istat minn entità waħda jibqa' taħt il-livell limitu, ir-rekwiżiti ta' trasparenza ma jkunux applikabbli.

3.27. Il-KESE jilqa' l-monitoraġġ annwali previst fl-Artikolu 25, u jappella għall-konsultazzjoni tal-partijiet interessati rilevanti u s-soċjetà ċivili matul l-eżerċizzju ta' monitoraġġ. Madankollu, mhuwiex biżżejjed li s-suġġett tal-eżerċizzju ta' monitoraġġ jiġi limitat għall-funzjonament tas-suq intern għas-servizzi tal-media. Għalhekk, il-KESE jipproponi li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-eżerċizzju ta' monitoraġġ biex ikopri wkoll kwalunkwe aspett ieħor rilevanti għall-protezzjoni tal-libertà u l-pluralità tal-media. Il-KESE jirrakkomanda li l-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media jingħata l-kompitu li jiżviluppa sett ta' indikaturi għall-eżerċizzju ta' monitoraġġ.

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2022.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-ħidma favur futur ħieles mill-asbestos: approċċ Ewropew biex jiġu indirizzati r-riskji għas-saħħa mill-asbestos”

(COM(2022) 488 final)

u dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/148/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol”

(COM(2022) 489 final — 2022/0298 (COD))

(2023/C 100/18)

Relatur: **Ellen NYGREN**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 6.10.2022 Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 7.10.2022
Bażi legali	Artikolu 153(2)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adozzjoni fis-sezzjoni	23.11.2022
Adozzjoni fil-plenarja	15.12.2022
Sessjoni plenarja Nru	574
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	155/9/49

1. Sommarju u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa' b'sodisfazzjon l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li tnaqqas l-inċidenza tal-kanċer, u l-isforzi speċifiċi li tiegħu biex tnaqqas kemm jista' jkun possibbli l-espożizzjoni għall-asbestos fil-post tax-xogħol.

1.2. Ix-xjenza stabbiliet li ma hemm l-ebda livell ta' espożizzjoni li jista' jtgħies li huwa sikur, mingħajr ir-riskju ta' kanċer. Għalhekk, il-KESE jirrakkomanda, l-istess bħall-Parlament Ewropew, li l-valur limitu għall-espożizzjoni għall-asbestos stabbilit fid-Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol fl-aħħar mill-aħħar għandu jiġi stabbilit f'livell aktar baxx minn dak propost attwalment mill-Kummissjoni u li, sabiex jintlaħaq dan l-għan, għandu jittfassal pjan direzzjonali li jinkludi miżuri komplementari għall-proposti attwali, u għandu jipprovi appoġġ finanzjarju lill-kumpaniji u lir-reġjuni li jehtigħu biex jilhqnu l-għanijiet stabbiliti.

1.3. Il-KESE jirrakkomanda t-tnedija ta' kampanja ta' informazzjoni komprensiva għall-pubbliku ġenerali dwar l-asbestos u r-riskji tiegħu għall-ħajja. Barra minn hekk, il-ħaddiema kollha li x'aktarx ikunu esposti għall-asbestos għandhom jiġu mħarrġa jew bil-lingwa materna tagħhom jew b'lingwa oħra li jkollhom ħakma tajba tagħha.

1.4. Il-KESE jirrakkomanda li l-ħaddiema kollha suspettati li huma esposti għall-asbestos ikunu soġġetti għal kontrolli u li jkunu akkumpanjati minn reġistru jew passaport li jipprovi informazzjoni dwar din l-espożizzjoni meta jibdlu l-impjieg tagħhom, sabiex tiġi mmonitorjata saħħithom.

1.5. Sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv ir-riskji inerenti fl-asbestos, tinħtieġ kooperazzjoni regolatorja internazzjonali. Il-KESE jagħmel enfasi partikolari fuq il-Konvenzjoni Nru 162 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u l-Konvenzjoni ta' Rotterdam. Fil-kuntest tan-negozjati u l-implimentazzjoni tagħhom, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandu jkollhom rwol attiv u kruċjali biex jinkoraġġixxu żviluppi aktar favorevoli fil-pajjiżi kollha fid-dinja.

u fil-ktajjen kummerċjali internazzjonali. Il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles konklużi mill-Unjoni Ewropea ma' pajjiżi terzi jew reġjuni oħra tad-dinja għandhom jinkludu dispożizzjoni li tirrikjedi sforzi akbar biex jiġi pprojbit l-użu tal-asbestos u jitnaqqsu l-effetti dannużi tiegħu fil-pajjiżi kollha fid-dinja. Il-KESE jhegġegħ lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha jaħdmu qatigħ biex jiżguraw li l-użu tal-asbestos jiġi pprojbit internazzjonalment, u li tkun żgurata protezzjoni lill-ħaddiema meħtieġa jimmaniġġjaw dan il-materjal li diġà jkun jeżisti fil-post, pereżempju fis-siti ta' rinnovazzjoni u demolizzjoni jew fil-ġestjoni tal-iskart.

2. Sfond u kummenti ġenerali

2.1. Il-projbizzjoni tal-asbestos fl-Unjoni Ewropea

2.1.1. L-asbestos huwa sustanza perikoluża li tikkawża l-kanċer, u dan ilu magħruf għal għexieren ta' snin. L-UE ilha aktar minn 40 sena li ħadet passi biex tillimita, u mbagħad biex tipprojbixxi, kwalunkwe użu ta' dan il-materjal. Fl-1999, ipprojbixxiet it-tipi kollha tal-fibri tal-asbestos. Il-projbizzjoni daħlet fis-seħħ għalkollox fl-2005 u tapplika kemm għal oġġetti prodotti fl-Unjoni Ewropea kif ukoll għal oġġetti importati fl-UE. Id-Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾ kkodifikat ir-regoli fis-seħħ dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol.

2.1.2. Peress li fis-settur tal-kostruzzjoni, l-asbestos kien qed jintuża fuq perjodu ta' żmien relattivament twil, għad hemm għadd kbir ta' binjiet li fihom l-asbestos. Skont it-tip ta' xogħol li jjsir fuq tali binjiet, jiġu attivati sustanzi perikolużi meta dawn jiġu rinnovati jew jiġġarrfu. L-asbestos huwa preżenti wkoll f'setturi oħra, bħal dawk tal-isfruttament tal-minjieri u tal-industrija tal-estrazzjoni, il-ġestjoni tal-iskart u l-manutenzjoni tal-vetturi. Minkejja l-projbizzjoni fis-seħħ li jintuża asbestos ġdid, għadd mhux ħażin ta' xogħol qed ikompli jesponi lill-ħaddiema għal dan il-materjal. Minbarra l-ħaddiema inklużi fl-istatistika uffiċjali, hemm ukoll għadd mhux irreġistrat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhux dejjem ikunu koperti mill-istatistika fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri individwali. Fil-fehma tal-Kummissjoni, id-Direttiva tal-2009 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mill-espożizzjoni għall-asbestos għadha fil-biċċa l-kbira rilevanti, iżda tipproponi li tiġi aġġornata f'konformità mal-aħħar żviluppi fl-għarfien xjentifiku.

2.1.3. Il-KESE adotta żewġ Opinjonijiet dwar suġġetti relatati mal-asbestos, "It-tneħħija għalkollox tal-asbestos mill-UE" (CCMI/130)⁽²⁾ u "Ix-xogħol bl-asbestos fir-rinnovazzjoni tal-enerġija" (CCMI/166)⁽³⁾. Huwa tal-fehma li: "[l]t-tneħħija għalkollox tal-asbestos kollu użat u tal-prodotti kollha li jkun fihom l-asbestos għandha tkun mira prijoritarja tal-Unjoni Ewropea" u "jhegġegħ lill-UE taħdem flimkien mal-imsieħba soċjali u ma' partijiet interessati oħra fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali biex jiżviluppaw u jaqsmu bejniethom pjani ta' azzjoni għat-tneħħija u l-ġestjoni tal-asbestos". Madankollu, fiċ-ċirkostanzi attwali, għadu diffiċli li jintlaħaq objettiv ta' "mingħajr asbestos" f'qasir żmien. Għalhekk, f'ċerti pajjiżi jew reġjuni tal-UE, dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet għażlu strateġija ta' "sikurezza fir-rigward tal-asbestos".

2.1.4. Fil-proposta attwali tagħha, il-Kummissjoni titlob li l-valur limitu tekniku għall-asbestos fl-arja ambjentali jitnaqqas minn 0,1 fibra għal kull cm³ għal 0,01 fibra għal kull cm³, imkejjejl b'medja ponderata skont il-ħin ta' tmien sigħat.

2.2. L-ambizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra l-kanċer

2.2.1. Il-pjan tal-Ewropa biex jingħeleb il-kanċer li tressaq fl-2021 huwa inizjattiva biex il-kanċer jiġi miġġieled permezz ta' approċċi multipli. Il-prevenzjoni primarja tal-okkorrenza tiegħu hija parti importanti minn dan il-pjan, li l-KESE laqa' b'sodisfazzjon fl-Opinjoni tiegħu SOC/677⁽⁴⁾. Skont din il-loġika, għandu jiġi kkunsidrat li jkun effettiv li jittieħdu miżuri biex tiġi miġġielda l-espożizzjoni għall-asbestos, li huwa suġġett diġà magħruf sew, peress li sforz bħal dan inaqqas ir-riskju ta' każijiet addizzjonali ta' kanċer u r-riċerka eżistenti diġà wriet li l-espożizzjoni hija waħda mill-kawżi ewlenin ta' din il-marda b'rabta mal-ambjent tax-xogħol. Peress li l-fatturi ta' riskju tal-mesoteljoma jista' jkollhom aktar minn kawża waħda (eż. in-nanofibri minbarra l-asbestos), il-KESE jipproponi li l-persuni li jaħdmu f'espożizzjoni għall-asbestos għandhom jirċievu dokument dwar il-fatt ta' espożizzjoni.

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol (ĠU L 330, 16.12.2009, p. 28).

⁽²⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "It-tneħħija għalkollox tal-asbestos mill-UE" (ĠU C 251, 31.7.2015, p. 13).

⁽³⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Ix-xogħol bl-asbestos fir-rinnovazzjoni tal-enerġija" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 240, 16.7.2019, p. 15).

⁽⁴⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Pjan tal-Ewropa biex jingħeleb il-Kanċer (ĠU C 97, 28.2.2022, p. 17).

2.2.2. F'dan il-kuntest, għandu jiġi enfasizzat li anke mingħajr ma dak li jkun ikun ħaddiem, kulħadd jista' jkun espost għall-asbestos, pereżempju jekk ikun qrib sit ta' rinnovazzjoni jew demolizzjoni tal-bini. Din l-espożizzjoni tista' wkoll tolgot individwi li, meta jirrinnovaw ir-residenza tagħhom, ma jkunux jafu r-riskji li jġarrbu meta jagħmlu dan, jew ma jkunux konxji tagħhom. Barra minn hekk, l-asbestos jista' jiġi rilaxxat fl-installazzjonijiet tal-ventilazzjoni u jista' jagħti l-każ li jkun hemm persuni esposti għalih mingħajr ma jindunaw. Għalhekk, il-KESE jirrakkomanda li l-pubbliku jiġi infurmat permezz tal-mezzi kollha possibbli, inklużi l-mezzi tax-xandir, li għandhom livell għoli ta' responsabbiltà f'dan ir-rigward.

2.3. Kummenti ġenerali

2.3.1. Il-KESE jappoġġja l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li tiġġieled il-kanċer permezz ta' approċċi diversifikati. Il-limitazzjoni tar-riskju ta' espożizzjoni għall-asbestos hija pass kbir 'il quddiem fit-tnaqqis tal-għadd ta' każijiet ta' kanċer. Għandna għarfien xjentifiku estensiv dwar il-perikli tal-asbestos u r-rabta diretta bejn l-espożizzjoni għall-asbestos u l-kanċer. Abbażi tal-aħħar għarfien xjentifiku, bħal dak miġbur mill-Kummissjoni, issa qed jiġi propost li jiġi aġġornat il-qafas legali rilevanti fil-qasam.

2.3.2. Kull każ ta' kanċer isarraf fi spiża għall-komunità u fi tbatija u telf għall-individwi. Għadd sinifikanti ta' okkorrenzi ta' din il-marda jistgħu jiġu evitati billi tiġi limitata l-espożizzjoni għall-asbestos fuq il-post tax-xogħol. Għalhekk, il-KESE jistieden lill-partijiet interessati kollha biex jagħmlu kull sforz biex jiġġieldu din l-espożizzjoni. Dan japplika b'mod partikolari għal azzjonijiet li jkollhom fil-mira tagħhom il-protezzjoni tal-ħaddiema esposti matul xogħolhom, iżda wkoll għal inizjattivi għat-tixrid ġenerali tal-għarfien f'dan il-qasam, sabiex jiżied l-għarfien tal-pubbliku ġenerali dwar ir-riskji assoċjati mal-asbestos.

3. Kummenti speċifiċi

3.1. L-aktar miżura ambizzjuża li l-Unjoni Ewropea tista' tieħu meta tirrevedi d-Direttiva hija li tbaxxi l-valur limitu tekniku għall-ammont tollerat ta' fibri tal-asbestos fl-arja ambjentali. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni u jqis li hija bażi tajba biex, maż-żmien, nimxu lejn tolleranza żero għall-espożizzjoni għall-asbestos fuq il-post tax-xogħol.

3.1.1. Il-Kummissjoni tipproponi li jiġi emendat l-Artikolu 8 biex jitnaqqas il-valur limitu attwali ta' 0,1 fibra għal kull cm^3 , imkejjel b'medja ponderata fuq 8 sigħat. Id-Direttiva tipprevedi wkoll li l-espożizzjoni tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol għal trab mill-asbestos jew minn materjali li fihom l-asbestos għandha titnaqqas għall-minimu u, taħt kull ċirkustanza, għall-anqas livell teknikament possibbli taħt il-valur ta' limitu stabbilit fl-Artikolu 8. F'dan ir-rigward, il-KESE jfakkar li l-imsieħba soċjali jistgħu jmorru lil hinn mill-valur limitu l-ġdid li se jkun applikabbli skont id-Direttiva u jieħdu miżuri adatti biex ikomplu jnaqqsu l-preżenza tal-fibri tal-asbestos fuq il-post tax-xogħol.

3.1.2. Skont il-Kummissjoni Internazzjonali tas-Saħħa Okkupazzjonali, ma hemm l-ebda livell ta' espożizzjoni li jista' jittqies li jeskludi b'mod sikur ir-riskju tal-kanċer. Fis-seduta li saret fil-KESE fil-31 ta' Ottubru 2022, il-Professor Jukka Takala osserva li madwar 90 370 persuna fl-UE jmutu kull sena bħala riżultat tal-kanċer relatat mal-asbestos, u li din iċ-ċifra tixhed għall-ħtieġa li jitnaqqas il-valur limitu tal-espożizzjoni. Il-KESE huwa tal-fehma wkoll li l-Unjoni Ewropea għandha tmur lil hinn mill-limitu massimu propost mill-Kummissjoni u, maż-żmien, tistabbilixxi dan il-valur limitu tekniku għal 0,001 fibra/ cm^3 , wara perġodu ta' tranżizzjoni raġonevoli. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, għandu jinfassal pjan direzzjonali, akkumpanjat minn proposti għal miżuri, inklużi miżuri finanzjarji, biex jiġu appoġġjati n-negozji u r-reġjuni li jeħtieġu tali dispożizzjonijiet sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti.

3.2. Qabel ma jniedi sit ta' rinnovazzjoni jew ta' demolizzjoni, kull kuntrattur għandu jelenka l-materjali li huma mistennija li jkun fihom l-asbestos. Għal dan l-għan, jeħtieġ li jkun hemm aċċess għal sorsi ta' informazzjoni relatati mas-sid tal-proprjetà kkonċernata jew minn mezzijiet oħra, jew saħansitra minn spezzjoni mwettqa fuq il-bini. Il-KESE jirrakkomanda li jiġu stabbiliti reġistri biex tinġabar data dwar il-bini, l-ewwel u qabel kollox dwar bini li jkun qed jiġu rinnovati, u mbagħad gradwalment dwar kull bini ieħor. L-Istati Membri għandhom jipprovdu din l-informazzjoni permezz ta' struttura li jkun intlaħaq kunsens dwarha fl-Unjoni Ewropea, sabiex tkun tista' tinkiseb data komparabbli biex jiġi ddeterminat liema siti huma mistennija li jkun fihom l-asbestos (pajjiż/lokalità/funzjonalità tal-bini/parti mill-bini), flimkien kwantitajiet (approssimazzjoni tal-forom tal-asbestos u l-kwantità għal kull metru kwadru), eċċ. L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) tista' tiġi mistiedna tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' qafas regolatorju armonizzat għal dan ir-reġistru tal-bini.

3.3. It-taħriġ tal-ħaddiema friskju ta' espożizzjoni għall-asbestos huwa kwistjoni importanti. Il-KESE jenfasizza li huwa ta' importanza kbira li dan jiġi pprovdut bil-lingwa materna tagħhom jew b'lingwa oħra li jgħallmu, inkluż meta jkunu ġejjin minn pajjiż differenti minn dak li jaħdmu fih u għalhekk ma jkollhomx ħakma tajba tal-lingwa tal-pajjiż ospitanti tagħhom. Dan japplika kemm għaċ-ċittadini tal-UE kif ukoll għall-ħaddiema minn pajjiżi terzi. Dan japplika kemm għaċ-ċittadini tal-UE kif ukoll għall-ħaddiema minn pajjiżi terzi.

3.4. Il-KESE jirrakkomanda wkoll li l-informazzjoni dwar l-asbestos u r-riskji tiegħu tinxtered b'mod aktar wiesa' fost il-pubbliku ġenerali, sabiex ikun hemm sensibilizzazzjoni dwar din il-kwistjoni kemm fost il-ħaddiema kif ukoll fost il-kuntratturi ta' xogħlijiet li jistgħu jwasslu għal kuntatt mal-asbestos, kif ukoll individwi u awtoritajiet pubbliċi li ma għandhomx għarfien profund tal-kwistjoni. Il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni tiżviluppa kampanja ta' informazzjoni dwar l-asbestos u l-perikli li joħloq għall-ħajja, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili interessati f'dan is-suġġett. Il-Kumitat jista' jaqdi rwol bħala pjattaforma sabiex jospita konferenza internazzjonali ta' sensibilizzazzjoni dwar dan il-materjal, l-effetti dannużi tiegħu u l-prekawżjonijiet li nistgħu nieħdu kontrihom.

3.5. Is-servizzi tas-saħħa okkupazzjonali għandhom id-dmir li jwettqu eżamijiet ta' kapaċità għax-xogħol (preliminari, perjodikament, u finali) tal-ħaddiema esposti għall-asbestos, u dawn iċ-ċertifikati jiġu ppreżentati lil min iħaddem. Meta tintemm l-espożizzjoni għall-asbestos, ir-riżultat tal-eżami finali jiġi ppreżentat kemm lil min iħaddem kif ukoll lill-impjegat u ssupplimentat b'dokumentazzjoni speċjali, reġistru jew passaport li jipprovdi informazzjoni dwar l-espożizzjoni għall-asbestos u jakkumpanja lill-ħaddiema tul ħajjithom, sabiex ikunu jistgħu jimmonitorjaw l-istat ta' saħħa tagħhom u jistabbilixxu, fejn meħtieġ, li jkunu qed ibatu minn marda okkupazzjonali, mill-effetti tal-espożizzjoni għall-asbestos li jistgħu jgħorġu aktar tard. Din l-informazzjoni għandha tiġi kkomunikata kemm lil min iħaddem kif ukoll lill-impjegati, u jeħtieġ li l-ħaddiema mingħajr dokumenti u l-ħaddiema migranti jkunu koperti wkoll. L-informazzjoni tingħata lill-ħaddiem, sabiex tiġi ppreżentata f'kull eżami mediku ulterjuri biex jiġi żgurat segwitu tul il-ħajja tal-effetti tal-espożizzjoni għall-asbestos li jistgħu jgħorġu aktar tard. Il-KESE jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-aċċess għal servizzi tal-kura tas-saħħa b'għarfien espert fil-qasam.

3.6. L-assigurazzjoni kontra l-mard okkupazzjonali għandha tkopri l-mard marbut mal-espożizzjoni għall-asbestos. Il-KESE jirrakkomanda li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jagħmlu hilitom biex jiżguraw li, f'okkorrenzi ta' kanċer wara suspett ta' espożizzjoni għall-asbestos, għandu jiġi preżunt, meta tittieħed deċiżjoni dwar jekk persuna tkunx eliġibbli għal kumpens b'rabta ma' mard okkupazzjonali, li tkun teżisti korrelazzjoni bejn din l-espożizzjoni u l-marda, peress li hemm evidenza xjentifika estensiva u ċara dwar din ir-rabta. Għandu jiġi stabbilit fond ta' solidarjetà internazzjonali biex jiggarantixxi d-dritt għal kumpens.

3.7. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jikkooperaw, permezz tal-ispetturi tax-xogħol tagħhom, biex jivverifikaw li jingħata taħriġ adatt lill-ħaddiema f'riskju ta' espożizzjoni għall-asbestos fis-setturi tal-kostruzzjoni, tal-isfruttament tal-minjieri u tal-industrija tal-estrazzjoni, tat-trasport, tal-kostruzzjoni tat-toroq u tat-tħaffir fil-mini, u tal-ġestjoni tal-iskart. Din il-kollaborazzjoni tista' tiżgura li r-reġistri regolatorji għall-bini li fih l-asbestos jinżammu kif dovut u jsiru aċċessibbli, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-Unjoni Ewropea. Il-KESE josserva li għandu jkun hemm għadd suffiċjenti ta' spetturi tax-xogħol (jiġifieri spetturi tas-saħħa u s-sigurtà) biex iwettqu dawn il-kompiti.

3.8. Sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv ir-riskji inerenti fl-asbestos, tinħtieġ kooperazzjoni regolatorja internazzjonali. F'dan ir-rigward, il-KESE josserva li l-Konvenzjoni Nru 162 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u l-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel għal Ċerti Kimiċi u Pestiċidi fil-Kummerċ Internazzjonali jipprovdu eżempji ta' regolamentazzjoni eżistenti li, permezz tagħha, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jistgħu u għandhom jaqdu rwol attiv u prominenti sabiex jinkoraġġixxu żviluppi aħjar dwar kwistjonijiet marbutin mal-asbestos, kemm fil-pajjiżi kollha tad-dinja kif ukoll fil-ktajjen kummerċjali internazzjonali. Il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles konklużi mill-Unjoni Ewropea ma' pajjiżi terzi jew reġjuni oħra tad-dinja għandhom jinkludu dispożizzjoni li tirrikjedi sforzi akbar biex jiġi pprojbit l-użu tal-asbestos u jitnaqqsu l-effetti dannużi tiegħu fil-pajjiżi kollha fid-dinja. Il-KESE jhegġegħ lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha jaħdmu qatigħ biex jiżguraw li l-użu tal-asbestos jiġi pprojbit internazzjonalment, u li tkun żgurata protezzjoni lill-ħaddiema meħtieġa jimmaniġġjaw dan il-materjal li diġà jkun jeżisti fil-post, pereżempju fis-siti ta' rinnovazzjoni u demolizzjoni jew fil-ġestjoni tal-iskart.

Brussell, il-15 ta' Diċembru 2022.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

ANNEX

L-emenda li ġejja nċaħdet waqt id-diskussjoni iżda rċeviet tal-inqas kwart tal-voti mixħuta (Artikolu 43(2) tar-Regoli ta' Proċedura):

Emenda 1

Punt 3.1.2.

Ibdel it-test kif ġej:

Opinjoni tas-sezzjoni	Emenda
Skont il-Kummissjoni Internazzjonali tas-Saħħa Okkupazzjonali, ma hemm l-ebda livell ta' espożizzjoni li jista' jitqies li jeskludi b'mod sikur ir-riskju tal-kanċer. Fis-seduta li saret fil-KESE fil-31 ta' Ottubru 2022, il-Professor Jukka Takala osserva li madwar 90 370 persuna fl-UE jmutu kull sena bħala riżultat tal-kanċer relatat mal-asbestos, u li din iċ-ċifra tixhed għall-ħtieġa li jitnaqqas il-valur limitu tal-espożizzjoni. Il-KESE huwa tal-fehma wkoll li l-Unjoni Ewropea għandha tmur lil hinn mil-limitu massimu propost mill-Kummissjoni u, maż-żmien, tistabbilixxi dan il-valur limitu tekniku għal 0,001 fibra/cm³ , wara perjodu ta' tranżizzjoni raġonevoli. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, għandu jittfassal pjan direzzjonali, akkumpanjat minn proposti għal miżuri, inklużi miżuri finanzjarji, biex jiġu appoġġjati n-negozji u r-reġjuni li jeħtieġu tali dispożizzjonijiet sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti.	Skont il-Kummissjoni Internazzjonali tas-Saħħa Okkupazzjonali, ma hemm l-ebda livell ta' espożizzjoni li jista' jitqies li jeskludi b'mod sikur ir-riskju tal-kanċer. Fis-seduta li saret fil-KESE fil-31 ta' Ottubru 2022, il-Professor Jukka Takala osserva li madwar 90 370 persuna fl-UE jmutu kull sena bħala riżultat tal-kanċer relatat mal-asbestos, u li din iċ-ċifra tixhed għall-ħtieġa li jitnaqqas il-valur limitu tal-espożizzjoni. Il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni u jemmaen li l-limitu massimu għandu jitnaqqas aktar wara perjodu ta' tranżizzjoni raġonevoli. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, għandu jittfassal pjan direzzjonali, akkumpanjat minn proposti għal miżuri, inklużi miżuri finanzjarji, biex jiġu appoġġjati n-negozji u r-reġjuni li jeħtieġu tali dispożizzjonijiet sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti.

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 68
Kontra: 106
Astensjonijiet: 16

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023”

(COM(2022) 526 final — (2022)0326 (COD))

(2023/C 100/19)

Relatur: **Tatjana BABRAUSKIENĒ**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 21.10.2022 Parlament Ewropew, 20.10.2022
Bażi legali	Artikolu 149 u Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adozzjoni fil-plenarja	15.12.2022
Sessjoni plenarja Nru	547
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	155/0/1

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-2023 ġiet iddikjarata bħala s-Sena Ewropea tal-Ħiliet. Jeħtieġ li s-Sena Ewropea tal-Ħiliet tippovdi perkorsi lejn soluzzjonijiet effettivi u benefiċċji edukattivi għaż-żgħażaġh u l-adulti, il-persuni qiegħda u l-impjegati irrispettivament mis-sitwazzjoni kuntrattwali, il-livell ta' kwalifiki jew il-ġeneru, f'konformità mal-għan li natterzaw “forza tax-xogħol bil-ħiliet adegwati”, iddikjarat mill-President von der Leyen biex tiżdied il-kompetittività tal-ekonomija Ewropea, speċjalment dik tal-SMEs. Il-KESE qed jistenna bil-ħerqa li jimpenja ruħu b'mod pożittiv b'rabta mas-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023 sabiex jipproduċi riżultati konkreti u għalhekk huwa lest li jikkontribwixxi bħala faċilitatur għan-networking u d-dibattiti.

1.2. Meta wieħed iqis li f'xi partijiet tal-UE ma hemmx aċċess ugwali għal opportunitajiet edukattivi, filwaqt li l-livell edukattiv milħuq ħafna drabi għadu jgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra, is-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023 għandha tagħti bidu għal aktar dibattiti u attivitajiet biex tiġi evitata d-diskriminazzjoni fl-oqsma edukattivi kollha u tgħin lin-nies jiksbu ħiliet li jggarantulhom perkorsi ta' karriera 'l fuq u 'l isfel ta' kwalità tajba. Għalhekk trid tingħata attenzjoni speċjali lill-gruppi ta' nies soċjoekonomikament żvantaġġati fir-rigward ta' aċċess għal taħriġ ta' kwalità tajba u inklużiv ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet. **Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-perkorsi ta' titjib tal-ħiliet** immirata biex tappoġġja lill-adulti b'ħiliet baxxi u bi kwalifiki baxxi biex ikollhom ħiliet imtejba u jkunu integrati fis-suq tax-xogħol, jeħtieġ li tiġi infurzata u implimentata bħala oġġettiv importanti tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet.

1.3. Il-KESE jemmen li hemm bżonn ta' mekkaniżmi ta' finanzjament effiċjenti, li jimmobilizzaw ir-riżorsi Ewropej u nazzjonali u jinvolvu kondivizzjoni adegwata tal-ispejjeż bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-entitajiet privati, kif ukoll individwi u partijiet interessati rilevanti oħra (l-imsieħba soċjali, il-fornituri tat-taħriġ, l-NGOs). It-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ħaddiema biex isegwu t-taħriġ huwa wkoll essenzjali biex tiġi stabbilita kultura ta' tagħlim tul il-ħajja.

1.4. Il-KESE jistenna li s-Sena Ewropea tal-Ħiliet toħroġ din il-kwistjoni ta' responsabbiltà biex tissalvagwardja r-riżorsi meħtieġa għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, li huma importanti biex jitnaqqas ir-riskju tal-esklużjoni soċjali, inkludha l-orjentazzjoni tal-finanzjament li jistħoqqilha attenzjoni speċjali. Dan jinkludi l-kwistjoni tar-responsabbiltà kondiviża tal-imsieħba soċjali fil-livell settorjali u tal-kumpanija f'termini ta' investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ li jħarsu 'l quddiem tal-forza tax-xogħol impjegata. Dan jinkludi wkoll l-impenn ta' min iħaddem li jagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex jappoġġja lil kull ħaddiem li jkun ingħata s-sensja biex jibbenefika mill-iskemi ta' appoġġ. Il-KESE jistieden u jħeġġeġ lill-imsieħba soċjali jieħdu passi effettivi biex jiġu involuti fid-djalogu soċjali biex jiġi żgurat li l-ħaddiema kollha jkollhom aċċess ugwali għal taħriġ ta' kwalità tajba u inklużiv f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Barra minn hekk, il-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni bejn l-istituzzjonijiet edukattivi, l-awtoritajiet u l-kumpaniji u t-trade unions għandhom jissaħħu peress li dan jista' jikkontribwixxi fl-abbozzar ta' strateġiji realistiċi u effettivi tat-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għax-xogħol.

1.5. F'dan il-kuntest, il-KESE jipproponi li fl-aħħar tiġi implimentata l-idea ta' garanzija ta' ħiliet biex toffri d-dritt ta' aċċess għal taħriġ ta' kwalità tajba u inklużiv għal kulħadd, u tippromovi impenn b'rabta man-negozjar kollettiv u l-bini tal-kapaċitajiet sabiex jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet u l-kundizzjonijiet għal leave edukattiv imħallas, li jippermetti lin-nies jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà u jamministraw b'suċċess it-tranżizzjonijiet fis-soċjetà u fis-swieq tax-xogħol. F'dan il-kuntest, it-taħriġ għandu jinkludi kompetenzi ewlenin, ħiliet bażiċi u żvilupp ta' ħiliet professjonali għal nies ta' kull livell ta' ħiliet.

1.6. Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex jaħtru koordinatur nazzjonali għas-Sena Ewropea tal-Ħiliet biex jiżgura l-koordinazzjoni tal-attivitajiet rilevanti fil-livell nazzjonali. Il-KESE jissuġġerixxi li l-punt nazzjonali ta' koordinazzjoni għandu jaħdem b'mod trasparenti u inklużiv u jkollu kompetenzi rilevanti kif ukoll riżorsi finanzjarji adegwati pprovduti mill-UE u minn sorsi nazzjonali. Il-partijiet interessati kollha fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ (b'mod partikolari l-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, is-servizzi tal-impjiegji pubbliċi u privati, l-imsieħba soċjali, u organizzazzjonijiet rilevanti oħra tas-soċjetà ċivili) għandu jkollhom vuċi fl-għażla ta' dan il-punt ta' koordinazzjoni nazzjonali, sabiex jiġi żgurat li dawn il-partijiet ikkonċernati jkunu parti mill-għażla u jkollhom rwol ewleni kemm fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet matul is-sena kif ukoll fl-evalwazzjoni tagħhom. L-istess prinċipju dwar il-koordinazzjoni għandu japplika wkoll fil-livell tal-UE.

1.7. Il-KESE jtenni r-rakkomandazzjonijiet tiegħu minn Opinjonijiet preċedenti dwar dikjarazzjonijiet preċedenti tas-Snin Ewropej li dawn għandhom imorru lil hinn minn sempliċi attivitajiet promozzjonali u minflok jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' pjani ċari u impenn reali.

1.8. Filwaqt li jfakkar fl-Opinjonijiet preċedenti dwar dawn is-snin tematiċi, fosthom li jsejjaħ għal finanzjament adegwat mill-UE u djalogo sinifikanti mas-soċjetà ċivili fl-iżvilupp ta' dawn is-snin kif ukoll għal miżuri speċifiċi biex tiġi żgurata rabta bejn is-snin tematiċi differenti u riżultat dejjiemi tal-avvenimenti, il-KESE jfakkar li huwa kruċjali għas-suċċess tal-kunċett tas-"Snin Ewropej" li dawn jitħabbu fil-ħin sabiex ikun hemm tħejja kif suppost u tinħoloq sjeda robusta ⁽¹⁾.

2. Il-Proposta leġiżlattiva

2.1. Wara t-tħabbira mill-President Ursula von der Leyen fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2022, il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha biex tagħmel l-2023 is-Sena Ewropea tal-Ħiliet.

2.2. Permezz tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet, l-koooperazzjoni mal-Parlament Ewropew, l-Istati Membri, l-imsieħba soċjali, is-servizzi tal-impjiegji pubbliċi u privati, il-kmamar tal-kummerċ u l-industrija, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u l-ħaddiema u l-kumpaniji kollha flimkien, il-Kummissjoni tippromovi li tagħti spinta għida lit-tagħlim tul il-ħajja billi:

- Tippromovi investiment aktar effettiv u inklużiv fit-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-forza tax-xogħol Ewropea, u biex in-nies jiġu appoġġjati biex jibdli minn impjeg għal ieħor.
- Tiżgura li l-ħiliet ikunu rilevanti għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, billi tikkoopera wkoll mal-imsieħba soċjali u l-kumpaniji.
- Tqabbal l-aspirazzjonijiet u s-settijiet ta' ħiliet tan-nies ma' opportunitajiet fis-suq tax-xogħol, speċjalment għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u l-irkupru ekonomiku.
- Se tingħata attenzjoni speċjali biex jiġu attivati aktar nies għas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari n-nisa u ż-żgħażaġh, speċjalment dawk li mhumiex fl-edukazzjoni, l-impjeg jew it-taħriġ.
- Tattira persuni minn pajjiżi terzi bil-ħiliet meħtieġa mill-UE, inkluż billi jissaħħu l-opportunitajiet ta' tagħlim u l-mobbiltà, u jiġi ffaċilitat ir-rikonnoxximent tal-kwalifiki.

2.3. Biex tilħaq dawn l-għanijiet, il-Kummissjoni se

- Tippromovi l-opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, pereżempju billi tenfasizza inizjattivi rilevanti tal-UE, inkluż il-possibilitajiet ta' finanzjament tal-UE, biex tappoġġja l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u t-twettiq tagħhom fil-post.

⁽¹⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022" (COM(2021) 634 final — 2021/0328 (COD)) (ĠU C 152, 6.4.2022, p. 122).

- Se jiġu organizzati wkoll avvenimenti u kampanji ta' sensibilizzazzjoni madwar l-UE kollha biex jappoġġjaw it-tagħlim reċiproku tal-imsieħba fit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid.
- Is-Sena proposta għandha wkoll l-għan li tgħin biex jiġu żviluppati aktar għodod ta' intelliġenza tal-ħiliet u jiġu promossi l-għodod u l-istrumenti għal aktar trasparenza u rikonoxximent aktar faċli tal-kwalifiki, inklużi l-kwalifiki mogħtija barra l-UE.

2.4. Biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni tal-attivitajiet rilevanti fil-livell nazzjonali, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jaħtru koordinatur nazzjonali għas-Sena Ewropea tal-Ħiliet.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE jaqbel li ċittadinanza impenjata li għandha forza tax-xogħol b'ħiliet u kkwalifikata hija waħda mill-assi ewlenin tal-mudell soċjali u ekonomiku Ewropew u li l-appoġġ għat-taħriġ għall-persuni ta' kull età għandu jintuża bħala lieva biex tingħata spinta lill-parteċipazzjoni fis-soċjetà kif ukoll lit-tkabbir sostenibbli u fit-tul, peress li jgħin biex jiżiedu l-innovazzjoni, il-produttività u l-kompetittività. Hija wkoll kruċjali biex jiġu appoġġjati n-nies fil-kuntest tal-kisba ta' tranżizzjoni ġusta għaliex il-mixja lejn mod ta' għajxien, produzzjoni u konsum aktar sostenibbli saret hteġa biex jiġu indirizzati t-tibdil fil-klima u r-riperkussjonijiet negattivi tiegħu globalment, filwaqt li jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Fl-istess ħin, jaqbel li l-iżvilupp personali olistiku ta' kull student huwa kruċjali għall-adattament għat-tranżizzjonijiet u l-isfidi li ġejjin, meta wieħed iqis in-natura b'pass mgħaġġel tas-soċjetajiet attwali.

3.2. In-nuqqas ta' ħaddiema b'ħiliet, minħabba l-isfidi demografiċi u l-bidla strutturali, kif ukoll, minħabba d-diġitalizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni, hija waħda mill-fatturi deċiżivi li jaffettwaw l-ekonomija Ewropea. Minbarra l-kisba ta' ħiliet ġodda, l-għan irid ikun ukoll li jiġi żgurat li ħaddiema kwalifikati jkunu jistgħu jwettqu għadd ta' kompiti u okkupazzjonijiet kwalifikati f'ċirkostanzi li jinbidlu⁽²⁾, filwaqt li t-taħriġ tagħhom iwassal għal opportunitajiet ta' impjieg deċenti u salvagwardji għall-prevenzjoni ta' impjieg prekarju.

3.3. Barra minn hekk, l-isfida u l-antiċipazzjoni tal-ħtiġijiet tal-ħiliet huma ta' importanza kbira biex tirnexxi sabiex jintlaħqu l-miri ewlenin tal-UE stabbiliti mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ta' mill-inqas 60 % tal-adulti li jipparteċipaw fit-taħriġ kull sena u rata ta' impjieg ta' mill-inqas 78 % sal-2030.

3.4. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea poġġiet l-enfasi fuq il-ħiliet, bid-dikjarazzjoni tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet fl-2023, wara s-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ fl-2022.

3.5. Dan jikkonferma l-fehma tal-Kumitat — espressa f'bosta Opinjonijiet — li l-edukazzjoni bażika ta' kwalità tajba, kif ukoll it-taħriġ ta' standard għoli u effettiv, it-tagħlim tul il-ħajja kif ukoll it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid vokazzjonali se jkunu l-għodda meħtieġa għall-adattament b'suċċess għall-bidliet soċjetali, biex tingħata spinta liċ-ċittadinanza attiva, kif ukoll biex wieħed jikseb l-opportunitajiet tax-xogħol tal-futur u t-trawwim tat-tagħlim intraprenditorjali⁽³⁾.

⁽²⁾ Studju tal-LMO: The work of the future: ensuring lifelong learning and training of employees (Ix-xogħol tal-futur: l-iżgurar tat-tagħlim tul il-ħajja u t-taħriġ tal-impjegati — mhux disponibbli bil-Malti) | Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (europa.eu).

⁽³⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Tagħlim għall-adulti" (opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Slovena) (ĠU C 374, 16.9.2021, p. 16); l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Kif, abbażi tal-edukazzjoni u t-taħriġ minn perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja, jistgħu jiġu promossi l-ħiliet meħtieġa biex l-Ewropa tistabbilixxi soċjetà aktar ġusta, aktar koeżiva, aktar sostenibbli, aktar diġitali u aktar reżiljenti" (opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Portugiża) (ĠU C 286, 16.7.2021, p. 27); Opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza" (COM(2020) 274 final) — "Proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza" (COM(2020) 275 final) (ĠU C 10, 11.01.2021, p. 40); l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà" (COM(2021) 770 final) u "Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kontinwazzjoni individwali tal-apprendiment" (COM(2021) 773 final) (ĠU C 323, 26.8.2022, p. 62); Opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strateġija Ewropea għall-Universitajiet" (COM(2022) 16 final) u l-"Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-bini ta' konnessjonijiet għal kooperazzjoni effettiva Ewropea fl-edukazzjoni għolja" (COM(2022) 17 final) (ĠU C 290, 29.07.2022, p. 109).

3.6. It-tagħlim tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-ħiliet huma kruċjali għall-progress soċjali u ekonomiku fis-soċjetajiet tagħna. Madankollu, fil-fehma tal-KESE dan mhuwiex biss dwar l-għoti ta' għarfien li jista' jiġi "kummerċjalizzat", iżda wkoll dwar kompetenzi u ħiliet li jippermettu lin-nies jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħajja soċjali. Studji juru li l-ħsieb kritiku, il-komunikazzjoni, il-ħidma f'tim, il-kreattività, l-inizjattiva, u ħafna ħiliet trasversali oħra huma dejjem aktar meħtieġa għas-suq tax-xogħol u għas-soċjetà. Minbarra dawn, il-libertà, it-tolleranza, l-ispirtu kritiku, il-valuri Ewropej u ċ-ċittadinanza demokratika huma assi essenzjali għall-futur tal-Ewropa sabiex jiġu miġġielda l-intolleranza li qed tiżdied u l-movimenti radikali emerġenti. Għalhekk, nappellaw sabiex, fost l-azzjonijiet meħuda bħala parti mis-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023, jiġu inklużi l-ħiliet soċjali u l-ħiliet trasversali wkoll fost il-"ħiliet it-tajba" li ċ-ċittadini, inklużi l-ħaddiema u l-ħaddiema futuri, jeħtieġ li jiksibu (*). Dan huwa direttament konformi mal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja u huwa konsistenti wkoll mal-Qafas Ewropew għall-Kompetenza Ewlenija Personali, Soċjali u Tagħlim dwar kif Titgħalliem (LifeComp) u mal-Qafas Ewropew ta' Kompetenza għas-Sostenibbiltà (GreenComp).

3.7. Fil-fehma tal-KESE, l-edukazzjoni tibda fl-infanzja u takkumpanjana tul ħajjtna. F'konformità mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar Aġenda Ewropea Ġdida għat-Tagħlim tal-Adulti għall-2021-2030, il-KESE jenfasizza li l-edukazzjoni tal-adulti għandha tkun aktar minn sempliċi żvilupp ta' ħiliet rilevanti għall-impjiegi. Huwa ugwalment importanti li tiġi promossa aktar is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar l-importanza u l-benefiċċji tal-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja b'mod olistiku (†).

3.8. Għall-KESE, huwa għalhekk ċar li l-attivitajiet kollha fil-qafas tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023 għandhom ikunu mmirati lejn l-aħjar progress possibbli fl-oqsma kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ (l-edukazzjoni elementari, l-edukazzjoni vokazzjonali inizjali u avvanzata, l-edukazzjoni tul il-ħajja: formali, mhux formali u informali). Fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, hija għalhekk fuq kollox kwistjoni li jiġu pprovduti opportunitajiet indaqs għal kulħadd, ħielsa mid-diskriminazzjoni. L-introjt jew il-livelli ta' edukazzjoni tal-ġenituri m'għandhomx jibqgħu jinfluenzaw b'mod sinifikanti l-karriera edukattiva ta' persuna.

3.9. Meta wieħed iqis li fxi partijiet tal-UE hemm aċċess mhux ugwali għall-opportunitajiet edukattivi, filwaqt li l-livell edukattiv milhquq ta' spiss jgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra, għandu jkun obbligatorju kullimkien li jiġu offruti opportunitajiet u possibiltajiet kif ukoll li jiġu promossi l-kompetenzi u l-kapaċitajiet bl-aktar mod wiesa' possibbli.

3.10. It-tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd għandu jsir realtà fl-Ewropa u l-Ewropej kollha għandu jkollhom aċċess għal tagħlim u taħriġ ta' kwalità u inklużiv. L-aċċess ugwali għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid li jiddikjara li jeħtieġ li jiġu pprovduti opportunitajiet addizzjonali ta' titjib tal-ħiliet għan-nies kollha, irrISPettivament mill-ġeneru, l-orijini u l-età (‡). Barra minn hekk, din l-enfasi fuq l-inklużività tal-aġenda tal-ħiliet għandha tinkludi b'mod partikolari l-ħaddiema kollha irrISPettivament mis-sitwazzjoni tal-impjeg tagħhom, id-daqs tal-kumpaniji u t-tip tal-kuntratt tax-xogħol tagħhom, inklużi adulti bi kwalifiki/ħiliet baxxi u nies bi sfond migratorju, gruppi vulnerabbli għandhom jiġu offruti attenzjoni u politiki speċjali peress li qed jesperjenzaw aktar diffikultajiet.

3.11. Minkejja l-appoġġ tiegħu għas-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023 u l-enfasi fuq it-tisħiħ tat-taħriġ vokazzjonali u t-tagħlim tul il-ħajja, il-KESE jinsab imħasseb li l-aġenda u l-prijoritajiet tas-sena jidhru li huma ffullati żżejjed. Dawn fihom għadd kbir ħafna ta' impenji, referenzi għall-inizjattivi, linji baġitarji u oqsma ta' politika kollha deskritti fl-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa. Dan iġib miegħu ir-riskju li s-sena se tkun aktar dwar avviżi politiki ta' profil għoli, milli l-iżvilupp sistematiku fit-tul.

(*) L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza" (COM(2020) 274 final) — "Proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza" (COM(2020) 275 final) (ĠU C 10, 11.01.2021, p. 40).

(†) Opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Tagħlim għall-adulti" (Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Slovena) (ĠU C 374, 16.9.2021, p. 16).

(‡) Opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Tagħlim għall-adulti" (Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Slovena) (ĠU C 374, 16.9.2021, p. 16).

3.12. Biex tiġi evitata l-problema li lista twila ta' oqsma ta' politiki eżistenti u responsabilitajiet kondiviżi jistgħu joseraw l-enfasi ċara fuq ir-riżultati, ikun kruċjali li jkun hemm ċarezza u enfasi fuq il-proposta, billi tiffoka fuq għadd ta' prijoritajiet strateġiċi. Il-KESE jtenni t-talba tiegħu minn Opinjonijiet eżistenti dwar dikjarazzjonijiet preċedenti tas-Snin Ewropej li għandhom imorru lil hinn minn sempliċi attivitajiet promozzjonali u għandhom jikkontribwixxu għal pjani u impenn ċari⁽⁷⁾.

3.13. L-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom ukoll rwol ewlieni fil-governanza tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inklużi l-antiċipazzjoni u l-ħolqien tal-ħiliet. L-involvement effettiv tal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti fil-livell Ewropew u nazzjonali u l-azzjonijiet effettivi biex tiġi kkonsolidata l-governanza effiċjenti fl-oqsma kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u tal-politika tat-tagħlim tal-adulti, inklużi politiki attivi tas-suq tax-xogħol u dwar il-ġestjoni tal-fondi tal-UE u nazzjonali għall-ħiliet ikunu kruċjali għas-suċċess biex ikunu pprovduti soluzzjonijiet effettivi għal kulħadd.

3.14. Huwa importanti li jiġi kkunsidrat it-tisħiħ tad-djalogu fil-gruppi u n-networks eżistenti tal-partijiet ikkonċernati, anke permezz ta' pjattaformi online stabbiliti, b'mod partikolari billi jissaħħaħ il-proċess ta' Djalogu Strateġiku matul l-2023, jiġu żviluppati Fora tal-Partijiet Ikkonċernati konnessi mal-avvenimenti ewlenin tal-2023, iżda wkoll permezz ta' proċessi ġodda simili għad-djalogu ċivili biex jiġi żgurat li l-partijiet ikkonċernati fl-edukazzjoni u t-taħriġ ikunu jistgħu jieħdu sehem b'mod sinifikanti fil-politika u fit-teħid tad-deċizzjonijiet meta jitqies l-għarfien espert tagħhom fuq il-post, il-kapaċità tagħhom li jesprimu l-ħtiġijiet tal-istudenti u r-rabta mill-qrib tagħhom ma' awtoritajiet nazzjonali u reġjonali differenti responsabbli għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ.

3.15. F'dan il-kuntest, il-KESE jistenna li s-Sena Ewropea tal-Ħiliet għandha toħroġ il-kwistjoni tar-responsabbiltà kondiviża tal-imsieħba soċjali fil-livell settorjali u tal-kumpaniji kemm f'termini ta' investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ li jħarsu l-quddiem tal-forza tax-xogħol impjegata tagħhom. Dan jinkludi wkoll l-impenn ta' min iħaddem li jagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex jappoġġja lil kull ħaddiem li jkun ingħata s-sensja biex jibbenefika mill-iskemi ta' appoġġ. F'dan il-kuntest, il-KESE jistieden lill-imsieħba soċjali jieħdu passi effettivi biex jiġu involuti fid-djalogu soċjali biex jiġi żgurat li l-ħaddiema kollha jkollhom aċċess ugwali għal taħriġ ta' kwalità tajba u inklużiv f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

3.16. L-għalliema u l-ħarrieġa għandhom rwol importanti fl-iżvilupp ta' settijiet ta' ħiliet tal-istudenti f'konformità mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, billi jgħallmu u jħarrġu mhux biss ħiliet okkupazzjonali iżda wkoll ħiliet trasversali, bħal ħiliet bażiċi u soċjoemozzjonali. Huma jappoġġjaw it-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol ta' studenti bi sfondi diversi, inklużi adulti li jeħtieġu ħiliet ġodda, aġġornati jew imtejbja. Quddiem l-isfidi bla preċedent mahuqa mill-pandemija u l-gwerra fl-Ukraina, l-impenn u l-kreattività tagħhom kienu ċentrali biex isostnu t-tagħlim u l-apprendiment fl-iskejjel u l-postijiet tax-xogħol.

3.17. In-nuqqas ta' għalliema fil-qasam tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonal (VET) huwa sinifikanti f'hafta pajjiżi tal-UE, ikkawżat ukoll minn fatturi relatati mal-attraenza limitata tal-professjoni tat-tagħlim tal-VET, inklużi l-kundizzjonijiet tal-impjieg, is-salarji, u nuqqas ta' inċentivi finanzjarji u appoġġ għall-karriera. L-attraenza ta' professjonisti tal-industrija lejn il-professjoni tat-tagħlim għandha tkun waħda mill-istrateġiji ewlenin biex tiġi żgurata provvista adegwata ta' għalliema tal-VET b'ħiliet u għarfien rilevanti, u dan jeħtieġ li jiġu pprovduti kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin u attraenti, pagi deċenti u perkorsi flessibbli fil-professjoni u mekkaniżmi biex jiġi żgurat li dawn il-professjonisti jkollhom it-taħlita t-tajba ta' ħiliet — inklużi l-ħiliet pedagoġiċi.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. Il-KESE jilqa' l-approċċ li jiġu diskussi l-ħtiġijiet ta' taħriġ mill-perspettiva ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali soċjalment ġusta tas-suq tax-xogħol. Madankollu, jappella għall-messaġġ ċar, li r-responsabbiltà tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid għandha dejjem titpoġġa b'mod ġust bħala responsabbiltà kondiviża.

⁽⁷⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022" (COM(2021) 634 final — 2021/0328 (COD)) (ĠU C 152, 6.4.2022, p. 122).

4.2. Responsabbiltà kondiviża

4.2.1. Biex jirnexxu fit-tranżizzjonijiet kontinwi, l-individwi għandhom jiġu appoġġjati biex iħejju ruħhom għall-bidliet sabiex jirnexxu. Hemm bżonn ta' mekkaniżmi ta' finanzjament li jimmobilizzaw riżorsi Ewropej u nazzjonali u jinvolvu kondivizzjoni adegwata tal-ispejjeż u l-kontribuzzjonijiet mhux finanzjarji (pereżempju l-ħin iddedikat għat-taħriġ) bejn l-awtoritajiet pubbliċi, min iħaddem, l-individwi u partijiet interessati rilevanti oħra (pereżempju l-imsieħba soċjali, il-fornituri tat-taħriġ, l-NGOs). F'hafta Opinjonijiet preċedenti ⁽⁸⁾, il-KESE enfasizza l-hteġa kruċjali għal impenji qawwija mill-kumpaniji kif ukoll mill-awtoritajiet pubbliċi l-aktar biex jissalvagwardjaw ir-riżorsi suffiċjenti, inkluż il-finanzjament suffiċjenti għall-edukazzjoni u t-taħriġ.

4.2.2. Il-KESE jipproponi li s-Sena Ewropea tal-Ħiliet għandha tippromovi b'mod prominenti r-responsabbiltà soċjali fil-qasam tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid komprensiv u f'dan il-kuntest, l-idea ta' Garanzija ta' Ħiliet biex toffri d-dritt ta' aċċess għal taħriġ ta' kwalità tajba u inklużiv għal kulħadd, inkluż impenn b'rabta man-negozjar kollettiv u l-bini tal-kapaċitajiet sabiex jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet u l-kundizzjonijiet dwar leave edukattiv imħallas sabiex tipparteċipa bis-sħiħ fis-soċjetà u tamministra b'suċċess it-tranżizzjonijiet fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol.

4.2.3. Dan jinkludi wkoll il-kwistjoni tar-responsabbiltà kondiviża tal-imsieħba soċjali fil-livell settorjali u tal-kumpanija f'termini ta' investment fl-edukazzjoni u t-taħriġ li jħarsu 'l quddiem tal-forza tax-xogħol impjegata tagħhom. In-negozjar kollettiv fil-livelli kollha — f'konformità mad-dritt u l-prattiki nazzjonali — u l-mekkaniżmi tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-livell tad-ditti huma għodod rilevanti sabiex jiġu indirizzati l-bidliet fil-ħiliet u fil-ħtiġijiet ta' taħriġ u sabiex ikunu jistgħu jiġu antiċipati dawn il-bidliet u tiżdied l-innovazzjoni. Ikun utli li matul s-Sena Ewropea tal-Ħiliet jibda jiġi żviluppat qafas ta' kwalità tal-UE għat-taħriġ tal-impjegati bħala azzjoni tal-imsieħba soċjali.

4.3. Spinta lill-investment fl-edukazzjoni u t-taħriġ

4.3.1. Il-KESE diġà enfasizza l-hteġa għal offensiva ta' kwalifiki bħala appoġġ għad-diġitalizzazzjoni dejjem tikber tas-swieq tax-xogħol tagħna, sabiex jiġu pprovduti iċċentivi għall-investment kemm fil-livell tal-kumpaniji kif ukoll fis-settur pubbliku, jiġi promoss l-investment pubbliku u privat fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Jeħtieġ li l-investment pubbliku fit-tagħlim tul il-ħajja, u b'mod partikolari dak għall-adulti, jiżdied f'kull Stat Membru ⁽⁹⁾.

4.3.2. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni effettiva fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-ewwel u r-raba' prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, biex jiżguraw tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità tajba u inklużiv bħala dritt għaċ-ċittadini kollha fl-Ewropa fil-postijiet tax-xogħol u lil hinn minnhom, u biex jappoġġjaw l-implimentazzjoni ta' dawn il-prinċipji b'finanzjament pubbliku sostenibbli maqbul mal-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili.

4.3.3. Peress li l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà ewlenija għall-investment sostenibbli biex jiggwarantixxu t-taħriġ, b'mod speċjali lil nies qiegħda u bi kwalifiki baxxi iżda wkoll biex jiksbu ħiliet bażiċi, ħiliet professjonali u kompetenzi ewlenin ċċertifikati li jwasslu għall-kwalifiki, is-Sena Ewropea tal-Ħiliet għandha tenfasizza l-hteġa għal investment pubbliku adegwat u suffiċjenti fl-oqsma kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

4.3.4. F'dan il-kuntest, il-KESE jappella sabiex l-investment sostenibbli fil-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim tul il-ħajja u t-taħriġ tal-impjegati għandu jiġi enfasizzat bħala priyorità fi ħdan il-proċess tas-Semestru Ewropew u li jingħata aktar appoġġ mill-fondi tal-UE, b'mod partikolari mill-fondi strutturali u ta' investment Ewropej, għall-provvedimenti tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid.

⁽⁸⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà" (COM(2021) 770 final) u "Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kontijiet individwali tal-apprendiment" (COM(2021) 773 final) (ĠU C 323, 26.8.2022, p. 62); L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Tagħlim għall-adulti" (Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Slovena) (ĠU C 374, 16.9.2021, p. 16); L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Kif, abbażi tal-edukazzjoni u t-taħriġ minn perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja, jistgħu jiġu promossi l-ħiliet meħtieġa biex l-Ewropa tistabbilixxi soċjetà aktar ġusta, aktar koeżiva, aktar sostenibbli, aktar diġitali u aktar reżiljenti" (opinjonijiet esploratorja mitluba mill-Presidenza Portugiża) (ĠU C 286, 16.7.2021, p. 27).

⁽⁹⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-finanzjament sostenibbli għat-tagħlim tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-ħiliet, fil-kuntest tal-għadd insuffiċjenti ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati" (opinjonijiet esploratorja mitluba mill-Presidenza Kroata) (ĠU C 232, 14.7.2020, p. 8).

4.4. *Dritt ta' aċċess għal opportunitajiet ta' taġlim tul il-ħajja, irrISPettivament mil-livell u t-tip ta' taġlim (formali, informali u mhux formali).*

4.4.1. Il-KESE jappella għall-implimentazzjoni sħiħa tal-ewwel prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali biex jiġi żgurat li l-aċċess għal taħriġ ta' kwalità u inklużiv u t-taġlim tul il-ħajja jkun id-dritt għall-istudenti, il-ħaddiema u l-impjegati kollha tal-VET, biex ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-soċjetà u jamministraw b'suċċess it-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol. Tali dritt għandu jappoġġja wkoll lill-persuni qiegħda u lill-adulti bi kwalifiki baxxi biex jirċievu l-ħiliet meħtieġa għas-suq tax-xogħol. Nistiednu lill-Kummissjoni Ewropea twettaq riċerka dwar kif jinkiseb tali dritt u jiġi introdott mekkaniżmu ta' monitoraġġ aktar b'saħħtu, li jitlob lill-pajjiżi tal-UE jistabbilixxu programmi ta' azzjoni nazzjonali u jippreżentaw rapporti nazzjonali regolari dwar kif dan id-dritt qed jiġi żgurat.

4.4.2. F'dan il-kuntest, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-imsieħba soċjali jużaw is-Sena Ewropea tal-Ħiliet biex jieħdu passi effettivi biex jimpenjaw ruħhom f'azzjonijiet konġunti biex jippromovu t-taġlim ibbażat fuq ix-xogħol, biex tingħata spinta lill-investiment għal provvedimenti ta' apprendistat ta' kwalità, il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-taġlim tul il-ħajja u t-taħriġ tal-impjegati, billi jiġi żgurat li l-ħaddiema kollha jkollhom aċċess uguali għal taħriġ ta' kwalità tajba u inklużiv bħala dritt. Il-Qafas Ewropew ta' Apprendistat ta' Kwalità u Effettiv se jiċċelebra l-ħames anniversarju tiegħu fl-2023 u jeħtieġ li jiġi evalwat u msaħħaħ mill-ġdid. Wasal iż-żmien li nistaqsu lill-apprendisti, liż-żgħażaġħ u lill-adulti, sa liema punt il-kundizzjonijiet tal-kwalità fil-qafas ġew issodisfati fil-prattika fuq il-post tax-xogħol.

4.5. *Involvement tal-partijiet interessati*

4.5.1. Il-KESE jilqa' l-impenn espliċitu tal-Kummissjoni biex issaħħaħ ir-rilevanza tal-ħiliet billi tikkoopera mill-qrib mal-imsieħba soċjali, is-servizzi tal-impjieg pubbliċi u privati, il-kumpaniji, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Il-KESE jqis li huwa kruċjali wkoll

- li jiġi stimulat l-involvement attiv tal-ħaddiema fi skemi tat-taġlim tul il-ħajja u fit-taħriġ fuq il-post tax-xogħol li huwa kundizzjoni essenzjali għat-tkabbir u l-kompetittività tal-intrapriżi, għall-impjegabilità tal-ħaddiema u biex jiġi żgurati l-impjieg ta' kwalità ⁽¹⁰⁾.
- li tittejjeb il-parteċipazzjoni ta' kulħadd fit-taġlim tul il-ħajja u li jiġi ddeterminat, flimkien mal-fornituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u ma' dawk li jieħdu d-deċizzjonijiet, il-kontenut tat-taġlim b'tali mod li jirriżulta f'benefiċċji għal kull student u għall-komunità u s-soċjetà kollha.
- li jiġi appoġġjati n-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali, f'konformità mas-sistemi nazzjonali tar-relazzjonijiet industrijali, sabiex ikunu jistgħu janteċipaw u jadattaw il-ħiliet għall-iżviluppi teknoloġiċi u diġitali u jiżviluppaw taħriġ fil-post tax-xogħol, iżda wkoll li jiġi appoġġjat dijalogu ċivili biex tinkiseb perspettiva komprensiva dwar il-ħtiġijiet ta' kull student.

4.6. *It-tisħiħ tas-servizzi effiċjenti tal-impjieg*

4.6.1. Għal tranżizzjoni ġusta u sabiex il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol jirnexxu, hemm bżonn ta' servizzi tal-impjieg ugwalment effiċjenti, li jkun kapaċi mhux biss li jiġġestixxu d-domanda u l-provvista tal-impjieg, iżda anke li joffru gwida u konsulenza lil dawk li jkun qed ifittxu impjieg. Il-KESE jitlob lill-Istati Membri jinvestu aktar riżorsi fit-titjib tal-effettività, l-effiċjenza iżda wkoll il-kapaċità tas-servizzi tal-impjieg u l-persunal tagħhom, kif ukoll fit-tfassil ta' għodod sabiex jiġi appoġġjati dawk il-persuni li għad m'humiex fis-suq tax-xogħol.

4.7. *Kontijiet individwali tal-apprendiment u mikrokredenzjali*

4.7.1. Il-KESE jilqa' l-inizjattiva dwar il-Kontijiet Individwali tal-Apprendiment mill-Kummissjoni, għaliex il-fornituri tat-taġlim jeħtieġu appoġġ finanzjarju biex jipprovdu għall-istudenti. Il-pressjoni fuq il-kwalifiki qiegħda dejjem tiżdied iżda l-Kontijiet Individwali tal-Apprendiment m'għandux ikollhom l-intenzjoni li jissostitwixxu l-istrutturi ta' finanzjament eżistenti, iżda li jissupplimentawhom, speċjalment fejn il-Kontijiet Individwali tal-Apprendiment għandhom ma jeżistux.

⁽¹⁰⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-futur tax-xogħol — il-ksib ta' għarfien u ħiliet adegwati sabiex jiġi ssodisfati l-ħtiġijiet tal-impjieg futuri" (Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidentza Bulgara) (ĠU C 237, 6.7.2018, p. 8).

4.7.2. Il-Kontijiet Indivdwal tal-Apprendiment huma element importanti għall-iffinanzjar tal-edukazzjoni kontinwa. Il-Kontijiet Indivdwal tal-Apprendiment għandhom ikunu differenzjati skont il-grupp fil-mira, u għandhom jiġu evalwati kontinwament u, jekk meħtieġ, adattati f'kull każ. Fuq kollox: il-persuni fl-età tax-xogħol għandu jkollhom aċċess dirett għall-Kontijiet Indivdwal tal-Apprendiment tagħhom u jkunu jistgħu jiddeċiedu huma stess għal liema taħriġ ulterjuri jużawhom personalment.

4.7.3. Fi ħdan il-proposta dwar l-“approċċ Ewropew għat-tagħlim tul il-ħajja u l-impjieġ” il-mikrokredenzjali għandhom jimmaniġġjaw aħjar il-problemi tat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid tal-persuni. Dan jagħmilha aktar faċli u aħjar għan-nies biex jiksibu l-ħiliet kollha meħtieġa biex ilaħħqu mat-taqbib soċjetali u t-tranżizzjonijiet attwali fis-suq tax-xogħol. Fl-istess ħin, l-approċċ huwa mmirat ukoll lejn il-fornituri biex jagħmlu l-offerti tagħhom aktar trasparenti u flessibbli permezz ta' mikrokredenzjali.

4.7.4. Fil-fehma tal-KESE, il-mikrokredenzjali għar-rikonoxximent ta' studenti informali jistgħu jkunu pjuttost prattikabbli u raġonevoli iżda fl-istess ħin huwa importanti li l-mikrokredenzjali m'għandhomx ikunu mmirati biex idgħajfu jew jissostitwixxu l-edukazzjoni inizjali formali, l-edukazzjoni oġhla, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jew il-ħiliet tradizzjonali.

4.8. *Nattiraw ċittadini mhux tal-UE*

4.8.1. L-enfasi fuq li nattiraw ċittadini mhux tal-UE bil-ħiliet meħtieġa għall-UE għandha tkun ibbilanċjata billi jittaffa l-“eżodu tal-imħuħ”. Il-KESE huwa favur mezzi aktar regolari għall-migrazzjoni tax-xogħol, iżda l-ewwel prijorità tal-politiki tal-ħiliet għandha tkun li jiġi żgurat l-iżvilupp tal-ħiliet għall-ħaddiema Ewropej, kif ukoll għall-migranti qiegħda u mingħajr dokumenti li diġà huma preżenti u jaħdmu fl-UE.

4.8.2. L-iżvilupp ta' riżerva ta' talent tal-UE (disponibbli għar-refuġjati Ukreni biss) għandu wkoll jiġi ttrattat b'attenzjoni. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tfassal azzjonijiet li jiżguraw li kull refuġjat u kull persuna li tfitteż l-ażil tingħata l-istess opportunità bħaċ-ċittadini biex jivvalidaw il-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom u jiġu offruti l-apprendistati u t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, biex jiġu integrati fis-suq tax-xogħol, f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

4.8.3. Barra minn hekk, ir-rikonoxximent aktar sempliċi, aktar mgħaġġel u eħfef tal-kwalifiki ta' ċittadini mhux tal-UE għandu jiġi diskuss jew promoss indipendentement mir-reklutaġġ tagħhom f'kull każ. Madankollu, jidher ċar li, fil-każ ta' professjonijiet regolati, l-applikazzjoni tar-regoli tad-Direttiva tal-Kwalifiki tal-UE għal ċittadini ta' pajjiżi terzi biss tista' tħaffef jew tiffaċilita r-rikonoxximent tal-kwalifiki tagħhom.

4.9. *Koordinazzjoni tas-Sena Ewropea*

4.9.1. Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex jaħtru koordinatur nazzjonali għas-Sena Ewropea tal-Ħiliet biex jiżgura l-koordinazzjoni tal-attivitajiet rilevanti fil-livell nazzjonali. Billi din il-ħatra ta' koordinaturi nazzjonali u l-laqqhat rispettivi hija l-element ewlieni tal-artikoli dwar il-koordinazzjoni fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, dan jidher minimalist ħafna.

4.9.2. Il-KESE jappella li dawn il-punti nazzjonali ta' koordinazzjoni għandu jkollhom kompetenzi rilevanti kif ukoll riżorsi finanzjarji adegwati pprovduti minn sorsi tal-UE u nazzjonali u faċilitajiet biex jinvolvu b'mod effettiv lil rappreżentanti minn network wiesgħa ta' partijiet interessati fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet fil-livell nazzjonali u dak tal-UE. Dawn il-partijiet interessati (b'mod partikolari l-imsieħba soċjali, is-servizzi għall-impjiegi pubbliċi u privati, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u organizzazzjonijiet rilevanti oħra tas-soċjetà ċivili) għandhom ikunu parti mill-koordinazzjoni u jaqdu rwol ta' tmexxija kemm fl-ippjanar kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet matul is-sena kif ukoll fl-evalwazzjoni tagħhom. L-enfasi ewlenija għandha titqiegħed fuq riżultati sostenibbli li jistgħu jintlaħqu matul is-sena. Għall-ammonti ta' finanzjament, is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp tista' titqies bħala Prattika tajba.

4.10. *Spariġġ fil-ħiliet*

4.10.1. Filwaqt li xi setturi jistgħu jbatu minn nuqqas ta' ħaddiema b'ħiliet, l-hekk imsejjaħ spariġġ spiss ikun marbut aktar ma' kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena (pagi baxxi, kuntratti prekarji, nuqqas ta' rispett, ħin tax-xogħol inkompatibbli mal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, in-nuqqas ta' taħriġ u l-iżvilupp tal-karriera tal-impjegati) u n-nuqqas ta' għodod ta' antiċipazzjoni bħala sistema ta' twissija bikrija għat-tbassir tal-bidliet fis-suq tax-xogħol. Jekk is-Sena Ewropea tal-Ħiliet ma tqisx din in-naħa tal-munita, ikun ċar li l-piż jitqiegħed b'mod inġust fuq il-ħaddiema u s-soċjetà bħala tali, mingħajr ma ssir enfasi fuq ir-responsabbiltà kondiviża tal-kumpaniji.

4.10.2. F'dan il-kuntest, l-istrategġiji tal-ħiliet ma jistgħux jiġu separati mill-ħolqien tal-impjegi u l-istrategġiji ta' kwalità. Tabilħaqq, il-programmi ta' taħriġ, ta' taħriġ mill-ġdid jew ta' titjib tal-ħiliet ma jkunux ta' użu jekk in-nies jgħixu f'żona ekonomikament abbandunata li ma toffrix opportunitajiet ta' xogħol alternattivi. L-impjegi ta' kwalità tajba, il-pagi ġusti u l-kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti huma l-prerekwiżit għat-tkabbir, il-produttività u l-innovazzjoni fit-tul u sostenibbli, u l-iżvilupp tal-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja jagħmlu parti mill-għodod biex jintlaħqu dawn l-għanijiet. F'dan il-kuntest, id-djalogu soċjali effettiv mat-trade unions, ir-rispett u l-infurzar tad-drittijiet tax-xogħol, u l-informazzjoni u l-konsultazzjoni mal-ħaddiema dwar it-taħriġ tal-impjegati u l-apprendistat fil-livelli tal-kumpanija huma fundamentali.

Brussell, il-15 ta' Diċembru 2022.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Analiżi tad-Diskrepanzi fl-Investimenti fid-Difiża u l-Approċċ Futur”

(JOIN(2022) 24 final)

(2023/C 100/20)

Relatur: **Panagiotis GKOFAS**

Korelatur: **Jan PIE**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 28.6.2022
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali
Adozzjoni fis-sezzjoni	11.11.2022
Adozzjoni fil-plenarja	14.12.2022
Sessjoni plenarja Nru	574
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	202/6/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jappoġġja l-inizjattivi proposti fil-Komunikazzjoni Konġunta dwar l-Analiżi tad-Diskrepanzi fl-Investimenti fid-Difiża u l-Approċċ Futur. Il-Komunikazzjoni Konġunta hija pass importanti lejn it-trawwim tal-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża bejn l-Istati Membri, li hija meħtieġa biex jitnaqqsu d-duplikazzjonijiet għaljin tal-kapaċitajiet militari u tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq tad-difiża tal-UE. Il-KESE jenfasizza l-punti ewlenin li ġejjin tal-Opinjoni.

1.1.1. Strateġija tal-industrija tad-difiża tal-UE għandha tirriżulta minn politika Ewropea b'saħħitha dwar id-difiża u s-sigurtà.

1.1.2. Volumi baxxi ta' investiment u nuqqas ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri fir-riċerka u l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-akkwist, joħlqu lakuni fil-kapaċità u jifframmentaw il-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea (EDTIB).

1.1.3. Il-KESE jappoġġja l-miżuri konkreti proposti mill-Kummissjoni Ewropea — l-Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni (EDIRPA) u l-Programm Ewropew għall-Investiment fil-Qasam tad-Difiża (EDIP) — u jappella għal aktar koordinazzjoni bejn l-Istati Membri dwar il-politiki tad-difiża u l-akkwist fil-livell tal-UE.

1.1.4. Il-baġits tad-difiża nazzjonali għandhom jiġu rieżaminati sabiex kull sena tiġi prevista l-kwota li tiġi allokata għall-konsolidazzjoni tal-investimenti Ewropej komuni fid-difiża. B'dan il-mod, huma se jikkontribwixxu għall-valutazzjoni tal-bażi finanzjarja għal azzjonijiet koordinati konkreti tal-UE li huma ddedikati biex jagħtu spinta lill-kapaċitajiet ta' difiża Ewropej.

1.1.5. Għandu jkun hemm enfasi speċjali fuq forum moderni ta' gwerra (bħal attackki ċibernetiċi, gwerer diġitali u propaganda ta' aħbarijiet foloz).

1.1.6. Il-Parlament Ewropew jeħtieġu jiżviluppa mekkaniżmu ta' monitoraġġ għall-implimentazzjoni tal-politika Ewropea tad-difiża (kuntratti, akkwist, investiment), u jeħtieġu jikseb l-għodod tekniċi u istituzzjonali adatti biex jagħmel dan.

1.1.7. Il-Kummissjoni Ewropea hija mħeġġa tippreżenta proposta ambizzjuża li tmur lil hinn minn eżenzjoni possibbli tal-VAT u tinkludi miżuri b'saħħithom biex tgħin lill-industrija taġġusta għal sfidi strateġiċi ġodda.

1.2. Il-KESE jaqbel mal-valutazzjoni tal-Komunikazzjoni Konġunta dwar id-diskrepanzi fl-investimenti fid-difiża fl-Unjoni Ewropea. Dan in-nuqqas ta' investiment dgħajfef is-sigurtà tal-Ewropa, dgħajfef lin-NATO u dgħajfef il-pożizzjoni tal-Unjoni vis-à-vis setgħat globali oħra. Fl-istess ħin, għad hemm lakuni fl-investiment fid-difiża fl-Unjoni Ewropea. Dan imur kontra l-prinċipju ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri u jsahha is-setgħat politiċi ċentrifugi li jfixxlu l-isforzi għall-iżvilupp ta' kultura ta' sigurtà komuni u politika ta' difiża komuni fl-Ewropa.

1.3. Il-KESE jilqa' t-tħabbira ta' diversi Stati Membri li jżidu l-baġits tad-difiża tagħhom, u jistedinhom iżommu mal-impenn tagħhom li mhux biss jinvestu aktar, iżda wkoll b'mod aħjar, u jindirizzaw il-ħtieġa li tiġi approfondita s-solidarjetà taċ-ċittadini Ewropej u l-kultura ta' tħejija għal sitwazzjoni urġenti. Huwa ta' importanza kbira li jiġu kkoordinati l-isforzi tad-difiża nazzjonali fil-livell Ewropew biex jiġi żgurat li ma tiġix ikkawżata ħsara kollaterali lill-inizjattivi reċenti tal-UE u li ma joħonqux proġetti Ewropej tal-iżvilupp li jinsabu għaddejnin jew li huma ppjanati. Din iż-żieda fil-koordinazzjoni Ewropea għandha titqies bħala mod kif jissaħħu wkoll il-kapaċitajiet ġenerali tan-NATO. Il-KESE jappoġġja l-idea li jittejjeb il-qafas Ewropew għall-koooperazzjoni fil-qasam tad-difiża, speċjalment permezz tal-akkwist konġunt. F'dan ir-rigward, il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-istabbiliment immedjat tat-Task Force ta' Akkwist Konġunt għad-Difiża bħala mezz biex jiġu kkoordinati r-reazzjonijiet tal-Istati Membri għal eżiġenzi urġenti immedjati — b'mod partikolari riforniment tal-ħażniet — fil-livell tal-UE.

1.4. Il-KESE jappella għal aktar esplorazzjoni teknika dwar kif tista' tinkiseb interfaċċa Ewropea li tottimizza l-output tan-nefqa nazzjonali għad-difiża fil-livell tal-UE.

1.5. Il-KESE jilqa' l-proposta ta' strument għal żmien qasir ta' EUR 500 miljun fuq sentejn (2022-2024) biex jinċentiva l-akkwist konġunt. Fuq il-bażi tal-ħidma tat-Task Force ta' Akkwist Konġunt għad-Difiża, l-istrument jista' jgħin biex tiġi strutturata u kkoordinata d-domanda attwali għall-prodotti tad-difiża meħtieġa b'mod urġenti u jiġu evitati effetti ta' esklużjoni.

1.6. Il-KESE jilqa' wkoll it-tħabbira ta' Programm Ewropew għall-Investiment fil-Qasam tad-Difiża (EDIP) għal proġetti ta' difiża żviluppati b'mod konġunt, u jhegġegħ lill-Kummissjoni tippreżenta malajr proposta ambizzjuża li tmur lil hinn minn eżenzjoni possibbli mill-VAT u li tinkludi miżuri b'saħħithom biex jgħinu lill-industrija taġġusta għal sfidi strateġiċi ġodda. L-Unjoni Ewropea jeħtieġ li tiżviluppa inizjattivi ta' investiment li jippermettu l-koooperazzjoni tal-industrija permezz ta' negozji ġodda u SMEs (skont is-"Small Business Act" tal-UE), u tuża bis-sħiħ il-persunal b'livell għoli ta' ħilet tas-settur tad-difiża, filwaqt li taġġorna u toħloq ħilet ġodda permezz ta' programmi speċifiċi ta' riċerka u żvilupp, u proġetti Ewropej li jippermettu lill-industrija nazzjonali biex jikkollaboraw.

1.7. Il-KESE jilqa' t-tħabbira tal-Kummissjoni li se tippreżenta inizjattiva dwar il-materja prima kritika, li tinkludi miżuri leġiżlattivi, biex tissaħħa ir-reżiljenza tal-UE u s-sigurtà tal-provvista fir-rigward tal-materja prima kritika. Il-KESE jemmen li din l-inizjattiva trid tqis l-importanza strateġika tas-settur tad-difiża.

1.8. L-integrazzjoni ta' politika ta' difiża komuni tippermetti innovazzjoni industrijali aktar awtonoma, effetti konsegwenzjali aktar teknoloġiċi bejn is-setturi militari u ċivili, u politiki tal-UE dwar id-difiża u l-enerġija aktar effettivi u indipendenti.

1.9. Il-KESE jirrikonoxxi l-importanza li tinbena rabta b'saħħitha maċ-ċibersigurtà li se tindirizza gwerra ibrida ġdida. Minħabba r-rwol tagħha biex tindirizza gwerra ibrida ġdida, hija għandha tkun punt fokali ewlieni għall-investimenti futuri fiċ-ċibersigurtà.

1.10. Il-KESE jemmen li l-Komunikazzjoni Konġunta ma tipprovdi għidha strateġika biżżejjed biex il-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) tiġi żviluppata aktar. Bi tweġiba għall-isfidi l-ġodda għas-sigurtà li jheddu l-qafas Ewropew ta' solidarjetà, hija meħtieġa strateġija industrijali tad-difiża Ewropea komprensiva li tallinja l-miżuri kollha tal-politika industrijali lejn it-tisħiħ tal-prestazzjoni tal-EDTIB fuq il-funzjonijiet ewlenin tagħha. F'dan ir-rigward, il-Komunikazzjoni Konġunta hija biss pass wieħed fid-direzzjoni t-tajba.

1.11. Il-KESE jirrakkomanda l-ħolqien ta' kumitat xjentifiku/agenzia xjentifika, taħt is-superviżjoni politika tal-Parlament Ewropew, li jimmonitorjaw u jivvalutaw b'mod kontinwu l-aspetti ewlenin tal-investiment fid-difiża, u jipprovdu gwida għall-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi finanzjarji u militari. Ir-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet għandhom ikunu disponibbli għal kull Stat Membru.

1.12. Il-KESE jemmen li s-settur Ewropew tad-Difiża jista' jinċentiva sinerġiji u kooperazzjoni bejn ħafna setturi ekonomiċi, atturi u partijiet interessati. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-SMEs f'konformità mal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar.

2. Sfond

2.1. Fil-laqgħa f'Versailles f'Marzu 2022, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-UE esprimew l-impenn tagħhom li jagħtu spinta lill-kapaċitajiet tad-difiża Ewropej fid-dawl tal-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna. Huma impenjaw ruħhom li 1) iżidu n-nefqa fid-difiża; 2) isaħħu l-kooperazzjoni permezz ta' proġetti konġunti; 3) jimmitigaw il-lakuni u jilħqu l-oġettivi b'rabta mal-kapaċitajiet; 4) jagħtu spinta lill-innovazzjoni, inkluż permezz ta' sinerġiji ċivili/militari; u 5) isaħħu u jiżviluppaw l-industrija tad-difiża tagħna, inklużi l-SMEs.

2.2. Barra minn hekk, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-UE stiednu lill-Kummissjoni Ewropea biex, f'koordinazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, "tippreżenta analiżi tad-diskrepanzi fl-investiment fid-difiża sa nofs Mejju u tipproponi kwalunkwe inizjattiva oħra meħtieġa biex tissaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea".

2.3. Bi tweġiba għal dan, il-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli/il-Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) ippreżentaw lill-Kunsill Ewropew sett ta' azzjonijiet u rakkomandazzjonijiet bl-għan li jiġi żgurat li ż-żidiet imħabbra fin-nefqa fid-difiża mill-Istati Membri ma jwasslux għal aktar frammentazzjoni tas-settur tad-difiża Ewropew, u li dawn jirriżultaw f'bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża tal-UE aktar b'saħħitha. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jinkludu, b'mod partikolari, miżuri li jrawmu l-akkwist konġunt, jaġġornaw il-programmazzjoni tad-difiża u jżidu l-kapaċitajiet ta' manifattura. Qed issir ukoll referenza speċjali għat-tisħiħ tal-opportunitajiet ta' finanzjament għas-settur tad-difiża.

2.4. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Komunikazzjoni Konġunta huma bbażati fuq valutazzjoni tad-diskrepanzi attwali fl-investimenti u fil-kapaċità. Minkejja ż-żieda fin-nefqa fid-difiża Ewropea fl-2020, 11 % biss tal-investimenti ntefqu b'mod kollaborattiv — ħafna inqas mill-valur referenzjarju ta' 35 % miftiehem mill-Istati Membri fil-qafas tal-EDA u stabbilit fil-kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) — meta mqabbel mad-89 % li ntefqu fil-livell nazzjonali. Ta' min jinnota li l-Istati Membri tal-UE jiffaċċjaw riskji differenti u għandhom kapaċitajiet differenti biex jirrispondu għal kriżijiet militari jew kriżijiet oħra li jeħtieġu riżorsi ta' difiża differenzjali.

2.5. Minbarra dan, in-nefqa kkombinata tal-Istati Membri fuq ir-riċerka u t-teknoloġija (EUR 2,5 biljun) tammonta biss għal 1,2 % tan-nefqa fid-difiża totali tagħhom; ħafna inqas mill-valur referenzjarju ta' 2 % miftiehem fil-qafas tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u stabbilit bħala impenn aktar vinkolanti fil-PESCO.

2.6. Barra minn hekk, is-settur Ewropew tad-difiża għadu jesperjenza ineffiċjenzi sinifikanti: ekonomiji ta' skala baxxi, frammentazzjoni tas-suq u tal-produzzjoni, duplikazzjoni u multiplikazzjoni tas-sistemi tad-difiża tal-istess tip, eċċ. In-nuqqas ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri jdgħajfeh il-kapaċitajiet industrijali u teknoloġiċi meħtieġa biex tiġi ppreservata l-kapaċità ta' difiża tal-UE u jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' sigurtà attwali u futuri.

3. Kummenti ġenerali

3.1. L-investimenti fis-settur tad-difiża għandhom jaħdmu b'mod preventiv u jaġixxu bħala fattur ta' deterrenza u stabbiltà, filwaqt li jfittxu li jżidu s-sigurtà u jnaqqsu r-riskji ta' kunflitt, aktar milli jwasslu għal aktar tlielaq tal-armi u jżidu l-probabbiltà ta' kunflitti ġodda, kemm regionali kif ukoll globali.

3.2. Idealment id-diplomazija għandha dejjem tipprevali fil-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti. L-użu tal-forza militari għandu jibqa' għodda deterrenti finali u l-aħħar għażla. Il-prospetti ta' żvilupp u l-benesseri ekonomiku għandhom jintużaw biex jiddefendu l-valuri Ewropej tal-paċi, id-demokrazija, is-solidarjetà u l-istabbiltà qabel ma tittieħed kwalunkwe azzjoni militari. Il-KESE jappoġġja t-tentattivi internazzjonali kollha biex jinkisbu riżoluzzjonijiet paċifiċi, ġusti u konkreti tal-kunflitti, tat-tilwim u/jew tal-atti illegali (invażjoni, okkupazzjoni, theddid kontra s-sovranietà tal-istat, intimidazzjoni), fi ħdan il-qafas tal-parametri tal-Karta tan-NU u r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa (pereżempju, f'sitwazzjonijiet bħal dawk fl-Ukrajna, Ċipru, il-Balkani tal-Punent u bnadi oħra).

3.3. Il-KESE huwa konvint dwar il-ħtieġa għal koordinazzjoni mill-qrib bejn l-UE u n-NATO. Iż-żewġ organizzazzjonijiet għandhom l-għodod u l-vantaġġi speċifiċi tagħhom stess li jridu jintużaw b'mod komplementari mal-oġġettiv komuni li tiġi ggarantita s-sigurtà tal-Ewropa.

3.4. Il-KESE jiddispijaċih dwar il-fatt li snin ta' nuqqas ta' investment gravi fid-difiża wasslu għal diskrepanzi industrijali u fil-kapaċità fl-UE. Huwa jirrikonoxxi wkoll li d-daqs tal-EDTIB bħalissa jikkorrispondi għal operazzjonijiet fi żminijiet ta' paċi (jiġifieri ritmu baxx ta' produzzjoni) u jappella għal miżuri biex jgħinu lill-EDTIB tissodisfa ż-żieda f'daqqa fid-domanda kkawżata mill-gwerra kontra l-Ukrajna.

3.5. Il-KESE jappoġġja t-talbiet tal-Komunikazzjoni Konġunta lill-Istati Membri biex jixtru t-tagħmir u l-materjali tad-difiża meħtieġa b'mod kollaborattiv. L-akkwist konġunt ta' prodotti meħtieġa b'mod urġenti jipprovdi valur akbar għall-flus, itejjeb l-interoperabbiltà u jevita li l-aktar Stati Membri esposti jispiċċaw ma jkunux jistgħu jiksbu dak li jeħtieġu, minħabba domandi kunfliġġenti fuq l-industrija tad-difiża, li ma tistax tirrispondi għal żieda fid-domanda bħal din fi żmien qasir.

3.6. Il-KESE jappoġġja wkoll il-proposta li jiġi inċentivat l-akkwist komuni permezz tal-baġit tal-UE bl-użu ta' strument iddedikat għal żmien qasir. L-appoġġ finanzjarju tal-UE permezz ta' dan l-istrument għandu jstimula l-akkwist kooperattiv tad-difiża mill-Istati Membri u jibbenefika lill-EDTIB, filwaqt li jiżgura l-kapaċità ta' azzjoni tal-forzi armati Ewropej, is-sigurtà tal-provvista tagħhom, u aktar interoperabbiltà.

3.7. Il-KESE jistenna bil-ħerqa wkoll il-proposta għal EDIP. Fl-istess ħin, nistaqsu jekk hux se jkun biżżejjed li jiġi inċentivat l-akkwist konġunt ta' proġetti żviluppati b'mod konġunt permezz ta' eżenzjoni mill-VAT. Dak li huwa meħtieġ huwa li l-EDTIB titħalla tappoġġja lill-forzi armati Ewropej, għal u matul kunflitti twal fuq skala kbira wkoll. Dan ikun jeħtieġ l-użu sistematiku ta' għodod differenti tal-politika industrijali biex jissaħħu l-ktajjen tal-provvista, jitrawmu l-ħiliet, jiġu stabbiliti riżervi strateġiċi, eċċ. Għalhekk, il-Programm Ewropew għall-Investment fil-Qasam tad-Difiża għandu jsejwi approċċ komprensiv biex jappoġġja t-trasformazzjoni meħtieġa tal-EDTIB.

3.8. Fl-istess ħin, il-Komunikazzjoni Konġunta hija nieqsa mill-ambizzjoni finizjattivi oħra, bħall-Fond Ewropew għad-Difiża. Il-KESE jirrakkomanda li tintuża l-flessibbiltà tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali biex il-baġit tal-Fond Ewropew għad-Difiża jiżdied b'mod sinifikanti għal livell li jaqbel maż-żidiet imħabbra fl-infiq għad-difiża tal-Istati Membri. Dan huwa meħtieġ biex jiġu żgurati l-ingranaġġ u s-setgħa tal-Fond Ewropew għad-Difiża li jinċentiva l-kooperazzjoni. Il-Fond Ewropew għad-Difiża suppost ikollu rwol kruċjali biex tingħeleb il-frammentazzjoni tas-sistemi tad-difiża Ewropej u biex titnaqqas id-diskrepanza fl-investment fid-difiża. Il-KESE jemmen li l-Fond Ewropew għad-Difiża jista' potenzjalment jaqdi dan ir-rwol jekk l-Istati Membri jtejbju b'mod sinifikanti l-kooperazzjoni tagħhom. Il-Fond Ewropew għad-Difiża għandu jiġi evalwat regolarment u msaħħaħ jekk dan jikkontribwixxi b'mod effettiv għal aktar koeżjoni u effiċjenza fl-infiq Ewropew għad-difiża. Il-valur miżjud Ewropew huwa ta' importanza kbira biex jiġġustifika din l-għodda. Barra minn hekk, il-KESE jissuġġerixxi li ssir prijorità li l-Fond Ewropew għad-Difiża isir aktar strateġiku (billi jiġu identifikati għadd limitat ta' proġetti ewlenin iffinanzjati b'mod adegwat), aktar reattiv (billi tiżdied il-linja baġitarja għall-SMEs u t-teknoloġiji fixkiela, jiġu organizzati sejħiet miftuħa biex jitħaffu r-reazzjonijiet għal ideat innovattivi, jiġu ddefiniti proċeduri rapidi għal proġetti urġenti, eċċ.) u aktar effiċjenti (bl-ottimizzazzjoni tat-trasferimenti tad-difiża għall-proġetti tal-Fond Ewropew għad-Difiża, l-armonizzazzjoni tal-qafas tal-proprjetà intellettuali, id-definizzjoni ta' soluzzjonijiet sostenibbli għall-ġestjoni ta' data klassifikata, eċċ.).

3.9. Barra minn hekk, il-KESE jemmen li politika olistika u strateġika dwar il-materja prima/il-materja prima kritika issa hija kruċjali biex jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tal-Ewropa fuq reġimi awtokratiċi. Fil-fehma tal-KESE, din l-istrateġija għandha tkun ibbażata fuq tliet pilastri: 1) l-aċċess globali liberu u miftuħ għall-materja prima/għall-materja prima kritika; 2) it-tisħiħ tal-isfruttament u l-ipproċessar tal-materja prima/tal-materja prima kritika, l-inċentivi fiskali, l-inizjattivi ta' kumulazzjoni ta' riżerva Ewropej/domestiċi; 3) ir-riċiklaġġ tal-materja prima/tal-materja prima kritika, it-titjib tal-kundizzjonijiet ta' qafas għal ekonomija ċirkolari.

3.10. Il-KESE jemmen li l-missjoni primarja tal-EDTIB hija li tappoġġja lill-forzi armati Ewropej fit-twettiq tal-kompiti tagħhom. Għal dan l-għan, il-KESE huwa konvint li l-EDTIB għandha tkun kapaċi twettaq erba' funzjonijiet ewlenin: 1) tipprovdi f'kull ħin u taħt kwalunkwe ċirkostanza t-tagħmir ta' difiża u s-servizzi relatati meħtieġa; 2) ittejjeb it-teknoloġiji ewlenin tad-difiża u l-applikazzjonijiet tagħhom u tiżviluppa verżjonijiet ġodda mtejba u l-ġenerazzjonijiet li jmiss tagħhom; 3) tirreaġixxi għal xejriet u skoperti teknoloġiċi emerġenti ġodda minn kompetituri u avversarji potenzjali; u 4) tisfida lill-kompetituri u lill-avversarji potenzjali billi tiżviluppa kunċetti innovattivi, teknoloġiji fixkiela u applikazzjonijiet totalment ġodda. Billi jibdeu mill-Komunikazzjoni Konġunta, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw b'mod urġenti strateġija industrijali tad-difiża komprensiva mmirata lejn it-titjib tal-prestazzjoni tal-EDTIB fuq dawn il-funzjonijiet ewlenin.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. Il-KESE jirrikonoxxi wkoll l-importanza li tinbena rabta b'saħħitha maċ-ċibersigurtà li se tindirizza gwerri ibrida ġdida, bħal attakki ċibernetiċi u prattiki ħżiena diġitali f'kunflitti ċivili jew militari internazzjonali reċenti. Għalhekk, għandu jkun hemm enfasi speċjali fuq l-investimenti fiċ-ċibersigurtà, settur li kiber b'mod rapidu matul l-aħħar għaxar snin u jidher li jibiddel malajr l-affarijiet internazzjonali u domestiċi u l-kunsiderazzjonijiet tal-politika.

4.2. Il-KESE jenfasizza li l-Unjoni Ewropea jeħtieġ li tiżviluppa inizjattivi ta' investiment li jippermettu l-kooperazzjoni tal-industrija permezz ta' negozji ġodda u SMEs, u tuża bis-siġħ il-persunal bi kwalifiki għolja tas-settur tad-difiża, filwaqt li tagħorna u toħloq ukoll ħiliet ġodda permezz ta' programmi kooperattivi Ewropej.

4.3. Il-KESE jtenni l-proposta tiegħu li jiġi stabbilit punt uniku ta' servizz online għall-SMEs u n-negozji ġodda — "Rokna għall-SMEs tal-UE" online — li joffri l-possibbiltà li tiddaħħal data definita minn qabel u li tirċievi, min-naħa tagħha, informazzjoni mfassla apposta dwar il-programmi tal-UE l-aktar adatti li jistgħu jipprovdu appoġġ.

4.4. Rigward il-miżuri li jappoġġjaw teknoloġiji kritiċi u kapaċitajiet industrijali, it-tnaqqis tad-dipendenzi kritiċi tul il-ktajjen tal-valur tad-difiża jibqa' vitali. Dan ivarja mill-aċċess għal materja prima kritika għall-provvista ta' komponenti kritiċi, sottosistemi, eċċ. Dan jinkludi wkoll l-istabbiltà finanzjarja u ekonomika tal-katina tal-provvista industrijali u d-disponibbiltà ta' ħiliet suffiċjenti biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' kapaċità u teknoloġiċi attwali u futuri. Il-KESE jixtieq jenfasizza wkoll il-fehmiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu li diġà ġew sottolinjati fl-Opinjoni tiegħu dwar *Il-pjan direzzjonali dwar it-teknoloġiji kritiċi għas-sigurtà u d-difiża* (CCMI/189).

4.5. It-tfassil ta' paradigma ġdida għall-investiment fid-difiża fl-Ewropa għandu jqis ukoll il-kriterji soċjali u ambjentali, jissodisfa l-hteġa li jiġu integrati b'mod effettiv għodod affidabbli u trasferibbli fil-Patt Ekoloġiku u fl-oġġettivi tas-sostenibbiltà (SDGs), u b'hekk iwieġeb għall-prijoritajiet u r-riskji Ewropej ewlenin, bħall-ekonomija ċirkolari, il-protezzjoni ċivili, id-diżastri naturali, il-ġestjoni tal-emerġenzi u l-azzjonijiet terroristiċi marittimi. Il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-fenomeni tal-kriżi klimatika jeħtieġu azzjonijiet komplementari immedjati u għodod moderni. Għandha tiġi diskussa skema ta' kollaborazzjoni separata mad-DĠ ECHO.

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2022.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda r-Regolament (UE) 2012/2115”

(COM(2022) 305 final — 2022/0196 (COD))

(2023/C 100/21)

Relatur: **José Manuel ROCHE RAMO**

Korelatur: **Arnold PUECH d’ALISSAC**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 14.7.2022 Kunsill, 06/07/2022
Bażi legali	Artikoli 192(1) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	22.2.2022
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adozzjoni fis-sezzjoni	24.11.2022
Adozzjoni fil-plenarja	14.12.2022
Sessjoni plenarja Nru	574
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	157/01/04

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Proposta għal Regolament dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti tintroduċi sensiela ta' novitajiet u miżuri bil-għan li jiġu indirizzati ċerti nuqqasijiet identifikati fl-applikazzjoni u l-infurzar tad-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi⁽¹⁾.

1.2. Minbarra li jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' din ir-reviżjoni, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li ħafna mil-limitazzjonijiet identifikati fid-Direttiva attwali u fl-inizjattivi ppjanati taħt din il-Proposta l-ġdida diġà ġew inklużi fil-kummenti u r-rakkomandazzjonijiet li saru fil-qafas tar-rapport ta' evalwazzjoni tiegħu⁽²⁾. Biex insemmu xi wħud, il-ħtieġa għal armonizzazzjoni akbar fl-implimentazzjoni tal-pjani ta' azzjoni nazzjonali, id-disparità tar-realtajiet eżistenti bejn l-Istati Membri, taħriġ adatt tal-utenti u l-importanza li jiġu promossi t-teknoloġiji ġodda — bħall-biedja ta' preċiżjoni — huma ħtiġijiet li dan ir-Regolament ifittex li jindirizza.

1.3. F'konformità mal-oġġettivi stabbiliti fl-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u fl-Istrateġija għall-Bijodiversità għall-2030, il-Proposta għal Regolament dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi għandha l-għan li ttejjeb is-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali tas-sistemi tal-ikel. F'dan ir-rigward, il-KESE jilqa' l-inklużjoni ta' dawn l-oġġettivi, filwaqt li jirrikonoxxi l-benefiċċji li ġġib biex tittejjeb is-saħħa taċ-ċittadini, tal-konsumaturi u tal-ambjent.

1.4. L-istrateġija Ewropea l-ġdida tintroduċi miri kwantitattivi biex jitnaqqsu l-użu u r-riskju tal-pestiċidi sal-2030. Dawn il-miri huma ċertament ambizzjużi u, għalhekk, jeħtieġ li jiġu stabbiliti perijodi ta' tranżizzjoni raġonevoli, li jikkunsidraw⁽³⁾ it-tnaqqis storiku fl-użu u l-kundizzjonijiet ġeografiċi, agronomiċi u soċjoekonomiċi tal-Istati Membri differenti, u li matulhom il-bdiewa jingħataw aċċess għall-użu ta' prodotti alternattivi ġodda. Meta wieħed iżomm f'moħħu li l-għodod

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71).

⁽²⁾ Rapport ta' informazzjoni tal-KESE dwar Evalwazzjoni tad-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi.

⁽³⁾ Eurostat, Pesticides sales in the EU (Il-bejgħ tal-pestiċidi fl-UE) mhux disponibbli bil-Malti.

attwali b'riskju baxx jieħdu medja ta' 10 snin biex jilhq u s-suq, il-leġiżlaturi għandhom ikunu partikolarment sensitivi f'termini ta' żmien stabbilit biex jintlaħqu dawn il-miri billi jintroduċu l-flessibbiltà meħtieġa biex jiġi żgurat bl-aqwa mod possibbli li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura". Barra minn hekk, il-Proposta tal-Kummissjoni tipprevedi restrizzjonijiet estensivi fuq l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti f'żoni sensitivi. Il-KESE jirrimarka li żoni kbar tal-produzzjoni agrikola fl-UE huma koperti mid-definizzjoni u l-kamp ta' applikazzjoni proposti tad-dispożizzjonijiet għal "żoni sensitivi". Tali rekwiżit għandu konsegwenzi estensivi u għalhekk għandu jkun ibbażat biss fuq valutazzjoni tal-impatt xjentifika u agronomika soda.

1.5. Fir-rigward tal-indikaturi tar-riskju armonizzati, jinħtieġu linji gwida ċari u indikaturi adatti. Minħabba d-data attwali limitata, speċjalment fl-użu tal-pestiċidi kimiċi, jeħtieġ li tingħata l-akbar attenzjoni għall-metodu użat. B'mod partikolari, dan jinħtieġ l-iżjed fil-każ tal-użu tal-bejgħ ikkummerċjalizzat bħala linja bażi (indikatur tar-riskju armonizzat 1). Bl-istess mod, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-perjodu ta' żmien użat biex tiġi kkalkolata. F'dan ir-rigward, l-istimi dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-pestiċidi jistgħu jittejjbu, pereżempju billi tiġi inkluża distinzjoni bejn l-awtorizzazzjonijiet professjonali u dawk ta' "użu fid-dar u fil-ġnien" (jiġifieri għal skopijiet agrikoli u mhux agrikoli rispettivament).

1.6. L-effetti negattivi kkawżati mill-aktar kriżijiet reċenti — mill-pandemija sal-invażjoni u l-gwerra tal-Ukraina, kif ukoll żieda qawwija fl-effetti tat-tibdil fil-klima (nixfiet, nirien, għargħar, pesti ġodda, mewġiet ta' sħana, eċċ.) — jagħmlu l-produzzjoni u s-sigurtà tal-ikel waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-aġenda politika tal-UE.

1.7. Madankollu, l-UE għandha tkompli tiżviluppa l-pjan direzzjonali biex tilħaq l-impenji tagħha dwar l-azzjoni klimatika u s-sostenibbiltà. Waqt li jitqies li l-Ewropa trid tkompli tikseb l-azzjonijiet imnaqqxin fl-Aġenda 2030 u l-SDGs, għandhom jitqiesu wkoll l-impatti u l-effetti tal-kuntest attwali fuq is-sistemi agroalimentari. F'dan ir-rigward, ix-xenarju ta' kriżi attwali għandu jipprevedi l-possibbiltà li jiġu applikati ċerti derogi dejjem fuq bażi ad hoc u għandhom ikunu limitati fiż-żmien⁽⁴⁾.

1.8. Din il-kriżi għandha titqies ukoll bħala opportunità biex jiġu indirizzati l-kawżi strutturali tal-instabbiltà globali u tingħata sura ġdida lid-dinamika tal-ktajjen tal-provvista billi jsir titjib dejjiemi għan-nies u l-pjaneta. B'mod partikolari, hemm hteġa urġenti li jitnedew dibattitu u riflessjoni fil-fond dwar is-sistema agroalimentari li l-UE teħtieġ li tressaq għad-deċennji li ġejjin.

1.9. Fl-istess ħin, l-UE għandha l-obbligu u r-responsabbiltà li tinkludi l-produzzjoni u s-sigurtà tal-ikel bħala oġettiv strateġiku ewleni. F'dan ir-rigward, l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku, kif ukoll tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, inkluża din il-Proposta, jenħtieġ li dejjem ikunu bbażati fuq evidenza xjentifika akkumpanjata mill-valutazzjonijiet tal-impatt rilevanti sabiex tiġi żgurata adegwatezza korretta tal-oġettivi, waqt li jiġi rispettata l-prinċipju tal-proporzjonalità.

1.10. F'dan ir-rigward, diversi studji⁽⁵⁾ wissew dwar l-effetti negattivi possibbli li żieda drammatika fil-prezzijiet tal-ikel — bħala riżultat ta' tnaqqis fl-għadd tal-għelejjel u rendimenti aktar baxxi — tista' tikkawża f'livell dinji. Tnaqqis fil-produzzjoni agrikola jista' jpoġġi lill-Unjoni Ewropea f'pożizzjoni fejn tkun tiddependi aktar mill-importazzjonijiet tal-ikel minn pajjiżi terzi, li jirriżulta fi ħsara ambjentali, soċjali u ekonomika.

1.11. L-għan finali tal-Proposta għandu għalhekk ikun li tiffoka fuq soluzzjonijiet alternattivi (sett ta' għodod) li jiprijoritizzaw implimentazzjoni u infurzar aħjar tal-ġestjoni integrata tal-pesti (IPM), li għandha tibqa' l-element ċentrali tal-Proposta, u b'hekk jiżdied u jiġi appoġġat l-użu ta' alternattivi għall-kontroll tal-pesti bħall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx jew b'bażi bijoloġika. Madankollu, għalissa, dawn is-soluzzjonijiet ma jistgħux jissostitwixxu l-użu

⁽⁴⁾ Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-gwerra fl-Ukraina u l-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali tagħha" (ĠU C 290, 29.7.2022, p. 1).

⁽⁵⁾ FAO, Hunger Hotspots — FAO-WFP early warnings on acute food insecurity (mhux disponibbli bil-Malti).

tal-pestiċidi kimiċi. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-użu ta' dan is-sett ta' għodod malajr kemm jista' jkun, u jiżguraw fl-istess ħin li jkun hemm fis-seħħ skemi adatti ta' inċentivi.

1.12. Dan is-sett ta' għodod għandu jiffoka fuq l-użu ta' diversi soluzzjonijiet u miżuri bbażati fuq ix-xjenza u l-innovazzjoni. L-użu ta' varjetajiet iżjed reżistenti, żrieragħ ċertifikati, l-agrikoltura ta' konservazzjoni, il-produzzjoni integrata, it-tekniki ġodda ta' tnissil, l-agrikoltura ekoloġika, in-newba tal-għelejjel, it-tekniki diġitali u l-użu ta' għelejjel minuri jridu jservu ta' gwida bil-għan li jkun hemm tranżizzjoni b'suċċess għal mudell ibbażat fuq tnaqqis fl-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

1.13. Biex jinkiseb dan, huwa fundamentali li jkun hemm sistemi ta' protezzjoni tal-pjanti sostenibbli, ibbażati fuq ix-xjenza, effettivi, sikuri u affordabbli li jistgħu jipprovdu lill-bdiewa bl-għodod biex jibqgħu kompetittivi. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tirrikjedi r-riċiproċità tar-regoli sabiex l-importazzjonijiet ta' prodotti minn pajjiżi terzi ttrattati bi prodotti mhux permessi fis-suq tal-UE jkunu, tal-inqas, ekwivalenti għal dawk applikati fl-UE.

1.14. Fl-istess ħin, huwa essenzjali li tiġi evitata żieda sproporzjonata fil-piż burokratiku fuq il-bdiewa, li jkollha impatt saħansitra akbar fuq l-azjendi agrikoli ż-żgħar u ta' daqs medju li huma inqas reżistenti għal din ix-xorta ta' sitwazzjoni minħabba l-ekonomiji ta' skala.

1.15. Min-naħa l-oħra, il-korpi ta' ġestjoni responsabbli għall-iżvelar tad-data statistika għandhom ikunu skruplużi ħafna fit-trattament tagħha u, b'mod partikolari, għandhom jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet tal-privatezza tal-individwi u s-sjeda tad-data, peress li f'ħafna każijiet l-informazzjoni tkun kunfidenzjali.

1.16. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni li jkun hemm mudell konsultattiv imparzjali, professjonali u indipendenti li jippermetti lill-bdiewa jkomplu japplikaw prattiki sostenibbli fl-għelej tagħhom. Ir-rwol li jistgħu jaqdu l-organizzazzjonijiet agrikoli u l-kmamar tal-agrikoltura u l-kooperattivi f'dan ir-rigward se jkun kruċjali biex jiġi żgurat li dawn jiksbu l-akbar benefiċċju kemm fil-produzzjoni kif ukoll bil-possibbiltà ta' kummerċjalizzazzjoni kollettiva (eż. azjendi agrikoli kooperattivi).

1.17. Il-KESE jilqa' wkoll b'sodisfazzjon l-introduzzjoni ta' miżura speċifika li għandha l-għan li tikkompensa l-ispejjeż imġarrba mill-bdiewa b'appoġġ finanzjarju. Huwa tal-fehma, madankollu, li għad hemm bżonn li jiġu ċċarati ċerti aspetti tal-integrazzjoni tagħha fi ħdan il-PAK, b'mod partikolari billi jiġu ċċarati l-aspetti tal-iskedar u tal-implimentazzjoni, peress li l-PAK il-għdida u l-pjani strateġiċi korrispondenti ta' kull Stat Membru għandhom jiġu approvati u jidħlu fis-seħħ sal-1 ta' Jannar 2023.

2. Kuntest

2.1. Fit-22 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-Proposta tagħha għal Regolament dwar l-użu sostenibbli ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti — inizzjalment skedata għat-23 ta' Marzu 2022 u posposta minħabba l-konsegwenzi tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna — bħala parti mir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi. Ir-Regolament ġie ppubblikat fil-“Pakkett dwar il-protezzjoni tan-natura” flimkien mar-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura. Il-Pakkett huwa pass deċiżiv fl-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u l-Istrateġija għall-Bijodiversità.

2.2. F'konformità mal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, l-għanijiet ewlenin tal-Proposta tal-Kummissjoni huma:

- li jitnaqqsu b'50 % l-użu ġenerali u r-riskju tal-pestiċidi kimiċi sal-2030 (mira ta' tnaqqis 1) u li jitnaqqas b'50 % l-użu ta' pestiċidi aktar perikolużi sal-2030 (mira ta' tnaqqis 2) meta mqabbla mal-medja għas-snin 2015, 2016 u 2017;
- li jiżdiedu l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-ġestjoni integrata tal-pesti;
- li jiżdied l-użu ta' alternattivi inqas perikolużi u mhux kimiċi għall-pestiċidi kimiċi għall-kontroll tal-pesti;

- li tittejjeb id-disponibbiltà tad-data ta' monitoraġġ dwar l-implimentazzjoni, l-użu u r-riskju tal-pestiċidi fuq is-saħħa u l-ambjent;
- li jittejjbu kemm l-infurzar u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali kif ukoll il-konformità magħhom fl-Istati Membri kollha biex jittejjbu l-effettività u l-effiċjenza tal-politiki; u
- li tiġi promossa l-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda bħall-biedja ta' preċiżjoni sabiex jitnaqqsu l-użu ġenerali u r-riskju tal-pestiċidi.

2.3. L-Istati Membri jistgħu jnaqqsu l-mira nazzjonali tagħhom għall-użu u r-riskju ta' prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti permezz ta' sistema ta' ponderazzjoni li tqis iċ-ċifra għall-intensità tal-użu u iċ-ċifra għall-użu u r-riskju. Dan il-perċentwal ta' tnaqqis fl-ebda każ ma jista' jkun inqas minn 35 % jew aktar minn 70 % sal-2030.

2.4. Biex jinkisbu dawn ir-riżultati, il-Proposta mressqa mill-Kummissjoni tistabbilixxi miri ta' tnaqqis legalment vinkolanti fl-UE. Ir-regoli l-ġodda jipprevedu wkoll li l-Istati Membri jridu jadottaw miri vinkolanti li jgħinu li tintlaħaq il-mira ġenerali tal-UE. Ir-Regolament jipprevedi flessibbiltà għall-Istati Membri biex iqisu s-sitwazzjoni nazzjonali tagħhom. B'mod partikolari, għandha tingħata attenzjoni lill-iżviluppi storiċi u lill-intensità tal-użu tal-pestiċidi f'kull Stat Membru.

2.5. Il-Kummissjoni għandha tkejjel kull sena l-użu u r-riskju tal-pestiċidi kimiċi billi tuża bħala metodu d-data dwar il-bejgħ tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li l-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni. Il-bażi ta' referenza għall-kalkolu tat-tnaqqis ta' 50 % għandha tkun il-bejgħ għas-snin 2015, 2016 u 2017.

2.6. Is-sustanzi attivi kollha kkummerċjalizzati fil-forma ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ser jiġu kklassifikati f'wieħed mill-erba' gruppi u kull wieħed minnhom ser jingħata ponderazzjoni, li ser tkun ogħla fil-każ tal-iżjed gruppi perikolużi.

2.7. Fil-qosor, l-iżviluppi ewlenin fir-reviżjoni huma kif ġej:

- l-adozzjoni ta' Regolament, li jorbot direttament u japplika b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha;
- miri li jorbtu legalment: tnaqqis ta' 50 % fl-użu u r-riskju tal-pestiċidi kimiċi u fl-użu ta' pestiċidi aktar perikolużi sal-2030;
- pjani ta' azzjoni nazzjonali ssemplifikati u rapporti annwali li jappoġġjaw il-miri legalment vinkolanti;
- kontroll tal-pesti b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent li jiżgura li l-bdiewa kollha jipprattikaw il-ġestjoni integrata tal-pesti, li permezz tagħha l-pestiċidi kimiċi jintużaw biss bħala l-aħħar għażla;
- reġistru ġdid biex tiġi appoġġjata l-ispezzjoni tat-tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi;
- impenn li ssir r-reviżjoni tal-indikaturi tar-riskju armonizzati fid-dawl tal-istatistika dwar l-inputs u l-outputs agrikoli;
- inċentivi għall-bdiewa biex inaqqsu l-pestiċidi skont il-Politika Agrikola Komuni (PAK) il-ġdida: finanzjament eċċezzjonali sabiex tiġi appoġġjata l-konformità tul perjodu ta' ħames snin;
- taħriġ: perjodi ġodda ta' validità taċ-ċertifikati tat-taħriġ u prova tat-taħriġ meħtieġa għal ċerti attivitajiet;
- projbizzjoni ta' kull użu ta' pestiċidi f'żoni sensittivi u sa distanza ta' 3 metri minn dawn iż-żoni;
- kriterji aktar stretti għal derogi għall-bexx mill-ajru.

2.8. Pakkett ta' politika ewlenin se jappoġġja lill-bdiewa u lil utenti oħra fit-tranżizzjoni għal sistemi ta' produzzjoni tal-ikel aktar sostenibbli, b'mod partikolari: i) żieda fil-firxa ta' alternattivi bijoloġiċi u b'riskju baxx fis-suq; ii) inċentivi għall-bdiewa biex inaqqsu l-użu tal-pestiċidi taħt il-PAK il-ġdida; iii) ir-riċerka u l-iżvilupp taħt Orizzont 2030; u iv) il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Biedja Organika.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Ix-xenarju attwali ta' kriżi, mill-pandemija sal-invażjoni u l-gwerra fl-Ukrajna, kif ukoll iż-żieda qawwija fl-effetti tat-tibdil fil-klima (nixfiet, nirien, għargħar, pesti ġodda, mewġiet ta' sħana, eċċ.), qed jagħmel pressjoni qawwija ħafna fuq is-sistemi agroalimentari Ewropej u globali. Minkejja dan, dawn l-ostrakli ma għandhomx ikunu ta' impediment li jbiegħed lill-UE mill-impenn determinat tagħha li tkompli tiżviluppa azzjonijiet bil-għan li tinkiseb tranżizzjoni ġusta, kif stabbilit fl-Aġenda 2030 ⁽⁶⁾.

3.2. F'haġna mill-Opinjoni tiegħu, il-KESE appella għal politika komprensiva tal-UE dwar l-ikel li toffri: i) sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjokulturali; ii) integrazzjoni bejn is-setturi, l-oqsma ta' politika u l-livelli ta' gvern; iii) proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet inklużivi; u iv) taħlita ta' miżuri obbligatorji (regolamenti u taxxi) u inċentivi (primjums tal-prezzijiet, aċċess għall-kreditu, riżorsi u assigurazzjoni) biex jitħaffef il-pass tat-tranżizzjoni għal sistemi tal-ikel sostenibbli ⁽⁷⁾.

3.3. Sabiex jintlaħqu dawn il-miri, hemm bżonn ta' aktar armonizzazzjoni u koerenza bejn il-politiki u l-leġiżlazzjoni differenti tal-UE: il-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, l-Istrateġija għall-Bijodiversità, il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero, l-użu sostenibbli ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, eċċ.

3.4. Barra minn hekk, jeħtieġ li l-baġit tal-PAK la jitnaqqas u lanqas jinżamm fil-livell attwali, iżda jeħtieġ li jiżdied u jappoġġja t-tranżizzjoni. L-approvazzjoni tal-Pjani Strateġiċi tal-PAK għandha wkoll tkun kondizzjonali fuq l-adozzjoni mill-Istati Membri ta' pjani komprensivi biex jissawwar mill-ġdid l-ambjent tal-ikel u jintrabtu flimkien l-inċentivi għall-produzzjoni sana u sostenibbli tal-ikel bil-ħolqien ta' swieq ġodda għal dawn il-prodotti ⁽⁸⁾.

3.5. F'dan ir-rigward, il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni li tingħata prijorità lill-finanzjament taħt il-PAK għal prattiki volontarji mmirati lejn il-konformità mal-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, mingħajr ma l-mod li tingħata bih din l-għajnuna taħt l-ebda ċirkostanza ma jippenalizza jew jikkomprometti d-dħul mill-użu ta' prattiki alternattivi oħra li huma wkoll legali u awtorizzati skont il-leġiżlazzjoni Ewropea. B'mod ġenerali, il-finanzjament bħall-pjani ekoloġiċi u l-inizjattivi għall-iżvilupp rurali kien aċċessibbli biss għal inizjattivi li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti legali. Il-qafas il-ġdid se jippermetti lill-Istati Membri kollha jiffinanzjaw it-tweġiq tal-obbligi kollha tal-bdiewa skont l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għal ħames snin.

3.6. Bl-istess mod, il-Kumitat japprezza l-isforzi li saru biex tiżdied l-effiċjenza tal-pjani ta' azzjoni nazzjonali għall-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Għalkemm il-pjani ta' azzjoni nazzjonali għall-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jistgħu jkunu pjuttost varjati u l-miri kienu volontarji u jistgħu jkopru oqsma ta' prijorità differenti, il-pjani ta' azzjoni nazzjonali għall-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandhom kontenut aktar semplifikat, inkluża lista dettaljata ta' inizjattivi u r-rabtiet tagħhom mal-miri tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt. L-Istati Membri kollha se jintalbu jelenkaw il-miżuri finanzjarji u oħrajn biex jippromovu l-ġestjoni integrata tal-pesti u alternattivi mhux kimiċi. Dawn se jkollhom jippreżentaw ix-xejriet tar-rapporti annwali ta' progress u ta' implimentazzjoni fil-miri kollha, u jissemplifikaw id-data kwantitattiva dwar il-konformità mal-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Il-Kummissjoni ser twettaq analiżi tar-rapporti annwali ta' progress u implimentazzjoni kull sentejn.

⁽⁶⁾ Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-gwerra fl-Ukrajna u l-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali tagħha" (ĠU C 290, 29.7.2022, p. 1).

⁽⁷⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija 'Mill-Għalqa sal-Platt' għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent" (COM(2020) 381 final) (ĠU C 429, 11.12.2020, p. 268).

⁽⁸⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija 'Mill-Għalqa sal-Platt' għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent" (COM(2020) 381 final) (ĠU C 429, 11.12.2020, p. 268).

3.7. Madankollu, huwa essenzjali li dan il-mudell ta' governanza ġdid "ma jħalli lil ħadd jibqa' lura": dan ifisser li jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jiksibu l-aħjar implimentazzjoni tal-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti minkejja l-punti ta' tluq differenti tagħhom.

3.8. Biex jintlaħaq dan l-għan, is-soċjetà ċivili organizzata u, b'mod partikolari, l-organizzazzjonijiet b'għarfien espert fil-qasam tal-pestiċidi, għandhom ikunu involuti mill-qrib fit-tfassil, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni futura tar-Regolament il-ġdid. Hemm bżonn li tittejjeb il-kwalità tal-informazzjoni għall-pubbliku ġenerali, u speċjalment għall-konsumaturi, dwar ir-rwol tal-pestiċidi, kif ukoll it-taħriġ u l-informazzjoni għall-utenti tal-pestiċidi ⁽⁹⁾.

3.9. Il-prezzijiet ġusti tal-ikel (li jirriflettu l-ispiża reali tal-produzzjoni għall-ambjent u għas-soċjetà) huma fundamentali biex jinkisbu sistemi sostenibbli tal-ikel fit-tul. Huwa essenzjali li, anke matul il-kriżi attwali, l-UE tiżgura reċiproċità ġenwina tar-regoli fil-ftehimiet kummerċjali preferenzjali ⁽¹⁰⁾.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. It-titjib tal-aċċess, id-disponibbiltà u l-kosteffettività tas-soluzzjonijiet alternattivi u t-teknoloġiji l-ġodda huwa fundamentali għall-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Il-ġestjoni integrata tal-pesti, kif ukoll prattiki oħra ta' ġestjoni ta' pesti b'input baxx ta' pestiċidi, li jagħmlu parti mill-produzzjoni integrata u l-biedja organika, kienet waħda mill-elementi ewlenin tad-Direttiva u tinsab fil-qalba tar-Regolament il-ġdid ⁽¹¹⁾.

4.2. Il-Proposta għal Regolament tipprevedi bħala regola ġenerali li l-utenti professjonali, inklużi l-bdiewa, jużaw miżuri mhux kimiċi qabel ma jirrikorru għall-applikazzjoni ta' prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti. Dan jinkludi azzjonijiet bħan-newba tal-għelejjel, is-sorveljanza tal-pesti, il-ġestjoni integrata tal-pesti u l-applikazzjoni ta' metodi mhux kimiċi għall-kontroll tal-pesti u pestiċidi oħra b'riskju aktar baxx ⁽¹²⁾.

4.3. Dan ma jfissirx li l-użu tal-pestiċidi la huwa possibbli u lanqas meħtieġ taħt ċerti ċirkostanzi. Għall-kuntrarju, f'xi każijiet ikun biss possibbli li l-pesti jiġu kkontrollati b'mod sodisfaċenti — fil-produzzjoni kummerċjali tal-ikel — bl-użu tal-pestiċidi, f'konformità mal-prinċipju ewlieni tal-ġestjoni integrata tal-pesti bħala l-aħħar alternattiva. Bħala eżempju, huwa importanti li tiġi enfazzzata l-importanza tiegħu fl-applikazzjoni tiegħu għal użi minuri.

4.4. It-tibdil fil-klima qed jaċċelera t-tixrid ta' pesti li jirrikjedu d-disponibbiltà tal-pestiċidi meta l-għodod l-oħra kollha ta' kontroll ikunu ġew eżawriti. Din il-hteġa qed issir aktar evidenti meta l-istimi kollha jindikaw żieda fil-popolazzjoni dinjija ta' aktar minn 2 biljun ruħ fit-30 sena li ġejjin. Dan ix-xenarju għandu jitqies b'mod adegwat biex tiġi żgurata sistema stabbli ta' produzzjoni tal-ikel li tkun kapaċi ssoġni popolazzjoni dinjija li qed tikber kontinwament.

4.5. Min-naħa l-oħra, l-okkorrenza dejjem tikber ta' nixfiet, għargħar, mewġiet ta' sħana u l-bidliet drammatiċi fit-temperatura li qed iseħħu f'dawn l-aħħar snin qed ixekklu l-kapaċità tal-produzzjoni tal-ikel u r-rendimenti tal-għelejjel tal-bdiewa. F'dan ir-rigward, fil-kuntest attwali ta' kriżijiet ikkawżati l-ewwel nett mill-pandemija u sussegwentement mill-invażjoni tal-Ukrajna, kif ukoll mill-effetti tat-tibdil fil-klima msemmiha hawn fuq, jeħtieġ li jiġi żgurat li jinżammu rendimenti stabbli fil-produzzjoni agrikola sabiex id-dinja tiġi pprovduta bi prodotti ta' kwalità għolja fi kwantitajiet suffiċjenti biex tiġi salvagwardjata s-sigurtà tal-ikel.

⁽⁹⁾ Rapport ta' informazzjoni tal-KESE dwar *Evalwazzjoni tad-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi*.

⁽¹⁰⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija 'Mill-Għalqa sal-Platt' għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent" (COM(2020) 381 final) (ĠU C 429, 11.12.2020, p. 268).

⁽¹¹⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-produzzjoni integrata fl-Unjoni Ewropea" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 214, 8.7.2014, p. 8).

⁽¹²⁾ Rapport ta' informazzjoni tal-KESE dwar *Evalwazzjoni tad-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi*.

4.6. Ir-Regolament jenfasizza wkoll ir-rwol ewlieni li għandhom jaqdu l-konsulenti indipendenti, li se jipprovdu pariri professjonali konsistenti mal-istandards speċifiċi għall-għelejjel applikabbli u mal-ġestjoni integrata tal-pesti. F'dan ir-rigward, huwa essenzjali li jissaħħaħ u jiġi promoss ir-rwol konsultattiv tal-organizzazzjonijiet u l-kooperattivi agrikoli professjonali li jipprovdu appoġġ dirett bħala aġenti fuq il-post. Fi Spanja, pereżempju, huwa obligatorju li tinkiseb il-fehma ta' konsulent dwar il-maġġoranza l-kbira tal-għelejjel, u dan wassal biex in-numru ta' konsulenti uffiċjalment iċċertifikati jitlew għal 20 000.

4.7. Fl-evalwazzjoni preċedenti tiegħu tad-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi, il-KESE enfasizza l-importanza li tittejjeb is-sistema ta' kontroll u li tiġi żgurata l-konformità bejn id-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi u l-pjani ta' azzjoni nazzjonali. Fil-kuntest tal-użu sostenibbli tal-pestiċidi, l-utenti professjonali se jkollhom jirreġistraw ir-raġunijiet għal kwalunkwe intervent (kimiku, bijoloġiku, fiżiku jew kulturali).

4.8. F'dan ir-rigward, għandha tingħata importanza partikolari ta' żoni protetti jew sensitivi fil-Proposta għal Regolament lill-kunċett ta' żoni protetti. L-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mhux se jibqa' possibbli f'ċerti żoni protetti jew sensitivi (żoni ekoloġiċi urbani, inklużi l-parks u l-ġonna pubbliċi, iż-żoni tal-logħob, iż-żoni rikreattivi jew sportivi, il-passaġġi għal-użu pubbliku, iż-żoni protetti bi ftehim ma' Natura 2000 u kwalunkwe żona ekoloġikament sensitiva li tista' tiġi ppreservata għad-dakkara fil-periklu) sakemm ma jiġux issodisfati ċerti kundizzjonijiet u biss ladarba l-professjonist li japplika l-prodotti jipprovdi ġustifikazzjoni dettaljata tal-prodotti li se juża, kif, meta u għal kemm żmien. Għal dan il-għan, huwa essenzjali li l-awtoritajiet kompetenti tal-approvazzjoni jkollhom biżżejjed persunal ikkwalfikat biex jiġi evitat dewmien li jwassal għal dewmien fl-applikazzjoni tat-trattament u jxekkel li tittieħed azzjoni f'waqtha kontra l-okkorrenza ta' pesti.

4.9. Min-naħa l-oħra, għandhom jitqiesu l-kundizzjonijiet ġeografiċi u klimatiċi speċifiċi tal-Istati Membri, sabiex jiġi żgurat li ma jkunx hemm restrizzjoni wisq eċċessiva tal-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti imposta fuq art agrikola f'żoni ekoloġikament sensitivi li altrimenti ma jkunux jistgħu jindirizzaw l-okkorrenza ta' pesti ġodda. Pereżempju, fi Spanja, in-network Natura 2000 jkopri 27 % tat-territorju, li jinkludi eluf ta' ettari ta' għelejjel agrikoli u ġestjoni tal-bhejjem. Strateġija tajba tista' tinvolvi t-tqassim taż-żoni differenti permezz tad-demarkazzjoni u d-distinzjoni ta' dawk iż-żoni li jikkostitwixxu riżerva integrali mill-bqija. Fl-aħħar mill-aħħar, id-deċiżjoni li jiġi limitat l-użu f'żoni sensitivi għandha tiġi ddeterminata b'evidenza xjentifika u agronomika robusta li tappoġġja l-kategorizzazzjoni ta' żona partikolari bħala protetta.

4.10. Il-limitu li għandu jintlaħaq qabel l-intervent kimiku se jiġi stabbilit fid-dettall fir-regoli speċifiċi għall-għelejjel, u għandha tkun ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jistabbilixxu reġistru elettroniku tal-ġestjoni integrata tal-pesti u tal-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u jiżguraw li l-utenti professjonali jdaħħlu l-informazzjoni tagħhom.

4.11. Barra minn hekk, peress li n-nuqqas ta' għarfien dwar l-aħjar użu tal-pestiċidi kien wieħed mill-ostakli ewlenin għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi⁽¹³⁾, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni aċċettat ħafna mir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar it-taħriġ u l-bini tal-kapaċitajiet.

4.12. Se jinħoloq reġistru elettroniku ċentrali ġdid għaċ-ċertifikazzjoni tat-taħriġ. Għandu jkun fih informazzjoni dettaljata dwar il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikati tat-taħriġ (ħames snin għall-konsulent u għaxar snin għad-distributur jew l-utent professjonali). Għandu jkun meħtieġ test ta' taħriġ qabel ma l-utent ikun jista' jixtri jew juża prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzati għal tagħmir tal-applikazzjoni għal użu professjonali u qabel ma konsulent ikun jista' jagħti parir. Id-distributuri għandu jkollhom numru suffiċjenti ta' membri tal-persunal imħarrġa.

4.13. Il-privatezza għandha tiġi żgurata fl-użu tad-data agrikola mill-amministrazzjoni u fuq kollox billi l-użu tal-ħiliet diġitali u tal-broadband isir aktar aċċessibbli għall-bdiewa sabiex jiġu evitati piżijiet u sforzi ulterjuri fuq il-bdiewa, li spiss ma jkollhomx il-mezzi tekniċi u umani biex jikkonformaw mar-reġistru elettroniku.

⁽¹³⁾ Rapport ta' informazzjoni tal-KESE dwar Evalwazzjoni tad-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi.

4.14. Sensibilizzazzjoni akbar ta' ċittadini, u b'mod partikolari tal-konsumaturi, dwar ir-rwol u l-użu tal-pestiċidi, b'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u Ewropea, tkun ta' benefiċċju għall-implimentazzjoni tar-Regolament. Se jkunu essenzjali l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni mmirati biex jinfurmaw aħjar lill-pubbliku iġenerali u lil dawk li jfasslu l-politika. Għandha tinxtered informazzjoni, pereżempju, dwar il-fatturi involuti fl-ipprezzar tal-ikel, kif ukoll dwar kwistjonijiet relatati aktar mill-qrib mat-tikkettar jew iċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti ⁽¹⁴⁾.

4.15. Għandhom jinżammu wkoll kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-kummerċ internazzjonali. Il-konsistenza bejn il-politiki differenti tal-UE tirrikjedi li tingħata l-aqwa attenzjoni biex jiġi żgurat li tiġi pprojbita l-importazzjoni ta' prodotti tal-ikel trattati bi prodotti pprojbiti fl-UE.

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2022.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽¹⁴⁾ Rapport ta' informazzjoni tal-KESE dwar *Evalwazzjoni tad-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi*.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 389/2012 fir-rigward tal-iskambju ta’ informazzjoni miżmuma fir-reġistri elettroniċi dwar l-operaturi ekonomiċi li jmxexxu l-oġġetti soġġetti għas-sisa bejn l-Istati Membri għal finijiet kummerċjali”

(COM(2022) 539 final — 2022/0331 (CNS))

(2023/C 100/22)

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 27.10.2022
Bażi legali	Artikoli 113 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adozzjoni fil-plenarja	14.12.2022
Sessjoni plenarja Nru	574
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	209/0/3

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 389/2012 fir-rigward tal-iskambju ta’ informazzjoni miżmuma fir-reġistri elettroniċi dwar l-operaturi ekonomiċi li jmxexxu l-oġġetti soġġetti għas-sisa bejn l-Istati Membri għal finijiet kummerċjali⁽¹⁾ huwa sodisfaċenti u jħoss li m’hemm bżonn tal-ebda kumment min-naħa tiegħu, iddeċieda, matul il-574 sessjoni plenarja tiegħu tal-14 u l-15 ta’ Diċembru 2022 (seduta tal-14 ta’ Diċembru 2022), b’209 voti favur u 3 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussell, l-14 ta’ Diċembru 2022.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽¹⁾ COM(2022) 539 final.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-miżuri ta’ ġestjoni, ta’ konservazzjoni u ta’ kontroll li japplikaw fiż-Żona koperta mill-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA)”

(COM(2022) 563 final — 2022/0348 (COD))

(2023/C 100/23)

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 9.11.2022 Kunsill, 10.11.2022
Bażi legali	Artikoli 43(2) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adozzjoni fil-plenarja	14.12.2022
Sessjoni plenarja Nru	574
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	202/0/3

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u li m’hemm bżonn tal-ebda kumment min-naħa tiegħu, iddeċieda li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussell, l-14 ta’ Diċembru 2022.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT